CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

# BULLETTIN

# TAL-ARCIDJOCESI

# U

# LITURGIJA TAL-KELMA

Nru. 38 Novembru 1983



BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 38 Novembru 1983

# *NUMRU TIFKIRA*




# IX KUNGRESS MARJOLOĠIKU INTERNAZZJONALI

# U

# XVI-IL KUNGRESS MARJAN INTERNAZZJONALI

**8 – 18 ta' Settembru 1983**

*Stamperija "Il-Ħajja"*

## ID-IX KUNGRESS MARJOLOĠIKU U S-XVI-IL KUNGRESS MARJAN INTERNAZZJONALI

### 8—18 ta' Settembru 1983

**Jitħabbru l-Kungressi**

Kien ir-Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, Mons. Beneditt Camilleri li xi tliet snin ilu ġieh il-ħsieb li għaċ-ċentinarju tal-manifestazzjoni tal-Madonna ta' Pinu, f'Malta u Għawdex isiru d-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u l-XVI-il Kungress Marjan Internazzjonali. Hu avviċina lill-president ta' l-Accademia Mariana internationalis, il-p. Paolo Melada o.f.m. li hu l-organizzatur ta' dawn il-kungressi u qallu bil-ħsieb tiegħu. P. Melada ma qalx le, imma qabel jiddeċiedi ried jiġi Malta u jara b'għajnejh x'joffri l-pajjiż. Sadattant Mons Camilleri avviċina lill-isqfijiet u qalilhom bil-ħsieb tiegħu u huma tawh l-inkoraġġiment tagħhom. P. Melada, flimkien mas-Segretarju tiegħu, P. Dinka Aracic o.f.m. ġew Malta għall-ewwel darba fl-1980 u ħa ħsiebhom Mons. Camilleri; dawwarhom ma' Malta u Għawdex, ħadhom l-Istitut Kattoliku, il-Mediterranean Conference Centre, is-Seminarju f'Tal-Virtù Mount St. Joseph, il-Porzjunkula house f'Baħar iċ-Ċagħaq. Ġew, raw u ddeċidew li pajjiżna setgħu jsiru l-kungressi ippjanati għall-1983, u għalhekk ingħata bidu għall-proċedura kollha meħtieġa.

P. Melada wera x-xewqa li f'xi waħda mill-ġranet li fihom il-kungressisti jkunu Malta, dawn ikunu jistgħu jassistu għal xi ċelebrazzjoni folkloristika, u lilna deħrilna li l-aqwa ċelebrazzjoni li tista' timpressjona lill-barranin hi l-festa titulari ta' xi parroċċa. Iżda l-festi kollha tista' tgħid isiru matul is-sajf li ma tantx hu żmien ta' kungressi, minħabba s-sħana li tagħmel. Min-naħa l-oħra dawn il-Kungressi jridu jsiru fi żmien meta l-universitajiet u l-istituti superjuri ekklesjastiċi ma jkunx hemm tagħlim, biex il-professuri tagħhom ikunu jistgħu jieħdu sehem fihom: żmien il-Milied u żmien il-Għid, minħabba l-ħafna impenji li jitolbu minna, ma tantx huma żminijiet adatti, u għalhekk kellna bilfors nipproponu x-xahar ta' Settembru, l-ewwelnett għax is-sħana tkun bdiet tonqos u f'Settembru jkun għad hemm il-festi titulari tal-parroċċi. Ix-xahar ta' Ottubru kien ikun ukoll tajjeb għall-Kongressisti tant li l-Kungressi li saru f'Saragossa, erba' snin qabel, kienu saru f'dan ix-

xahar, imma għalina, f'Malta u Għawdex, Ottubru ma tantx kien jaqbel. Ipproponejna għalhekk li l-Kungress Marjoloġiku jiftaħ fit-8 ta' Settembru u jagħlaq fit-18 tax-xahar, b'mod li l-Ħadd 11 ta' Settembru l-kongressisti jkunu jistgħu jmorru għall-festi tan-Naxxar jew ta' l-Isla jew ta' Ħaż-Żabbar. P. Melada qabel li l-kungressisti jalloġġjaw fis-Seminarju u, jekk dan il-post ma jkunx biżżejjed, jalloġġjaw ukoll f'Mount St Joseph, waqt li l-laqgħat ta' studju skond il-gruppi ta' l-ilsna jsiru kollha fis-Seminarju, u dawk ġenerali jsiru fil-Mediterranean Conference Centre, li, meta raha, impressjonatu ħafna, kemm għall-faċilitajiet li kienet toffri u kemm għall-ġmiel tagħha u għall-istoriċità tal-post. Il-konklużjoni tal-Kungressi mbagħad issir f'Ta' Pinu fit-18 ta' Settembru, fil-għodu.

Fuq suġġeriment ta' P. Melada, l-isqfijiet għamlu domanda formali lill-Papa biex jagħżel 'il pajjiżna bħala post fejn fl-1983 isiru d-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-XVI-il Kungress Marjan Internazzjonali. Il-Papa laqa' t-talba ta' l-Isqfijiet Maltin fit-12 ta' Marzu 1981.

Fis-26 ta' April ta' dik is-sena l-*Osservatore Romano* u r-Radju Vatikan imbagħad ħabbru uffiċjalment li l-Kungressi kienu se jsiru Malta u Għawdex fl-1983.

L-Isqfijiet Maltin imbagħad bil-Pastorali tal-10 ta' April 1981 ħabbru l-Kungressi u wrew ir-rieda tagħhom li dawn il-Kungressi jkunu l-bidu ta' tiġdid veru fil-ħajja kollha tagħna bħala nsara: Mal-pastorali ġiet pubblikata t-talba li ġejja biex tingħad kuljum fil-parroċċi wara r-Rużarju:

*O Verġni Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja, int, bil-qalb bla tebgħa tiegħek, għoġbok tilqa' fi ħdanek il-Verb ta' Alla biex tagħti lid-dinja 'il Dak li ħalaq kollox u hekk tieqaf mal-Knisja fil-bidu tagħha; int ma' ġenb is-Salib ilqajt l-aħħar xewqat ta' mħabba ta' l-Iben ta' Alla għalina biex tħares bħala wliedek il-bnedmin kollha, imnisslin għall-ħajja tas-sema bil-mewt ta' Kristu Ibnek; int isseħibt, bit-talb tiegħek, ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu huma u jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu imwiegħed lilhom minn Ibnek l-għażiż biex hekk tkun xbieha tal-Knisja titlob; int, imtellgħa s-sema, b'imħabba ta' Omm, tieħu ħsieb il-Knisja fid-dinja, u tħarisha fil-mixi tagħha lejn is-sema sa ma jasal Jum il-Mulej fis-sebħ kollu tiegħu. Dawwar lejna l-għajnejn tiegħek ta' ħniena u wettaqna fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba biex niġġeddu fir-ruħ u l-ġisem tul dan iż-żmien ta' tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kungress Internazzjonali f'egħluq il-mitt sena minn meta semmajt leħnek fis-Santwarju ta' Pinu. B'hekk inkunu nistgħu ngħixu ħajja tassew tixirqilna bħala nsara ħalli t-tifħir, il-ġieħ, il-glorja u r-radd il-ħajr li nagħtuk tul il-ġranet tal-Kungress ikunu għalina għajn ta' barka u ta' grazzji mis-sema. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**It-thejjija għaliha**

Malli dan beda x-xogħol ta' l-organizzazzjoni tal-Kungressi. Fil-fehma ta' l-isqfijiet Maltin dawn il-Kungressi kellhom iservu ta' tiġdid sħiħ fil-ħajja reliġjuża kollha ta' pajjiżna u għalhekk lill-isqfijiet deħrilhom li l-aħjar ħaġa għat-thejjija tal-Kungressi qabel kull ħaġa oħra, kienet it-tnedija ta' missjoni Djoċesana tul sena sħiħa.

Saret għalhekk stedina lill-Missjoni l-Kbira u lill-Missjoni ż-Żgħira, biex jagħmlu l-proposti tagħhom. Il-Kunsilli taż-żewġ missjonijiet iltaqgħu flimkien il-Kurja, it-Tnejn 14 ta' Ġunju 1981 u hejjew "working paper", u wara li saret konsultazzjoni mal-membri kollha taż-żewġ missjonijiet.

Mons. A. Deguara, superjur tal-Missjoni ż-żgħira, u Dun Alf Micallef, Superjur tal-Missjoni l-kbira, fl-20 ta' Lulju 1981, għamlu dawn il-proposti:

1a. Twaqqif ta' Kummissjoni Djoċesana 'ad hoc' li jkun fiha rappreżentanti tal-Missjonijiet, Kappillani, Reliġjużi — Rġiel u Nisa — u Lajċi impenjati f'ħidmiet relativi.

1b. Ħatra ta' Segretarjat Organizzattiv għal matul il-Missjoni kollha.

2. Din il-Missjoni tinħadem — sa fejn hu possibbli — fuq is-sistema tad-Distretti (XII) kif inħuma mqassmin fir-riforma tagħhom.

3. Jinstab mezz ta' KOPERAZZJONI SĦIĦA bejn il-Kappillani kollha, il-Kleru tal-Parroċċa u l-Missjunarji.

4. Fil-Missjoni Djoċesana jieħdu sehem flimkien mal-Missjunarji għadd ta' Saċerdoti Djoċesani u Reliġjużi, Sorijiet u Lajċi.

5. PREPARAZZJONI GĦALL-MISSJONI

Din tibda fir-Randan 1982 u possibilment tinkludi:

i. Sejħa mill-Arċisqof b'Ittra Pastorali.

ii. Follow-Up ta' l-istess Ittra matul ir-Randan.

iii. Sondaġġ tal-problemi, opinjonijiet u xewqat tal-Poplu ta' Alla.

iv. Sejħa għal "TALB SPEĊJALI".

v. Missjoni ta' konverżjoni u qawmien tal-Kleru, Djoċesan u Reġulari, u tal-Lajċi fl-Għaqdiet Kattoliċi u Movimenti, u RIFORMA tal-Movimenti u Strutturi djoċesani u parrokkjali li jirrigwardawhom — RAHAN TA' KONTINWITA'.

vi. Preparazzjoni prossima — l-aħħar ġimgħa ta' Settembru 1982 — fuq bażi Djoċesana.

6. IL-MISSJONI TIBDA F'OTTUBRU 1982 u tispiċċa f'Mejju/Ġunju 1983.

7. Għall-Kontinwità Sħiħa ma' tul il-perijodu kollu:

i. Fix-xhur ta' Ottubru u Mejju: ir-Reċita tar-Rużarju tkun parti mill-Missjoni Djoċesana. Manifestazzjoni bid-Driegħ ta' San Pawl fil-ftuħ tal-Missjoni — Kattidral.

ii. L-Eżerċizzi tar-Randan 1983 ikunu wkoll parti minnha.

iii. Ma' tul il-Missjoni Djoċesana r-Relikwija tad-Driegħ ta' San Pawl iddur il-Parroċċi u l-Knejjes.
iv. Ikun hemm Ċelebrazzjoni Penitenzjali Djoċesana — e.g. għas-sezzjonijiet differenti.

8. F'kull Distrett u/jew Parroċċa
i. Laqgħat għas-Sezzjonijiet kollha fuq bażi parrokkjali u/jew Distrettwali (e.g. għarajjes).
ii. Missjoni fost l-Istudenti Skej. Sek. u Terz. u sezzjonijiet oħra skond il-bżonn (teachers, nurses, eċċ).
iii. Isiru żjajjar fil-ħwienet u l-Każini KOLLHA wara preparazzjoni tajba.
iv. Isiru ŻJAJJAR fil-Familji fejn jinħass il-bżonn (Żoni part.)
v. *Preparazzjoni prossima f'kull parroċċa.* Biex il-qalb tal-Poplu titħeġġeġ għas-Smiegħ tal-Kelma ta' Alla, ikun ta' siwi li fil-Parroċċa jsiru devozzjonijiet li huma diġà aċċettati u mfittxija: e.g. ħruġ ta' l-Istatwa Titulari, pellegrinaġġ bi statwa devota, eċċ.
vi. Matul il-Missjoni ssir propaganda qawwija għal QARI TAJJEB u għall-użu aħjar tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.
vii. Jiġi pubblikat 'pamphlet' u 'leaflets' b'ġabra ta'talb u ta' tagħlim fil-qosor — ċar u jiftiehem mill-poplu — dwar punti prinċipali fil-ħajja nisranija. Konsagrazzjoni tal-Familja.

9. Il-Missjoni Djoċesana tibni mill-ġdid l-idea tal-Ħajja Parrokkjali bħala assikurazzjoni ta' kontinwità fil-mixja lejn is-Sejħa t'Alla.

10. Nies ta' esperjenza speċifika għal xogħol speċifiku fil-Missjoni.

11. Skopijiet Speċifiċi għall-Missjoni.

12. Manifestazzjoni "Son et Lumiere" fil-Port il-Kbir bħala konklużjoni tal-Kungressi Marjani.

**Kummissjonijiet għall-Missjoni Djoċesana**

Twaqqfu għalhekk żewġ Kummissjonijiet waħda f'Malta u oħra f'Għawdex bien iħejju l-Missjoni Djoċesana.

Għall - Missjoni Djoċesana Għawdex inqasam fi tliet zoni: l-ewwel zona kienet tiġbor fiha l-Kattidral, San Ġorġ, il-knisja taċ-Ċawla u l-knejjes tal-patrijiet tal-belt Victoria, u l-parroċċi ta' Triq il-Għajn u tal-Munxar. F'din iz-zona l-Missjoni saret mill-24 sat-30 ta' Ottubru 1982.

It-tieni zona kienet tinkludi l-parroċċi ta' l-Għarb, Kerċem, Għasri, Żebbuġ, San Lawrenz u Sannat, u l-Missjoni saret mis-7 sat-13 ta' Novembru. It-tielet zona kienet tħaddan il-parroċċi tan-Nadur, tal-Qala, ta' Għajnsielem, tax-Xewkija u tax-Xagħra, u l-missjoni saret mill-21 sas-27 ta' Novembru 1982.

Matul ir-Randan imbagħad saru ċelebrazzjonijiet penitenzjali għat-tfal, fil-parroċċi kollha għaż-żgħażagħ u għall-morda u l-anzjani fis-Santwarju ta' Pinu minn Mejju sa Awissu saru pellegrinaġġi mill-parroċċi kollha għas-Santwarju ta' Pinu.

Ġew organizzati wkoll (i) kompetizzjoni Marjana għat-tfal u l-istudenti, (ii) Seminar ta' jumejn għaż-żgħażagħ ta' l-għaqdiet kattoliċi u taċ-ċentri parrokkjali fuq is-suġġett: "Ma' Marija Omm Ġesù", (ii) festival ta' kant Marjan fl-Oratorju Dun Bosco, fil-belt Victoria, (iv) mixja tal-fidi miż-żgħażagħ għas-Santwarju ta' Pinu, u (v) laqgħa għall-familjari tas-Saċerdoti organizzata mill-Kummissjoni Kleru u l-Ispigolatriċi.

F'Malta twaqqfet Kummissjoni għat-tħejjija ta' missjoni Djoċesana għal tiġdid spiritwali ta' pajjiżna bi tħejjija għall-Kungressi. Kienet magħmula minn Mons. G. Lupi li ġie nominat mill-Arċisqof biex ikun is-Segretarju organizzattiv tal-Kungressi, mis-Superjuri taż-żewġ missjonijiet Mons. A. Deguara u Dun Alf Micallef, mill-Kan. L. Mifsud, Arċipriet tal-Birgu bħala rappreżentant tal-Kunsill tal-Kappillani, P. Guido Schembri OFM, rappreżentant tal-Kunsill tal-Provinċjali, Sr. Benilde Flores, rappreżentanta tas-sorijiet, Mons. P. Attard, u Dr. J. Delicata, Dr. Jos. Cefai u Miss Mary Puli mistiedna minn fost il-membri tal-Kunsill Pastorali.

**Il-programm tal-Missjoni**

L-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni saret fis-27 ta' Jannar 1982 u nħatar Dun Ġwann Galea bħala Segretarju organizzattiv tal-Kummissjoni u fil-laqgħat ta' wara saru dawn il-proposti:

I. il-Missjoni tiftaħ b'pellegrinaġġ minn Malta kollha għall-knisja tal-Mosta fejn l-Arċisqof jippresiedi ċelebrazzjoni marjana;

II. tul il-Missjoni jsir pellegrinaġġ għall-Kattidral, jekk jista' jkun nhar Lapsi;

III. il-Missjoni tagħlaq malfesta tal-Qalb ta' Ġesù, iżda l-festi titulari tal-parroċċi li jsiru fis-sajf, ikunu marbutin mal-missjoni;

IV. qabel tagħlaq il-missjoni f'Mejju jew Ġunju, isiru laqgħat fuq bażi dHoċesana għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema, għall-professjonisti, għall-industrijalisti, għall-istudenti, għas-sorijiet, għall-kleru;

V. l-għaqdiet ta' l-appostolat u l-movimenti kattoliċi kollha jiġu mitluba biex l-attivitajiet li jagħmlu minn Ottubru 'l quddiem, ikunu ikkoordinati mal-ħidma tal-missjoni;

VI. l-attivitajiet kollha tal-parroċċa (novena tal-Milied, Kwaranturi, eżerċizzi eċċ.) ikollhom bħala għan ewlieni t-tiġdid spiritwali li trid tilħaq il-missjoni;

VII. kull parroċċa, fil-presbiterju parrokkjali u l-kunsill parrokkjali tħejji programm ta' ħidma minn Ottubru sa Ġunju, programm li jilħaq il-qofol tiegħu f'missjoni parrokkjali jew distrettwali;

VIII. il-provinċjali tal-patrijiet, permezz tas-Segretarju tal-Kunsill tagħhom, jiġu mistiedna jagħtu l-ismijiet ta' reliġjużi li jistgħu jgħinu għas-suċċess tal-Missjoni Djoċesana tal-parroċċi bi priedki u bil-qrar;

IX. id-Delegat Djoċesan għal-lajċi jikkuntattja l-għaqdiet ta' l-apostolat u l-movi-

menti tal-Lajċi, biex jaraw x' kontribut jistgħu jagħtu l-lajċi għas-suċċess tal-Missjoni;

X. id-Dekani jħejju programm għal-laqgħa tal-kleru biex jimpenjaw is-saċerdoti attivament fil-Missjoni;

XI. jiġu avviċinati s-superjuri maġġuri tas-Sorijiet biex wieħed jara dawn x'kontribut jistgħu jagħtu.

Matul ix-xhur ta' wara l-Kummissjoni ħadet ħsieb tara x'jista' jsir minn dawn il-proposti.

**Il-kleru u l-missjoni**

Kien hemm ħsieb li għal-laqgħa tal-kleru jiġi mistieden ikellimhom Carlo Carretto, tal-Moviment Charles de Foucauld li kellu jiġi Malta l-ewwel f' Ġunju tal-1982 u mbagħad f' Settembru, iżda baqa' ma ġiex minħabba f'saħħtu. Kien hemm ħsieb ukoll li jiġi mistieden Don Stefano Gobbi tal-Moviment Sacerdotale Mariano, iżda l-anqas dan il-ħsieb ma rnexxa.

Iżda l-kleru permezz ta' ittra tal-Vigarju Ġenerali ġie mistieden jieħu sehem f'pellegrinaġġ mill-Knisja ta' S. Katerina d' Italia sa San Ġwann, il-Belt, bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima fit-13 ta' Mejju u wara jikkonċelebra ma' l-Arċisqof. L-għan tal-pellegrinaġġ u tal-konċelebrazzjoni kien ir-radd ta' ħajr lil Alla għall-fejqan tal-Papa wara l-attentat fuq ħajtu sena qabel, f'għaqda spiritwali miegħu huwa u jrodd ħajr lill-Madonna f'Fatima u jġedded hemm il-konsagrazzjoni tad-dinja lill-Qalb ta' Marija. Il-pellegrinaġġ kellu jservi wkoll ta' okkażjoni biex l-Arċisqof iħeġġeġ lill-kleru jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu għas-suċċess tal-Missjoni.

Is-Superjuri maġġuri tas-Sorijiet, meta ġew avviċinati Sibt il-Għid tal-1982 filgħodu, urew id-dispożizzjoni tagħhom li jgħinu għas-suċċess tal-Missjoni kemm mat-tfal li jmorru fl-iskejjel tagħhom u mal-ġenituri tat-tfal u kemm mal-morda u x-xjuħ fl-Istituti tagħhom u man-nies li magħhom ikollhom kuntatti.

**Il-lajċi u l-missjoni**

Il-Kap Uffiċċju Lajċi tal-Kurja, fit-30 ta' Ġunju 1982 stieden l-għaqdiet kollha ta' l-appostolat u l-movimenti tal-lajċi biex jipproponu xi nies li jistgħu jgħinu fil-missjoni Djoċesana billi jagħmlu taħditiet fil-każini u fil-postijiet tax-xogħol. Ftit wara l-Kunsill Djoċesan għall-Appostolat tal-lajċi stieden l-għaqdiet kollha membri tal-Kunsill biex iħejju programm dettaljat ta' attivitajiet għal matul il-missjoni djoċesana, u talbu wkoll mill-għaqdiet suġġerimenti dwar dak li jista' jsir fuq bażi djoċesana. Fost is-suġġerimenti li saru kien hemm:

I. Rużarju fil-pubbliku bħala parti mill-kampanja sħiħa favur ir-Rużarju fil-familji;

II. Konkorsi letterarji u artistiċi;

III. Festival taż-żgħażagħ;

IV. Kura ta' niċeċ tal-Madonna fit-triqat;

V. Taħditiet u artikoli fil-ġurnali;

VI. Laqgħa Marjana Nazzjonali;

VII. Pellegrinaġġ bil-lejl e.g. mill-Mosta għall-Mellieħa.

VIII. Wirja devota lejn il-Madonna fuq il-baħar minn Tas-Sliema għall-Imsida.

Il-provinċjali tal-patrijiet kollha bagħtu lis-Segretarju organizzativ tal-Missjoni Djoċesana l-listi mitluba lilhom tar-reliġjużi disposti jippriedkaw u jqarru fil-parroċċi tul il-Missjoni — dawn il-listi kienu ta' għajnuna kbira għall-Kummissjoni.

**Il-missjoni fil-parroċċi**

Fl-aħħarnett il-kappillani kollha ġew mistiedna jorganizzaw il-missjoni djoċesana fil-parroċċa tagħhom u ntbagħtulhom għadd ta' suġġerimenti permezz ta' tliet ċirkularijiet.

Biċ-ċirkulari tal-25 ta' Marzu 1982, il-kappillani ġew mgħarrfin bil-programm li kien hemm maħsub u ġew mistiedna jlaqqgħu l-presbiterju u l-kunsill parrokkjali biex iħejju l-programm tal-missjoni għall-parroċċa tagħhom.

Biċ-ċirkulari tat-18 ta' April 1982 il-kappillani ġew mistiedna:

I. jagħmlu studju bil-għaqal tal-problemi, tal-ħtiġijiet, tal-fehmiet u tax-xewqat tal-poplu ta' Alla fil-parroċċi tagħhom.

II. biex jilħqu 'l dawk li soltu ma jiġux il-Knisja ħlief forsi nhar ta' Ħadd

a) jorganizzaw aktar minn darba, tul iż-żmien tal-Missjoni, żjajjar fil-ħwienet u l-każini kollha tal-parroċċa minn saċerdoti jew lajċi preparati tajjeb biex jiddiskutu l-problemi reliġjużi tan-nies ħalli juruhom x'inhu t-tagħlim veru tal-Knisja;

b) jagħżlu familji f'kull kwartier tal-parroċċa disposti jistiednu għandhom il-ġirien ħa jiltaqgħu mal-Knisja f'darhom; f'kull kwartier dawn il-laqgħat isiru aktar minn darba, u kull darba għand familja differenti, tul iż-żmien kollu tal-Missjoni;

III. jorganizzaw għadd ta' ċelebrazzjonijiet penitenzjali għall-kategoriji differenti ta' nies;

IV. jagħtu importanza kbira lir-reċita tar-Rużarju fil-familji u fil-knejjes tul ix-xahar ta' Ottubru;

V. jagħmlu propaganda biex il-familji kollha tal-parroċċa jiġu ikkonsagrati jew iġeddu l-konsagrazzjoni tagħhom lill-Qalb ta' Ġesù u 'l Qalb ta' Marija.

VI. jagħtu ħajja ġdida u aktar spiritwali lid-devozzjonijiet popolari aċċettati u mfittxija min-nies;

VII. jiġu organizzati laqgħat għat-tfal, żgħażagħ, ħaddiema, studenti, eċċ. fil-parroċċa bħala tħejjija għal-laqgħat djoċesani ta' Mejju u Ġunju;

VIII. jorganizzaw "competitions", "pageants", xi wirja dwar il-ħajja reliġjuża tal-parroċċa u attivitajiet kulturali oħra.

IX. jagħżlu xi lajċi biex ikunu ta' animaturi tal-parroċċa għall-attivitajiet tal-Missjoni.

**Iż-żjarat fid-djar**

Iċ-ċirkulari tal-20 ta' Lulju 1982, imbagħad, għamlet insis-

tenza fuq il-ħtieġa tal-kuntatti personali mal-familji kollha tal-parroċċa, kuntatti li ma jkunux darba biss imma jkomplu sejrin ukoll wara li tintemm il-Missjoni. Iċ-ċirkulari kienet tfisser ċar l-iskop ta' dawn il-kuntatti tgħid minn kellu jagħmilhom u turi kif kellhom isiru:

*L-ISKOP*

A. i. biex jintlaħqu l-aktar dawk li mhux soltu jiġu l-knisja ħlief għall-Quddiesa tal-Ħadd, u forsi lanqas fil-knisja tal-parroċċa;

ii. biex jintlaħqu dawk li, għal xi raġuni jew oħra, tbiegħdu għal kollox mill-Knisja;

iii. biex jintlaħqu dawk li huma residenti f'inħawi 'il bogħod mill-knisja u għalhekk ma jiġux il-knisja, mhux għax ma jridux, imma għax ma jistgħux.

B. biex wieħed jagħraf id-diffikultajiet tagħhom u igħinhom ħa jsolvuhom.

*MINN MIN*

i. il-kappillan

ii. is-saċerdoti l-oħra tal-parroċċa li huma disposti u huma *kapaċi* jagħmlu dawn il-kuntatti;

iii. saċerdoti oħra djoċesani u reliġjużi li jafu l-parroċċa jew għax residenti fiha, jew għax twieldu hemm, jew għal xi raġuni oħra;

iv. Lajċi impenjati b'sens kbir ta' responsabbiltà nisranija (v.g. il-kbar tal-Legion, eċċ.)

v. l-iskejjel tal-Knisja;

vi. il-gruppi tal-familji nsara, tat-talb, eċċ.

*KIF*

i. il-kappillan u s-saċerdoti tal-parroċċa jipprofittaw mill-okkażjonijiet speċjali li jkollha kull familja (tieġ, magħmudija, funeral, l-ewwel tqarbina, eċċ.) — l-okkażjonijiet mhux neċessarjament ikunu okkażjonijiet reliġjużi biss.

ii. il-kappillan jista' jagħmel użu mill-gruppi li għandu fil-parroċċa biex joħloq kuntatt mal-familji li ma tantx jersqu lejh. Jista' jitlob ukoll l-għajnuna tal-familji li jersqu regolarment lejn il-knisja biex magħhom jorganizza laqgħat mal-familji li l-aktar huma mbegħdin.

Dawn il-laqgħat jistgħu jsiru billi familja tistieden għandha għadd ta' familji oħra li tafhom jew huma ġirien għal xi 'party' żgħira, u jkun mistieden ukoll is-saċerdot. Għal dawn il-laqgħat ma għandux ikun hemm numru kbir ta' nies (mhux aktar minn 20) u għandu jkun hemm żmien biżżejjed għall-kuntatti personali ma' kulħadd.

Dawn il-laqgħat ta' gruppi ta' familji ma jsirux darba biss, imma jsiru skond il-ħtieġa, u mhux dejjem għand l-istess familja.

iii. ir-Rettur tas-Seminarju, id-diretturi ta' l-iskejjel tal-patrijiet u tas-sorijiet ikollhom ħafna kuntatti mal-familji tat-tfal li jmorru fl-iskejjel tagħhom, u għalhekk jistgħu jgħinu biex ikun hemm kuntatt personali. Id-diretturi ta' l-iskejjel jistgħu jkunu jafu b'familji bi problemi li jkunu jeħtieġu l-interess tal-kappillan, u għalhekk dawn jinfurmawh bihom; min-

naħa l-oħra l-kappillan jista jasal biex jagħraf li d-direttur ta' l-iskola qiegħed f'qagħda aħjar biex igħin lill-familja ssolvi l-problemi tagħha.

Iċ-ċirkulari mbagħad kienet tagħlaq b'dawn il-kelmiet:

"Jista' jkun hemm mezzi oħra biex jinħoloq kuntatt personali mal-familji kollha tal-parroċċa. Dawn huma biss suġġerimenti li wieħed irid jadatta għall-kondizzjonijiet tal-parroċċa tiegħu bi studju flimkien tal-presbiterju parrokkjali.

"L-importanti hu li jseħħ kuntatt personali mal-familji kollha tal-parroċċa b'mod li jgħinhom igħixu ħajja verament nisranija. Bil-mod il-mod mingħajr ma naqtgħu qalbna, u b'fiduċja sħiħa fl-għajnuna ta' Alla, għandna naslu, u l-Missjoni Djoċesana twassal verament għall-qawmien spiritwali ta' pajjiżna."

Il-kappillani fil-kotra l-kbira tagħhom, ħadu bis-serjetà l-Missjoni Djoċesana fil-parroċċi tagħhom u organizzaw għadd ta' attivitajiet li setgħu wasslu għat-tiġdid spiritwali tan-nies tal-parroċċi tagħhom.

**In-Novena tal-Milied u r-Randan**

Il-Kummissjoni ħadet ħsieb ukoll it-thejjija ta' skemi ta' priedki għan-Novena tal-Milied li ġew pubblikati fil-Bulettin ta' l-Arċidjoċesi. Ħasbet ukoll biex thejji dawn is-suġġerimenti għall-priedki ta' l-eserċizzi tar-Randan:

1. *Sejħa għat-tiġdid spiritwali u għall-konverżjoni*

(jistgħu jkunu ta' għajnuna:

i. l-ittra tal-Papa lill-isqfijiet Maltin tad-29 ta' Settembru (Bulletin n. 35 p. 115).

ii. id-diskors tal-Papa lill-Kardinali dwar il-Ġublew (Bulletin n. 36 p. 234).

iii. il-bolla tal-Ġublew tal-Fidwa (Bulletin n. 36 p. 320).

2. *It-tiġdid spiritwali jintlaħaq bi spirtu ta' Talb u b'fedeltà sħiħa lejn Kristu u l-Knisja tiegħu*

(jistgħu jgħinu:

i. id-diskors tal-Papa liż-żgħażagħ f'Wales (Bulletin n. 34 p. 506)

ii. l-ittra tal-Papa *Virtutis exemplari:* it-talb (Bulletin n. 34 p. 10)

iii. id-diskors tal-Papa f'Avila: "għajn ta' talb" (Bulletin n. 36 p. 175-9)

iv. *Lumen gentium* spec. kap. IV p. 74 (edizz. Malti) u *Gaudium et Spes* spec. kap. V, 42-43 (pp. 352 (edizz. Malti).

3. *Dan għandu jwassalna f'konsistenza fil-ħajja, fil-familja u fuq ix-xogħol biex hekk inħarsu l-wirt tal-valuri nsara li jagħmluna nazzjon nisrani*

(jistgħu jkunu ta' għajnuna:

i. id-diskors tal-Papa lill-familji f'Madrid (Bulletin n. 36 p. 204)

ii. id-diskors tal-Papa lill-ħaddiema f'Barċellona (Bulletin n. 36 p. 212)

iii. l-esortazzjoni *Familiaris consortio,* taqs. III kap IV, pp. 60-75 ta' l-edizz. bil-Malti)

iv. l-enċiklika *Laborem exercens,* kap. V, pp. 55-62 tal-ediz. Maltija)

4. *Meta nqisu kemm l-imġiba tagħna għadha 'l bogħod mill-*

*ideal nisrani, inħossu l-ħtieġa ta' tiġdid sħiħ f'ħajjitna li għandha twassalna għal rikonċiljazzjoni sħiħa ma' Alla, bl-għajnuna tal-Verġni Marija.*

(jistgħu jkunu ta' għajnuna:

i. it-tieni librett katekistiku: Marija Omm il-ħniena (Bullettin n. 35 p. 149 u t-tielet librett katekistiku: Marija omm ilmaħfra u r-rikonċiljazzjoni (Bulletin n. 36 p. 347)

ii. it-tagħrif ta' qabel ta' l-ORDNI GĦALL-PENITENZA pp. 9-14

5. *Quddiem id-deni kollu li hawn fid-dinja ma għandniex naqtgħu qalbna: nirbħuh bl-imħabba u bl-għajnuna ta' Alla l-Missier — nafdaw fl-interċessjoni ta' Marija*

(jistgħu jkunu ta' għajnuna:

i. id-diskors tal-Papa liż-żgħażagħ f'Madrid (Bulletin n. 36 p. 185)

ii. id-diskors tal-Papa lill-għaqdiet ta' l-apostolat f'Toledo (Bulletin n. 36 p. 197)

iii. id-diskors tal-Papa f' Lourdes (Bulletin n. 30 p. 527)

iv. id-diskors tal-Papa f'Fatima (Bulletin n. 34 p. 526)

**Kateķeżi**

Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali biex tħejji Katekiżmu fuq il-Madonna fuq it-tema tal-Kungress Marjan: *Marija Omm il-ħniena u r-rikonċiljazzjoni.*

Il-Kummissjoni Kateketika ħejjiet erba' libretti Kateketiċi:

i. Marija fil-misteru ta' Kristu u l-Knisja

ii. Marija Omm il-ħniena

iii. Marija Omm il-maħfra

iv. Id-devozzjoni lejn Marija

Dawn il-libretti, permezz tal-K.D.A.L. tqassmu lill-għaqdiet kollha ta' l-appostolat f'Malta u Għawdex biex isir studju fuqhom fl-għaqdiet bi tħejjija għall-Kungressi.

Il-Kummissjoni Kateketika ħejjiet ukoll ktieb fuq *Id-devozzjoni lejn Marija tal-Vanġelu* bħala proġett ta' kateżi għaż-żgħażagħ u l-adulti.

Il-Kummissjoni għall - Missjoni Djoċesana ħatret ukoll sottokummissjoni biex torganizza laqgħat għall-professjonisti u sottokummissjoni oħra għat-tfal, waqt li stiednet lil P. Pawl Chetcuti jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' attivitajiet għaż-żgħażagħ bi tħejjija għall-Kungress u lill-Caritas Malta torganizza laqgħat ta' tħejjija għax-xjuħ u l-inkapaċitati.

Il-Kummissjoni ħadet ħsieb ukoll l-innu uffiċjali tal-Kungress u ġie mistieden Dun Ġorġ Deguara jikteb il-kliem: Sar imbagħad konkors biex jiġi mużikat l-innu u daħlu 38 kompożizzjoni: kummissjoni ad hoc għażlet il-kompożizzjoni tal-Mro. Abela li mbagħad ġiet stampata u mqassma fil-parroċċi. Kien hemm ħsieb li l-innu jitkanta għall-ewwel darba fil-ftuħ tal-Missjoni, iżda l-ħsieb ma seħħx. Għalkemm saru ħafna sforzi biex l-innu jinxtered man-nies u jsir popolari, ftit kienu dawk li saru jafuh.

L-Arċisqof, meta qorob iż-żmien biex tiftaħ il-Missjoni Djoċesana, bagħat ittra personali lill-komunitajiet kollha tas-

Sorijiet, u b'mod speċjali lis-Sorijiet tal-klawsura biex jirrakkomanda s-suċċess tal-Kungressi għat-talb tagħhom.

**Il-ftuħ tal-Missjoni**

Lejliet il-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana fid-29 ta' Settembru waslet ittra lill-isqfijiet mingħand il-Papa li biha wriehom fuq liema linji kellha sseħħ il-ħidma għat-tiġdid spiritwali ta' pajjiżna bi tħejjija għall-Kungressi. Il-Papa semma dawn il-punti:

It-Talb
Sejħa għall-Fedeltà lejn Kristu u l-Knisja
Il-wirt Malti tal-valuri nsara
Sejħa għall-konsistenza
Rikonċiljazzjoni
Fiduċja sħiħa fl-għajnuna tal-Verġni Marija

L-ittra ġiet malajr maqluba għall-Malti u wara li tħabbret lin-nies waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tal-Missjoni djoċesana, ġiet imbagħad stampata u, permezz tal-kappillani, imqassma lill-familji kollha.

Il-ftuħ tal-Missjoni f'Malta sar f'pellegrinaġġ għall-Knisja tal-Mosta, waqt li f'Għawdex il-pellegrinaġġ sar għall-Kattidral. Sa wara nofs in-nhar ta' l-ewwel ta' Ottubru, il-jum li fih kellu jsir il-pellegrinaġġ konna għadna ma nafux jekk hemmx permess mill-pulizija, iżda dan ħareġ fl-aħħar mument u l-pellegrinaġġi saru kif kien maħsub. F'Malta l-pellegrinaġġ telaq minn tarf il-Mosta u mexa tul it-Triq Kungress Ewkaristiku sal-knisja fejn is-saċerdoti kollha li ħadu sehem ikkonċelebraw ma' l-Arċisqof. Il-kappillani organizzaw 'privates' mill-parroċċi kollha għall-pellegrinaġġ, u tant kien hemm nies, li l-knisja ma wesgħathomx u ħafna ssieħbu fil-Quddiesa minn fuq iz-zuntier u mit-triq. L-istess ħaġa ġara f' Għawdex. Kien bidu tajjeb għall-Missjoni minkejja n-nuqqasijiet kollha fl-organizzazzjoni li tfaċċaw fl-aħħar mument.

Wara li fetħet il-Missjoni Djoċesana l-Kummissjoni kompliet il-ħidma tagħha biex iseħħu l-proġetti li kien hemm, iżda wara Jannar tal-1983 ma ltaqgħetx aktar u daħal għaxxogħol il-Kumitat Organizzattiv tal-Kungressi.

## IL-KUMITAT ORGANIZZATIV TAL-KUNGRESS

Dan kien twaqqaf fit-23 ta' Marzu 1982 u kien magħmul minn dawn in-nies: l-Arċisqof ta' Malta u l-isqof ta' Għawdex presidenti; Mons. Ġ. Lupi, segretarju; Mons. B. Camilleri, assistent segretarju; Membri ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta: Mons. C. Xuereb, vigarju ġenerali, Mons. Ph. Calleja, Mons. A. Depasquale, P. Guido Schembri, Mons. C. Muscat, Mons. V. Borg, l-Arċipriet L. Mifsud, Rev. Joe Borg, Rev. Joe Magro, Dr. Victor Mercieca, Dr. Charles Delicata, Miss Mary Puli, Sur Alfred P. Farrugia.

Membri tad-djoċesi ta' Għaw-

dex: Mons. C. Borg Attard, P. Ferdinand Mercieca O.F.M. Cap. Sur Franco Masini, Sur Lorenzo Camilleri, Miss Carmen Gatt.

L-ewwel laqgħa tal-kumitat organizzattiv saret fis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex, fl-20 ta' April 1982: kien hemm preżenti wkoll P. Melada u P. Aracic. Wara li s-saċerdoti preżenti kkonċelebraw ma' l-isqfijiet fuq l-altar tal-Madonna, bdiet il-laqgħa b'relazzjoni ta' Mons. Lupi fuq dak li kien sar sa dak in-nhar. Wara li semma x-xogħol li kien sar dwar il-Missjoni djoċesana, qal li se jitwaqqfu xi kummissjonijiet biex jieħdu ħsieb l-attivitajiet ewlenin tal-Kungressi.

A. *Kummissjoni propaganda*, li tkun fdata f'idejn Dun Joe Borg;

B. *Kummissjoni kultura* biex tieħu ħsieb wirja ta' Arti Marjana u kunċert ta' Mużika Marjana Maltija: din il-kummissjoni tkun fdata lil Mons. V. Borg;

C. *kummissjoni għal-laqgħa tal-barranin:* is-St. Paul's Tourist Council tal-kummissjoni Emigranti se jiġi mitlub biex jieħu ħsieb; Dr. V. Mercieca wiegħed li jipproponilhom xi nies li jistgħu jgħinu;

D. *kummissjoni għal-laqgħat ta' studju* u

E. *kummissjoni finanzjarja* li tieħu ħsiebha s-Segreterija Amministrativa tal-Kurja ta' Malta.

F. *kummissjoni liturġika* sabiex tieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-granet tal-Kungressi.

P. Melada mbagħad żied ħafna tagħrif ieħor dwar dak li kien mistenni li jsir minn dawn il-kummissjonijiet, u ppropona li l-kummissjonijiet imsemmija jiġu ridotti għal erbgħa: *propaganda, ekonomija, liturġija-kulturali* u *alloġġi*, u li twaqqaf segreterija fil-Kurja magħmula mis-Segretarju, mill-viċi-segretarju, mill-assistent segretarju u rappreżentant minn kull waħda mill-erba' kummissjonijiet.

F'din l-ewwel laqgħa ġie deċiż ukoll li l-motto tal-Kungress ikun *Reconciliationis Mater — Omm il-Ħniena u l-Maħfra* u li jiġi avviċinat il-Kav. Envim Cremona biex iħejji l-manifest tal-Kungress u l-medalja kommemorattiva.

Fil-laqgħa ġie propost ukoll programm proviżorju li mbagħad Padre Melada fassal kif jidher fil-paġna ta' wara. Dan il-programm ġie mbagħad rivedut kemm-il darba.

## IX CONGRESSO MARIOLOGICO E XVI MARIANO INTERNAZIONALE

(Malta — Ta' Pinu: 9-18 settembre 1983)

### *I. IX Congresso Mariologico Internazionale*

Malta 9-15 settembre 1983

Tema: IL CULTO MARIANO NEI SECOLI 17-18

Venerdi — 9.9.83:
h. 18.00: Inaugurazione (Mediterranean Centre)

Sabato — 10.9.83:
h. 9.00-12.30: Gruppi di studio secondo le lingue — Rabat
h. 16.30-19.30: Sessione plenaria (Mediterranean Centre).

Domenica — 11.9.83:
Mattina: Escursione turistica (spettacolo folkloristico?)
Sera: Concerto

Lunedi — 12.9.83:
h. 9.00-12.30: Gruppi di studio secondo le lingue — Rabat
16.30-19.30: Sessione plenaria — (Mediterranean Centre).

Martedi — 13.9.83:
h. 9.00-10.30: Gruppi di studio secondo le lingue — Rabat
10.45-12.30: Sessione Ecumenica — Rabat
16.30-19.30: Sessione plenaria — (Mediterranean Centre).

Mercoledi — 14.9.83:
h. 9.00-12.30: Gruppi di studio secondo le lingue — Rabat
16.30-19.30: Sessione plenaria — (Mediterranean Centre).

Giovedi — 15.9.83:
h. 9.00-11.00: Relazioni dei segretari dei gruppi di studio
11.15-12.15: Sessione ecumenica — Rabat
12.15- Conclusione mariologico — Rabat

### *II. XVI Congresso Mariano Internazionale*

Malta — Ta' Pinu 15-18 settembre 1983

Tema: MARIA MADRE DELLA RICONCILIAZIONE

Giovedi — 15.9.83:
h. 18.00: Arrivo del Legato Pontificio, Inaugurazione del XVI Congresso Mariano (Concatedrale S. Giovanni e ricevimento offerto dall'Episcopato Maltese

Venerdi — 16.9.83:
h. 9.00-12.30: a) Programma speciale gruppi pellegrini
b) Programma speciale nelle chiese delle isole (con intervento Cardinali, Vescovi)
h. 16.30-19.30: Sessione plenaria (The Mediterranean Centre)

Sabato — 17.9.83:
h. 9.00-12.30: a) Programma speciale Gruppi pellegrini
b) Programma speciale chiese delle isole
h. 16.30-19.30: Sessione plenaria (Mediterranean Centre)

Domenica — 18.9.83:
h. 11.00: Nel Santuario di Ta' Pinu Solenne conclusione del XVI Congresso Mariano Internazionale.

Orario:

h. 7.00 — Sveglia
h. 7.30 — Concelebrazione
h. 8.30 — Collazione
h. 9.00 — 12.30 Gruppi di studio
h. 13.00 — pranzo
h. 14.00 — 15.30 Riposo
h. 16.30 — 19.30 Sessione plenaria
h. 20.30 — cena
h. 22.30 — riposo

Gruppi di studio previsti: croato, francese, inglese, italiano, maltese, portoghese, spagnolo, tedesco.

Traduzione simultanea: francese, inglese, maltese

Residenza degli oratori: Seminario diocesano, Rabat e Casa esercizi S. Giuseppe, Mosta.

Segreteria del Congresso: Curia Arcivescovile — Tel. 605350.

*Riservare Aula Grande THE MEDITERRANEAN CENTRE*

| | | |
|---|---|---|
| Venerdi: | 9.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |
| Sabato: | 10.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |
| Lunedi: | 12.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |
| Martedi: | 13.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |
| Mercoledi: | 14.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |
| Venerdi: | 16.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |
| Sabato: | 17.9.83 | — h. 16.30 — 19.30 |

**Koperazzjoni bejn id-djoċesijiet**

Wara din l-ewwel laqgħa x-xogħol ta' preparazzjoni beda miexi pass pass ma' l-attivitajiet tal-Missjoni djoċesana għalkemm mhux kollox mexa bl-istess ritmu u mhux kulħadd wera l-interess li wieħed kien jistenna. Xi wħud, il-Kungressi rawhom ħaġa żejda, u wisq aktar żejda mbagħad meta tħabbar il-Ġublew straordinarju tal-Fidwa: ma ntebħux li l-Papa stess fil-bolla li biha ħabbar il-Ġublew semma' s-sehem li l-Madonna kellha fl-opra tal-fidwa u r-rikonċiljazzjoni: anzi nistgħu ngħidu li l-għażla tal-motto tal-Kungress kienet providenzjali għax qablet perfettament mal-ħsieb tas-Sena Mqaddsa mnieda mill-Papa.

Il-kuntatti bejn iż-żewġ djoċesijiet kienu dejjem regolari u hekk il-preparazzjoni għall-Kungressi kienet tista' tgħid l-istess fiż-żewġ djoċesijiet, u kien hemm almenu żewġ okkażjonijiet li fihom dehret sewwa l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet; dawn kienu l-pellegrinaġġ tat-tfal Maltin għas-Santwarju ta' Pinu u l-miġja tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu f'Malta.

**Hidma tas-Segreterija**

Il-ħidma tas-segreterija f' Malta mxiet pass sewwa 'l quddiem meta Dun Frans Schembri ġie nominat ass. segretarju ġenerali: ix-xogħol kollu tas-segreterija ma' l-Arċidjoċesi ta' Malta u mad-djoċesi ta' Għawdex u l-kuntatti kollha meħtieġa f'Malta u Għawdex kienu fdati f'idejh u mexxihom sewwa.

Malli s-Segreterija tal-Kungressi bdiet taħdem regolarment, l-Arċisqof kiteb personalment lill-Onor. Prim Ministru biex jinfurmah bil-Kungressi u talbu l-ħruġ ta' bolla kommemorativa.

**Laqgħa għall-gradwati**

Sa dan it-tant is-sotto-kummissjoni li kellha taħseb għal-laqgħat tal-professjonisti bi ftehim ma' l-Azzjoni Kattolika bi ħsieb li jingħata ħajja ġdida għall-moviment gradwati ta' l-Azzjoni Kattolika organizzat laqgħa fil-knisja ta' Sarria, il-Furjana, u ntbagħat 1000 invit lill-gradwati kollha: wieġbu għall-invit u ħadu sehem fil-laqgħa, li ġiet indirizzata minn Mons. Carmelo Muscat, ·mal-50 gradwat. Kien bidu tajjeb, iżda ma sar xejn aktar minħabba li ħadd ma kien hemm biex jidħol għall-ispejjeż ta' l-organizzazzjoni.

**Għaż-żgħażagħ**

P. Pawl Chetcuti wkoll minnufih beda l-ħidma tiegħu biex iqanqal interess ukoll fost iż-żgħażagħ u ippropona li fl-okkażjoni tal-Kungressi bħala tifkira tingħata kopja b'xejn ta' l-Evanġelji. Inkiseb il-permess ta' l-Għaqda Biblika għall-istampar ta' "pocket edition" ta' l-Evanġelji, kull kappillan kien lest joħroġ parti mill-ispiża tal-kopji il jitqassmu liż-żgħażagħ tal-parroċċa tiegħu, iżda mbagħad il-proġett kollu waqaf minħabba l-ispiża li kien jitlob. Iżda P. Chetcuti ma qatax qalbu għax ra rnexxilux dan il-pro-

ġett u ħaseb attivitajiet oħra għaż-żgħażagħ, fosthom ir-"rock mass" li saret nhar Ħadd il-Għid, 3 ta' April 1983, fis-santwarju ta' S. Tereża, B'kara. L-organizzazzjoni kollha kienet f'idejn iż-żgħażagħ u kemm il-"lyrics" u kemm il-mużika kienu kompożizzjoni taż-żgħażagħ stess. Ir-"rock mass" għalkemm qajmet għadd ta' protesti, ir-nexxiet fil-għan li tressaq lejn il-knisja u tlaqqa' ma' l-Arċisqof ħafna żgħażagħ u tħajjarhom ifittxu fil-Knisja tweġiba għall-problemi tagħhom.

**Għat-tfal**

Għat-tfal, il-missjoni djoċesana kellha tikkonsisti f'ċelebrazzjoni kull xahar fil-parroċċi għat-tfal kollha, u ġie mhejji dan il-programm:

Il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru — Ma' Marija Missjunarji ta' Kristu.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru — Inhejju ruħna għall-Avvent ta' Sidna Ġesù Kristu ma' Marija Omm Ġesù

16-24 ta' Diċembru — Novena tal-Milied — Fil-*Bulletin ta' l-Arċidjoċesi* se jkun hemm pubblikati skemi għaċ-ċelebrazzjoni tan-novena għal kull ġurnata.

Il-Ġimgħa 23 ta' Jannar — Ma' Marija Omm il-Knisja nitolbu għall-għaqda flimkien ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu

Il-Ġimgħa 18 ta' Frar — Inhejju ruħna għar-Randan Imqaddes

Il-Ġimgħa 22 ta' April — Nitolbu għall-vokazzjonijiet ma' Marija Omm il-Knisja

Fit-8 ta' Mejju jew fl-aħħar Ġimgħa ta' Mejju — *Ċelebrazzjoni Marjana*

F'Mejju — Pellegrinaġġ ta' tfal mill-parroċċi kollha għas-santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

Skema ta' kull ċelebrazzjoni ntbagħtet lill-parroċċi u lill-iskejjel kollha, u f'ħafna parroċċi kull ċelebrazzjoni ħadu sehem għadd sabiħ ta' tfal. L-iskejjel tal-Knisja barra li ħajru t-tfal tagħhom jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet parrokkjali; organizzaw ċelebrazzjonijiet ukoll fl-iskejjel tagħhom. Iċ-ċelebrazzjoni ta' April ma saritx.

Il-pellegrinaġġ tat-tfal sar fit-28 ta' Mejju, u ħadu sehem mas-sitt mitt tifel u tifla, għaxart itfal minn kull parroċċa ta' Malta, u l-vapur "Mġarr" ġie mikri apposta.

Malli l-pellegrinaġġ wasal fis-Santwarju ġie milqugħ bid-daqq tal-qniepen, waqt li l-knisja kienet imżejna b'ħafna fjuri.

Qaddes Mons. Cauchi, l-Isqof ta' Għawdex, u fl-omelija ħeġġeġ lit-tfal għat-talb, għad-devozzjoni lejn il-Madonna u għall-qima lejn Ġesù Sagramentat: "jekk nitqarbnu kuljum" qal l-isqof lit-tfal, "ikollna l-qawwa biex ngħixu ħajja nisranija, jekk inkunu devoti tal-Madonna hi ma tħalliniex nitbegħdu mit-triq li twassalna għand Ġesù.

Waqt l-offertorju it-tfal telgħu xama, fjuri u ittri għall-Madonna, u wara l-Quddiesa t-tfal irċevew domna u "book-mark" bix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu.

Wara l-Quddiesa lit-tfal sarielhom trattament fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat.

**Il-ħidma tal-K.D.A.L. — Żjara tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu f'Malta**

Il-Kunsill Djoċesan għall-appostolat tal-lajċi, wara li bdiet il-Missjoni Djoċesana, ħa ħsieb jorganizza laqgħat ta' talb fuq tema Marjaan għall-Membri kollha ta' l-għaqdiet kull tielet Ġimgħa tax-xahar ta' Marzu, fi knejjes differenti tal-Belt. Kull laqgħa kienet tispiċċa bil-Quddiesa, u l-ewwel laqgħa, ta' Jannar, saret fil-Konkattidral ta' S. Ġwann; fi Frar il-laqgħa saret San Pawl, f'April San Duminku, f'Mejju l-Ġiżwiti u f' Ġunju f'tal-Karmnu.

F'Marzu, fil-festa tad-Duluri, saru pellegrinaġġi fil-parroċċi kollha, biex jissieħbu mal-Papa fiċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tas-Sena Mqaddsa tal-Fidwa. Fil-Belt il-pellegrinaġġ ħareġ bil-Kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu u l-kleru tal-Belt u l-Furjana ġie mistieden jissieħeb ma' l-Arċisqof fil-pellegrinaġġ li ntemm quddiem il-Konkattidral ta' S. Ġwann, fejn l-Arċisqof ikkonċelebra l-Quddiesa mas-saċerdoti li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ. Wara l-Quddiesa l-proċessjoni bl-istatwa tad-Duluri u l-Kurċifiss baqgħet sejra lejn il-Knisja ta' Ġieżu.

Barra dawn il-laqgħat ta' talb għall-membri kollha ta' l-għaqdiet, il-K.D.A.L. laqgħet bil-ferħ l-istedina li saritilha biex jorganizza żjara f'Malta tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu u stiednet il-K.D.A.L. ta' Għawdex biex iħabirku flimkien ħa sseħħ il-proposta li kienet saret mir-Rettur stess tal-Bażilika ta' Pinu, Mons. Beneditt Camilleri. F'Marzu t-tħejjija għall-miġja tal-kwadru f'Malta kienet imxiet ħafna u seta' jsir dan il-komunikat stampa fl-4 ta' Marzu 1983:

"Fil-pastorali ta' April 1981, meta l-Isqfijiet ħabbrulna li l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II kien laqa' l-istedina biex isiru żewġ Kungressi Internazzjonali fuq il-Madonna fil-gżejjer tagħna fl-okkażjoni ta' egħluq il-100 sena minn meta l-Verġni Marija kellmet lit-twajba Karmni Grima, huma qalulna li jeħtieġ li l-lajċi jifhmu sewwa li huma wkoll il-Knisja ta' Kristu u huma wkoll għandhom id-dmir li jkunu xhieda ta' Kristu f'kull mument tal-ħajja tagħhom.

"Dan ma jistax iseħħ jekk mhux bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, u din l-għajnuna rridu nitolbuha bħall-Appostli miġburin fit-talb ma' Marija, Omm Ġesù.

"Biex jintlaħaq dan, fost affarijiet oħra, issa li qegħdin f'nofs iż-żmien tal-Missjoni Djoċesana, żmien ta' bidla u rikonċiljazzjoni ma' Alla u sħabna, il-Kunsill Djoċesan ta' l-Apostolat tal-Lajċi fil-Laqgħa tiegħu tat-28 ta' Jannar 1983 approva mozzjoni tal-Eżekuttiv tiegħu sabiex *il-Kwadru nkurunat tal-Madonna Ta' Pinu jinġieb Malta* għal ftit ġranet fil-bidu ta' Lulju 1983.

"Għalhekk fis-26 ta' Frar 1983 ltaqgħu l-Eżekuttiv tal-K.D.A.L. ma' dak Għawdxi fil-Bażilika ta' Pinu u ssieħbu fiċ-ċelebraz-

zjoni ta' l-Ewkaristija li kienet immexxija minn Mons. Alwiġ Deguara, Konsultur Ekkleżjastiku. Wara flimkien mar-Rettur tal-Bażilika, Mons. Beneditt Camilleri, iddiskutew fid-dettal il-programm tal-miġja tal-Kwadru inkurunat tal-Madonna ta' Pinu fostna l-Maltin.

"Fit-2 ta' Lulju kmieni wara nofs-in-nhar il-Kwadru jħalli l-Bażilika ta' Pinu u jittieħed b"pellegrinaġġ sal-Knisja ta' Loreto, Għajnsielem, fejn issir quddiesa. Wara jingħata f'idejn il-Kunsill Malti li jwasslu bil-baħar sal-Port il-Kbir, minn fejn jasal proċessjonalment sal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

"Hawn Malta l-Kwadru jżur diversi knejjes għad-devozzjoni tal-fidili, fosthom dik ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, dik ta' San Pawl, ir-Rabat, il-Katidral ta' l-Imdina u l-Mellieħa. Jingħata f'idejn il-Kunsill Għawdxi fil-11 ta' Lulju il-Mellieħa, minn fejn jittieħed Għawdex bil-baħar u jasal b'pellegrinaġġ lura fil-Bażilika ta' Pinu. Il-qofol ikun it-Tnejn 4 ta' Lulju, meta jkun hemm konċelebrazzjoni fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann immexxija miż-żewġ isqfijiet u li fiha jieħdu sehem ħafna saċerdoti u lajċi miż-żewġ gżejjer."

Il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu ġie Malta mit-2 sal-11 ta' Lulju, u l-K.D.A.L. ħejja dan il-programm:

*Is-Sibt, 2 ta' Lulju* — Wasla tal-Kwadru fuq vapur fil-Port il-Kbir fis-6.15 p.m. Tluq ta' PELLEGRINAĠĠ NAZZJONALI minn ħdejn id-Dwana l-Qadima għall-pjazza ta' quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Quddiesa fil-pjazza fit-8.00 p.m.

*Il-Ħadd, 3 ta' Lulju* — Il-Kwadru jibqa' fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Laqgħat ta' talb.

*It-Tnejn, 4 ta' Lulju* — Fis-6.00 p.m. konċelebrazzjoni mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex u l-kleru. Wara l-Kwadru jittieħed fil-Parroċċa tal-Karmnu tal-Balluta.

*It-Tlieta, 5 ta' Lulju* — Filgħaxija l-Kwadru jasal fil-Parroċċa ta' Kristu Re r-Raħal il-Ġdid.

*L-Erbgħa, 6 ta' Lulju* — Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu jibqa' Raħal il-Ġdid.

*Il-Ħamis, 7 ta' Lulju* — Filgħaxija l-Kwadru jittieħed f'Ħal Qormi; pellegrinaġġ mill-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ għall-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan.

*Il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju* — Filgħaxija l-Kwadru jasal fil-Knisja Kolleġġjali ta' San Pawl, ir-Rabat.

*Is-Sibt, 9 ta' Lulju* — Fis-7.00 p.m. tluq ta' PELLEGRINAĠĠ NAZZJONALI għall-pjazza ta' quddiem il-Kattidral ta' l-Imdina, fejn fit-8.00 p.m. issir quddiesa konċelebrata. Velja Ewkaristiku/Marjana fl-10.00 p.m. Quddiesa f'nofs il-lejl.

*Il-Ħadd, 10 ta' Lulju* — Fl-4.00 il-Kwadru jħalli l-Kattidral; wasla fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar fl-4.30 p.m. u ċelebrazzjoni Marjana bil-quddiesa. Fis-6.30 p.m. jitlaq għall-Mellieħa fejn isir pel-

legrinaġġ għall-Knisja Parrokkjali. Velja Marjana sa nofs il-lejl.

*It-Tnejn, 11 ta' Lulju* — Fil-5.30 p.m. proċessjoni għas-Santwarju fejn issir konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex. Fis-7.15 p.m. il-Kwadru jitwassal iċ-Ċirkewwa fi triqtu lura lejn Għawdex.

Aktar tard sar tibdil fil-programm tas-Sibt, 9 ta' Lulju u ta' l-għada l-Ħadd. Il-Velja Ewkaristika Marjana tas-Sibt saret fil-Knisja tal-Mosta, fejn ittieħed il-kwadru wara l-konċelebrazzjoni tal-Kattidral u l-għada mbagħad il-kwadru telaq mill-Mosta għal San Pawl il-Baħar.

Ċirkulari tal-Vigarju Ġenerali tat-22 ta' Ġunju wriet ix-xewqa ta' l-Arċisqof li l-kleru u l-poplu jieħu sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjonijiet li kienu se jsiru, u l-poplu u l-kleru wieġeb bil-ħerqa għall-istedina li saritilhom.

Fit-2 ta' Lulju l-Membri tal-K.D.A.L. ma nies oħra marru Għawdex biex jikkumpanjaw il-kwadru f'Malta. Mis-Santwarju l-kwadru twassal b'*carcade* sa fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Għajnsielem fejn saret ċelebrazzjoni Marjana qasira, immexxija mill-isqof ta' Għawdex. Wara l-funzjoni l-kwadru tniżżel ix-xatt ta' l-Imġarr biex jiġi trasportat Malta, fil-Port il-Kbir, fejn għadd kbir ta' nies kien qed jistennih ħdejn id-dwana l-qadima.

Il-ħsieb tal-K.D.A.L. kien li l-pellegrinaġġ bil-kwadru tal-Madonna mid-Dwana jitla' t-telgħa tal-Kurċifiss għall-Furjana, biex jidħol minn Bieb il-Belt għal San Ġwann, fejn kellha ssir il-Quddiesa. Iżda l-permess ġie fl-aħħar mument u l-ewwel il-permess kien li l-kwadru jidħol il-Belt min-naħa ta' Sant'Iermu għat-Triq ir-Repubblika, iżda wara nbidel u l-pellegrinaġġ għadda minn Victoria Gate. Ma ngħatax permess "for reasons of policy" biex issir Quddiesa fil-beraħ quddiem San Ġwann, u l-anqas quddiem il-Kattidral u fiz-zuntier tas-Santwarju tal-Mellieħa.

Il-miġja tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu qanqlet entużjażmu kbir fin-nies: wara l-pellegrinaġġ mid-Dwana għal San Ġwann, ħafna nies kellhom jibqgħu barra mill-knisja; f'kull knisja fejn il-kwadru kien espost għall-qima tan-nies, il-folol ma nqatgħux, u minn kull fejn għadda l-kwadru biex imur minn parroċċa għall-oħra n-nies inġabret ma' tul it-triq tant li kullimkien il-kwadru wasal tard ħafna aktar milli kien ippjanat.

Il - pellegrinaġġ nazzjonali mir-Rabat għall-Katt'dral ġibed ħafna nies, u l-velja Marjana fil-knisja tal-Mosta ħalliet tifkira mill-isbaħ f'kull min ħa sehem. Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet kienu mbagħad it-tliet pontifikali li saru f'San Ġwann il-Belt, fil-Kattidral ta' l-Imdina u fis-Santwarju tal-Mellieħa

Il - Mellieħa, il-konċelebrazzjoni ma tmexxietx mill-isqfijiet, li kellhom isiefru ħin bla waqt għal Ruma. Mal-Maltin il-Mellieħa ngħaqdu għadd kbir ta' nies li ġew minn Għawdex. Wara l-Quddiesa n-nies, fil-kotra l-

kbira tagħhom wasslu l-kwadru saċ-Ċirkewwa u baqgħu hemm, sa l-għaxra ta' bil-lejl meta l-vapur telaq għall-Imġarr, fejn għadd kbir ta' karozzi kienu jistennewh biex iwassluh fis-Santwarju fejn saret ċelebrazzjoni qasira ta' radd il-ħajr.

## IL-KUMMISSJONIJIET

Sa dan it-tant l-erba' kummissjoni li kien ippropona P. Milada twaqqfu u bdew jaħdmu sewwa.

**Kummissjoni Propaganda**

Sa minn qabel is-sajf tal-1982 il-president tal-Kummissjoni Mass Media ippreżenta proġett dwar propaganda għall-Kungressi f'pajjiżna u barra minn Malta: kien proġett ta' wieħed professjonista u forsi seta' jkun ta' siwi biex jiġbed għadd mhux żgħir ta' pellegrini iżda billi l-persuna li kienet riedet tweġiba malajr, u għax il-Kumitat organizzativ ma kellux fondi u d-djoċesi ma kellhiex minn fejn toħroġ fondi għall-ħlas tal-"professional fees" li ġew mitluba, il-proġett ma seħħx.

Il-propaganda ma' barra mbagħad saret mis-Segreterija stess permezz ta' żewġ bulletini ta' informazzjoni li ntbagħtu lill-konferenzi episkopali kollha, lill-ġurnali kattoliċi kollha ta' l-Ewropa, u lil xi aġenziji tal-vjaġġi kattoliċi. L-Accademia ta' Ruma wkoll ħadet ħsieb tibgħat lill-konferenzi episkopali kollha u lill-għadd kbir ta' nies tagħrif ieħor dwar il-Kungressi.

Fil-bidu tas-sajf tal-1983 is-Segreterija tal-Kungressi, f'isem l-isqfiijet ta' Malta u Għawdex bagħtet invit għall-Kungressi lill-isqfijiet kollha ta' l-Ewropa. Ġew biss erba' isqfijiet, l-isqof awżiljarju ta' Paderborn, Mons. Paul Nordhaus li kien hawn għall-ftuħ tal-Kungress Marjoloġiku, l-isqof awżiljarju ta' Olzstyn Mons. Julian Wojtkowski u Mons. Elias Yanes Alvarez, Arċisqof ta' Saragossa u Mons Domenico Vacchiano, delegat pontifiċju għas-Santwarju ta' Pompej.

Dan wieħed kien jistennih, għaliex tul il-ġimgħa tal-Kungressi, il-Papa żar l-Awstrja u għadd kbir ta' isqfijiet marru hemm, u immedjatament wara kien hemm il-laqgħa tal-Konferenza tal-isqfijiet tal-Ewropa fil-Jugoslavja.

Jekk il-kummissjoni Mass Media tad-djoċesi ma setgħetx tagħti l-għajnuna għall-propaganda għall-Kungress, tat kontribut mill-aqwa matul il-ġranet tal-Kungress fis-sala stampa u fis-segreterija tal-Kungressi, fit-tħaddim tas-"simultaneous translation", fis-servizz fotografiku, eċċ.

**Kummissjoni ekonomika**

Meta saret l-ewwel laqgħa tal-Kumitat organizzattiv kien ġie propost li l-ġbir tal-fondi għall-ispejjeż tal-Kungress ikun f'idejn l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kurja ta' Malta. Dan ma sarx minħabba l-ħafna impenji tal-amministrazzjo-

ni tal-Kurja u din ma setgħetx tidħol għal ħidma oħra, u mbagħad għadda żmien sewwa qabel ġie nominat il-kumitat finanzjarju. Il-membri nominati kienu s-Sur Peter Cassar Torreggiani bħala chairman, is-Sur V. Spiteri Staines, is-Sur Neville Curmi u s-Sur Demaria, li aktar tard ma kompliex jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat. Aktar tard ġew mistiedna biex ikunu membri s-Sur Frans Frendo u s-Sur Paul Galea tal-Kummissjoni Emigranti u s-Sur Dumink Borg.

Għal-laqgħat ta' dan il-Kumitat kienu jieħdu sehem ukoll Mons. Philip Calleja, Mons. G. Lupi u Dun F.X. Schembri.

Għall-ewwel kien maħsub li ħafna mill-ispejjeż tal-Kungressi se jinġabru mill-barranin li kienu mistennija jiġu Malta, iżda meta mbagħad deher ċar li minħabba ħafna ċirkostanzi, ma stajniex nistennew li jiġu ħafna nies minn barra, il-Kumitat beda jaħseb biex ifittex għejjun oħra minn fejn jinġabu l-ispejjeż.

Il-Kumitat għamilha ċara mill-ewwel illi kull organizzazzjoni li kellha fdata f'idejha xi attività tal-Kungressi, kellha tieħu ħsieb hi l-fondi għall-ispejjeż ta' l-attività li tkun, biex il-Kumitat finanzjarju jikkonċentra fuq l-ispejjeż kbar ta' l-alloġġ tal-Kongressisti, tal-laqgħa lill-Kardinal u taċ-ċelebrazzjoni fuq il-Fosos.

Għall-ispejjeż tal-Kongressisti kien mistenni li jagħmlu tajjeb ġabra fil-knejjes kollha ta' Malta u l-bejgħ tas-souvenirs tal-Kungressi, waqt li għal-laqgħa tal-Kardinal u għaċ-ċelebrazzjoni fuq il-Fosos tagħmel tajjeb il-ġabra li ssir waqt iċ-ċelebrazzjoni.

Fil-fatt id-dħul kollu li kien hemm għalkemm laħaq mal-Lm14,000 ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż kollha li kienu wisq aktar mill-previst, u l-Kumitat finanzjarju għandu quddiemu deficit ta' Lm11,000 minkejja li sar minn kollox biex l-ispejjeż jinżammu baxxi kemm jista' jkun.

**Kummissjoni liturġika kulturali**

Il-Kummissjoni liturġika-kulturali kellha żewġ sezzjonijiet: iċ-ċerimonjier djoċesan mgħejjun minn erba' kappillani ħa ħsieb il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li saru Malta fil-ġranet tal-Kungress. Dawn kienu l-pontifikal fil-Kattidral nhar it-8 ta' Settembru, li bih ingħata bidu għall-Kungress Marjoloġiku, il-pontifikal f'San Ġwann il-Ħamis 15 ta' Settembru għall-ftuħ tal-Kungress Marjan u l-purċissjoni u l-Quddiesa ta' fuq il-Fosos is-Sibt 17 ta' Settembru. Is-sezzjoni ħadet ħsieb ukoll tħejji kalendarju liturġiku biex jiġi mħares fil-knejjes kollha tul il-ġranet tal-Kungressi.

Is-sezzjoni kultura, taħt il-presidenza ta' Mons. V. Borg, ħadet ħsieb kemm il-Wirja ta' Arti Marjana fil-Mużew tal-Kattidral u kemm il-laqgħat tas-sezzjoni Maltija tal-Kungress Marjoloġiku.

Il-Kumitat Organizzattiv tal-Kungressi avviċina lill-"Friends of the Cathedral Museum" dwar wirja ta' devozzjoni Marjana fis-sekli 17 u 18, u fuq suġġeriment tagħhom innominat lill-membri ta' din l-assoċjazzjoni bħala sotto-kumitat għall-organizzazzjoni tal-Wirja Marjana. Kien hemm ħsieb li jiġu mistiedna pitturi u skulturi Maltin biex jibagħtu xi xogħlijiet tagħhom

b'suġġett Marjan għall-Wirja, iżda mbagħad fuq dan ma sar xejn, kif ma sar xejn ukoll dwar Wirja ta' fotografija b'suġġett Marjan.

Saret ukoll stedina lill-Provinċjali ta' l-Ordnijiet reliġjużi Maltin biex jinteressaw lir-reliġjużi tagħhom kemm dawk f'Malta u kemm dawk barra biex jagħtu l-kontribut tagħhom fil-laqgħat ta' studju tal-Kungress Marjoloġiku u l-Fakultà tat-Teoloġija aċċettat li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-laqgħat ta' l-istudju tal-grupp Malti.

Din il-Kummissjoni kellha tkun ukoll responsabbli tal-Kunċert ta' mużika reliġjuża Maltija li kellu jsir fl-okkażjoni tal-Kungressi. Ġie mistieden Dun Ġwann Galea biex jieħu ħsieb u, bl-għajnuna ta' Dun Ġwann Azzopardi, Direttur tal-Mużew tal-Kattidral, ifittex fl-Arkivju tal-Kattidral mużika reliġjuża adatta għall-Kunċert.

**Kummissjoni alloġġi**

Il-Kumitat Organizzattiv ħalla f' idejn is-St. Paul's Tourist Council l-organizazzjoni kollha tat-trasport bejn airport u Seminarju tal-Virtù u Mount St. Joseph, fejn kienu se jalloġġjaw il-kongressisti, u t-trasport tal-kongressisti kuljum għal-laqgħat ġenerali l-Furjana. Is-St. Paul's Tourist Council kellu wkoll jorganizza eskursjoni tal-kongressisti dwar Malta u għal xi festa l-Hadd filgħaxija, u t-trasport għal Għawdex għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-egħluq tal-Kungress Marjan.

## IT-THEJJIJA TAL-PROGRAMM

Waqt li dawn il-Kummissjonijiet kienu mpenjati bil-ħidma li ġiet fdata f'idejhom, il-Kumitat organizzativ beda jaħseb bil-programm tal-Kungressi u jaġġornah skond ma jkun meħtieġ. L-abbozz tal-programm tal-Kungressi mfassal mill-*Academia Mariana* ġie rivedut kemm-il darba fil-laqgħat tal-Kumitat organizzativ.

Il-membri ta' dan il-Kumitat mill-ewwel ma qablux li l-laqgħat ġenerali jsiru fil-Mediterranean Conference Centre minħabba l-ispiża kbira tal-kiri tal-post, għalkemm P. Melada baqa' sa l-aħħar jinsisti għal dan il-post; iżda mbagħad ftit qabel il-ftuħ tal-Kungressi ikkonvinċa ruħu li l-Istitut Kattoliku kien post aħjar għax aktar milħuq.

Bidla oħra fil-programm proviżorju kienet li l-laqgħat plenarji jsiru filgħodu fl-Istitut Kattoliku, u l-laqgħat ta' studju jsiru wara nofsinhar f'tal-Virtù.

Fil-programm imbagħad ġew imdaħħla għadd ta' attivitajiet djoċesani u kienu dawn l-attivitajiet li kellhom jiġu riveduti kemm-il darba.

Barra l-wirja marjana u l-kunċert li kienu ssemmew fl-ewwel laqgħa ma' P. Melada, f'Għawdex, ġew proposti laqgħat għall-ħaddiema, għall-għarajjes ġodda, għall-morda, għax-xjuħ, għall-inkapaċitati, għassorijiet tal-klawsura, għat-tfal, għall-ġenituri bi trabi. Issemmew ukoll pellegrinaġġ tażżgħażagħ, pellegrinaġġ nazzjonali l-Mellieħa, reception għal-

Legat tal-Papa, pranzu tal-legat ma' l-istudenti reliġjużi u s-seminaristi fis-Seminarju u pranzu tal-Legat mal-personalitajiet tal-gżira.

L-organizazzjoni ta' dawn il-laqgħat tħalliet f'idejn għadd ta' kumitati speċjali li kollha ħadmu b'interess kbir.

**Il-laqgħa tal-ħaddiema** saret fil-parroċċa ta' Bormla u kellhom sehem fl-organizzazzjoni tagħha l-kapitlu ta' Bormla u ż-Ż.Ħ.N.: kien hemm il-ħsieb li ssir Quddiesa b'feature qabilha fuq il-Knisja u l-ħaddiem, iżda mbagħad saret biss il-Quddiesa li qaddisha l-Arċisqof. Il-laqgħa ta' l-għarajjes u l-miżżewġin ġodda tħalliet f'idejn il-Moviment ta' Kana u saret l-Erbgħa 13 ta' Settembru fis-Santwarju tal-Mellieħa.

**Il-laqgħa tax-xjuħ** tħalliet f'idejn il-Caritas (Malta) u saret kif kien ippjanat fil-knisja tad-Dumnikani r-Rabat, iżda mhux fil-ġurnata li kienet ġiet proposta l-ewwel darba. Għal din il-laqgħa kien hemm tweġiba tajba minn ħafna parroċċi u kien hemm wisq aktar xjuħ milli kien mistenni, għaliex barra dawk li ġew mid-djar tax-xjuħ, ħafna parroċċi organizzaw privates għall-anzjani tagħhom. Qaddes Mons. Salv Sammut. Kien hemm ħsieb li jagħlaq iċ-ċelebrazzjoni l-Kard Renard, iżda dan baqa' ma ġiex Malta għax marad u ftit wara miet. Il-patrijiet dumnikani ħadu ħsieb imbagħad li jagħmlu trattament żgħir lix-xjuħ fil-kunvent tagħhom.

Kien hemm ħsieb li jsiru għadd ta' **laqgħat għall-morda** f'postijiet differenti, iżda mbagħad ġie deċiż li ssir laqgħa waħda għall-morda kollha fil-Bażilika ta' Birkirkara fejn kien hemm ħsieb li jinġieb il-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba, u oħra għall-inkapaċitati fil-knisja tal-Konventwali, ir-Rabat, fejn hemm miqjuma x-xbieha tal-Madonna tas-Saħħa. Inqalgħu xi diffikultajiet dwar din iċ-ċelebrazzjoni, iżda mbagħad kollox irranġa ruħu u saret ċelebrazzjoni waħda għall-morda u l-inkapaċitati quddiem il-knisja tal-Kappuċċini il-Furjana: il-patrijiet Konventwali tar-Rabat ħadu ħsieb iniżżlu l-Furjana l-kwadru tal-Madonna tas-Saħħa.

**Il-laqgħa għas-sorijiet tal-klawsura** — quddiesa mil-Legat tal-Papa għand il-Klarissi f'San Ġiljan — kienet tħassret, għax mit-tweġib li wasal fis-segreterija għall-istedina li saret lis-sitt monasteri tal-klawsura, kien deher li mhux se tirnexxi, iżda mabgħad id-diffikultajiet li kien hemm ġew megħluba u s-sorijiet tal-klawsura, is-Sibt, 17 ta' Settembru, fit-8 ta' filgħodu nġabru San Ġiljan għand il-Klarissi għall-Quddiesa konċelebrata, ippresseduta mill-Kard. Pappalardo, u li fiha ikkonċelebraw ukoll l-isqfijiet Maltin.

**Il-laqgħa għaż-żgħażagħ** saret fil-Knisja tal-Mosta, il-Ġimgħa 9 ta' Settembru fil-5.30 p.m. u tħejjiet minn għadd kbir ta' żgħażagħ immexxija minn P. Pawl Chetcuti S.J., u kellha bħala suġġett: *Il-mixjiet ta' Marija fil-ħajja tagħha bħala mudell fil-ħajja taż-żgħażagħ.*



L-Arċisqof f'Bormla għall-Quddiesa tal-ħaddiema.



Iċ-ċelebrazzjoni għat-tfal fid-Dar Ċentrali tal-M.U.S.E.U.M.



L-Arċisqof fost it-tfal fiċ-ċelebrazzjoni li saret għalihom fis-Santwarju ta' Santa Tereża, B'Kara.



It-tfal miġburin fis-Santwarju ta' Santa Tereża.

Introduċa s-suġġett Mons. Victor Grech u P. Chetcuti fisser kif fl-Evanġelju naraw lil Marija miexja wara Ġesù u lejn Ġesù biex aħna wkoll, fuq l-eżempju tagħha, nistgħu nimxu wara Ġesù. Iż-żgħażagħ imbagħad inġabru fi gruppi biex jitħaddtu bejniethom fuq is-suġġett u jhejju 'posters' u kartelluni biex bihom iżejnu l-Knisja u jkunu juru t-talb tagħhom waqt il-Quddiesa li bdiet fis-7 p.m. u qaddisha l-Arċisqof flimkien ma' għadda ta' saċerdoti li jaħdmu fost iż-żgħażagħ. Il-kant tal-Quddiesa kien akkompanjat mill-grupp popolari *Stratkast.*

**Il-pellegrinaġġ taż-żgħażagħ Maltin** għal Għawdex sabiex, flimkien maż-żgħażagħ Għawdxin jagħmlu velja fis-Santwarju ta' Pinu bil-lejl tas-17 ta' Settembru, ma sarx, iżda ż-żgħażagħ Għawdxin il-velja għamluha waħedhom.

Flok **il-pellegrinaġġ nazzjonali** għall-Mellieħa sar pellegrinaġġ miċ-Ċirkewwa għas-santwarju ta' Pinu, immexxi mill-isqfijiet u organizzat mill-K.D.A.L.

Ir-"reception" għall-Kardinal u l-pranzu mal-personalitajiet Maltin, ma sarux minħabba li l-Kardinal ma ġiex il-Ħamis kif ippjanat, imma l-Ġimgħa: sar biss **il-pranzu fis-Seminarju** fejn flimkien mal-kongressisti kien hemm mistiedna l-istudenti kollha tat-teoloġija reliġjużi u seminaristi flimkien mas-superjuri u l-professuri tagħhom.

Qabel il-pranzu l-Kardinal bierek statwa tal-Madonna, Omm il-Vokazzjonijiet li ġiet imtellgħa fil-ġonna tas-Seminarju b'tifkira tal-Kungress. Preżenti għat-tberik kien hemm numru mhux żgħir ta' ġenituri tal-istudenti tas-Seminarju taż-żgħar, u ta' tfal li jattendu l-*Vocation Guidance Courses* tas-Seminarju.

**Għal-laqgħa tat-tfal** ukoll kien hemm ħafna proposti. L-ewwel ħsieb kien li jsiru żewġ laqgħat, waħda għat-tfal ta' l-ewwel tqarbina u l-oħra għat-tfal tal-Griżma, u l-qofol tal-laqgħa jkun "pageant" fuq il-Madonna mtellgħa mill-Oratorju tal-Mosta: saru ħafna suġġerimenti dwar il-post tal-laqgħa, iżda fl-aħħar kien jidher li kulħadd qabel li ż-żewġ laqgħat isiru De La Salle College, fil-Kottonera. Qabel din il-proposta kienet ġiet diskussa l-opportunità ssirx Quddiesa fuq il-Fosos għat-tfal kif kien sar tliet snin qabel fis-Sena Marjana, iżda l-Arċisqof ma kienx favur il-Quddiesa. Fl-aħħar ġie deċiż li t-tfal jinqasmu f'żewġ gruppi, skond il-parroċċi, u jsiru żewġ laqgħat għalihom.

Il-laqgħa ta' l-ewwel grupp saret il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru bejn is-6.00 u s-7.30 p.m. fil-Headquarters tal-Museum, il-Blata l-Bajda. Dawn il-parroċċi kienu ma' l-ewwel grupp:- Fleur de Lys — Floriana — G'Manġa — Gżira — Hamrun S.G. — Hamrun K. — Marsa M.R. — Marsa Tr. — Msida — S. Ġiljan — S. Ġwann — Sliema S.M. — S.C. — S.G. — G.N. — Vittoriosa — Valletta S.P. — S.D. — S.W. — Siġġiewi — Balluta — Kalkara — Tarxien — Attard — Żurrieq — Kirkop.

Il-laqgħa Marjana għat-tieni grupp saret l-Erbgħa, 14 ta' Settembru bejn is-6.00 u s-7.30 p.m.

fil-Knisja ta' Sta. Teresa, B'Kara u għaliha kien hemm preżenti l-Arċisqof.

F'dan il-grupp kien hemm it-tfal mill-parroċċi ta': Balzan — B'Kara S.E. — S.Ġ.H. — B'Buġa — Burmarrad — Cospicua — Dingli — Fgura — Għargħur — Għaxaq — Gudja — Ta' Xbiex — Lija — Luqa — M'Xlokk — Mellieħa — Mġarr — Mosta — Mqabba — Naxxar — Paola K.R. — Lourdes — Qormi S.Ġ. — S.B. — Qrendi — Rabat — Safi — Sta. Luċija — San Pawl il-Baħar — Sta. Venera — Senglea — M'Scala — Żabbar — Żebbuġ — Żejtun.

It-tfal imbagħad ġew mistiedna wkoll biex il-Ġimgħa 16 ta' Settembru, jinġabru qrib il-Monument ta' Kristu Re, il-Furjana, ħalli jagħtu merħba lill-Kardinal.

Il-kumitat li ħa ħsieb l-attivitajiet tat-tfal, organizza wkoll Drama Festival u Song Contest, li saru fit-28 ta' Settembru fl-Istitut Kattoliku.

Għas-**Song Contest** daħlu 13-il kanzunetta b'tema Marjana kantati minn 13-il tifel jew tifla taħt it-12-il sena u akkompanjati fil-kant mill-**Young People's Orchestra** taħt id-direzzjoni ta' Mrs. Helen Degabriele.

Il-panel li ġġudika l-kanzunetti kien magħmul mis-Surmast Sammy Galea, minn P. Anton Briffa OFM Cap u minn Sr. Salvina Cauchi tas-Sorijiet Agostinjani.

Il-kanzunetta rebbieħa, li ħadet l-ewwel premju ta' Lm30, kienet IL-ĠNEJNA TAT-TFULIJA, versi ta' Dr. Ġ. Zammit, mużika tas-Sra Carmelina Zammit, kantata minn Romina Grima. It-tieni premju ta' Lm20 ingħata lill-kanzunetta GRAZZI MARIJA, versi ta' Miss Mary Vella, mużika ta' Mro. Carmelo Zammit, kantata minn Nathalie Zammit. Hadet it-tielet premju ta' Lm10 l-kanzunetta TALBA TA' L-ORFNI versi u mużika ta' Edward Tagliaferro, kantata minn Stephanie Caruana. Lit-tfal li kantaw il-kanzunetti rebbieħa ngħata "trophy".

Għad-**Drama Festival** daħlu seba' gruppi, iżda mbagħad tnejn minnhom irtiraw. Il-ġurija tad-Drama Festival magħmula minn Miss Lina Ciarlo' u s-Sinjuri J. Zammit Cordina, T. Cutajar u J. Scerri, minkejja l-interess tat-tfal u ta' dawk li għallmuhom, dehrilha li ebda produzzjoni ma ħaqqha l-ewwel premju, u qieset bħala l-aħjar il-produzzjonijiet imħejjija minn St. Francis School ta' B'Kara, u minn St. Francis School ta' Bormla. Iż-żewġ produzzjonijiet ġew preżentati fl-Istitut Kattoliku, u t-tieni premju ġie assenjat lil St. Francis School ta' B'Kara għad-dramm KARMNI U L-MADONNA miktub minn Sr. Celina Cini u dirett minn P. Mark Enriquez, waqt li t-tielet premju ngħata lil St. Francis School ta' Bormla għad-dramm IŻ-ŻERNIQ TAD-DEVOZZJONI MARJANA F'BORMLA. Barra l-premju li ngħata liż-żewġ drammi ngħata wkoll "trophy" lill-aħjar żewġ atturi, li kienu **Joseph Galea** ta' l-iskola ta' Bormla u **Elaine Meli** ta' l-iskola ta' B'Kara.





Waqt il-Pontifikal ta' l-inawgurazzjoni tal-Kungress Marjoloġiku fil-Kattidral ta' l-Imdina fit-8 ta' Settembru.



L-Arċisqof waqt l-omelija fit-8 ta' Settembru.



L-Arċisqof ibierek il-Wirja Marjana fit-8 ta' Settembru.



Fir-ritratt Mons. Lupi, Rev. Charles Molette huwa u jaqra l-messaġġ tal-Kardinal Renard, l-isqof Wojtkowski, l-Arċisqof ta' Malta, il-President tar-Repubblika, P. Melada, l-isqof ta' Għawdex, Mons. F. Canalini Chargé d'Affaires tal-Vatikan, u P. Radic O.F.M.



Parti mill-mistednin li attendew għall-ftuħ tal-Kungress Marjoloġiku

## L-AĦĦAR ĠRANET QABEL IL-KUNGRESS

Meta qorob sewwa ż-żmien tal-ftuħ tal-Kungressi, fl-okkażjoni tal-festa ta' S. Marija, l-isqfijiet ħarġu pastorali li fiha tennew ix-xewqa tagħhom li bħala frott tal-Kungressi Marjani, ikun hemm tiġdid sħiħ fil-familja Maltija. U aktar tard l-isqof ta' Għawdex stieden lill-familji Għawdxin u l-aktar l-irġiel u n-nisa li żżewġu f'dawn l-aħħar snin biex fil-31 ta' Awissu jinġabru fis-Santwarju ta' Pinu u jikkonsagraw ruħhom lill-Madonna.

Fl-istess żmien waslet l-aħbar li l-Papa kien innomina lill-Kardinal Salvatore Pappalardo, Arċisqof ta' Palermo, bħala l-invjat speċjali tiegħu għall-Kungress Marjan.

Imbagħad il-Ħadd 4 ta' Settembru, qabel it-talba ta' l-**Angelus**, il-Papa ħabbar il-ftuħ tal-Kungressi u stieden lil kulħadd jitlob biex joħroġ ħafna ġid minnhom billi l-poplu Malti jasal biex igawdi paċi reliġjuża u għaqda sħiħa fl-istqarrija tal-fidi nisranija li xandar San Pawl u hekk il-Knisja Maltija, megħlubin id-diffikultajiet ta' issa tkun tista' taqdi bla xkiel il-Missjoni tagħha, ukoll fl-oqsma ta' l-assistenza u ta' l-edukazzjoni għall-ġid ta' kulħadd.

Xi għaxart ijiem qabel il-ftuħ tal-Kungressi P. Melada ġie jumejn Malta biex jara kienx kollox sew ħalli l-Kungressi jibdew bla ebda tfixkil ta' xejn, imbagħad reġa' kien Malta fil-5 ta' Settembru ma' membri oħra ta' l-Academia Mariana Internationalis biex jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni tal-Kungressi.

Mit-Tlieta 6 ta' Settembru bdew ġejjin il-Kongressisti u l-ewwel gruppi kienu l-pollakki, immexxijin mill-isqof ta' Olzstyn, Mons. Julian Wojtkowski u l-kroati. Wasal ukoll l-isqof awżiljarju ta' Paderborn, Mons. Paul Nordhaus li qagħad biss għall-ftuħ tal-Kungress Marjoloġiku.

## IL-FTUĦ TAL-KUNGRESS MARJOLOĠIKU

Il-Kungress Marjoloġiku nfetaħ nhar it-8 ta' Settembru b'Pontifikal fil-Kattidral ta' l-Imdina. Ippresieda l-konċelebrazzjoni l-Arċisqof ta' Malta u ikkonċelebraw miegħu l-isqfijiet ta' Għawdex, ta' Paderborn u ta' Olzstyn, il-Kapitlu tal-Kattidral, P. Melada u l-presidenti tas-sezzjonijiet lingwistiċi tal-Kungress waqt li l-Kongressisti assistew għall-Pontifikal fil-knisja.

Qabel il-Pontifikal, fl-4.30 p.m. l-Arċisqof bierek il-wirja ta' Arti Marjana tas-sekli XVII u XVIII li thejjiet fil-Mużew tal-Kattidral. Dr. Edward Sammut, li kien il-president tal-kummissjoni li hejjiet il-wirja għamel diskors ta' merħba lill-Arċisqof u lill-Kongressisti li kienu mistiedna għall-ftuħ. L-Arċisqof imbagħad, fid-diskors tiegħu, qal li l-wirja kienet xhieda ħajja ta' l-imħabba u tad-devozzjoni lejn il-Madonna li l-poplu Malti dejjem rawwem u ħeġġeġ f'qalbu. Parti mill-wirja kienet dedikata għall-wiri ta' ex-voto minn għadd ta' Santwarji Marjani Maltin. Għall-

okkażjoni tal-wirja l-kummissjoni hejjiet katalogu li ma kienx biss lista ta' oġġetti u pitturi li kien hemm għall-wiri. Aktar minn katalogu, hu studju fuq l-Arti Marjana f'Malta, imqassam f'erba' kapitoli: a) **Late medieval art in Malta** ta' Mario Buhagiar; b) **Seventeeth and Eighteenth Century Art in Malta** ta' Dominic Cutajar; u c) **The Madonna in the Maltese Art of the Nineteenth Century** ta' Antonio Espinosa Rodriguez; d) **The ex-voto as a reflection of folklore and social history** ta' Mario Buhagiar. Dawn il-kapitoli jservu bħala introduzzjoni għad-deskrizzjoni ta' kwadri u oġġetti oħra li kien hemm fil-wirja.

L-inawgurazzjoni solenni tal-laqgħat plenarji tal-Kungress Marjoloġiku saret il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru fl-11.00 a.m. fl-Istitut Kattoliku fil-preżenza tal-President tar-Repubblika, is-Sinjorina Agatha Barbara u għadd kbir ta' mistednin u kongressisti.

Wara l-kant ta' l-innu Malti u ta' l-innu uffiċjali tal-Kungress, kantati mill-kor "Shalom" ta' l-Oratorju tal-Mosta, il-President tat il-merħba lill-Kongressisti b'dan il-kliem:

Bħala President tar-Repubblika ta' Malta, għandi pjaċir nagħtikom ilkoll merħba f'pajjiżna fl-okkażjoni tal-Kungress Marjoloġiku u tal-Kungress Marjan.

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li ninnota illi għal dawn il-Kungressi ġejtu numerużi minn bosta pajjiżi diversi, u li fostkom hawn rappreżentanti ta' madwar ħamsin Università mid-dinja kollha.

Partikolarment sinjifikanti fil-kuntest sħiħ ta' dawn il-Kungressi, huwa l-fatt illi hawn fostkom rappreżentanti minn Reliġjonijiet oħra barra dik Kattolika. Ġejtu lkoll hawn Malta bil-għan li tistudjaw u li tkabbru d-devozzjoni lejn il-Madonna Omm Alla u Ommna.

Jiena nittama u nawgura li ż-żjara tagħkom f'pajjiżna, tħalli l-frott mixtieq minna lkoll.

Għalkemm pajjiżna huwa ċkejken fid-daqs tiegħu, il-kobor ta' qalb il-Maltin u l-Għawdxin huwa magħruf ma' kulħadd, u għalhekk inħossni ċerta illi kemm iddumu fostna, idduqu intkom ukoll l-ospitalità tradizzjonali tal-Maltin u ta' l-Għawdxin.

Nittama wkoll li tul iż-żjara tagħkom issibu l-ħin biex taraw xi ftit mill-Wirt Storiku kbir ta' pajjiżna. Mill-ġdid intenni l-awgurju tiegħi għal suċċess sħiħ fix-xogħol tagħkom matul iż-żewġ Kungressi, u nawgura illi tmorru lura lejn pajjiżkom b'tifkiriet sbieħ tal-miġja tagħkom fostna — fir-Repubblika ta' Malta.

Wara nqara messaġġ tal-Kardinal Alexander Renard, ex-Primat ta' Franza. Il-messaġġ inqara minn Fr. Charles Molette, President tas-Soċjetà Franċiża ta' l-Istudji Marjani.

Il-Kardinal Renard wera d-dispjaċir kbir tiegħu li minħabba l-istat ta' saħħtu hu ma setax jingħaqad mad-delegati fil-Kungress Marjoloġiku kif kien għamel f'Saragossa.

Fil-messaġġ tiegħu l-Kardinal wera x-xewqa li waqt il-Kungress

tiġi diskussa l-possibiltà li San Luigi-Maria Grignon de Montfort jiġi dikjarat Duttur tal-Knisja. Qal ukoll li riċentement huwa kiteb lill-Papa fejn urieh ix-xewqa tiegħu biex issir din id-dikjarazzjoni fuq dan il-Qaddis Franċiż li beda l-Leġjun ta' Marija.

L-Arċisqof tkellem wara li nqara l-messaġġ tal-Kardinal Franċiż u qal li "huwa ta' pjaċir kbir għalija li nsellimilkom f'isem il-Knisja li qegħda f'Malta.

Mons. Arċisqof qal ukoll:-

"Aħna nħossu li l-Qdusija Tiegħu l-Papa ta unur kbir lill-Knisja f'Malta meta għoġbu jagħżel iż-żewġ gżejjer tagħna bħala l-post ta' dan il-Kungress u aħna ma ħlejna l-ebda sforz biex nagħmlu lilna nfusna denji ta' dan l-unur. Persuni minn aktar minn 20 nazzjon qed jonorawna bil-preżenza tagħhom hawnhekk u qed jingħaqdu magħna fiċ-ċelebrazzjonijiet li aħna qed nagħmlu fl-okkażjoni ta' dan il-Kungress u tas-16-il Kungress Marjan Internazzjonali li se jkun presjedut mill-Mibgħut Speċjali tal-Papa, il-Kardinal Salvatore Pappalardo, Arċisqof ta' Palermo.

"Il-Verġni Marija se tkun magħna tul dawn il-jiem tal-Kungress kif hi kienet ma' l-Appostli u maddixxipli tal-Mulej fil-kamra ta' fuq waqt li kienu qed jistennew issehh il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu li kien għamlilhom il-Mulej; hi se tkun magħna fit-talb tagħna, fid-diskussjoni tagħna, fl-istudji tagħna biex dak kollu li nagħmlu u naħsbu u ngħidu tul dawn il-ġranet ikun għall-ikbar glorja ta' Alla."

Tkellem ukoll Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, li wara li sellem lill-kongressisti, qal li "għalkemm il-gżejjer tagħna huma żgħar, huma kburin li huma fost dawk in-nazzjonijiet li waslitilhom il-Bxara t-Tajba permezz ta' San Pawl, l-Appostlu tal-Ġnus; huwa hu li xeħet fuq artna l-ewwel żerriegħa tal-Kristjaneżmu, li minn żerriegħa żgħira ħafna kibret f'siġra kbira ħafna."

Mons. Cauchi qal ukoll li "minn dawk iż-żminijiet imbiegħda, il-poplu tagħna ħares bħala teżor prezzjuż, il-kult lejn il-Verġni Santissima, b'devozzjoni qawwija".

Kelliem ieħor fil-ftuħ tal-Kungress Marjoloġiku kien Mons. Francesco Canalini, Chargé d'Affaires fin-Nunzjatura Apostolika ta' Malta.

Mons. Canalini, wara li semma d-devozzjoni kbira li għandu l-Papa Ġwanni Pawlu II għall-Madonna qal li d-dawl li se jixħtu dawn il-Kungressi Marjani, "dawl li jiddi permezz tas-Salib ta' Malta, se jixgħel b'mod partikolari f'dawn il-jiem u li, nittamaw, iwassal għal dak li l-Papa fl-Ittra Tiegħu lill-Isqfijiet is-sena l-oħra, sejjaħ sforzi akbar għar-rikonċiljazzjoni biex b'hekk tinkiseb l-għaqda nazzjonali, li hija tant prezzjuża, l-għaqda bejn l-aħwa fil-libertà, fil-ġustizzja, u fl-imħabba".

L-aħħar kelliem fl-ewwel parti taċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Kungress kien Patri Nikola Radic, Kunsillier Ġenerali tal-Franġiskani Minuri, li jmexxu l-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali, li qed torganizza dawn il-Kungressi f'Malta.

Patri Radic fakkar il-Kapitlu Ġenerali Franġiskani tal-1621, li fil-bidu tal-perijodu li se jiġi studjat waqt dan il-Kungress, kien ittieħed

vot biex il-patrijiet ixerrdu d-duttrina u d-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Marija fost il-poplu nisrani. Hu semma lil San Leonardu da Porto Maurizio li kien appostlu ħabrieki għat-tixrid ta' din id-devozzjoni.

Fi tmiem l-ewwel parti taċ-ċerimonja nqara telegramm li ntbagħat lill-Papa Ġwanni Pawlu II f'din l-okkażjoni. It-telegramm, li huwa bil-Latin, jgħid hekk: "L-Ispeċjalisti fuq l-Imqaddsa Verġni Marija, minn 24 pajjiż, miġbura fil-Kungressi Marjoloġiku u Marjan Internazzjonali f'Malta mit-8 sat-18 ta' Settembru f'sessjoni ġenerali, fil-preżenza tal-President tar-Repubblika, ta' l-Isqfijiet Maltin, tad-Diretturi u Moderaturi ta' l-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali, u tal-kumitati lokali tal-Kungress, il-kleru djoċesan u regulari, numru kbir ta' sorijiet u ta' fidili, jesprimu lill-Qdusija Tiegħek id-devozzjoni u l-fedeltà tagħhom għall-Maġisteru tal-Konċilju Vatikan it-tieni u Tiegħek, u jitolbu b'mod ħerqan il-Barka Appostolika Tiegħek fuq ix-xogħol tagħhom."

Fit-tieni parti taċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Kungress Marjoloġiku inqraw messaġġi mill-Presidenti tal-gruppi speċjali skond il-lingwi.

Mons. V. Borg, President tas-sezzjoni Maltija u Praeses tal-Fakultà tat-Teoloġija ta' Malta, qal li bix-xogħol ta' tiftix li għamlu kull membru tas-sezzjoni Maltija sar magħruf l-iżvilupp storiku tal-qima Marjana f'Malta kemm fis-sekli 17 u 18 kif ukoll qabel. Dan ix-xogħol ma kienx ikopri biss id-Djoċeżi Maltija imma wkoll l-Ordnijiet Reliġjużi ta' l-Irġiel kollha li kienu twaqqfu fil-gżejjer Maltin sa dak iż-żmien. "Hija xi ħaġa ovvja," kompla jgħid Mons. Borg, "li b' hekk ingħatat kontribuzzjoni eċċellenti u soċjali tal-Gżejjer tagħna."

Fl-aħħar taċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Kungressi tkellem Patri Paolo Melada, OFM, President ta' l-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali. Fr. Melada, li ddikjara miftuħ ix-xogħol tal-Kungress, qal li l-intenzjoni ta' dawn il-Kungressi kienet dejjem li jaqdu l-kawża ta' l-għarfien Kattoliku f'dawk il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Omm Alla.

Hu qal li fil-fatt, l-intenzjoni tal-promotur tal-Kungressi Marjoloġiċi Internazzjonali, Patri Carlo Balic, kienet li "jirreferi fuq il-progress li jkun sar fil-laqgħat nazzjonali għalihom, jivvaluta r-riżultat u jdaħħalhom fil-patrimonju komuni tal-Marjoloġija".

Lejn tmiem id-diskors tiegħu, Patri Melada qal dan il-kliem bil-Malti bħala tislima lill-Kongressisti Maltin. Hu qal: "F'isem il-Pontifiċja Akkademja Marjana Internazzjonali nirringrazzjakom tal-merħba li tajtu lil dawn il-Kungressi u nixtieq li Malta lil Għawdex li jsiru dejjem iżjed devoti lejn il-Madonna, Omm Ġesù".

Fost il-mistednin attendew Dr. Eddie Fenech Adami, Kap tal-Partit Nazzjonalista, Membri Parlamentari, membri tal-Korp Diplomatiku u personalitajiet oħra.

## IS-SESSJONIJIET TAL-KUNGRESS MARJOLOĠIKU

Wara nofs in-nhar fis-Seminarju tal-Virtù bdew is-sessjonijiet ta' studju mqassmin f'seba' gruppi skond l-ilsien ta' kull grupp: kroati, ingliżi, franċiżi, ġermaniżi, taljani, polakki u portugiżi u spanjoli. Kull sessjoni kienet iddum xi erba' sigħat għax wara kull relazzjoni li kienet tinqara — u kien ikun hemm erba' jew ħames relazzjonijiet kull darba — kienet issir diskussjoni bejn dawk preżenti.

Dawn is-sessjonijiet saru kuljum, barra l-Ħadd, mill-Ġimgħa 9 ta' Settembru sa l-Erbgħa 14 ta' Settembru, u barra l-istudjużi li ġew minn barra 'l fuq minn 300 Maltin, saċerdoti, sorijiet u lajċi, inkitbu biex jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat. Il-kotra l-kbira tal-Maltin ħadu sehem fil-laqgħat tal-grupp bil-Malti, li saru l-Ġimgħa, it-Tnejn u t-Tlieta fl-Istitut Kattoliku mill-5 p.m. 'il quddiem. Ir-relazzjonijiet li nqraw fis-sezzjoni Maltija kienu dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna f'Malta fis-sekli XVII u XVIII. Dawn ir-relazzjonijiet ġew pubblikati bl-ingliż fi ktieb jismu MARIAN DEVOTION IN THE ISLANDS OF ST. PAUL.

Għadd ta' Maltin ukoll issieħbu mal-kongressisti barranin, li laħqu mal-190, fil-gruppi ta' l-ingliż, tat-taljan u tal-franċiż. Fil-grupp taljan, fl-ewwel ġurnata, tkellem Malti, is-Sur Ġerard Bugeja, mir-Rabat, li qara relazzjoni fuq "Un poema alla Madonna del Conte Ciantar scrittore Maltese del Settecento".

Is-Sibt filgħodu, fl-Istitut Kattoliku, mit-8.30 a.m. san-nofs siegħa, saru s-sessjonijiet ġenerali, u tkomplew it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa. It-tema ġenerali tal-konferenzi ta' l-ewwel ġurnata kienet id-devozzjoni Marjana fl-ambjent kulturali tas-sekli XVII u XVIII u l-polemiki li nħolqu dak iż-żmien. Fit-tieni ġurnata t-tema kienet id-devozzjoni marjana fost l-insara mhux kattoliċi fis-sekli XVII u XVIII.

It-Tlieta ġie studjat il-kontribut li taw it-teoloġi kbar u l-mistiċi kattoliċi f'dak iż-żmien, u fl-aħħar ġurnata, wara żewġ konferenzi fuq l-Arti Marjana fis-sekli XVII u XVIII, Mons. V. Borg, il-president tal-Fakoltà tat-Teoloġija f'Malta tkellem fuq id-devozzjoni tal-Maltin għall-Madonna u l-Prof. Giovannella Bertè tkellmet fuq id-devozzjoni tal-Kavallieri ta' Malta lejn il-Madonna, l-aktar dik ta' Filermo.

Fit-tieni laqgħa ġenerali tal-Kungress Marjoloġiku nqara l-messaġġ li l-Papa għoġbu jibgħat lill-isqfijiet Maltin, messaġġ li fih sellem lill-poplu Malti bħala wieħed mill-aktar nazzjonijiet insara antiki li dejjem ta xhieda li laqa' bil-qalb l-Evanġelju ta' Kristu u kellu dejjem devozzjoni kbira lejn Marija. Il-messaġġ inqara minn P. Paolo Melada O.F.M. il-president ta' l-**Academia Mariana Internationalis li organizzat il-Kungressi**

Fl-istess laqgħa Fr. Theodore Koehler, Direttur tal-Librerija Marjana ta' Dayton, Ċentru Internazzjonali ta' riċerka u studji Marjani ta' l-Università ta' Dayton, Ohio, fl-Istati Uniti, ippreżenta medalja tad-deheb lil Patri Stefano De Fiores, tal-Patrijiet Montfortjani.

P. De Fiores, li huwa teologu Taljan u studjuż kbir fil-Marjoloġija, kiteb ħafna xogħlijiet fuq il-Madonna u għallem ukoll għal ħafna snin fil-Fakultà Pontifiċja "Marianum" ta' Ruma.

Il-Librerija Marjana ta' Dayton fl-Istati Uniti ilha toffri għal diversi snin din il-medalja ta' mertu għal studjużi fil-Marjoloġija. Fost dawk li kienu rebħuha kien hemm ukoll Patri Balic OFM, fundatur tal-Kungressi Marjani.

F'diskors qasir li għamel P. De Fiores qal li hu kien qed jaċċetta din il-medalja mhux tant għal dak li għamel fil-passat, imma iktar bħala inkoraġġiment u mpenn għalih fil-futur. Hu semma wkoll l-importanza tal-Marjoloġija fid-dinja tal-lum, b'mod partikolari, fil-Knisja tal-lum.

P. De Fiores ippreżenta l-medalja tiegħu lil ommu li toqgħod qrib Catania, fi Sqallija, li sfat armla ta' 35 sena. Hu qal li ommu kienet rappreżentata hawn Malta minn ħuh flimkien ma' martu. P. De Fiores qal ukoll li jixtieq iqiegħed din il-medalja tiegħu "qrib il-benniena ta' tifla żgħira li twieldet elfejn sena ilu u li ispirat, tul is-sekli, rġiel u nisa, qaddisin, poeti, tħeġġilhom qalbhom f'opri ta' ħniena u ta' mħabba — lil Marija ta 'Nazaret fl-elfejn sena minn twelidha nqiegħed din il-medalja fil-benniena tagħha."

Fil-laqgħat tat-Tlieta, imbagħad, inqara t-Telegramm li l-Kardinal Casaroli, f'isem il-Papa bagħat tweġiba għat-telegramm li kien intbagħat minn Malta fi ftuħ il-Kungress Marjoloġiku. It-telegramm kien igħid:

BEATISSIMUS PATER NUNTIUM TELEGRAPHICUM FIDELITATIS TESTEM MELITA HUC MISSUM GRATISSIMO QUIDEM ANIMO SUSCIPIENS RESALUTAT BENEVOLE CONGRESSUM MARIOLOGICUM MARIANUM ISTIC EIUSQUE MODERATORES ET PARTICIPES OMNES DUM EOS AD MARIALEM PIETATEM AUGENDAM AC DOCTRINAM PROVEHENDAM HORTATUS APOSTOLICA SUA BENEDICTIONE LARĠITER CUMULAT CAELESTIUM PIGNORE LUMINUM ROBORUMQUE

AUGUSTINUS CARDINALIS CASAROLI SECRETARIUS STATUS

L-Erbgħa, is-sessjonijiet ta' studji f'Tal-Virtù, kienu biss ta' sagħtejn għaliex dak in-nhar saret ċelebrazzjoni ekumenika f'**St. Paul's Anglican Pro-Cathedral,** il-Belt. Din iċ-ċelebrazzjoni saret bħala konklużjoni ta' żewġ laqgħat ekumeniċi li saru f'Tal-Virtù bejn 29 studjużi kattoliċi, anglikani, protestanti, luterani u ortodossi li kienu qed jieħdu sehem fil-Kungress Marjoloġiku. Frott ta' dawn iż-żewġ laqgħat ekumeniċi kien rapport dwar fehmiet komuni fuq ix-xirka tal-Qaddisin u l-qima lejn il-Madonna ta' dawk li ħadu sehem fid-diskussjonijiet. Dawk li ffirmaw id-dikjarazzjoni kienu qed jitkellmu f'isimhom biss u mhux f'isem il-Knisja tagħhom. Il-kattoliċi dwar ix-xirka tal-Qaddisin u l-qima lejn il-Madonna jemmnu wisq aktar milli hemm fid-dikjarazzjoni, li turi biss il-qbil li hemm fuq ix-xirka tal-qaddisin fost l-insara kollha, kattoliċi u mhumiex.

Fil-Kattidral Anglikan, il-Ven. John Evans, b'kelmtejn f'waqthom laqa' bil-ferħ il-kongressisti fil-knisja tiegħu, u wara l-kant tal-Magnificat, inqrat silta mill-**Marialis cultus** tal-Papa Pawlu VI, li fuqha

għamel riflessjoni qasira. Fr. Eamon Caroll O.Carm., president tas-sezzjoni ingliża tal-Kungress. Inqrat imbagħad silta mill-Evanġelj u ta' San Ġwann u għamel riflessjoni fuqha, wieħed mill-kongressisti anglikani. Il-laqgħa spiċċat b'għadd ta' talbiet spontanej u bl-ilsna differenti u bil-Missierna.

Wara din iċ-ċelebrazzjoni ekumenika l-Kongressisti marru fil-Konkattidral ta' San Ġwann għall-kunċert ta' mużika reliġjuża Maltija mhejji mill-Kor ta' San Ġiljan, taħt id-direzzjoni tad-direttur tiegħu Dun Ġwann Galea.

Il-kunċert, fil-qofol tiegħu, kien kunċert ta' mużika reliġjuża Maltija tas-sekli XVII u XVIII li ġiet traskritta mill-manuskritti li jinsabu fil-Mużew tal-Kattidral, iżda kien hemm ukoll biċċiet ta' mużiċisti Maltin tas-seklu XIX u ta' żmienna.

Il-kunċert kellu suċċess li qatt ma stennejna: San Ġwann kien mimli bin-nies u l-kongressisti baqgħu impressjonati ħafna.

Il-Ħamis filgħodu, fl-Istitut Kattoliku, saret il-konklużjoni tal-Kungress Marjoloġiku fil-preżenza ta' l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex, ta' l-isqof awżiljarju ta' Olzstyn u ta' l-Arċisqof ta' Saragozza Mons. Elias Yanes Alvarez, li ġie Malta biex jieħu sehem fil-Kungress Marjan.

Wara li l-presidenti tas-sezzjonijiet kollha taw ir-rapport tagħhom, P. Melada rringrazzja lil kull min ta sehmu għas-suċċess tal-Kungress u ħabbar li Kungress ieħor, erba' snin oħra, se jsir fil-Ġermanja. joloġiku saru ħafna ċelebrazzjonijiet kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

## ĊELEBRAZZJONIJIET WAQT IL-KUNGRESS MARJOLOĠIKU

Il-Ħadd, in-Naxxar, l-Isla u Ħaż-Żabbar kien hemm il-festi titolari tal-parroċċi, u filgħaxija għadd kbir ta' kongressisti ttieħdu Ħaż-Żabbar għall-festa u baqgħu hemm sa ma spiċċa kollox. Kollha kienu impressjonati bl-entużjażmu tan-nies u bl-atmosfera ta' ferħ li sabu u li kienu ħaġa għal kollox ġdida għalihom.

Il-Ħadd filgħodu l-kongressisti kellhom eskursjoni turistika madwar Malta.

Dak in-nhar filgħaxija f'San Ġwann saret **il-professjoni solenni tas-sorijiet** waqt li ħdejn il-Kappuċċini, il-Furjana, saret ċelebrazzjoni għall-morda u l-inkapaċitati.

Għaxar sorijiet — tlieta agostinjani, tnejn dumnikani, tnejn orsolini, waħda soru tal-Bon Pastur, oħra soru franġiskana tal-Qalb ta' Ġesu' u oħra soru missjunarja ta' Ġesu' Nazzarenu għamlu l-professjoni solenni tagħhom quddiem l-Arċisqof. Kienet l-ewwel darba f'Malta li għadd ta' kongregazzjonijiet reliġjużi ta' sorijiet ingħaqdu flimkien biex jagħmlu funzjoni waħda tal-professjoni solenni, kif hi x-xewqa tal-Knisja skond l-ordni l-ġdid tal-Professjoni Reliġjuża.

Tliet mija u ħamsin **morda u inkapaċitati** ħadu sehem f'ċelebrazzjoni organizzata mill-Kummissjoni

Hidma għall-Morda u għall-Inkapaċitati ta' l-Azzjoni Kattolika.

Mons. Mikiel Azzopardi, Direttur tal-Familja tal-Morda — li tiġbor fiha madwar 900 marid — flimkien ma' Patri Edward Bezzina, O.P., iċċelebraw quddiesa għall-morda li nġiebu minn djar privati madwar Malta u mid-Dar tal-Provvidenza, fis-Siġġiewi.

Għall-okkażjoni ttieħed ukoll il-Kwadru tal-Madonna tas-Saħħa meqjum fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fir-Rabat, Malta.

Wara l-Quddiesa kien hemm programm ta' varjeta' li fih ħa sehem il-kor 'Shalom' tal-Mosta taħt id-direzzjoni ta' Dun Alfred Camilleri. Dan il-kor tat-tfal kanta wkoll waqt il-Quddiesa.

Fl-aħħar tal-Quddiesa l-morda u l-inkapaċitati preżenti ngħataw rikordju tal-Madonna tas-Saħħa.

Fil-ġurnata ta' qabel, is-Sibt sar **pellegrinaġġ nazzjonali għas-Santwarju ta' Pinu** organizzat mill-K.D.A.L. L-Arċisqof ingħaqad ma' madwar elf pellegrini minn Malta u fuq il-vapur ħafna nies — tfal, żgħażagħ u xjuħ, nisa u rġiel — kellhom okkażjoni jkellmuh. Il-pellegrinaġġ beda l-mixja tiegħu lejn is-Santwarju ta' Pinu minn xi żewġ kilometri 'il bogħod u fit-triq intqal ir-Rużarju. Malli l-pellegrini waslu l-Knisja, saret Quddiesa li fiha, flimkien ma' l-isqfijiet ikkonċelebraw għadd ta' saċerdoti. Fl-omelija, l-Arċisqof tkellem fuq il-miġja tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu f'Malta bejn it-2 u l-11 ta' Lulju ta' din is-sena. Hu qal li l-Maltin ħadu pjaċir jaraw il-kwadru tal-Madonna jimxi fit-toroq ta' Malta. "Kienet xewqa kbira tagħna", qal Mons. Arċisqof, "li dan il-kwadru li għandna f'dan is-Santwarju Bażilika jiġi Malta".

Mons. Mercieca kompla jgħid li "m'hemmx Malti jew Maltija li ma ġewx, għallinqas bil-ħsieb, ġewwa dan is-Santwarju; ma hemmx Malti jew Maltija, li għallinqas bix-xewqa, ma ntefgħux f'riġlejha, f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu biex jitolbuha, biex igħidulha li huma wliedha u li jinħtieġu l-għajnuna tagħha. U żgur li kull Malti u Maltija li ressqu lejn il-Madonna ħarġu mfarrġa".

Mons. Mercieca qal ukoll li, għalhekk, "kienet ħaġa sabiħa min-naħa tagħna, il-Maltin, li tlabna lill-Isqof, Mons. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u lir-Rettur biex jagħtuna l-kwadru għal ftit granet biex ikun magħna fostna Malta. U nħoss li għandna nirringrazzjaw pubblikament lil Mons. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, kif ukoll lir-Rettur, Mons. Beneditt Camilleri u lis-saċerdoti Għawdxin u l-Għawdxin kollha għaliex huma tawna l-aktar ħaġa għażiża li Għawdex għandu għal qalbu: il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Nirringrazzjawkom".

Mons. Arċisqof kompla jgħid: "Il-Madonna tgħidilna bil-ħajja tagħha, li mhux biżżejjed li nifirħu u nċapċpu, għad li l-Madonna tieħu pjaċir. Tieħu pjaċir bina l-Madonna sakemm lilna tarana nġibu ruħna bħala wliedha. U dan ifisser, sakemm aħna ngħinuha biex il-Bambin li hija ġġorr f'idejha u kellha għal disa' xhur fi ħdanha, aħna ngħinuha ġġorru fit-toroq tagħna, nuruh, tpoġġih fil-familji tagħna, fuq il-bank tax-xogħ-

## Laqgħat tal-Kungress Marjoloġiku



P. Melada jaqra l-messaġġ tal-Papa.



Fr. Theodore Koehler, Direttur tal-Librerija Marjana ta' Dayton, Ohio, jippreżenta midalja tad-deheb lil P. Stefano de Fiores, tal-patrijiet Montfortjani għall-ħidma tiegħu fil-Marjoloġija.

## Il-professjoni solenni tas-Sorijiet f'San Ġwann fil-11 ta' Settembru



L-Arċisqof assistit minn Mons. G. Lupi u Mons. Ph. Calleja



Is-Sorijiet qed jagħmlu l-professjoni perpetwa tagħhom.

ol, u tpoġġih fuq pajjiżna, biex pajjiżna, Malta u Għawdex, jibqa' dejjem ikkonsagrat lill-Qalb ta' Marija".

Mons. Arċisqof, imbagħad żied igħid li "fil-qalb tagħna għandu jkollna fidi f'Alla bħalma kellha l-Madonna u, fidi f'Alla tfisser li ma naqtgħux qalbna mill-ħniena ta' Alla. Ifisser li fid-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom, lil Alla ma npoġġuh qatt fil-ġenb, ma nibdluh ma' xejn, ma nibdluh ma' ħadd għax Alla huwa kollox, għax Alla huwa l-għajn ta' kull ġid. Ma nistgħux nagħmlu kontijiet tajba jekk inħallu barra lil Alla, jew lil Alla ma ntuhx l-ewwel post. U dan qed ngħidu llum għax aħna, il-poplu tagħna, qed jitniġġes ħafna bil-materjaliżmu, li jfisser jemmen f'dak li jmiss b'idejh u jara b'għajnejh".

"Hemm bżonn li jemmen", kompla jgħid Mons. Arċisqof, "li hemm Alla li jmexxi kollox u li Hu Missierna u li għandna l-Madonna bħala Ommna. Ma jonqosna xejn".

Mons. Mercieca staqsa: "Min minna, ibda minni. . . iħossu mbeżża' li jersaq lejn Alla minkejja n-nuqqasijiet tiegħu? Min minna jħossu mbeżża' li jersaq lejn il-Madonna għax jibża' li l-Madonna mhix se terġa' tħaddnu magħha? Hadd. Anzi, aktar ma nkunu mgħobbijin bin-nuqqasijiet — u dan qalu l-Papa Ġwanni Pawlu II, u jien smajtu b'widnejja — aktar nagħtu privileġġ lill-Madonna li turina kemm tħobbna. Dan qed ngħidu biex ħadd minna ma jibqa' lura, ikunu x'ikunu d-dnubiet tiegħu, li ma jersaqsx lejn il-Madonna".

Mons. Arċisqof żied igħid: "Iżda, il-Madonna trid li nħobbu wkoll il-proxxmu tagħna. U hemm bżonn li aħna, bħala poplu, inkunu poplu ta' karita', ta' mħabba bejnietna u bħala tifkira, inħeġġiġkom, il-Poplu Malti u Għawdxi, illi aħna nwasslu lil kulħadd lil Ġesu' li hu mħabba. U għalhekk, inwegħdu lill-Madonna llum li kull wieħed minna, bħala tifkira ta' dan il-Kungress, bħala ringrazzjament lill-Madonna Ta' Pinu, li lil kulħadd tagħmel il-ġid u tieqaf magħna, nitolbuha li aħna nġibu l-paċi kull fejn inkunu u ma' kulħadd — ma nħallu barra lil ħadd".

Mons. Arċisqof temm id-diskors tiegħu hekk: "Nirringrazzjaw lill-Madonna Ta' Pinu u nwegħduha li l-Poplu ta' Malta u Għawdex jibqa' dejjem ħaġa waħda ma' Alla permezz tal-Madonna u permezz tal-Knisja li hija l-Papa, l-Isqfijiet u s-saċerdoti kollha u kull min hu mgħammed, li tagħha l-Madonna hija l-Omm".

Fi tmiem il-Quddiesa Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, flimkien ma' Mons. Isqof Nikol Cauchi, kixfu lapida kommemorattiva bħala tifkira taż-żjara tal-kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu fl-Arċidjoċesi ta' Malta mit-2 sal-11 ta' Lulju, 1983 organizzata mill-K.D.A.L. ta' Malta u Għawdex f'egħluq il-mitt sena minn meta l-Madonna sejħet lil Karmena Grima.

Il-Ġimgħa folla kbira ta' żgħażagħ miġbura għal **Lejla Marjana** fil-Knisja tal-Mosta, wieġbet 'iva' għal mistoqsija ta' Mons. Arċisqof jekk iridux li jiftħu paġna ġdida fl-istorja ta' Malta.

Fl-omelija li għamel Mons. Arċisqof beda biex jitkellem fuq

l-imħabba ta' Ġesu' lejn iż-żgħażagħ. Hu qal li "biex tkunu tafu kemm iħobbkom ħarsu lejn il-Madonna li hija Ommu u li Hu taħielna bħala Ommna. Ma setax Ġesu' jurina iktar kemm iħobbna billi jagħtina dik il-ħaġa l-iktar għażiża għalih: ommu".

L-Arċisqof qal li biex iż-żgħażagħ juru li jħobbu lill-Madonna jridu jagħmlu bħalha. Mons. Arċisqof qal li l-Madonna qalet 'iva' lil Ġesu' f'kollox. "Emmnet, kienet ċerta li Ġesu' jħobbha", kompla jispjega Mons. Arċisqof, "u allura kienet ċerta li wkoll jekk kienet tbati u kellha tbati, kif batiet, kien għall-ġid tagħha għaliex kienet ċerta li Ġesu' jħobbha. Ferħet fit-tbatija".

L-Arċisqof kompla jgħid hekk:

"Lill-Madonna rridu ngħidulha 'iva'. Tafu xi tfisser 'iva'? U hawnhekk qabel tibdew iċċapċpu ngħidilkom 'aħsbuha'. 'Iva', tafu xi tfisser? Li ngħidulha: aħna nħobbu lil Ġesu' u għax inħobbu lil Ġesu', inħobbu lil kulħadd. Aħsbuha! Jekk tridu twegħdu lill-Madonna, jekk irridu nwegħdu lill-Madonna li nħobbuha naraw aħniex lesti wkoll li bħall-Madonna nbatu, imma nbatu għax inħobbu ħafna. . .

"Il-Madonna tistenna ħafna minn għandkom biex nagħmlu Malta post tal-ħniena t'Alla, ta' l-imħabba t'Alla. Lill-Madonna lesti li ngħidulha 'iva'? Qed insaqsikom! Dan ifisser, maħbubin tiegħi, li bħalma l-Madonna bdiet, jew aħjar, Alla permezz tal-Madonna, beda paġna ġdida fl-istorja talbniedem hekk aħna llum, il-Maltin, aħna llum li qegħdin niċċelebraw il-Kungressi Marjani f'Malta, hemm bżonn li nwegħdu li niftħu paġna ġdida fl-istorja ta' Malta. Triduha?

"Paġna ġdida tfisser, maħbubin tiegħi, li aħna nkunu nixbhu lil Missirijietna — Maltin iħobbu lil xulxin għax jemmnu f'reliġjon waħda, għax iħobbu lil Ġesù u t-tagħlim tiegħu.

"Bħala rikordju tal-Kungressi Marjani u bħala wegħda tagħna l-Maltin, speċjalment iż-żgħażagħ lill-Madonna nwegħduha li aħna nbegħdu l-mibegħda minn fostna billi, ibdew intom, żommu minnaħa tagħkom ħbiberija ma' kulħadd. Neħħu l-mibegħda minn qalbkom, ħobbu lil kulħadd, hu min hu. Għaliex il-Madonna lilna, li aħna tfal tagħha tgħidilna 'iva' dejjem li tfisser tħobbna dejjem. U aħna bħalha rridu nħobbu dejjem lil kulħadd. U għalhekk, għinu biex it-tgħajjir jinqata' minn fostna; għandna ngħinu lil xulxin.

"Għandna nħollu l-problemi tagħna bl-imħabba ta' bejnietna, għax fejn m'hemx imħabba ma narawx ċar u fejn ma narawx ċar naħbtu ma' xulxin.

"U għalhekk biex nagħlaq fil-waqt li nirringrazzjakom inħeġġiġkom biex lill-Madonna twegħduha li tiftakru fiha. Li nitolbuha biex hija tressaqna dejjem lejn Ġesù li huwa ħuna, u hekk tgħinna biex fis-seklu li se nibdew, intom iż-żgħażagħ tkunu l-missirijiet ta' għada, in-nies li tmexxu lil Malta ta' għada. Intom tkunu tistgħu tagħmlu Malta pajjiż l-għaxqa tal-Madonna u l-post ta' paċi fejn aħna l-Maltin ngħixu ta' aħwa u nkunu glorja għalina nfusna u eżempju għal kulħadd. Viva l-Madonna", temm igħid Mons. Arċisqof.



**L-Arċisqof maż-żgħażagħ fil-Knisja tal-Mosta waqt il-lejla Marjana. Ma' l-Arċisqof ikkonċelebraw Mons. V. Grech,**

## Il-pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu



Waqt il-Quddiesa.



Lejn is-Santwarju.

Qabel il-Quddiesa, Mons. Victor Grech qal liż-żgħażagħ li "Aktar ma l-bniedem jitlef lilu nnifsu, aktar isib lil Alla, aktar ikun jista' jagħti 'l Alla lill-oħrajn".

Wara d-diskors ta' Mons. Grech iż-żgħażagħ inqasmu fi gruppi fejn iddiskutew bejniethom il-kwalitajiet li kellha l-Madonna f'waħda mill-mixjiet ta' ħajjitha. Wara huma kitbu slogans li twaħħlu madwar il-knisja. Fost dawn kien hemm uħud li jgħidu "Marija tibqa' tħobbna", "Marija mudell taż-żgħażagħ".

It-Tlieta, 13 ta' Settembru saru żewġ ċelebrazzjonijiet speċjali: waħda għall-ħaddiema fis-Santwarju ta' Bormla u oħra għall-koppji żgħażagħ fis-Santwarju tal-Mellieħa.

**Il-pellegrinaġġ ta' l-għarajjes u koppji żgħażagħ** organizzat mill-Moviment ta' Kana fetaħ b'kant b'tema reliġjuża mill-grupp popolari Malti 'Greenfields'. Wara kelmtejn ta' merħba minn Dun Louis Camilleri, Assistent Direttur tal-Moviment ta' Kana, koppja żagħżugħa, is-Sur Victor u s-Sinjura Cecily Rizzo, għamlu diskors dwar is-sehem tal-Madonna fil-ħajja tal-familja.

Wara li ntwera 'slide feature' bit-tema 'Marija u Ġużeppi fil-ħajja tagħna', il-koppji żgħażagħ marru f'pellegrinaġġ lejn il-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa fejn saret ċelebrazzjoni Ewkaristika. Tul il-pellegrinaġġ ingħad ir-Rużarju.

**F'Bormla,** l-Arċisqof qaddes **għall-ħaddiema,** u waqt l-omeilja tkellem fuq is-sens tax-xogħol. Hu qal: "Aħna naħdmu. Aħna bħal bċejjeċ f'magna. Aħna naħdmu tassew meta naħdmu flimkien ma' Alla. U allura aħna tassew nies ħaddiema meta jkollna l-ispirtu t'Alla bejnietna, ġo fina u fostna, għax inkella kulħadd jibqa' msammam, jaħdem għal rasu, ma jaħdimx ma' sieħbu u għal sieħbu u allura xogħol ma jkunx hemm — xogħol kif iridu Alla".

Imbagħad Mons. Arċisqof kompla jgħid li "x-xogħol, fil-ħsieb ta' Alla mhux ħaġa oħra ħlief il-ħajja li ngħixu ta' kuljum ma' xulxin f'kull ma nagħmlu; u ma ninsewx li meta nkunu naħdmu, spalla ma' spalla ma' dak li jkun, inkunu naħdmu għal xulxin, biex wieħed igħin lil ieħor".

Mons. Arċisqof tkellem, imbagħad, fuq l-eżempju li tagħti, dwar dan it-tip ta' xogħol, il-Madonna. Hu qal li l-Madonna taħdem billi tgħin lil Ġesu' l-ħin kollu biex jiġbed lill-bnedmin lejh. Hu kompla jgħid li fil-ħajja tagħha l-Madonna għexet dejjem ma' Ġesu', fis-sabiħ u l-ikraħ. Hi aċċettatna b'uliedha, meta l-bnedmin kienu qed isallbu lil Ġesu'. Dan għamlitu, qal Mons. Arċisqof, biex tħobbna. Il-Madonna "dejjem sejra, taħdem il-ħin kollu biex tgħin lilna l-bnedmin nersqu lejn Ġesu' għax taf li jekk il-bniedem ma jkollux lil Ġesu' ġewwa fih ma jistax jaħdem tajjeb".

Mons. Arċisqof qal li għandu jkollna fiduċja fil-Madonna għaliex "jekk nibqgħu lura minn Ġesu' ma nistgħux ngħixu ta' bnedmin, ma nistgħux nagħmlu ġid lil ħaddieħor u hi taf li biex wieħed jagħmel il-ġid lil ħaddieħor irid li jkollu lil Ġesu' f'qalbu".

Il-Madonna qed tistieden lill-ħaddiema biex jagħmlu bħalha billi juru "lil Ġesu' lil ħaddieħor".

Dan isir billi ma nidgħux, vizzju tal-Maltin "ħafna drabi għax ma naħsbux fuqu". Dan isir ukoll billi "l-imħabba li l-Madonna għandha lejna naqsmuha ma' sħabna".

"Hemm bżonn," qal Mons. Merciecà, "li aħna fil-familji tagħna, fuq il-post tax-xogħol, f'pajjiżna, inħarsu 'l quddiem, ninsew il-ħajja l-imgħoddija tagħna u nibdew ħajja ġdida nħobbu lil xulxin." Dan ifisser, kompla jispjega Mons. Arċisqof, li "min għamilli xi ħaġa naħfirlu, u nħobbu. Ma ngħid kontra ħadd. U wkoll jekk xi ħadd jiżbalja u jgħid kontra xi ħadd, naħfrulu, u nħobbuh. Jekk ma nagħmlux hekk, la hemm għalfejn nċapċpu lill-Madonna u lanqas nersqu biex nitqarbnu".

"Għandna nħobbu lil kulħadd u dejjem," kompla jgħid Mons. Arċisqof, "għaliex bl-imħabba li niġbdu lil dak li jkun. U ma hemmx raġunijiet, mhemmx skużi ta' xejn."

Hu kompla jgħid: "Aħna rridu nirbħu l-ħażin bit-tajjeb! U din qed ngħidha għax għandna bżonnha f'pajjiżna. Għandna bżonn naħsbu f'kulħadd bl-imħabba u mhux bil-mibegħda. U mhux għax ma jew niġġieldu jew nibdew ngħidu ħafna affarijiet. Le. Ġesu' għandu bżonn li qalbna nħalluha tiġi mmexxija mill-Ispirtu t'Alla, mill-imħabba, mill-karita'; altrimenti nkunu nagħżqu fl-ilma u nagħmlu deni u ħsara fuq ħsara".

Mons. Arċisqof qal li din l-imħabba lejn xulxin għandha tibda fil-familji tagħna, ir-raġel mal-mara; mal-ġirien; u fuq il-post tax-xogħol. Hawnhekk Mons. Arċisqof qal li ħadd ma għandu jgħid: "Se noqgħod naħdem għal dak? Ħa nitnikker jiena wkoll. Le. Kulħadd għandu jagħti sehem fix-xogħol. Huwa dmir."

Lejn tmiem id-diskors tiegħu, Mons. Arċisqof stieden lil dawk preżenti biex ikellmu — fil-familji tagħhom — lit-tfal fuq il-Madonna; dwar kemm tħobbhom u biex igħidu r-Rużarju. Hu talab ukoll lill-Madonna, "li qatt ma tlabniha xejn u ma semgħetniex", "li fostna jerġa' jikber l-ispirtu tal-maħfra; naħfru lil xulxin, nagħdru lil xulxin u nħobbu lil xulxin".

Huwa temm id-diskors tiegħu b'talba lill-Madonna: "Għinna biex il-messaġġ li qed twassilna permezz ta' dan il-Kungress jibqa' jidher fil-ħajja tagħna — tagħna l-Maltin — biex nistgħu nibqgħu ngħidu matul ħajjitna kollha: Malta hija ta' Marija u Marija tħobb lil Malta għax jidher fl-egħmil tagħna l-Maltin".

Ma' Mons. Arċisqof ikkonċelebraw il-kleru tal-Parroċċa ta' Bormla, il-Patrijiet Tereżjani ta' l-istess Parroċċa u għadd ta' saċerdoti mill-parroċċi tal-qrib.

L-Erbgħa mbagħad saret it-tieni **laqgħa għat-tfal** fis-Santwarju ta' S. Tereża, B'Kara. L-ewwel laqgħa kienet saret il-Ġimgħa fid-Dar Ċentrali tal-M.U.S.E.U.M., il-Blata l-Bajda.

Il-laqgħa bdiet bir-reċita tar-Rużarju u kant reliġjuż; wara ntwera l-film "The Annunciation" u mbagħad sar "tableau" fuq it-tema "Viva Marija Omm il-Maltin". Għal din il-laqgħa l-Arċisqof ma setax ikun preżenti għax kien maż-żgħażagħ il-Mosta, imma kien preżenti għat-tieni laqgħa li saret Birkirkara.

## ĊELEBRAZZJONIJIET F'GHAWDEX

F'Għawdex ukoll kien hemm għadd ta' ċelebrazzjonijiet li bdew b'Pontifikal solenni fil-Kattidral, it-Tnejn, 12 ta' Settembru.

F'omelija li għamel waqt Pontifikal, Mons. Isqof Nikol Cauchi tkellem fuq il-ħtieġa ta' l-għaqda u qal li "dak li jgħaqqadna huwa wisq iktar importanti minn dak li jifridna."

Fil-bidu tad-diskors tiegħu Mons. Cauchi qal li dak in-nhar ma kienx l-ewwel darba li ltaqgħu biex jagħtu bidu għal xi ċelebrazzjonijiet ad unur u qima ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. "Imma llum hija għalina okkażjoni speċjali l-għaliex qegħdin nagħtu bidu għal ċelebrazzjoni fil-kontest tal-Kungress Marjoloġiku u l-Kungress Marjan Internazzjonali, li qegħdin jiġu ċċelebrati fil-gżejjer tagħna bħala parti mill-festi li fihom qegħdin infakkru ċ-ċentinarju tad-dehra tal-Madonna ta' Pinu".

L-Isqof Cauchi qal li tajjeb li fl-okkażjoni wieħed jistaqsi lilu nnifsu fejn waslet id-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna. Hu staqsa: X'valur għandha din id-devozzjoni fil-ħajja tal-poplu tagħna?

Mons. Cauchi qal li forsi għadu kmieni wisq biex wieħed ikun jista' jistudja bir-reqqa l-konklużjonijiet tal-Kungress Marjoloġiku u tal-Kungress Marjan. Għadu kmieni biex wieħed jista' jiżen dak li ntqal jew li se jgħidu l-esperti tal-Marjoloġija f'dawn il-kungressi. Imma wieħed jista' jagħmel diġa' ir-riflessjonijiet tiegħu. Għaliex hekk kif wieħed jagħmel paragun bejn id-devozzjoni tal-poplu Malti u Għawdxi lejn il-Madonna fiż-żmenijiet tal-lum u d-devozzjoni li kellu l-poplu ta' dawn il-gżejjer fiż-żmenijiet imgħoddija, wieħed diġa' jsib xi ħaġa x'jitgħallem: "xi ħaġa li nistgħu nirriflettu fuqha, xi ħaġa li tista' tiswielna għall-ħajja spiritwali tagħna".

Mons. Cauchi qal li hu xtaq jitkellem fuq tliet punti:

"Minkejja l-ħafna difetti li aħna għandna bħala poplu, aħna nistgħu niftaħru u nħossuna kburin li l-poplu tagħna huwa devot lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. U din id-devozzjoni għandha għeruq profondi ħafna fil-qalb tal-Maltin u ta' l-Għawdxin. Mhix devozzjoni li bdiet riċentement, imma li tmur 'il bogħod ħafna fl-istorja ta' pajjiżna biex aħna nsibu l-bidu ta' din id-devozzjoni.

"Din hija ħaġa pożittiva, hija ħaġa li tagħmlilna unur, li aħna nistgħu nissejħu poplu devot ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Imma wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll illi d-devozzjoni lejn il-Madonna għandha diversi livelli, kif jiġri fil-fidi tal-bnedmin. Aħna kollna kemm aħna ngħidu li aħna nsara. Kull wieħed u waħda minna ngħidu li aħna għandna l-fidi. Iżda l-grad ta' din il-fidi mhux ugwali f'kulħadd. Hemm min għandu fidi qawwija. Hemm min għandu fidi li wasslitu għal grad għoli ta' qdusija. U hemm min il-fidi tiegħu hija żgħira daqs iż-żerriegħa li semma Kristu fl-Evanġelju. Imma żgħira kemm hi żgħira l-fidi tista' tkun il-bidu tas-salvazzjoni tal-bniedem. U hekk ukoll id-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija", qal l-Isqof ta' Għawdex.

Wara, Mons. Cauchi qal li riflessjoni oħra, li wieħed jislitha

mill-istorja tad-devozzjoni Marjana taż-żmenijiet imgħoddija, hija sabiex id-devozzjoni lejn il-Madonna tiġi mħaddma għal ħidma pastorali; "jiġifieri, l-qima lejn il-Madonna għandha tkun strument f'idejna biex insalvaw l-erwieħ".

Bħala t-tielet punt tiegħu Mons. Isqof tratta kif wieħed ikun jaf li d-devozzjoni tiegħu hija awtentika. Hu qal li din id-devozzjoni, jekk tkun awtentika, għandha twassal lil dak li jkun lejn Kristu.

Lejn il-konklużjoni tiegħu Mons. Cauchi sejjaħ għal talb lill-Madonna "biex iżżommna f'għaqda waħda bejnietna". Hu qal: "Hemm ħafna affarijiet li jifirduna u jżommuna bogħod minn xulxin. Jista' jkun li l-interessi tagħna ma jaqblux flimkien. Imma hemm ħafna affarijiet oħra li għandhom jorbtuna flimkien, li jagħmlu minna poplu wieħed. U dak li jgħaqqadna hu wisq iktar importanti minn dak li jifridna."

Hu qal li għandu jgħaqqadna flimkien il-Kredu li aħna nistqarru. Għandhom jgħaqqduna flimkien u jagħmlu minna poplu wieħed ir-reliġjon nisranija li aħna nipprofessaw; il-Vanġelu li aħna ngħidu li nemmnu u naċċettaw; u t-tagħlim ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa.

"Kollna kemm aħna, ta' l-inqas bil-kliem, nistqarru li aħna wliedha.

"Għandhom jgħaqqduna wkoll flimkien, il-qima, id-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Aħna poplu devot tal-Madonna. Jalla din id-devozzjoni tiswa biex fostna jkun hawn l-għaqda, biex fostna jkun hawn il-paċi, il-vera mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Halli b'hekk aħna nagħtu xhieda lid-dinja kollha li aħna tabilħaqq poplu nisrani; poplu li jħobb lil Sidtna Marija," qal l-Isqof Cauchi.

**Pellegrinaġġ tal-ħaddiema u l-bdiewa**

L-Erbgħa, 14 ta' Settembru sar pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu mill-ħaddiema u bdiewa Għawdxin, irġiel u nisa, u qaddes l-Isqof ta' Għawdex.

Waqt il-Quddiesa ġew offerti lill-Madonna l-għodda tax-xogħol u wara saret il-konsagrazzjoni tal-ħaddiema u tal-bdiewa Għawdxin lill-Madonna.

Fl-omelija, Mons. Cauchi qal: "Kristu għallimna l-verità ta' Alla u anke l-verità dwar il-ħajja tal-bniedem, dwar dak li jiswa ħafna fil-ħajja tagħna u dak li ma jiswa xejn. U Kristu mhux biss għallem il-verità imma ried li l-Knisja li hu waqqaf tkompli tgħallem u tfittex il-verità li huwa għallimna."

Imbagħad Mons. Isqof qal li messaġġ ieħor li Kristu jrid iwassal lill-ħaddiema huwa l-messaġġ tal-ġustizzja, li tfisser "tagħti lil kulħadd dak li ħaqqu, tirrispetta dawk li huma jeddijiet veri".

Mons. Cauchi qal: "Il-ħaddiema għandhom il-jeddijiet tagħhom u dawn il-jeddijiet tagħhom hemm bżonn li jkunu rispettati u mħarsin. U dan il-kliem miniex qiegħed ingħidu jien l-ewwel wieħed hawn il-lejla għall-ewwel darba anke fis-seklu l-ieħor qalu l-Papa Ljun XIII.

"Imma dan ifisser," kompla jgħid Mons. Isqof, "li l-ħaddiema, imbagħad, għandhom jirrispettaw il-jeddijiet tal-bnedmin l-oħra. Mhux biżżejjed nieħdu ħsieb li nħarsu l-jeddijiet tagħna. Dan

għandu jkun u huwa importanti. Imma mbagħad irridu nkunu rġiel biżżejjed biex nirrispettaw il-jeddijiet ta' l-oħrajn, għax ħafna drabi nsibu min hu attentissmu biex il-jeddijiet tiegħu jiġu mħarsin u mbagħad ma jħabbat xejn rasu biex iħares id-drittijiet ta' ħaddieħor".

L-Isqof ta' Għawdex qal li allaħares kellna nfittxu dejjem u kullimkien il-ponta tas-sejf. Mal-ġustizzja rridu wkoll il-karità. U l-messaġġ ta' Kristu huwa fuq kollox messaġġ tal-karità nisranija.

Mons. Cauchi qal ukoll: "hemm bżonn nitgħallmu wkoll il-lezzjoni diffiċli tal-maħfra ta' l-għedewwa tagħna. In-nisrani ma għandux ikollu għedewwa. In-nisrani ma għandux ikollu post għall-mibegħda fil-qalb tiegħu. Din hi l-lezzjoni li jgħallimna Kristu. Diffiċli kemm tridu intom, lezzjoni li titlob sagrifiċċju kbir biex nistgħu nwettquha. Imma hekk għallimna Kristu: 'Ħobbu lil kulħadd, anki lill-għedewwa tagħkom'."

L-Isqof tkellem ukoll fuq il-messaġġ tal-fraternità. Huwa qal li Kristu għallimna din il-verità hekk sabiħa illi fis-sema hemm Alla, Missier ta' kulħadd u aħna kollna kemm aħna familja waħda, il-bnedmin kollha aħwa bejnietna. U hawn l-kbir huwa s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

Mons. Isqof qal li "dan huwa l-messaġġ ta' Kristu. Intkom aħwa bejnietkom ħobbu lil xulxin, għadru lil xulxin, aħfru lil xulxin, għinu wieħed lill-ieħor, żommu bejnietkom dik ir-rabta ta' l-għaqda u tal-karità. Dan hu l-messaġġ ta' Kristu, dan hu l-Vanġelu, messaġġ ta' ġustizzja, ta' karità u messaġġ ukoll ta' fraternità."

"Aħna l-kattoliċi," qal Mons. Cauchi fi tmiem id-diskors tiegħu, "inħarsu wkoll lejn is-sema, lejn Ommna Marija Santissima u ngħidulha: urina li inti ommna. Hemm bżonn nuruha li aħna wliedha billi nirrispettaw lil xulxin u nħobbu lil xulxin bħal aħwa."

**Kunċert u laqgħa għaż-żgħażagħ**

Il-Ħamis imbagħad fis-Santwarju ta' Pinu sar kunċert vokali minn disa' korijiet minn għadd ta' parroċċi ta' Għawdex, taħt il-patroċinju ta' l-isqof ta' Għawdex. Tkantaw għadd ta' innijiet marjani ġodda li nkitbu fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-Madonna ta' Pinu.

Fl-aħħarnett is-Sibt saret laqgħa għaż-żgħażagħ f'ta' Pinu li bdiet b' Quddiesa konċelebrata minn għadd ta' saċerdoti żgħażagħ. Il-kor magħmul minn numru kbir ta' tfajliet mill-parroċċi kollha ta' Għawdex kien akkompanjat minn orkestra ta' żgħażagħ immexxija mill-Mro. Colin Attard, li flimkien ma' ħuh Stephen, immużika għadd ta' innijiet għall-Quddiesa. Wara l-Quddiesa kien hemm 'Rock Concert' min 'The Tramps' u mbagħad festa bi żfin folkloristiku u simboliku, mima u kant dwar feature "Marija". Fi tmiem il-festa, saret Velja Biblika fis-Santwarju li ntemmet qrib nofs il-lejl.

**Wirja Marjana**

Tul il-ġranet tal-Kungressi kien hemm wirja ta' Arti Marjana f'Ta' Pinu, inawgurata minn Mons. Nikol Cauchi, l-isqof ta' Għawdex, fl-1 ta' Settembru.

Il-wirja kellha żewġ sezzjonijiet ewlenin: fl-ewwel sezzjoni kien hemm esposti kwadri tal-Madonna

tas-sekli XVII u XVIII u ngabu minn diversi parroċċi u mill-Mużew tal-Kattidral. Fost dawn il-kwadri kien hemm wieħed tal-Madonna bil-Bambin ta' Guido Reni, u ieħor, 'stucco' fuq l-injam li aktarx kien il-kwadru titulari tal-Kappella ta' l-Assunta fuq l-għolja ta' Dbiegi, l-ogħla waħda ta' Għawdex. Fit-tieni sezzjoni kien hemm kwadri ta' pitturi ta' żminijietna; xogħlijiet ta' Caffaro Rore u ta' Ġużeppi Briffa, kif ukoll il-kwadri ta' Emvin Cremona li fuqhom saru l-mużajċi tas-Santwarju.

## IL-KUNGRESS MARJAN

Il-ftuħ tal-Kungress Marjan Internazzjonali sar b'Pontifikal solenni f'San Ġwann, fejn wara diskorsi ta' merħba mill-Arċisqof ta' Malta, minn Mons. Elias Yanes Alvarez, arċisqof ta' Saragossa, u minn P. Paolo Melada, ma' l-Arċisqof ta' Malta, ma' l-Arċisqof ta' Saragossa, ma' l-isqof Mons. Domenico Vacchiano, Delegat Pontifiċju għas-santwarju ta' Pompej, u ma' Mons. Julian Wojtkowski, isqof awżiljarju ta' Olsztyn, ikkonċelebraw mal-170 saċerdot, fosthom ħafna minn dawk li ġew għall-Kungress Marjoloġiku u baqgħu għall-Kungress Marjan.

Fl-omelija l-Arċisqof tkellem fuq xi tfisser għall-poplu tagħna t-tema tal-Kungress "Marija, Omm ir-Rikonċiljazzjoni" Hu qal li l-Kungress Marjan Internazzjonali għandu jkun okkażjoni biex iktar ningħaqdu m'Alla permezz ta' Marija. Fi kliem ieħor għandhom ikunu, dawn il-granet li ġejjin, granet ta' ġabra, ġabra billi nirriflettu fuq Marija, taħt it-titolu: Omm tar-Rikonċiljazzjoni, biex imbagħad nitolbuha ħalli bl-għajnuna tagħha u bil-grazzja ta' Binha Ġesù, li huwa Huna l-Kbir inkunu nistgħu nagħtuha dak li hi trid, li hi qegħdha titlob minna."

Hu qal li "għalhekk hija okkażjoni għalina ta' eżami ta' kuxjenza biex noħorġu nies ġodda, nies kif tridna Marija."

Mons. Arċisqof imbagħad spjega xi tfisser il-kelma 'omm' u kif din tapplika għal Marija. Hu qal li "Marija Omm tfisser li Marija lejna għandha mhux biss ġibda imma għandha rabta speċjali. Il-kelma omm tqanqal teżor kbir, li ma nistgħux nifhmuh għaliex l-omm hija dik il-kreatura li ħadd daqsha ma jagħraf u jaf lil uliedha. L-omm hija dik il-kreatura li m'hawnx bħalha, illi taqsam ħajjitha ma' wliedha, anzi taqra l-qalb ta' wliedha u taf tifhem magħhom u taqsam l-inkwiet magħhom."

L-omm mhux biss għandha kommunikazzjoni speċjali ma' wliedha imma għandha disponibiltà mill-iktar kbira għalihom. Hi tkun lesta li tagħmel kollox, tgħix għal uliedha. "L-omm, iktar minn ħsieb, hija esperjenza irrepetibbli, li ma timmultiplikax ruħha."

Mons. Mercieca qal li Ġesù, "li ried ukoll li jkollu ommu," għalkemm kellu rabta kbira magħha, "hu ma żammhiex għalih, bħalma nżommuha aħna bi dritt, imma dik li hija tiegħu taħielna bħala rigal. U nistgħu ngħidu li s-sbuħija ta'

ommu hija s-sbuħija ta' omnna."

Mons. Arċisqof kompla jgħid li, pero', "dan il-kliem ma għandux biss iqanqal fina sentiment li jsir sentmentaliżmu, jiġifieri nieħdu pjaċir biss. L-Omm, il-kelma omm, għalkemm tqanqal fina sentimenti ħelwin sbieħ, tfakkarna wkoll li l-missjoni tagħha hija missjoni iebsa u titlob kuraġġ, titlob deċiżjonijiet. Għax min bħall-omm għandu l-kuraġġ li jħobb lil uliedha anke meta dawn ikasbruha? L-omm għandha l-kuraġġ u l-qawwa li tħobb lit-tfal tagħha, iżda jekk hemm xi ħadd li mhux tant kif tixtieq hi, tħobbu iktar mill-oħrajn bex tiġbdu."

Meta tkellem fuq xi trid minna l-Madonna, bħala omm tar-rikonċiljazzjoni, Mons. Mercieca qal li "Marija trid lilna li ma nkunux mifrudin minn ma' xulxin, imma li nkunu familja waħda."

Mons. Arċisqof qal li "ma hemmx dispjaċir daqshekk kbir għall-omm daqskemm meta tara l-firda fost uliedha."

Żied igħid li aħna għandna nitolbu "biex dan il-Kungress iħalli fid-dinja kollha u jħalli wkoll f'pajjiżna l-ispirtu ta' Marija, l-imħabba ta' Marija fost uliedha. Għandna naħdmu aħna biex il-qalb ta' Marija ma nweġġgħuha qatt, għax meta nweġġgħu qalb Marija nkunu nweġġgħu qalb Ġesù. Għalhekk aħna għandna naħdmu biex fostna nibnu r-rikonċiljazzjoni."

Neħtieġuh ħafna l-ispirtu ta' l-imħabba, qal l-Arċisqof. "U meta ngħid 'imħabba' tfisser nemmnu li hemm it-tajjeb f'kulħadd u għalhekk għandna nħobbu lil kulħadd, u nirrepeti, ma nħallu barra lil ħadd. Għax kulħadd huwa maħluq xbieha t'Alla u f'kulħadd hemm il-potenzjalità illi t-tajjeb jirbaħ għax Alla l-Imbierek ma jħallihx. U Marija qatt ma tistmerr it-tifel l-imqareb."

Mons. Arċisqof stieden lil kulħadd biex jitlob lil Marija ħalli "naċċettaw il-qawwa li jagħtina Ġesù biex inħarsu 'l quddiem, ninsew dak kollu li jifridna wieħed mill-ieħor u nħobbu lil xulxin filverità u l-ġustizzja, jiġifieri ma nħobbux il-ħażin. Ma jfissirx li naqbel mal-ħażin jew ngħinu jew noqgħod fommi sieket quddiem il-ħażin. Le. Il-ħażin ma għandi ngħinu qatt u għandi nsejjaħlu dejjem b'ismu, imma nagħmel dan fi spirtu ta' karità".

Mons. Arċisqof qal ukoll li hemm bżonn li "nkunu lesti dejjem li ngħidu 'iva' quddiem dak li titlobna l-Madonna. U rridu nħobbu biex naħfru. Għax jekk ma nħobbux ħafna, ma naħfrux. U jeħtieġ li din l-okkażjoni tal-Kungress Marjan ma tgħaddix minn fuq il-pajjiż tagħna bla ma tħalli l-frott tagħha. Din hija grazzja li Alla qed jagħtina."

Hu qal li b'hekk "Malta tkun tista' dejjem tibqa' l-art ta' Marija billi aħna, il-poplu Malti nibnu fuq it-tradizzjoni reliġjuża li għandna, fuq ir-reliġjożità popolari li għandna, u nkunu xhieda li aħna mhux biss ngħidu li Marija hija Omm il-Maltin imma nuru bl-għemil tagħna, fir-relazzjonijiet tagħna ma' kulħadd u f'kull okkażjoni li aħna nfittxu l-għaqda anke jekk dan jitlob minna sagrifiċċju u umiljazzjoni."

**Is-sessjonijiet tal-Kungress**

Il-Ġimgħa filgħodu u s-Sibt filgħodu fl-Istitut Kattoliku saru s-

Iċ-ċelebrazzjoni għall-morda u l-inkapaċitati, ħdejn il-Kappuċċini, il-Furjana, fil-11 ta' Settembru



Il-morda fil-pjazza quddiem il-Knisja tal-Kappuċċini.



Mons. M. Azzopardi waqt il-Quddiesa.



**Il-ftuħ tal-Kungress Marjan — Il-Pontifikal f'San Ġwann, il-Belt.**

sessjonijiet ġenerali tal-Kungress Marjan, waqt li wara nofs in-nhar, f'tal-Virtù saru l-laqgħat għall-gruppi skond l-ilsien li jitkellmu.

Fl-Istitut Kattoliku l-Ġimgħa tkellmu Mons. C. Cassar fuq ir-**Rikonċiljazzjoni fi Kristu u Marija, Omm u Rikonċiljazzjoni** u l-isqof ta' Saragossa fuq il-**Madonna u r-Rikonċiljazzjoni fil-libertà, il-ġustizzja u l-imħabba**. L-għada tkellmu r-Rev. Rene' Laurentin fuq il-**Verġni Marija, sinjal ta' Rikonċiljazzjoni u l-feminiżmu**, u P. Enrique Llamas O.C.D. fuq **Il-missjoni ta' Marija għat-tiġdid u r-rikonċiljazzjoni tal-poplu ta' Alla fil-bini ta' soċjetà fejn isaltnu l-ftehim, ir-rispett għall-aħwa u l-imħabba nisranija.**

Is-sessjoni tal-Ġimgħa ntemmet ftit qabel nofs in-nhar biex l-isqfijiet u P. Melada jkunu jistgħu jmorru l-'airport' ħa jilqgħu l-Kardinal li kellu jasal għall-ħabta tas-siegħa.

**Il-wasla tal-Kardinal**

Għadd kbir ta' Maltin bi bnadar sofor u bojod tal-Papa, flimkien mad-daqq tal-qniepen kollha ta' Malta u Għawdex, taw merħba kbira lill-Kardinal Salvatore Pappalardo, Arċisqof ta' Palermo, magħżul mill-Papa Ġwanni Pawlu II bħala l-Mibgħut Speċjali tiegħu għall-Kungressi Marjani, mal-wasla tiegħu fl-Ajruport ta' Ħal Luqa.

Jilqgħu lill-Kardinal Pappalardo kien hemm Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca; Mons. Isqof Nikol Cauchi; Dr. Alex Sceberras Trigona, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin; Mons. Isqof Julian Wojtkowski; Mons. Isqof Domenico Vacchiano; Mons. Francesco Canalini, Charge' d'Affaires fin-Nunzjatura Appostolika; Patri Paolo Melada, President tal-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali; membri tal-Korp Diplomatiku mmexxija mill-Ambaxxatur Franċiż Gabriel Lecomte; membri tal-Korp Diplomatiku; u rappreżentanti tal-Kapitlu Metropolitan, tal-Kunsill Djoċesan ta' l-Appostolat tal-Lajċi, tal-Kappillani, tal-Camera Pontifiċja u tal-Provinċjali

Kienu s-1.10 p.m. preċiżi meta l-Ajruplan ta' l-Air Malta wasal fl-Ajruport ta' Ħal Luqa. Malli niżel l-Ajruplan il-Kardinal Pappalardo ġie milqugħ minn Mons. Francesco Canalini. Imbagħad ħa b'idejn Mons. Arċisqof Mercieca, Mons. Isqof Cauchi u l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, li ntroduċieh mal-membri tal-Korp Diplomatiku.

Il-Kardinal Pappalardo mbagħad mar isellem lil għadd kbir ta' Maltin li kienu miġburin fil-gallerija ta' l-Ajruport biex jagħtuh merħba.

Il-Mibgħut Speċjali tal-Papa, wara li ħareġ mill-VIP Lounge, flimkien ma' Mons. Arċisqof u ma' Mons. Isqof Cauchi, tela' f'karrozza mikxufa li ħaditu lejn in-Nunzjatura Appostolika, fejn kien alloġġjat. Fi triqtu lejn in-Nunzjatura l-Kardinal sab folol ta' nies jistennew minn kull fejn għadda, u ħafna baqgħu sejrin warajh san-Nunzjatura.

Fil-5 p.m. il-Kardinal, akkumpanjat mill-isqfijiet Maltin, telaq min-Nunzjatura u wara li għadda minn Ħal Lija, Ħal Balzan, B'Kara u l-Ħamrun, wasal il-Furjana fejn ħdejn il-monument ta' Kristu Re, kien hemm għadd kbir ta' tfal jistennewh.

Hekk kif wasal il-Kardinal ġie

## IŻ-ŻJARA TAL-KARDINAL

Il-Ġimgħa 16 ta' Settembru



L-isqfijiet isellmu lill-Kardinal mal-wasla tiegħu Ħal Luqa.



In-nies issellem lill-Kardinal huwa u ħiereġ mill-ajruport.



Il-Kardinal riesaq lejn il-Monument ta' Kristu Re biex iqiegħed il-bukkett fjuri li offrewlu t-tfal.



Il-Kardinal, huwa u għaddej minn Triq ir-Repubblika, il-Belt.

milqugħ mill-Arċipriet tal-Furjana Dun Salv Fenech waqt li t-tifla Romina Zammit minn tas-Sliema pprezentatlu bukkett fjuri.

Il-Kardinal flimkien ma' l-Arċisqof Mercieca u l-Isqof Cauchi, imxew fost it-tfal miġbura quddiem il-Monument ta' Kristu Re u qiegħed il-bukkett tal-fjuri f'riġlejn l-istatwa.

Imbagħad hu u l-Isqfijiet, telgħu f'vettura mikxufa li daħħlithom il-Belt.

F'Bieb il-Belt il-Mibgħut Speċjali tal-Papa ġie milqugħ mill-banda La Vallette li daqqet l-Innu tal-Papa u l-Innu Malti. Il-poplu kanta. U baqa' jkanta wkoll it-tieni strofa ta' l-Innu Malti anke meta l-banda kienet waqfet.

Bil-mod il-mod, fost folla kbira, il-karrozza li fuqha kien hemm il-Kardinal u l-isqfijiet għaddiet minn Triq ir-Repubblika. Ħafna ġenituri refgħu lil uliedhom iż-żgħar biex jippreżentawhom lill-Kardinal li ħaddan u bies it-tfal kollha li seta'.

Wara waqfa fil-Każin ta' La Valette fejn il-Kardinal ippreżenta lid-diriġenti l-kallotta tiegħu bħala tifkira ta' l-okkażjoni, huwa u l-Isqfijiet komplew triqthom lejn il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fejn tistennihom kien hemm miġbura folla kbira.

Il-Kardinal kellu jieqaf ukoll fil-każin tal-King's Own, iżda din iż-żjara qasira tal-Kardinal fil-każin kellha titħassar minħabba l-mewt ta' malajr tal-president tiegħu, l-Imħallef Ċensu Xerri; kien għalhekk ukoll li l-banda King's Own ma ħadetx sehem fil-laqgħa tal-Kardinal.

Mal-wasla tal-Kardinal fil-pjazza ta' San Ġwann il-poplu beda jkanta "Viva l-Papa" u ċapċip kbir.

Fid-dħul tiegħu f'San Ġwann il-Kardinal Pappalardo ġie milqugħ mill-Kapitlu tal-Kattidral immexxija minn Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali.

Wara ż-żjara lis-Sagrament hu tela' fil-Gallerija tal-Kon-Kattidral.

Il-wasla tiegħu ġiet imħabbra minn fanfara.

Malli feġġ fil-gallerija l-poplu għajjat "Viva l-Papa" u spontanjament reġa' qabad ikanta l-Innu Malti.

Kif Mons. Arċisqof resaq lejn il-mikrofonu biex jintroduċi l-Kardinal Pappalardo, il-folla bdiet tgħajjat "Viva l-Arċisqof" u ngħaqad f'ċapċipa.

L-Arċisqof qal:

"Issa se nindirizza lill-Kardinal. Se nkellmu, se nurih, se nesprimilu għan-nom tal-poplu Malti kollu r-ringrazzjament tagħna. L-ewwel inkellmu bit-Taljan u mbagħad nesprimi lilkom bil-lingwa tagħna.

'Eminenza reverendissima, f'isem il-poplu kollu ta' dawn iż-żewġ gżejjer, Malta u Għawdex nitolbok li tilqa' din l-espressjoni tagħna popolari imma ġenwina tal-gratitudni li aħna għandna għall-Qdusija Tiegħu l-Papa u għall-persuna eminenti tiegħek li nafu li għandha ħafna għal qalbha l-gżira tagħna tant li ġejt anke drabi oħra. Nirringrazzjak minn qalbna u nitolbuk li inti twassal il-gratitudni tagħna lill-Qdusija Tiegħu li jħobb ħafna lil Malta, il-gżira tagħna.

"Nitolbuk li twassallu u tippreżentalu r-ringrazzjamenti tagħna dwar li xtaq li jibgħat lilek, għażiż Kardinal Salvatore Pappalardo bħala l-Mibgħut Speċjali tiegħu. U bħala ringrazzjament nitolbu lill-Eminenza Tiegħek li tgħid lill-Papa

li l-preżenza tiegħu fil-preżenza tal-Kardinal ma tqanqalx biss ferħ u ċapċip imma timpenjana biex ngħidu lill-Papa li aħna għandna fedeltà għat-tagħlim tiegħu; fedeltà li aħna rridu nwettquha fl-għaqda tagħna, filli naċċettaw l-appell ta' l-Omm tar-Rikonċiljazzjoni, li aħna poplu li nħobbu l-paċi, li rridu ngħixu ta' aħwa. U, Eminenza, ippermettili nfakkrek li, bħala impenn tal-fedeltà tagħna għall-Knisja int rajt l-ommijiet u l-missirijiet tagħna jippreżentawlek it-tfal tagħhom biex jiggarantixxu l-fedeltà u l-imħabba tagħhom għall-Knisja li titwettaq billi npoġġu fil-prattika dak kollu li l-Papa jgħidilna għall-paċi fostna u biex imexxina fil-ħajja tagħna fl-aspetti kollha tagħha.

"F'isimkom u f'isem l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u fl-isem tagħkom ilkoll nixtieq nirringrazzja lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal li diġà qiegħed iħossu bħala wieħed minna."

Fl-aħħar ta' dan id-diskors tiegħu l-Arċisqof qal: "Ġesù biss jgħallimna kif għandna nħobbu lil xulxin, u nirbħu d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom bl-imħabba. Ngħidu: Viva l-Papa, Viva l-Madonna, Viva l-Madonna ta' Pinu. Viva l-Kardinal.

Wara tkellem il-Kardinal Salvatore Pappalardo. Il-Mibgħut Speċjali tal-Papa qal li hu kien ipprepara d-diskors tiegħu bl-Ingliż, imma kien se jitkellem bit-Taljan għax ra li l-Maltin jifhmu tajjeb il-lingwa tiegħu.

Huwa kompla jgħid hekk:

"B'hekk fil-lingwa tiegħi stess, bħalkom, bil-lingwa tagħkom, il-Malti, inkun nista' nesprimi aħjar is-sentimenti tiegħi. U dawn huma sentimenti ta' ammirazzjoni kbira għalikom, il-lejla. Kien hekk opportun li ntgħażlet din il-pjazza għax l-ebda knisja, kbira kemm hi kbira, ma setgħet tilqa' ġo fiha din il-folla kbira, dan il-poplu ta' Malta. Poplu Fidil ta' Malta. Poplu nisrani ta' Malta. Poplu Kattoliku ta' Malta. Li jrid li jesprimi lill-Papa l-fedeltà lejh. Dik li jiena qiegħed nammira u ammirajt tul it-triq, u nammira hawnhekk quddiemi l-lejla hija l-fidi Maltija tal-Passat; tal-passat nisrani ta' Malta. U l-fidi tal-qlub, il-fidi tagħkom il-Maltin. U hi anke, nispera, anzi jiena ċert li hi wkoll il-fidi tal-fundatur ta' Malta, kienu sinjal dawk it-tfal kollha li bist. Xtaqt li nbushom kollha, it-tfal tagħkom kollha."

"Il-ġenerazzjoni ġdida li tiela' u li se tiltaqa' f'età żagħżugħa masseklu l-ġdid, l-elf sena l-ġdida — l-insara ta' għada. Iffurmawhom tajjeb".

"Jien nixtieq nagħti l-qima tiegħi, il-lejla, lill-maħbub Ragħaj tagħkom, l-Arċisqof Mercieca u lill-Isqof l-ieħor, Mons. Cauchi. Huma, l-Isqfijiet, is-sinjal ta' Kristu preżenti fil-Knisja tiegħu. U Kristu qal lill-Appostli — u l-kelma tiegħu tgħodd ukoll għall-Isqfijiet — "Min jisma' lilkom, jisma' lili."

"Nixtieq nagħti wkoll il-qima tiegħi lill-Eċċellenzi tagħhom, l-Isqfijiet li ġew hawn f'Malta fl-okkażjoni tal-Kungress Marjoloġiku u Marjan. Merħba. U nsellem ukoll, bħal aħwa, lis-saċerdoti, reliġjużi, sorijiet. Kemm rajt, patrijiet u sorijiet!

"U nsellem lil dawk li ġew mill-bogħod u li huma interessati għal dan l-avveniment kbir, internazzjonali, dinji, kattoliku, għal dawn

## Is-Sibt 17 ta' Settembru



**Il-Quddiesa għas-Sorijiet tal-klawsura fil-Monasteru tal-Klarissi, S. Ġiljan**



**Mat-trabi fil-knisja tal-Karmnu, il-Belt**



Milqugħ mir-Rettur tas-Seminarju.



Ibierek l-istatwa tal-Madonna fil-ġonna tas-Seminarju.

iż-żewġ Kungressi Marjani hawn f' Malta.

"Kellu raġun il-Papa, fl-Ittra li bagħatli fejn innominani bħala r-rappreżentant tiegħu f'dawn il-Kungressi, li ried li jenfasizza d-devozzjoni u l-fidi kbira tradizzjonali ta' Malta u tal-Poplu Malti. Il-fatt il ġiet magħżula Malta bħala l-post ta' dawn iż-żewġ kungressi jġiegħel li d-dinja kollha kattolika tħares lejn dawn il-gżejjer u b'hekk issir aktar taf l-ispirtu nisrani u l-kontenut tal-fidi li ngħixu daqshekk fil-fond l-insara fin-nofs ta' dan il-Baħar Mediterran.

"Il-Madonna hija verament magħkom. Hi, bħala Omm Kristu, hija Omm ta' l-Insara kollha. Għalhekk aħna nfaħħruha, għalhekk aħna nħobbuha, għalhekk aħna nagħtuha ġieh, għalhekk aħna nduru lejha b'fiduċja kbira ta' wlied. Jalla jsiru rejaltà x-xewqa u wegħda li l-Papa stess esprima fl-Ittra tiegħu li wara dan il-Kungress l-istudji Marjani, it-teoloġija Marjana li hi magħquda daqshekk mal-Kristoloġija min-naħa l-oħra, tkun tista' tinftiehem aħjar u ppriedkata b' mod iktar kostanti u diskussa bħala frott ta' dan il-Kungress Malti.

"Nirringrazzjakom għall-mod kif intom ilqajtuni. Mhux lill-persuna umli tiegħi, imma lill-Papa, li jiena nirrappreżenta. U iktar mill-messaġġ, għat-telegramm li se jintbagħat għada lill-Papa, huwa dover tiegħi, anzi nassigurawkom li ninforma lill-Papa bil-fidi ta' dan il-poplu, bl-imħabba ta' dan il-poplu, il-qalb ta' dan il-poplu. U naħseb li din l-assikurazzjoni tkun għalikom ta' konsolazzjoni kbira u ta' faraġ kbir. Il-Papa wkoll għandu bżonn li jkun imfarraġ, hu li jieħu sehem fid-diffikultajiet kollha tad-dinja, għandu bżonn li jisma' li hemm l-ulied tiegħu li jħobbuh u li jitolbu għalih.

"Nitolbu lill-Madonna barka speċjali għall-Papa, hu li hu kkonsagrat għall-Madonna. "Totus Tuus"; il-Papa hu kollu kemm hu tal-Madonna. U aħna nirrakkomandawh lilha."

Wara l-Kardinal, flimkien ma' l-Isqfijiet preżenti taw il-Barka Appostolika tagħhom u l-Banda La Valette daqqet l-Innu Pontifiċju u l-Innu Malti u qabel daħal mill-gallarija, il-Kardinal, qal lin-nies bil-Malti: "Niltaqgħu għada."

Filgħaxija l-Kardinal Pappalardo kien il-mistieden speċjali f'ikla mogħtija f'San Anton mill-President tar-Repubblika s-Sinjorina Agatha Barbara.

Mal-Kardinal Pappalardo kienu mistiedna wkoll Mons. Arċisqof G. Mercieca u Mons. F. Canalini, Chargé d'Affaires tas-Santa Sede f' Malta.

Għall-ikla attendew ukoll il-Ministri tal-Kabinett immexxija minn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, Deputat Prim Ministru Anzjan; Dr. Eddie Fenech Adami, Kap tal-Partit Nazzjonalista u Dr. G. De Marco, Viċi Kap tal-P.N.

**Il-laqgħa mas-sorijiet tal-klawsura u mat-trabi**

Is-Sibt filgħodu l-Kardinal akkumpanjat mill-isqfijiet mar fil-monasteru tal-Klarissi, San Ġiljan, fejn ingabru s-sorijiet tal-monasteri tal-klawsura li hawn Malta, għall-Quddiesa tal-Kardinal. Wara l-Quddiesa, il-Kardinal telaq għall-Belt, għall-Knisja tal-Karmnu fejn kien hemm jistennewh għadd kbir



Il-folla miġbura quddiem San Gwann biex issellem lill-Kardinal li, flimkien mal-isqfijiet, jidher ikellem lin-nies mill-gallarija tal-Konkattidral.

ta' ġenituri bit-trabi tagħhom. Il-Kardinal ippresieda l-funzjoni tal-preżentazzjoni tat-tfal lill-Madonna' dik Malta tal-futur li tagħha na. Hafna trabi mbagħad ġew preżentati lill-Kardinal biex iberikhom u numru kbir ta' tfal iffullaw biex jitolbu huma wkoll il-barka tal-Kardinal u jeħdulu b'idejh.

Mill-knisja tal-Karmnu, il-Kardinal mar il-palazz ta' l-isqof biex jagħmel żjara lill-Arċisqof Emeritu, Mons. Gonzi.

**Egħluq il-Kungress Marjan**

Sa dan it-tant l-aħħar laqgħa plenarja tal-Kungress Marjan kienet qiegħda ssir fl-Istitut Kattoliku. Il-Kardinal kien mistenni li jippresiedi waqt l-aħħar konferenza, iżda minħabba l-folol kbar li sab minn kull fejn għadda ma setax iżomm l-orarju li ġie ffissat u wasal fl-Istitut Kattoliku wara li kienet spiċċat l-aħħar konferenza, iżda dawk li kienu preżenti fl-Istitut baqgħu jistennew biex hu jagħlaq uffiċjalment il-Kungress kif fil-fatt sar.

Wara li għalaq il-Kungress Marjan, il-Kardinal telaq għar-Rabat fejn kellu jiltaqa' għall-ikel mal-Kongressisti u ma' l-istudenti tas-Seminarju u ta' l-Ordnijiet Reliġjużi. Iżda qabel il-pranzu, il-Kardinal bierek fil-ġonna tas-Seminarju statwa tal-Madonna Omm il-Vokazzjonijiet magħmula mill-iskultur żagħżugħ Frans Galea; għattberik kien hemm għadd mhux żgħir ta' ġenituri tal-istudenti tas-Seminarju taż-żgħar u ta' tfal li jattendu l-**Vocation Guidance Courses** tas-Seminarju. Waqt il-pranzu lill-Kardinal ġew preżentati żewġ kwadri tal-pittur Kav. Emvin Cremona, wieħed f'isem is-Seminarju u l-ieħor f'isem l-Arċidjoċesi.

**Is-Sibt filgħaxija**

Is-Sibt filgħaxija ċ-ċelebrazzjoni bdiet b'purċissjoni mill-Kon-Kattidral ta' San Ġwann sa fuq il-Fosos tal-Furjana.

Fil-purċissjoni, li kellha organizzazzjoni speċjali u partikolari, ħadu sehem il-Kardinal Pappalardo, Mons. Arċisqof G. Mercieca, Mons. Isqof Cauchi u l-Isqfijiet barranin li ħadu sehem fil-Kungress Marjan Internazzjonali.

Quddiem il-Kardinal u l-Isqfijiet, li kienu fuq karrozza mikxufa, inġarr il-kwadru tal-Madonna ta' Caraffa u warajh imxew in-numru kbir ta' saċerdoti li kienu se jikkonċelebraw fil-quddiesa ta' fuq il-Fosos.

Il-wasla tal-Kwadru tal-Madonna, tal-Kardinal u ta' l-Isqfijiet fuq il-Fosos, kienet milqugħa b'entużjażmu u ferħ kbir mill-poplu.

Imbagħad bdiet il-Quddiesa li fiha ħadu sehem saċerdoti minn 19-il pajjiż differenti u għalhekk saret bil-Latin.

L-ewwel lezzjoni nqrat mis-Sur Anthony Mahoney, id-disinjatur tat-Tribuna Speċjali Artistika ta' l-okkażjoni.

It-tieni lezzjoni nqrat mis-seminarista Charles Scicluna.

L-Evanġelju nqara mid-Djaknu Alfred Vella.

Fl-omelija qasira li għamel il-Kardinal qal: "B'din iż-żjara tiegħi f'Malta, jiena kelli esperjenza sabiħa. U nista' ngħid lil min jistaqsini, u rrid ingħid lill-Papa li bagħatni, liema fidi sibt f'din il-gżira. Tkun żgħira wisq ix-xiehda tiegħi, imma nittama li permezz tal-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali — it-televiżjoni, ir-radju u l-ġur-



Il-wasla tal-kwadru tal-Madonna ta' Carafa fuq il-Fosos.



Il-Kardinal u l-isqfijiet jaslu fuq il-Fosos.

nali, l-aħbar ta' dan il-Kungress f' Malta tkun tista' tilħaq fid-dinja".

L-invokazzjonijiet tat-Talba tal-Fidili ntqalu bl-ilsna tal-Kongressisti li ħadu sehem fil-Quddiesa, u l-offerti ġew imtella' minn persuni ta' nazzjonijiet diversi: żewġ saċerdoti Pollakki tellgħu kwadru bix-xbiha tal-Madonna ta' Jasna Gora; żewġ pellegrini mill-Kroazja tellgħu xbiha tal-Madonna ta' Bistrica u medaljun; u żewġ żgħażagħ pellegrini Ġermaniżi tellgħu nbid minn għeneb Ġermaniż.

Is-Sur Frank Busuttil, President tal-Kunsill Djoċesan Appostolat tal-Lajċi li ħa ħsieb l-organizazzjoni ta' l-attività fuq il-Fosos, tella' kallotta li huwa ppreżenta lill-Kardinal Pappalardo. Min-naħa tiegħu l-Mibgħut Speċjali tal-Papa ta l-kallotta li kellu lis-Sur Busuttil bħala tifkira.

It-tqarbin sar minn 150 saċerdot li marru fost il-poplu.

Fi tmiem il-Quddiesa Solenni, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel talba lill-Madonna u wara għamel diskors qasir fejn qal: "Qabel ma nirċievu l-Barka, inħoss illi għandi, f'ismi u f'isem l-Isqof Mons. Cauchi u f'isimkom, f'isem il-poplu Malti kollu nirringrazzja lill-kardinal, lill-Isqfijiet li ġew magħna minn barra, lill-kongressisti kollha u lill-Papa".

Hu għamel dawn ir-ringrazzjamenti bit-Taljan. Imbagħad, Mons. Mercieca stieden lill-Kardinal Pappalardo biex iwassal lill-Qdusija Tiegħu l-Papa s-sentimenti kollha tal-Poplu Malti ta' qima u ta' ubbidjenza filjali.

Wara Mons. Arċisqof kellem lill-folla bil-Malti:

"Wara li rringrazzjat lil dawn inħoss li hu dmir tiegħi li nirringrazzja lill-Poplu Malti kollu, għaliex kulħadd għen u ta sehmu biex dan il-Kungress jirnexxi. Nirringrazzja lilkom ilkoll u lill-Poplu Malti kollu. Nirringrazzja lill-Poplu Malti kollu għaliex f'dawn il-ġranet ta prova ta' kemm il-Poplu Malti għandu qalbu ħajja.

"Bħala Arċisqof tagħkom, jiena nħobbkom ilkoll. Inħobbkom ilkoll. Inħobbkom ilkoll b'imħabba ta' missier. U bħala Malti bħalkom li nħobb lil għażiża art twelidi, Malta, jiena nħossni kultant imħasseb bil-firda ta' bejnietna. Madankollu, il-Poplu Malti ta xiehda, qiegħed jgħid li hu jħobb, u sakemm il-poplu Malti jħobb, għalija, bħala Arċisqof u bħala Malti, hija konsolazzjoni kbira li rrid naqsam magħkom il-lejla.

"Il-għaliex, maħbubin tiegħi, m' hawn l-ebda xkiel li ma nistgħux nirbħuh dment li nħobbu. Illum qegħdin ngħidu li l-Poplu Malti jħobb lill-Papa, li jħobbna. Il-Poplu Malti llum, il-Poplu Malti kollu kemm hu, iħobb lill-Madonna, u sakemm il-Poplu Malti jibqa' maħkum mill-imħabba lejn il-Papa u lejn il-Madonna aħna nibqgħu poplu sħiħ u magħqud. Nibqgħu magħqudin daqskemm nibqgħu poplu nisrani, poplu ta' San Pawl, li hu Missierna.

"Inħeġġiġkom, għalhekk, maħbubin tiegħi, biex il-lejla mhux biex nifirħu, imma, bħalma għamlet il-Madonna, li hija l-Omm tal-Ħniena u tar-Rikonċiljazzjoni, aħna bħalha ngħidu 'iva' lil kulħadd, u nħobbu lil kulħadd. Biex Alla jkun fuq kulħadd u l-ħarsa ħelwa tal-Madonna tmexxi lil kulħadd, tmexxi lilna saċerdoti u lili, Isqof, u sieħbi, Mons. Cauchi, biex aħna nwasslu



Dehra tal-folla fuq il-Fosos.



Dehra oħra tal-folla.

l-verità sħiħa kif tridna l-Knisja fl-imħabba. Biex hekk l-imħabba ta' Alla u d-dehen ta' Alla jinżel fil-familji tagħna, fl-ommijiet twajba tagħna, fil-missirijiet għaqlin Maltin, jinżlu fuq il-morda, fuq it-tfal tagħna u fuq min qiegħed imexxina, biex hekk inkunu poplu wieħed. U kif bagħat igħidilna l-Papa nkunu Insara tajba daqskemm inkunu ċittadini tajba. Għaliex it-tagħlim ta' Kristu, li jwassalulna l-Papa għamilna nsara tajba li nagħtu glorja lil Alla u ġieh lil Malta tagħna, Viva l-Madonna."

Wara tkellem ukoll, din id-darba bit-Taljan, il-Kardinal Pappalardo:

"Anke jekk ma fhimtx, jiena ħadt pjaċir xorta nassisti għal dan id-djalogu bejn l-Isqof tagħkom li jitkellem u intom li weġibtuh. Huwa sabiħ dan il-kuntatt bejn ir-Ragħaj u l-fidili. U hekk għandu jkun mas-saċerdoti kollha, ma' dawk kollha li flimkien ma' l-Isqof, jaqsmu l-kura pastorali tal-Poplu. F' nofs il-Poplu. Mal-Poplu. Għall-Poplu.

"B'din iż-żjara tiegħi f'Malta, jiena kelli esperjenza sabiħa. U nista' ngħid lill-Papa li bagħatni, liema fidi sibt f'din il-gżira. Tkun żgħira wisq ix-xiehda tiegħi, imma nittama li permezz tal-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali, it-televiżjoni, ir-radju u l-ġurnali, l-aħbar ta' dan il-Kungress f'Malta tkun tista' tilħaq fid-dinja.

"U Marija twasslilkom dejjem raġġ ta' tama u ta' paċi, hi li hi l-Omm il-maħbuba, Omm tar-Rikonċiljazzjoni, Sultana tal-paċi, Għajnuna ta' l-Insara, Marija tikseb għalikom fi tmiem dan il-Kungress iddedikat lilha, barka kbira.

Tbierek lilkom ilkoll li qegħdin hawn imma wkoll lil dawk li m'humiex hawn.

"Tbierek il-ħafna tfal; kemm tfal stajt nara, insellem, inħaddan. Tbierek it-tfal li qed jikbru, tbierek iż-żgħażagħ, il-missirijiet, l-ommijiet, l-anzjani. Tbierek il-familji kollha ta 'Malta. Huwa importanti ħafna li kull wieħed minna ma jħossux nisrani għal rasu imma jrid ikun nisrani fil-familja; il-familja kollha trid tkun nisranija, missier, omm, tfal. kuġini, nanniet, nies jiġu minnek, nies miżżewġin għandek... kulħadd.

"U fuq kulħadd issa se nitolbu l-Barka tal-Mulej."

Il-Kardinal Pappalardo, Mibgħut Speċjali tal-Papa, flimkien ma' l-Isqfijiet taw il-Barka tagħhom lill-poplu kollu, "lill-gżira viċina ta' Għawdex, biex ikunu għonja fil-prosperità umana u nisranija għal dejjem."

Fl-aħħar tal-Quddiesa, il-Kardinal Pappalardo qal bil-Malti "MORRU FIL-PAĊI TA' KRISTU". U tkanta l-Innu Malti.

Imbagħad il-Kardinal Pappalardo esklama: "Viva Malta, Viva l-Papa. Viva Marija."

Wara l-funzjoni l-Kardinal flimkien ma' l-isqfijiet li kkonċelebraw miegħu marru fl-Istitut Kattoliku fejn iltaqgħu mal-membri tal-Kumitat organizzattiv.

**Il-Hadd f'Għawdex**

Il-Hadd filgħodu l-Kardinal mar Għawdex b'yacht privat miċ-Ċirkewwa, waqt li ħafna mill-Kongressisti u għadd kbir ta' nies telqu għall-ħabta ta' nofs in-nhar minn Sa Maison fejn kien hemm il-vapur

**Egħluq tal-Kungress Marjan quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.**







**Fuq: Waqt l-omelija tal-Kardinal. Taħt: Il-folla qed tassisti għall-Quddiesa.**



Il-Kardinal isellem lil Għawdex.



Il-Kardinal man-nies fuq il-vapur fi triqtu lura lejn Malta.

li nkera apposta għalihom.

Wara żjara lill-Kattidral u l-parroċċi kollha ta' Għawdex, il-Kardinal mar fis-Santwarju ta' Pinu biex jagħlaq il-Kungress Marjan b' konċelebrazzjoni solenni ma' l-isqfijiet Maltin u għadd kbir ta' saċerdoti u kongressisti.

Fl-omelija l-Kardinal stieden lil kulħadd biex ikun appostlu tal-paċi: "nitilqu minn hawn", qal, "bħala veri appostli tal-paċi".

Hu żied igħid: "Aħdmu għall-paċi, bit-talb veru u mingħajr waqfien u b'kull mezz li għandkom għad-dispożizzjoni tagħkom, waqt li tiftakru dejjem fl-eżortazzjoni ta' l-Appostlu San Pawl, Missier dan in-nazzjon Malti, biex tagħmlu dejjem dak li hu kiteb fl-ittra lir-Rumani ħalli l-paċi tiġi 'l quddiem u ngħinu 'l xulxin. Imma ftakru wkoll fil-kliem li qrajna fit-tieni lezzjoni tal-liturġija tal-lum, meħudin ukoll mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin, ir-rakkomandazzjonijiet kollha li għamel l-Appostlu Pawlu, dak Pawlu tagħkom, lill-insara ta' dak iż-żmien — l-istess rakkomandazzjonijiet li huwa jagħmel għall-insara tal-lum, għalikom li tinsabu miġbura hawn, anke f'ismu.

"Dan hu l-frott li jeħtieġ niġbru mill-festi kommemorattivi taċ-ċentinarju tal-Madonna Tagħna ta' Pinu. Jekk irridu nonoraw lil Marija, kif qed iseħħ bħalissa u għalina, ngħixu l-ħajja nisranija."

Għall-Quddiesa Għawdex kien hemm preżenti l-President tar-Repubblika, is-Sinjorina Agata Barbara u d-Deputat Prim Ministru Dr. C. Mifsud Bonnici.

Wara l-funzjoni f'Ta' Pinu, il-Kardinal reġa' lura Malta bil-vapur Mġarr, u waqt il-vjaġġ lejn Malta tkellem ma' ħafna min-nies li kienu jivvjaġġaw miegħu.

It-Tnejn, wara li dar għadd ta' parroċċi oħra f'Malta, il-Kardinal mar l-ajruport fi triqtu għal Ruma fejn kellu jieħu sehem fil-laqgħa tal-Konferenza ta' l-isqfijiet Taljani. Isellmulu kien hemm l-Arċisqof, Dr. A. Sciberras Trigona, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, Mons. F. Canalini, Charge' d'Affaires tas-S. Sede u Mons. C. Xuereb, Vigarju Ġenerali li flimkien ma' Mons. C. Muscat, P. Guido Schembri, provinċjal tal-Patrijiet Minuri u Dun Lawrenz Sciberras minn Għawdex, kien jifforma parti mill-'entourage" tal-Kardinal tul iż-żjara tiegħu f'Malta.

**WARA L-KUNGRESSI**

Wara l-egħluq tal-Kungress l-Arċisqof bagħat ittra personali ta' ringrazzjament lil kull min b'mod jew ieħor ta kontribut għas-suċċess tal-Kungressi u lil dawk li offrew servizz volontarju fis-Segreterija tul il-granet tal-Kungressi tahom medalja-tifkira. Barra dan fil-21 ta' Settembru bagħat din l-ittra miftuħa lill-poplu Malti kollu u radd ħajr tas-sehem sħiħ li kulħadd ħa fiċ-ċelebrazzjonijiet:

Irrid li bħala Missier Spiritwali nuri s-sodisfazzjon kbir tiegħi għall-mod apert li bih il-poplu Malti għaraf jistqarr il-fidi kattolika tiegħu u l-imħabba speċjali li għandu lejn Marija, Omm l-Knisja, f'dawn il-jiem tal-

Kungressi Internazzjonali Marjoloġiku u Marjan.

Nirringrazzja minn qalbi lill-poplu Malti għall-merħba spontanja u mimlija mħabba li ta lill-Kardinal S. Pappalardo, li l-Q.T. il-Papa għoġbu jibgħatilna bħala l-Mibgħut Speċjali tiegħu matul il-jiem li dam fostna. Il-poplu wera bis-sħiħ kemm għandu għal qalbu u jixtieq li tinżamm rabta sħiħa mal-Knisja, mal-Papa u mat-tagħlim tiegħu.

Nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk kollha li ħadmu biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ikunu jistgħu jsiru u lil dawk kollha li ħadu sehem fihom.

Jalla dawn il-Kungressi li aħna għażilna bħala motto tagħhom, **Marija Omm ir-rikonċiljazzjoni** jiġbdu fuqna l-barka ta' Marija Ommna, biex nagħarfu nżommu l-għaqda bejnietna li tiġi biss mill-fidi vera.

Il-Kardinal Mibgħut tal-Papa li ra b'għajnejh is-sentimenti ta' fidi li għandu l-poplu tagħna xtaqni nwassal lill-poplu Malti kollu l-apprezzamenti tiegħu għall-ispirtu ta' mħabba li bih laqgħu u riedni nwassal il-barka speċjali tiegħu fuq dawk ukoll li għal raġuni ta' mard jew raġunijiet oħra ma setgħux jiltaqgħu miegħu.

Il-paċi tal-Mulej tkun magħkom ilkoll.

† ĠUŻEPPI MERCIECA,
Arċisqof ta' Malta.

L-Arċisqof bagħat ukoll din l-ittra ta' radd il-ħajr lill-Qdusija Tiegħu l-Papa.

Floriana, 23 settembre, 1983

Beatissimo Padre,

Alla felice conclusione dei Congressi Mariologico e Mariano Internazionali, il mio pensiero grato, come pure quello di Mons. Cauchi, Vescovo di Gozo, va alla Santità Vostra per le parole di saluto e di incoraggiamento rivolte ai Vescovi, ai Congressisti e alla popolazione Maltese, per l'interesse che ha manifestato anche pubblicamente, in particolare all'Angelus, la Domenica precedente all'apertura dei Congressi.

Un ringraziamento del tutto speciale voglio esprimere per la felice scelta del Signor Cardinale Salvatore Pappalardo come Inviato Speciale di Vostra Santità. Il Porporato è entrato in contatto cordiale con la popolazione Maltese che Gli ha manifestato entusiastica accoglienza e calorosi applausi diretti al Papa che Egli rappresentava.

Ho il piacere e la sodisfazione di comunicare il successo pastorale delle celebrazioni che hanno contribuito enormemente a ravvivare la filiale devozione alla Madonna ed il sincero attaccamento al Santo Padre.

Nelle numerose parrocchie visitate non mancherà d'esser sottolineato l'impegno preso di favorire la riconciliazione a ogni livello della vita sociale.

Rinnovando i miei sentimenti di profonda devozione, mi confermo,

di Vostra Santità,
devmo

† GIUSEPPE MERCIECA,
Arcivescovo di Malta.

Il-Papa, permezz tal-Kardinal Casaroli, bagħat lill-Arċisqof din l-ittra ta' radd il-ħajr:

Your Grace,

The Holy Father was pleased to receive, through the good offices of the Vicar General, various gifts offered by the members of the Maltese National Pilgrimage.

His Holiness has asked me to convey his thanks for these donations, expressing as they do the devoted sentiments of the Catholics of Malta. He wishes me to assure you once more that the local Church over which you preside and which you serve has a special place in his prayers. With affection in the Lord he imparts his Apostolic Blessing.

With fraternal best wishes, I remain

Yours sincerely in Christ,
R. CARD. CASAROLI,
Secretary of State.

The Most Reverend Joseph Mercieca
Archbishop of Malta
Archbishop's Curia
Floriana

Jumejn wara egħluq il-Kungress Marjan tela' Ruma l-pellegrinaġġ nazzjonali organizzat mill-K.D.A.L. u mmexxi minn Mons. C. Xuereb, Vigarju Ġenerali. Waqt l-udjenza li saret l-Erbgħa 21 ta' Settembru, Mons. Vigarju, ippreżenta lill-Papa album bil-fotografiji tal-Kungressi u rigali oħra.

L-aħħar att tas-Segreterija tal-Kungressi, imbagħad, kienu dawn is-suġġerimenti li ntbagħtu lill-kappillan biex mill-Kungressi joħroġ frott li jibqa':

1. Permezz tal-Bullettin parrokkjali nagħtu tagħrif lill-familji fuq is-Sena Mqaddsa u nuruhom kif jistgħu jgħixuha; għal dan biżżejjed siltiet mill-Bolla li biha l-Papa nieda s-Sena Mqaddsa (Ara **Bullettin ta' l-Arċidjoċesi**).

2. Norganizzaw irtiri għall-familji fil-parroċċi, v.g. tliet nofs ta' nhari wara xulxin ta' xi sagħtejn jew tliet sigħat, b'istruzzjoni, meditazzjoni, waqtiet ta' talb, ċelebrazzjoni penitenzjali eċċ.

3. Inħabirku għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fi ħdan il-familji v.g. il-ġenituri wara xi inkwiet bejniethom juru 'l xulxin sinjali ta' maħfra u paċi quddiem uliedhom, l-aħwa jagħmlu l-istess ma' xulxin, etc, inħajru n-nies jitolbu maħfra u, huma u jitolbu, juru sinjali ta' maħfra eċċ.

4. Nippruvaw inressqu lejn xulxin dawk il-familji tal-parroċċa li huma miġġieldin jew egħdewwa ta' xulxin.

5. Infittxu li jkun hemm faċalitajiet kbar għall-qrar kuljum u nħajru n-nies jersqu għall-qrar fil-ġranet li ma tantx ikun hemm nies biex il-qrara tagħhom ma tkunx imgħaġġla.

Ngħinu n-nies jitgħallmu jagħmlu sewwa l-eżami tal-kuxjenza biċ-ċelebrazzjoni ta' spiss ta' ċeleb-

razzjonijiet penitenzjali.

Nitkellmu ta' spiss man-nies fuq il-ħtieġa tal-konverżjoni, ta' l-indiema, tal-maħfra, tal-ħniena u tarrikonċiljazzjoni; nuru lin-nies x' inhu verament id-dnub.

6. Norganizzaw Quddies għall-gruppi ta' familji. Inħajru t-tfal u liż-żgħażagħ għal tisħib sħiħ fil-Quddies b'ċelebrazzjonijiet speċjali għalihom tul il-ġimgħa, flimkien mal-familji tagħhom.

7. Inwasslu lin-nies tal-parroċċa biex jintebħu bil-qagħda mwiegħra ta' xi wħud u nħajruhom juru magħhom imħabba nisranija: il-morda, l-inkapaċitati, ix-xjuħ, il-fqar, dawk waħedhom, jeħtieġu min igħinhom u jżurhom. Kull familja jmissha tieħu ħsieb lil xi ħadd minn dawn u tkun "l-anġlu" tagħhom li jżurhom u jgħinhom.

8. Inħajru l-familji jżommu f'post ta' ġieħ fid-dar Kurċifiss u xbieha tal-Madonna u ta' xi qaddis, biddawl dejjem jixgħel quddiemhom.

9. Inħajru l-familji biex iżommu qawwi fi ħdanhom l-ispirtu tat-talb; billi

— jitolbu qabel l-ikel

— il-ġenituri jgħallmu 'l uliedhom, malli jibdew jitkellmu, ilissnu l-ismijiet ta' Ġesù u Marija, iroddu s-salib, jgħidu l-ewwel talbiet żgħar qabel l-irqad

— xi drabi matul il-ġimgħa jsir xi qari mill-Iskrittura — għal dan jiswa ħafna l-ktejjeb KLIEM IL-HAJJA; il-qari jista' jsir minn wieħed jew waħda skond min imissu

— jgħidu r-Rużarju kuljum

— jikkonsagraw il-familja lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.

10. Inħajru lill-familji jgħixu fi djarhom is-sena liturġika flimkien mal-Knisja billi

— fl-Avvent jarmaw il-girlanda ta' l-Avvent

— fi żmien il-Milied jarmaw il-presepju

— ir-Randan igħixuh fi spirtu ta' ċaħda u ta' penitenza

— il-festi tal-parroċċa jkunu għalihom ġranet ta' ferħ spiritwali u tiġdid fir-ruħ.

11. Inġibu 'l quddiem fi ħdan il-familji l-ispirtu ta' sagrifiċċju u ta' solidarjetà ma' ħutna fil-bżonn biex nagħtu bil-ferħ

mhux biss iżżejjed li għandna — ilbies, kotba, ġugarelli, flus, eċċ. — lil min ma għandux,

imma wkoll niċċaħħdu minn xi spiża kbira biex ngħinu lil min hu fqir u nkunu nixbhu lil Ġesù, li kien għani u ftaqar biex nistagħnu aħna.

12, Insaħħu u nkattru fil-parroċċa tagħna l-Gruppi ta' Familji Nsara biex dejjem aktar jikber l-appostolat tal-familji għall-familji.

## DOKUMENTAZZJONI

### IT-TALBA TA' L-ISQFIJIET LILL-PAPA

Beatissimo Padre,

Ricorrendo nel 1983 il primo centenario del santuario mariano "ta' Pinu", consci dell'utilità pastorale dei Congressi Mariologici e Mariani internazionali, abbiamo pensato che sarebbe una buona occasione per celebrare il prossimo Congresso Mariologico-Mariano nella provincia ecclesiastica maltese.

Il Congresso sarà certamente un'occasione veramente propizia per rinsaldare la fede cattolica nel popolo di Dio e per intensificare la devozione verso la santissima Madre di Dio, oltre che promuovere un colloquoi ecumenico sul culto mariano.

Ci siamo messi in contatto con la Pontificia Accademia Mariana internazionale, che ha l'incarico dalla S. Sede di organizzare questi Congressi Mariologici-Mariani, e dopo un sopraluogo a Malta, ci ha assicurato che la provincia maltese ha tutti i requisiti necessari per un tale Congresso.

Pertanto noi, vescovi di Malta e di Gozo, supplichiamo la Santità Vostra degnarsi designare ufficialmente la città della Valletta, capoluogo dell'isola di Malta e il santuario Mariano "ta' Pinu" nella isola di Gozo come sedi del IX Congresso Mariologico internazionale e del XVI Congresso Mariano internazionale che si terranno nel mese di settembre dell'anno 1983.

Et Deus...

† GIUSEPPE MERCIECA,
Arcivescovo di Malta.

† NIKOL CAUCHI,
Vescovo di Gozo.

### IT-THABBIRA UFFIĊJALI TAL-KUNGRESSI

In data di 12 marzo 1981 la Santa Sede ha favorevolmente accolto la proposta dell'Episcopato Maltese, dell'Eccellentissimo Arcivescovo di Malta, e dell'Eccellentissimo Vescovo di Gozo da una parte, e della Pontificia Accademia Mariana Internazionale di Roma, d'altra parte e il Santo Padre ha designato ufficialmente la città della Valletta e il Santuario mariano "Ta' Pinu" nell'isola di Gozo come sedi del IX Congresso Mariologico Internazionale e del XVI Congresso Mariano Internazionale, che si svolgeranno nell'anno 1983.

Il IX Congresso Mariologico Internazionale, riallaciandosi ai convegni precedenti, prenderà come tema l'esame dello stato della dottrina e della devozione mariana nlla Chiesa nei secoli diciattesimo e diciottesimo.

Il XVI Congresso Mariano Internazionale tratterà, come di consuetudine, un tema pastorale collegato al mistero mariano nel mistero di Cristo e della Chiesa, con riferimento alla vita attuale della Chiesa.

Questi incontri internazionali si svolgeranno dal 9 al 18 settembre 1983, mariologico dal 9 al 14 e mariano dal 15 al 18.

## PASTORALI TA' L-ISQFIJIET LI THABBAR ŻEWĠ KUNGRESSI

B'ferħ kbir ta' qalbna nixtiequ nħabbrulkom li l-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwann Pawlu II, fl-istess żmien li ħabbar lill-Knisja kollha l-ħsieb tiegħu li jfakkar b'ċelebrazzjonijiet solenni f'Ruma żewġ ġrajjiet kbar fl-istorja tal-Knisja, għarrafna wkoll li laqa' bil-qalb l-istedina tagħna li fl-1983, f'Settembru, f'Malta u Għawdex, jiġi ċelebrat id-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-XVI Kungress Marjan Internazzjonali, fl-okkażjoni ta' egħluq il-mitt sena minn meta l-Verġni Marija kellmet lit-twajba Karmena Grima minn kappella żgħira li dak iż-żmien kien hemm f'għalqa qrib l-Għarb, kappella li llum hi s-Santwarju ta' Pinu u ċentru ewlieni tad-devozzjoni u ta' l-imħabba tagħna għall-Verġni Omm Alla u Omm il-Knisja.

Il-Papa f'Ruma, din is-sena, nhar Għid il-Ħamsin, flimkien marrappreżentanti tal-Konferenzi episkopali kollha tad-dinja, irid ifakkar is-16-il mitt sena ta' l-ewwel Konċilju ta' Kostantinopli meta l-Knisja stqarret il-fidi tagħha fl-Ispirtu s-Santu, "il-Mulej li jagħti l-ħajja", u l-1550 sena tal-Konċilju ta' Efesu, meta l-Knisja stqarret li Kristu hu tassew veru Alla u veru bniedem u għalhekk, bir-raġun kollu, il-Verġni Marija nsejħulha Omm Alla.

**Parti mill-ħajja tal-Knisja**

Dawn iż-żewġ ġrajjiet importanti mhumiex biss ġrajjiet ta' l-imgħoddi imma huma parti mill-ħajja tal-Knisja f'kull żmien, u fi żmienna wkoll. Il-ħsibijiet u l-qlub ta' l-insara kollha, f'kull żmien, għandhom ikunu ċċentrati fi Kristu, għaliex Kristu, kif igħidilna l-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud, "huwa dak li kien fl-imgħoddi, issa, u għal li ġej": iżda dan jista' jseħħ biss jekk qlubna u ħsibijietna jkunu wkoll fl-Ispirtu s-Santu, li bil-qawwa tiegħu l-Iben ta' Alla sar bniedem, u f'Marija Verġni, li nisslet l-Iben ta' Alla fi ħdanha u twieled minnha.

F'dan il-mument tal-ħajja tal-Knisja u tad-dinja, hija u toqrob lejn it-tmiem tat-tieni elf sena mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, aħna neħtieġu ħafna l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu biex igħinna "nġeddu l-wiċċ ta' l-art" u hekk iseħħ dak li talab il-Konċilju Vatikan II. Biex dan iseħħ, jeħtieġ li nkunu qalb waħda fit-talb flimkien ma' Marija, Omm Ġesù, kif kienu l-Appostli fil-ġranet ta' qabel Għid

il-Ħamsin, meta kienu miġburin flimkien fiċ-Ċenaklu jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu.

**Tiġdid nisrani**

Aħna qegħdin nagħmlu tagħna dawn il-ħsibijiet tal-Papa u nwassluhom lilkom, għaliex irridu li ż-żewġ Kungressi li se jsiru f'pajjiżna fl-1983 f'ġieħ il-Verġni Marija, ma jkunux biss ċelebrazzjonijiet kbar li jħallu, fost il-barranin li jiġu biex magħna jagħtu ġieħ lill-Verġni Marija, l-impressjoni ta' kemm ninqalgħu biex nagħmlu festi sbieħ u solenni, ta' kemm nafu nżejnu, u ta' kemm aħna mimlijin b'entużjażmu reliġjuż. Aħna rridu li dawn iż-żewġ Kungressi jkunu l-bidu ta' tiġdid veru fil-ħajja kollha tagħna *bħala nsara*. Il-veru tiġdid, igħidilna l-Papa, ifisser mhux biss taġġorna u tadatta għaż-żminijiet ta' llum dak li hu ta' dejjem u jibqa' għal dejjem fil-Knisja, għaliex hu parti mill-istess natura tagħha; ifisser ukoll li ssaħħu u turih f'dawl aktar ċar biex wieħed jifhem li huwa l-qofol tal-ħajja nisranija, u, jekk wieħed jiċħdu jew iwarrbu fil-ġenb, ma jistax ikun li jibqa' nisrani.

**Passi fit-triq tal-ġustizzja**

Jeħtieġ li r-rabta tagħna bħala nsara, bejnietna u mal-Knisja kollha, tissaħħaħ dejjem aktar, u li nkunu tassew u nidhru bħala "l-poplu ta' Alla miġbur flimkien fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu", b'rabta liema bħalha ta' fedeltà sħiħa mal-Papa u ma' l-isqfijiet, rabta li tfisser li nilqgħu dejjem, bla tlaqliq, it-tagħlim ta' Kristu kif iwassluhulna huma.

Jeħtieġ li nagħmlu passi ġodda fit-triq tal-ġustizzja, is-sliem u l-paċi u nbegħdu minna kull ma jifridna, kull sura ta' materjaliżmu, kull mentalità li ma taqbilx jew tmur kontra l-Evanġelju ta' Kristu, biex ngħixu flimkien bħal aħwa u nibnu dinja aħjar fejn isaltnu t-tjieba, il-verità u l-ġustizzja.

Jeħtieġ li l-vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali ma jonqsu qatt fostna imma joktru dejjem; il-Mulej ma jehda qatt isejjaħ qlub ġenerużi minn fostna, imma ħafna mhumiex jagħtu widen għas-sejħa tal-Mulej, għaliex il-ħajja edonistika kollha għatx tal-pjaċiri li ħafna qegħdin igħixu llum mhux qed tħalli leħnu jasal għand uliedna.

Jeħtieġ li l-lajċi jifhmu sewwa li huma wkoll il-Knisja ta' Kristu, u huma wkoll għandhom id-dmir li jkunu xhieda ta' Kristu, mhux biss meta jkunu fil-knisja, imma f'kull mument tal-ħajja tagħhom, bħala nisa u rġiel, responsabbli ta' kull ma jagħmlu.

Dan kollu ma jistax iseħħ jekk mhux bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, u din l-għajnuna rridu nitolbuha bħalma talbuha l-Appostli qabel xterdu mad-dinja jħabbru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu: miġburin fit-talb ma' Marija, Omm Ġesù.

Bit-talb ma' Marija Omm Ġesù jista' jseħħ tiġdid sħiħ fil-Knisja f'pajjiżna, u dan għandu jkun il-għan taż-żewġ Kungressi internaz-

zjonali li l-Papa jixtieq li jsiru f'pajjiżna fl-1983. Biex dan isehh jeħtieġ nibdew nitolbu mil-lum. Għalhekk mill-bidu tax-xahar ta' Mejju

i. fil-knejjes kollha, kuljum, wara r-Rużarju, tingħad it-talba lill-Verġni Marija, li qegħdin nibagħtu ma' din il-pastorali;*

ii. fil-knejjes kollha, darba fil-ġimgħa, kemm jista' jkun nhar ta' Sibt, meta jippermettu r-rubriki, titqaddes il-Quddiesa votiva tal-Madonna, Omm il-Knisja (Ara Sagramentarju Malti p. 951).

iii. aktar 'il quddiem ikunu jistgħu jinkisbu santi tal-Madonna ta' Pinu bit-talba msemmija biex jitqassmu lill-familji kollha ħa jgħiduha kuljum flimkien mar-Rużarju.

Maħruġa nhar l-10 ta' April 1981, festa tad-Duluri.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex

It-talba tinsab paġ. 644 ta' dan il-ktieb.

## L-ITTRA TA' L-ARĊISQOF LILL-PRIM MINISTRU DWAR IL-KUNGRESSI

Valletta, 6 ta' Lulju, 1982

Lill-Onor. s-Sur Dom Mintoff,
Prim Ministru,
Kastilja,
Il-Belt.

Onorevoli Prim Ministru,

Għandi pjaċir ninfurmak li l-Qdusija Tiegħu l-Papa għoġbu jagħżel pajjiżna bħala post fejn jiġi ċelebrat id-IX Knugress Marjoloġiku u s-XVI-il Kungress Internazzjonali Marjan f'Settembru tal-1983.

Is-Santa Sede tħalli f'idejn il-Pontificia Accademia Mariana ta' Ruma, l-organizzazzjoni ta' dawn il-Kungressi, u l-President ta' din l-Accademia, P. Paolo Melada O.F.M. ġie darbtejn Malta biex jara x'faċilitajiet hawn u jħejji l-Kungressi.

Għall-Kungress Marjoloġiku, mid-9 sal-15 ta' Settembru, 1983, hu maħsub li jiġu bejn 100 u 150 studjużi u esperti fil-Marjoloġija mid-dinja kollha, u l-laqgħat ta' studju, fi gruppi skond l-ilsien li wieħed jitkellem, se jsiru filgħodu f'Tal-Virtù, waqt li l-laqgħat ġenerali, filgħaxija, se jsiru f'Dar il-Mediterran.

Għall-Kungress Marjan, li se jsir bejn il-15 u t-18 ta' Settembru, 1983, jiġu għadd ta' pellegrinaġġi mill-Ewropa u l-Amerika, skond ma għarfitna l-Pontificia Accademia Mariana.

L-aħħar Kungress Marjoloġiku-Marjan sar erba' snin ilu f'Sa-

ragossa u l-Pontificia Accademia Mariana tittama li l-Kungressi f'Malta jkollhom l-istess suċċess li kellhom fi Spanja. Għall-okkażjoni l-Gvern Spanjol kien ħareġ bolla kommemorattiva, u f'dan mexa fuq l-eżempju ta' pajjiżi oħra fejn saru dawn il-Kungressi.

Imqanqal mill-eżempju ta' l-Isqfijiet ta' dawn il-pajjiżi, jiena wkoll inħoss li għandi nitlob il-Gvern Malti biex ifakkar din l-okkażjoni mportanti bi ħruġ ta' sett bolli kommemorattivi.

Jiena żgur li l-Gvern jilqa' bil-qalb din it-talba tiegħi u li jagħti kull għajnuna biex dawn iż-żewġ Kungressi jirnexxu.

Bit-tama li jkolli tweġiba favorevoli, nirringrazzjak bil-quddiem, waqt li nitolbok tgħoddni,

dejjem tiegħek,

† ĠUŻEPPI MERCIECA,
Arċisqof ta' Malta u
President tal-Konferenza Episkopali

*Fit-2 ta' Awissu 1982, l-Arċisqof irċieva nota mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li t-talba tiegħu kienet qiegħda tiġi mistħarrġa.*

## ITTRI PASTORALI TA' L-ISQFIJIET

### IL-MESSAĠĠ TAL-MADONNA TA' PINU

Fl-imgħoddi mhux biss kienet issir ta' kull sena l-festa tal-Madonna ta' Pinu fit-22 ta' Ġunju, iżda saru wkoll ċelebrazzjonijiet speċjali f'għeluq il-ħamsin u l-ħamsa u sebgħin sena tad-Dehra tagħha.

**50 Sena**

F'egħluq il-ħamsin sena tad-Dehra l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, dak inhar Isqof t'Għawdex, fiċ-ċirkulari tiegħu tat-13 ta' Ġunju 1933 kiteb: "Jaqbel li dan iċ-ċinkwantinarju jkun ċelebrazzjoni straordinarja waqt li niftakru fil-ħafna għajnuniet meraviljużi, li matul dan l-intervall twil ta' żmien, il-Verġni Marija tat lil dawk il-bnedmin, li rrikorrew għandha kemm minn dawn il-gżejjer imbierka kif ukoll minn artijiet oħra. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jixirqu u huma meħtieġa, għaliex huma jqanqlu l-qlub, isaħħu l-fiduċja tal-bnedmin f'Marija u bl-interċessjoni tagħha ta' omm, jiksbu għajnuniet ġodda minn għand Ġesù Kristu."

F'għeluq il-ħamsa u sebgħin sena ta' l-istess ġrajja, l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace fiċ-ċirkulari tiegħu tat-2 ta' Ġunju 1958, kiteb: "Matul dawn is-snin kollha, il-fidili, meta saru jafu bl-istedina ta' Marija, ma naqsux li jiġu f'riġlejn Marija Assunta 'Ta' Pinu' u b'devozzjoni l-iktar kbira u b'fidi l-iktar qawwija jitolbuha fil-bżonnijiet tagħhom.

"Marija, mill-parti tagħha kompliet il-wegħda tagħha, u kull min ġie quddiemha ġie dejjem ikkonslat u qala' minn għandha dak li talabha. Minn hawn żdiedet ta' kull jum il-venerazzjoni lejn is-Santwarju "Ta' Pinu", b'tali mod u manjera li mhux biss l-ulied ta' din il-Gżira tagħna, imma anki kull min jiġi Għiritna jħoss il-bżonn li jmur għand Marija Santissima "Ta' Pinu" u jesponilha dak li minnha jixtieq. Huma bla numru l-pellegrini u l-pellegrinaġġi li ta' kull sena jiġu jżuru hawn lil Marija, li għoġobha twaqqaf hawnhekk it-tron tal-grazzji tagħha.

"F'għeluq għalhekk tal-75 sena minn mindu l-Verġni 'Ta' Pinu' indenjat ruħha tagħmel magħna grazzji bħal dawn inħossu li huwa dmir tagħna li nagħmlu tifkira speċjali."

**Ċentinarju**

Din iċ-ċelebrazzjoni jixraq wisq iżjed li ssir f'din is-sena li fiha qegħdin infakkru ċ-ċentinarju ta' dawk il-ġrajjiet li bdew, fl-istorja reliġjuża tal-Gżejjer tagħna, tqanqila ta' ħeġġa ġdida li hija xhieda ċara tar-rabtiet ta' mħabba li jeżistu bejn il-Madonna u l-poplu tagħna. Hu għalhekk li l-kwadru tal-Madonna ta' Pinu se jżur Malta x-xahar id-dieħel għal tmint ijiem sħaħ mit-2 ta' Lulju; u huwa għalhekk li, f'Malta u Għawdex, f'Settembru, se jsiru d-disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-sittax-il Kungress Marjan Internazzjonali.

Iżda barra milli nistednukom tieħdu sehem kif imiss u bl-ikbar qima fil-funzjonijiet li huma pprogrammati għal dawn l-okkażjonijiet nixtiequ li tirriflettu bis-serjetà dwar il-qofol tal-messaġġ li l-Madonna ta' Pinu għoġobha tagħtina.

Nibdew biex nistaqsu lilna nfusna: "Liema hu l-messaġġ li ħallitilna l-Madonna? U aħna qegħdin inwettquh jew le?"

Il-Messaġġ tal-Madonna Ta' Pinu nistgħu niġbruh fi ftit kliem. Il-Madonna fakkritna fil-mewt tagħha u talbitna ngħidu bid-devozzjoni s-sliema u l-qaddisa għal tliet darbiet, f'ġieh it-tlett ijiem li Ġisimha dam fil-qabar qabel ma ġiet meħuda fis-sema.

Jiġifieri, il-Madonna fakkritna fil-verità tal-mewt, li hija verità mportanti ħafna. In-novissmi huma veritajiet li għallimhomlna Kristu fl-Evanġelju tiegħu, jibqgħu meħtieġa f'kull żmien, u jekk aħna ninsewhom nitbegħdu mit-triq it-tajba.

Il-Madonna fakkritna wkoll fil-glorja tal-ġenna. Bħala nsara għandna mhux biss nemmnu f'Alla, imma għandna nemmnu wkoll fl-immortalità tar-ruħ, li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra, illi jekk aħna rridu nsibu ruħna fit-tgawdija, fil-ħajja li għad trid tiġi, hemm bżonn

li naħdmu għaliha minn issa.

Il-Messaġġ tal-Madonna fih ukoll parti oħra. Hija semmitilna l-Pjaga l-Moħbija li kellu Kristu fuq spalltu bit-tagħbija tas-Salib. U l-ewwelnett riditna niftakru li Kristu huwa s-Salvatur tagħna. U Kristu biss, li kien l-Iben t'Alla, u kellu merti nfiniti, seta' jeħles lill-bnedmin mill-jasar tad-dnub. Biex fdiena huwa bata meta refa' s-salib u ġarrab it-tbatijiet tal-passjoni u l-mewt tiegħu. Imma dan l-irfiegħ tas-salib illi Kristu ġarr għall-fidwa tagħna jiġbor fih ukoll il-programm tal-ħajja tagħna bħala nsara. Difatti Kristu qalilna: "Min irid jiġi warajja, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja" (Luqa, 9,23).

Fil-ħajja nisranija t-twemmin huwa meħtieġ, imma waħdu mhux biżżejjed, jekk ma jkunx twemmin illi jbiddel u jinfluwenza l-imġieba tagħna ta' kuljum. Irridu nerfgħu s-salib tagħna ta' kuljum u nimxu wara Kristu; ma għandna l-ebda dritt li dak is-salib nirreżistu għalih, inwarrbuh 'il bogħod minna.

## Messaġġ Attwali

Il-messaġġ tal-Madonna ta' Pinu huwa messaġġ l-iktar attwali, għax illum hawn tant nies li jgħidu li ma jemmnux f'dinja oħra. Għalhekk wisq aktar minn qabel għandna bżonn illi mhux biss niftakru fil-mewt, imma niftakru wkoll fil-ġenna li aħna maħluqin għaliha, u li hemm bżonn naħdmu għaliha biex nirbħuha. Din tintrebaħ bl-opri tajba li nagħmlu, billi nimxu wara Kristu, saħansitra fit-tbatija.

Aħna qegħdin ukoll fis-Sena Mqaddsa tal-Fidwa. Fiha niftakru fil-Fidwa li ġabilna Kristu, fit-tbatija, il-passjoni u l-mewt tiegħu. Għalhekk nistgħu ngħidu illi ċ-ċentinarju ta' Pinu u l-Ġublew tal-Fidwa ma humiex żewġ tifkiriet għal kollox mifrudin minn xulxin u ma għandhom x'jaqsmu xejn bejniethom, iżda hemm rabta kbira bejniethom.

Għax il-Madonna stess fil-messaġġ li ħallitilna ġibditilna l-attenzjoni fuq il-pjaga li kellu Kristu bit-toqol tas-salib, fuq it-tbatija ta' Kristu, fuq din l-opra tal-Fidwa li wettaq Kristu.

Għalhekk mela dan iċ-ċentinarju li qegħdin niċċelebraw, u l-Ġublew tal-Fidwa illi fih kollha kemm aħna nieħdu sehem m'hijiex xi ħaġa tal-qoxra biss, xi ħaġa minn barra. M'hijiex xi festa bħal festi l-oħra li tiġi u tmur, imma hija appell, sejħa, lill-kuxjenzi tagħna, ilkoll kemm aħna, kleru u lajċi, biex inqumu min-ngħas tagħna, biex infarfru t-telqa tagħna, l-indifferenza, l-insensibiltà, u nibdew ngħixu ħajja iktar mimlija bil-ħeġġa. Nagħmlu l-impenn kollu tagħna għalhekk sabiex ngħixu ħajja illi biha nogħġbu lil Alla u li biha nuru li aħna tabilħaqq ulied spi-

ritwali tal-Imqaddsa Verġni Marija u xhieda ta' Kristu quddiem il-bnedmin.

Bil-Barka Pastorali tagħna.

Illum 5 ta' Ġunju, Solennità tal-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej.

† ĠUŻEPPI
**Arċisqof ta' Malta**

† NIKOL
**Isqof ta' Għawdex**

## L-GHAN TAL-KUNGRESSI

Kif ħabbarna fil-pastorali tagħna tal-10 ta' April 1981, mit-8 sat-18 ta' Settembru f'pajjiżna se jsiru żewġ Kungressi internazzjonali f'egħluq il-mitt sena minn meta l-Verġni Marija kellmet lit-twajba Karmela Grima, fil-kappella ta' Pinu: id-9 Kungress Marjoloġiku u s-XVI-il Kungress Marjan. Din hija okkażjoni tajba għalina biex naħsbu ftit dwar id-dmirijiet tagħna ta' nsara lejn il-Verġni Marija, Omm Alla u Omm tagħna l-bnedmin.

Il-Maltin u l-Għawdxin huma magħrufin ħafna għall-imħabba u l-qima kbira tagħhom lejn Sidtna Marija, kif jixhdu l-ħafna knejjes u kappelli dedikati lilha u l-festi li jiġu ċelebrati f'ġieħha; għal ħafna mill-ulied spiritwali tagħna huma ġranet li fihom jersqu għall-qrar u t-tqarbin.

### Hwejjeġ li jnikktu

Iżda ma nkunux sinċieri magħkom jekk ma nsemmulkomx ħwejjeġ li jnikktuna, għax qegħdin jagħmlu ħsara lill-ħajja reliġjuża ta' pajjiżna; dawn huma ħwejjeġ li forsi wkoll ixejnu l-qima ta' xi wħud lejn il-Verġni Marija. Insemmu l-ewwelnett id-dagħa bil-Madonna li tisimgħu kullimkien u mhux biss mill-kbar. Ta' spiss dan id-dagħa huwa frott l-injoranza għax min iħobb tabilħaqq il-Madonna jirgħex meta jisma' min jidgħi biha kif kull bniedem jirgħex meta ommu tiġi mżebilha quddiemu.

Spiss ukoll niltaqgħu ma' nies li jemmnu fi Kristu imma dwar il-Madonna għandhom twemmin li ma jaqbilx ma' tagħna u l-fehmiet reliġjużi tagħhom huma 'l bogħod ħafna minn dak li tgħallem il-Knisja. Jekk ma jkollniex tagħlim ċar u sod dwar il-Verġni Marija, jista' jiġri li l-kuntatti ma' nies ta' twemmin ieħor, inisslu fina dubbji u/jew fehmiet mgħawġa li jistgħu jkunu ta' tfixkil serju għall-ħajja spiritwali tagħna. Għalhekk ikunu ta' għajnuna kbira għalina l-laqgħat ta' tagħlim dwar il-Madonna li se

jsiru fl-okkażjoni tal-Kungressi, u minn qalbna nistednukom tmorru għalihom.

Aktar ma nitgħallmu dwar il-Madonna aktar insiru nafu l-verità u aktar insiru nafuha u nħobbuha, u l-qima li nagħtuha tkun tassew tixraq lilha bħala Omm Alla u lilna bħala nsara mdawlin bit-tagħlim tal-fidi u tar-raġuni.

## Rikonċiljazzjoni

F'din is-sena tal-Ġublew tal-Fidwa l-qima lejn il-Verġni Marija għandha twassalna għar-rikonċiljazzjoni sħiħa ma' Alla u bejnietna. Kif qalilna l-Papa fil-Bolla li biha nieda l-Ġublew tal-Fidwa: "Il-Knisja kollha għandha, bħal Marija, taħseb bla heda, b'imħabba sħiħa, f'Ġesù Kristu Sidna, hija u tixhed bit-tagħlim u l-ħajja tagħha, li xejn ma jista' jkun mingħajru, għax f'ħadd ħliefu ma hemm is-salvazzjoni. U kif Marija, għax aċċettat il-Kelma ta' Alla, saret Omm Ġesù, u kkonsagrat lilha nfisha kollha kemm hi għall-persuna u l-ħidma ta' Binha u hekk qdiet il-misteru tal-Fidwa, hekk ukoll il-Knisja, illum u dejjem, għandha xxandar li ma taf xejn fost il-bnedmin ħlief lil Kristu Msallab li sar għalina għerf, ġustizzja, qdusija u fidwa."

Il-Kungressi li se niċċelebraw f'Settembru u l-Ġublew tal-Fidwa għandhom għalhekk ikunu għalina okkażjoni ta' tiġdid sħiħ fil-ħajja kollha tagħna bħala nsara.

Dan it-tiġdid fil-qofol tiegħu għandu jseħħ fi ħdan il-familji tagħna kif hi x-xewqa tal-Papa, xewqa li wrihielna permezz tal-Kunsill Pontifiċju għall-Familja.

Bħala frott tal-Kungressi Marjani u tas-Sena Mqaddsa, nixtiequ għalhekk naraw fil-familji tagħna jibda jseħħ mill-ġdid dak l-ispirtu nisrani li kellhom fl-imgħoddi, meta kull filgħaxija l-familja kollha kienet tinġabar flimkien għar-Rużarju, u f'kull dar ma kinitx tkun nieqsa xi xbieha jew statwa tal-Madonna u ta' Kristu msallab, bid-dawl jixgħel quddiemhom. Nixtiequ nerġgħu naraw l-ommijiet kollha jgħallmu 'l uliedhom ilissnu, malli jibdew jitkellmu, l-ismijiet għeżież ta' Ġesù u Marija, juruhom kif iroddu s-salib, igħallmuhom igħidu l-ewwel talbiet tagħhom qabel l-irqad u l-mistrieħ u jkellmuhom fuq Alla u fuq Ġesù.

Nixtiequ naraw dejjem aktar fostna sentimenti ta' tjieba, ħniena, u ħlewwa, ħalli nkunu dejjem lesti nistabru b'xulxin, nagħdru 'l xulxin u naħfru 'l xulxin kif irridu li Alla jaħfer lilna biex fejn hemm il-mibegħda jkun hemm il-għaqda, fejn hemm il-ġlied jidħol is-sliem, u fejn hemm l-inkwiet issaltan il-paċi.

Nixtiequ naraw 'l uliedna lkoll mixgħulin b'imħabba għal Ġesù fl-Ewkaristija, imħabba li twassalhom biex ta' spiss jilqgħu l-istedina tal-Mulej ħa jieħdu sehem mill-mejda tal-Kelma tiegħu u mill-mejda tal-Ewkaristija billi

jissieħbu fil-Quddiesa ta' spiss, u, jekk jista' jkun, kuljum.

Nixtiequ naraw dejjem aktar tikber fostna s-sogħba għal kemm-il darba nqasna mill-imħabba ta' Alla u ta' għajrna bi dnubietna, ħalli ta' spiss nersqu għas-Sagrament tal-Penitenza biex ninħabbu mill-ġdid ma' Alla u mal-Knisja tiegħu.

Nixtiequ naraw lil kulħadd iqaddes Jum il-Mulej, mhux biss bil-mistrieħ mix-xogħol u bit-tisħib fil-Quddiesa, imma wkoll billi l-familja kollha tinġabar flimkien għal rikreazzjoni xierqa u għall-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret waqt il-Quddiesa, huma u jaħsbu wkoll fl-aħwa, fil-qraba u fil-ħbieb li huma fil-bżonn jew li huma waħedhom u qegħdin jistennew il-faraġ taż-żjara ta' ħuthom fi Kristu.

## Il-Kotba Mqaddsa

Nixtiequ naraw f'kull familja Maltija u Għawdxija almenu kopja tal-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-ġdid, jekk mhux l-Iskrittura kollha, biex il-familja kollha tinġabar ta' spiss flimkien u kull wieħed jew waħda kif imissu, jaqra għall-oħrajn silta mill-Kotba mqaddsa.

Nixtiequ naraw tissaħħaħ fil-familji tagħna d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u lejn il-Madonna; jikber l-ispirtu ta' ċaħda u ta' penitenza kull nhar ta' Ġimgħa b'tifkira tal-Passjoni tal-Mulej u matul il-ġranet tar-Randan imqaddes; titwettaq l-imħabba għall-festi kbar tal-Knisja billi nqaddsuhom bit-tisħib fil-Quddiesa; u tit-qawwa l-għożża għall-qdusija tar-rabta taż-żwieġ li twassalna biex inbegħdu minna kull fehma li tista' ddgħajjifha u tfarrakha, u kull ħaġa li tista' thedded jew tfixkel l-għoti tal-ħajja b'kull att taż-żwieġ.

Nafu li maħniex nitolbukom xi ħaġa ħafifa, għax dak li qegħdin nitolbu jmur kontra l-kurrent tad-dinja tal-lum, imma nafu wkoll li kull ma qegħdin nitolbukom tistgħu tagħmluh bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla.

Nersqu għalhekk, b'qalbna qawwija, lejn it-tron tal-grazzja biex nitolbu għajnuna f'waqtha, bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, li llum, flimkien ma' l-Anġli tas-sema, qegħdin nifirħu għat-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema. Bil-ħarsa tagħna merfugħa 'l fuq, lejn Marija fil-glorja tas-smewwiet, aħna mexjin il-mixja tagħna f'din id-dinja, żguri li għad naslu ħdejha fis-sema jekk nibqgħu taħt il-ħarsien tagħha u nafdaw fit-talb tagħha.

## Il-mara fil-pjan tal-ħolqien

Hi l-mara ġdida li fiha Alla ried jurina liema hi l-vera dinjità u liema hi s-sejħa tal-mara fil-pjan tal-ħolqien u tal-fidwa: jekk il-mara trid tkun tassew dak li hi bħala mara, jekk trid timxi 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ, għandha tħares lejn Marija fil-ħajja tagħha f'Nazaret, f'Betle-

hem, f'Kana u fuq il-Kalvarju: trid tħares lejn Marija fil-hena tagħha bħala omm, fin-niket tagħha taħt is-salib, fil-ferħ tagħha fil-qawmien ta' Binha mill-mewt, fil-glorja li qiegħda tgawdi fis-sema.

Marija hi l-omm tagħna lkoll jekk aħna lesti nilqgħu l-kelma li tgħidilna hija u turina 'l Binha Ġesù: "Agħmlu dak li jgħidilkom", kif qalet lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana. Dak li Ġesù jgħidilna hu li nisimgħu l-Kelma tiegħu u nagħmluha, kif dejjem għamlet Marija. F'Nazaret, meta dehrilha l-Anġlu u ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla; fil-mixi tagħha lejn Betlehem, fejn twieled Binha f'għar barra l-belt; fil-ħarba lejn l-Eġittu, meta Erodi kien qed ifittex it-tarbija Ġesù biex joqtlu; f'Ġerusalem, meta tilfitu; fuq il-Kalvarju, meta ratu msallab: Marija dejjem għamlet dak li Alla ried minnha. U jekk aħna lkoll nagħmlu bħalha, inkunu tassew ulied Alla.

Nitgħallmu għalhekk minnha biex, fost it-taqlib u t-taħwid kollu tal-ħajja tal-lum, qlubna jkunu dejjem fi Kristu u fit-tagħlim tiegħu, imwassal lilna mill-Knisja li hu waqqaf għas-salvazzjoni tagħna.

Illum, 2 ta' Awissu 1983, festa tal-Madonna ta' l-Anġli, tal-Porzjunkula.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

## IL-MADONNA U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA

Bħala thejjija għall-Kungress Marjan li ser isir ix-xahar id-dieħel, nhar l-Erbgħa, 31 ta' Awissu fil-għaxija fis-Santwarju ta' Pinu ser ikun hemm laqgħa ta' talb għall-familji speċjalment għar-rġiel u għan-nisa li żżewġu f'dawn l-aħħar snin. F'din il-laqgħa jsir ukoll l-Att tal-Konsagrazzjoni tal-familji lill-Madonna. Fil-ġranet ta' qabel jiġifieri fid-29 u fit-30 ta' Awissu, fil-parroċċi jsiru wkoll laqgħat għall-miżżewġin sabiex jiġu mħeġġa ħalli jieħdu sehem fil-laqgħa djoċesana li semmejna. Nistiedinkom għalhekk sabiex bi spirtu ta' fidi u ta' qima lejn il-Madonna, tinġabru fis-Santwarju tagħha u tqegħdu taħt il-ħarsien tagħha lilkom infuskom u lil uliedkom fil-waqt li bl-interċessjoni tagħha titolbu minn għand Alla dak li teħtieġu għall-familja tagħkom.

Iżda fl-isless ħin, din hija okkażjoni tajba sabiex mill-eżempju tal-Imqaddsa Verġni Marija nitgħallmu dawk il-veritajiet li huma tant meħtieġa fil-ħajja tal-familja ħalli din tkun tista' tissejjaħ tabilħaqq nisranija.

Il-Madonna dejjem u f'kollox kienet lesta sabiex twettaq ir-rieda t'Alla. Din kienet ir-regola ta' ħajjitha u għalhekk bis-sinċerità kollha setgħet twieġeb lil Anġlu li ħabbrilha l-misteru tal-Inkarnazzjoni "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ikunli skond kelmtek" (Lq 1:38). Hekk ukoll il-membri tal-familja nisranija jeħtieġ li josservaw il-liġi tal-Mulej, anke meta dan ikun jiswielhom xi sagrifiċċju u jfittxu li jwettqu dejjem il-pjan li kellu Alla l-Imbierek meta ħalaq il-familja.

Sidtna Marija hija xempju l-iktar sabiħ ta' għaqda m'Alla l-imbierek fit-talb u fil-kontemplazzjoni. Id-dar tagħha ta' Nazaret kienet għaliha bħal tempju mqaddes li fih tadura u titlob lil Alla. Id-dar tal-insara wkoll jeħtieġ li tkun bħal santwarju li fih jirċievi l-qima li tisthoqqlu. Il-membri tal-familja nisranija għalhekk għandhom isibu ftit tal-ħin ta' kuljum sabiex jiltaqgħu flimkien ħalli jitolbu. Dik il-familja li tittraskura dan l-att ta' qima lil Alla ma jisthoqqilhiex li tissejjaħ familja nisranija.

Il-Madonna kienet imħeġġa mhux biss bl-imħabba lejn Alla, iżda wkoll lejn il-proxxmu tagħha u għalhekk aċċettat li tkun Omm il-Feddej tal-bniedem għad li dan swielha sagrifiċċju kbir għax "is-sejf ta' niket ħifed il-qalb tagħha" (Lq 2:35). Din il-karità tal-proxxmu jeħtieġ li tikber u tissaħħaħ dejjem iżjed fost il-membri tal-familja nisranija, għaliex din hija komunità ta' mħabba. Hija r-rabta tal-imħabba li ixxierek flimkien il-ħajja tar-raġel u l-mara miżżewġin fil-ferħ u fin-niket, f'għaqda sħiħa li tibqa' sal-mewt. Hija l-imħabba li tgħin lill-ġenituri biex jilqgħu bil-ferħ l-ulied li Alla jibgħatilhom u jrabbuhom fil-għożża u b'sens ta' responsabbiltà jagħtuhom edukazzjoni nisranija. Hija l-imħabba wkoll li ssaħħaħ il-familja sabiex tirbaħ id-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom.

Fil-Madonna kien hemm ukoll spirtu ta' servizz u għalhekk ma rat-hiex bi kbira li tagħmel vjaġġ twil u tmur għand il-qariba tagħha biex tista' taqdiha. Fil-membri tal-familja wkoll jeħtieġ li jkun hemm dik id-dispożizzjoni li wieħed igħin lill-ieħor. Tajjeb li kull wieħed minnhom ma jfittixx biss dak li jaqbel lilu iżda jara wkoll il-ħtiġijiet tal-membri l-oħra u jmidd idejh biex jgħinhom mill-aħjar li jista'. Dan l-ispirtu ta' servizz huwa meħtieġ fil-ġenituri sabiex jieħdu paċenzja b'uliedhom meta dawn ikunu żgħar, jieqfu magħhom meta jkunu morda u ma jitilquhomx għal rashom jekk dawn fiż-żgħożija tagħhom isibu ruħhom f'xi kriżi. Il-paċenzja, l-imħabba u l-mogħdrija tal-ġenituri li kapaċi jifthu djalogu sinċier ma' wliedhom meta jkunu fuq l-għatba taż-żgħożija, huwa att ta' karità mill-aqwa, u l-isbaħ rigal li jistgħu jagħmlulhom, għaliex l-atmosfera ta' serenità fil-familja hija għajnuna kbira sabiex iż-żgħażagħ jaffrontaw bil-kuraġġ il-problemi tal-ħajja.

Mill-banda l-oħra dan l-ispirtu ta' servizz huwa meħtieġ ukoll fl-ulied sabiex jissaportu l-ġenituri tagħhom meta dawn jikbru fl-età u jibqgħu dejjem jirrispettawhom, jgħinuhom u jagħmlu ħilithom biex jarawhom hienja fi xjuħithom. L-ulied m'għandhom qatt jinsew l-obbligi li għandhom lejn

il-ġenituri li ġabuhom fid-dinja u rabbewhom; iżda anke b'sagrifiċċju personali tagħhom, jeħtieġ li jieħdu ħsiebhom, li jżuruhom u jaqduhom f'dak kollu li jkollhom bżonn.

J'Alla l-familji kollha ta' pajjiżna jitgħallmu mill-Madonna l-lezzjoni tal-virtujiet sbieħ li Hija tagħtihom għal ħajja tagħhom, sabiex iħossu li għandhom fuqhom il-barka t'Alla u li huma mwieżnin mill-għajnuna talgrazzja tiegħu.

Fl-aħħarnett ma jistax jonqos li f'dawn il-ġranet aħna niftakru f'dawk il-familji li huma mġarrbin bil-hemm tal-ħajja, familji fejn hemm il-mard jew l-inkwiet u dawk li l-mewt ħasditilhom xi ħadd mill-għeżież tagħhom. Huma qabel kulħadd għandhom il-jedd għat-talb u għal karità attiva tagħna.

Nirrikmanda għalhekk li f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu, nitolbu bil-ħerqa għall-familji kollha u b'mod partikuari għal dawk li għaddejjin minn xi prova diffiċli. Nistedinkom ukoll biex tirreċitaw ta' spiss it-talba lill-Madonna għal familja li qiegħda tiġi mqassma fid-djar.

Nitlob fuqkom il-barka tal-Mulej.

Mogħtija mis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria, Għawdex, illum 22 ta' Awissu, festa tal-Imqaddsa Verġni Marija Reġina.

KAN. BENEDITT CAMILLERI
Kanċellier

† NIKOL G. CAUCHI
sqof ta' Għawdex

## IL-MISSJONI DJOĊESANA

### LETTERA DEL SANTO PADRE AI VESCOVI DI MALTA

To my venerable and dear Brothers JOSEPH MERCIECA Archbishop of Malta and NICHOLAS J. CAUCHI Bishop of Gozo

As the Church in Malta prepares to enter upon its *year-long observance* which will cultimate in the Ninth International Mariological Congress, it is a joy for me to write you this Letter and, through you, to send greetings to the whole beloved Maltese people. With the Apostle Peter I say: "Peace to all of you that are in Christ" (1 Pt 5:14).

It is particularly gratifying to know that on October next you will inaugurate throughout Malta the Diocesan Mission, the aim of which is the *spiritual renewal of the Maltese people.* As Pastor of the universal Church of Christ, I am pleased to be associated with you, the local Ordinaries, in this solemn call of the People of God to ever greater holiness of life. At this propitious moment and acceptable time may the words of Saint Paul echo throughout your land: "Be renewed in the spirit of your minds and put on the new nature, created after the likeness of God in true righteousness and holiness" (Eph 4:23-24).

By its very nature, a call to spiritual renewal is *an invitation to prayer*. And so the Maltese people are invited to open their hearts to God, to turn their minds to his Son, our Lord and Saviour Jesus Christ, and to implore the purifying action of the Holy Spirit in their lives. It is through prayer — both personal and liturgical — that all the members of the community will attain the strength needed for authentic Christian living.

In prayer they will deeply perceive that a call to renewal means *a call to fidelity to Christ* as he lives on in the communion of his Church. This communion is a communion of one faith — a communion of truth and life, of holiness and grace, of justice, love and peace. It is a communion which requires from its members mutual respect, fraternal support and loving obedience to the pastors of the flock. The Church is a universal communion in which priests, religious and laity live their vocation and cooperate in the salvific mission of Christ through common action in union with the Bishops and the Successor of Peter. And in this common and coordinated ecclesial action there is found the assurance of fidelity to Christ and the guarantee of an effective contribution to the Kingdom of God.

A call to renewal is likewise *a call to consistency* — consistency between faith and Christian living. A community of faith and prayer must show forth in its conduct what it professes and proclaims. The belief of the Church must be expressed in the private and public life of her members. Consistency must be manifested through an ever more visible and vital Christian witness in all the roles and functions in which the faithful find themselves. The Christian challenge — the call to consistency — involves decisive choices and sacrifices for everyone; it makes claims on those in humble conditions, as well as those with lofty responsibilities. For every category of people Christianity has the same requirements: to embrace Christ in faith and to apply his teaching to the concrete situations of life.

Is is moreover, the experience of centuries of Christian living that fidelity to Christ and his Church, far from loyalty to one's homeland, is *an effective contribution to the well-being of the whole community*. Christ himself instructed us: "Render therefore to Caesar the things that are Caesar's, and to God the things that are God's" (Mt 22:21).

At this important time, all Christians must, through a common commitment, take seriously their responsibility to promote *the Maltese patrimony of Christian values*, which unify and give an authentic visage to the Maltese nation and its people.

To foster Christian values which serve the common good of the whole nation, Catholics must support those educational and charitable and social institutions which are so generously operated by the Church.

Spiritual renewal will also involve further efforts at *reconcilia-*

*tion* in the pursuit of precious national unity — the unity of brothers and sisters in freedom, justice and charity. Renewal and reconciliation will mean a new era where division is replaced by harmony and where hostility is dissolved by the forces of fraternal respect and Christian love. This new era will likewise be the propitious climate for the material as well as spiritual well-being of every man, woman and child in Malta.

In all your efforts to achieve spiritual renewal and to build up the religious and moral fabric of your nation, you rightfully count on *the intercession of Mary,* the Mother of God, who presides over the destiny of your people, helping them to overcome all difficulties and to arrive at the third millennium with their Christian cultural identity.

In this regard it is my hope that the Marian celebrations which are yet to come, together with the whole year of spiritual renewal, will be considered ecclesial events which will occasion, among other things, an ever greater union of faith and love among the sons and daughters of Malta, which proudly claims to be the Island of Saint Paul. And may it be thus under the protection of Mary, to whose loving and maternal care I confidently entrust all the inhabitants of Malta.

Through you, venerable Brothers, I send my special Apostolic Blessing to all the faithful, with the assuring words of your own Apostle Paul: "My love be with you all in Christ Jesus" (1 Cor 16:23).

From the Vatican, 29 September 1982.

IOANNES PAULUS PP. II

## PROGRAMM TA' ĊELEBRAZZJONIJIET FL-OKKAŻJONI TA' L-EWWEL ĊENTINARJU TAD-DEHRA TAL-MADONNA TA' PINU LIL KARMNI GRIMA

**1 ta' Ottubru 1982 — 18 ta' Settembru 1983**

**OTTUBRU 1982**

**1. Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana.** Pellegrinaġġ Djoċesan għall-Kattidral li jitmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Fil-Kattidral issir Konċelebrazzjoni li titmexxa wkoll mill-Isqof.

**22. Ċelebrazzjoni Marjana għat-tfal** fil-parroċċi kollha ta' Għawdex, bis-suġġett: "Ma' Marija Missjunarji ta' Kristu."

**24-30. Missjoni Marjana f'Zona A** li tinkludi l-Kattidral, San Ġorġ, il-knejjes tal-Patrijiet Kappuċċini, Franġiskani, Agostinjani, il-knisja taċ-Ċawla u l-parroċċi tal-Fontana u tal-Munxar.

**28.** Tqassim ta' **"Bookmark" lit-tfal** kollha li jattendu fiċ-Ċentri tad-Duttrina ta' Għawdex, b'tifkira taċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu.

NOVEMBRU:
7-13. **Missjoni Marjana f'Zona B** li tinkludi l-parroċċi tal-Għarb, Kerċem, Għasri, Żebbuġ, San Lawrenz u Sannat.
20. **Żjarat mill-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi fid-Djar tal-Morda Għawdxin bix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu.** Titqassam ukoll talba biex tingħad mill-morda għas-suċċess taċ-Ċelebrazzjonijiet Ċentinarji.
21-27. **Missjoni Marjana fiz-Zona C** li tinkludi: in-Nadur, Qala, Għajnsielem, Xewkija, Xagħra.

DIĊEMBRU:
18. **Pellegrinaġġ mill-Kommunità taż-Żgħażagħ ta' Taize (Franza) għas-Santwarju ta' Pinu**, fejn jiltaqgħu maż-żgħażagħ tagħna, biex jitolbu flimkien.

JANNAR 1983:
Matul dan ix-xahar ikomplu **ż-żjarat lill-morda Għawdxin** mill-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi li jwasslulhom fi djarhom ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu.

FRAR:
18. **Ċelebrazzjoni Penitenzjali għaż-Żgħażagħ Għawdxin** fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Imexxi Patri Ugolin Xerri OFM Conv.
19. **Via Sagra Djoċesana** mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għall-Għolja ta' Għammar. Imexxi Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.
25. **Ċelebrazzjoni Penitenzjali għat-tfal** kollha fil-parroċċi ta' Għawdex.

MARZU:
18. **Via Sagra għaż-Żgħażagħ Għawdxin**, mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għall-Għolja ta' Għammar. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jwassal messaġġ liż-żgħażagħ.
19. **Servizz Penitenzjali għall-Morda u l-Anzjani** fis-Santwarju ta' Pinu. Imexxi l-funzjoni Dun Mikiel Attard.

APRIL:
25. **'Talk' għar-residenti Ingliżi** dwar l-istorja tas-Santwarju u d-Dehra tal-Madonna ta' Pinu mis-Sinjorina Marija Calleja, fid-Dar ta' Karmni Grima li llum ġiet mibdula f'Mużew.
27. Tnedija ta' **Kompetizzjoni Marjana għat-tfal u l-istudenti**.
30. Ftuħ ta' **Seminar għaż-Żgħażagħ** membri tal-Għaqdiet Kattoliċi u taċ-Ċentri Parrokkjali, bis-suġġett: "Ma' Marija Omm Ġesù". Dan is-Seminar ser jinżamm fil-'Calypso Hotel' f'Marsalforn.

MEJJU:
1. Ikompli s-Seminar għaż-Żgħażagħ bis-suġġett: "Ma' Marija Omm Ġesù"
4. **L-Ewwel Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fit-8.30 a.m., Quddies lett.
Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb u purċissjoni bis-SS.mu li jitħalla espost il-ġurnata kollha.
Fil-5.00 p.m. Għasar Kantat bil-Malti mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa taż-Żebbuġ. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Dun Alwiġ Vella.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**11. It-Tieni Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu**
Fil-500 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb u Purċissjoni bis-SS.mu li jitħalla espost il-ġurnata kollha.
Fil-5.00 p.m. Għasar Kantat bil-Malti mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Għarb. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Borg.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**18. It-Tielet Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett..
Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb u Purċissjoni bis-SS.mu li jitħalla espost il-ġurnata kollha.
Fil-5.00 p.m. Għasar Kantat bil-Malti mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Lawrenz. Iqaddes u jippriedka l-Kappillan Dun Mikiel Borg.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**21. Festival ta' Kant Marjan fl-Oratorju Don Bosco.** Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jwassal messaġġ speċjali fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu lill-parteċipanti u lil dawk li jattendu.
**25. Ir-Raba' Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m. u fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu li jibqa' espost il-ġurnata kollha.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Fontana. Iqaddes u jippriedka l-Kappillan Dun Ġwann Cini.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**28. Pellegrinaġġ mis-Seminaristi Għawdxin.** Iqaddes u jagħmel l-omelija tal-okkażjoni l-Prefett Dun Mikiel Mintoff.
**Pellegrinaġġ mit-tfal Maltin għas-Santwarju ta' Pinu.** Issir quddiesa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u wara żjara lill-Mużew ta' Karmni Grima u ħin ta' rikreazzjoni.
**Adorazzjoni għall-Erwieħ ikkonsagrati** organizzata mil-Le Spigolatrici della Chiesa.
**31. Data ta' l-Għeluq tal-Kompetizzjoni Marjana** għat-tfal u l-istudenti.

**ĠUNJU:**

**1. Il-Ħames Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m., Quddies lett.
Wara l-Quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.

**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Munxar. Iqaddes u jippriedka l-Kappillan Dun Salv Debrincat.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**3. Mixja tal-Fidi. Attività għaż-żgħażagħ Għawdxin kollha.**
**8. Is-Sitt Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Kattidral. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**12. Festa tal-Qalb Immakulata ta' Marija.**
Fl-4.15 p.m. Għasar u Kompieta mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.
Fil-5.00 p.m. Quddiesa letta bl-omelija.
**15 Is-Seba' Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett. Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m., jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Kerċem. Iqaddes u jippriedka l-Kappillan il-Kan. Dun Franġisk Debrincat.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**19. Lejlet Jum l-Inkoronazzjoni.**
Fit-3.30 p.m. Għasar u Kompieta mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.
Fl-4.00 p.m. **Laqgħa għall-Familjari tas-Saċerdoti** organizzata mill-Kummissjoni Kleru u l-Ispigolatriċi.
Fil-5.00 p.m. quddiesa letta bl-omelija.
**20. Jum l-Inkoronazzjoni.**
Fis-6.00 a.m. u fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Fis-6.00 p.m. Quddiesa bl-Għasar integrat kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.
**21. LEJLET JUM ID-DEHRA TAL-MADONNA TA' PINU.**
FIS-6.45 p.m. TRANSLAZZJONI BIR-RELIKWIJA TAL-MADONNA LI TITMEXXA MILL-EĊĊ. TIEGHU MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI. WARA QUDDIESA KANTATA BL-GHASAR INTEGRAT MILL-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA TAL-GHARB.
**22. JUM ID-DEHRA TAL-MADONNA TA' PINU. IT-TMIEN ERBGHA.**
**Mill-4.30 a.m. sat-8.00 a.m. Quddies lett kull nofs siegħa.**
FIT-8.30 a.m. PELLEGRINAĠĠ MILL-PIA UNIONE MADONNA TA' PINU MIR-RABAT GHAS-SANTWARJU.
FID-9.00 a.m. QUDDIESA PONTIFIKALI MILL-EĊĊ. TIEGHU MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF TA' GHAWDEX. WARA SUPPLIKA TAL-MADONNA, TE DEUM, U ĊELEBRAZZJONI EWKRISTIKA. JIEHU SEHEM IL-KOR TAS-SEMINARISTI TAHT ID-DIREZZJONI TA' MRO. CAN. MARTIN PORTELLI.

FIL-11.00 a.m. QUDDIESA LETTA.
FIL-5.00 p.m. GHASAR KANTAT MILL-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA TAL-GHARB.
FIL-5.30 p.m. PELLEGRINAĠĠ MILL-PARROĊĊA TAX-XAGHRA. IQADDES U JIPPRIEDKA L-ARĊIPRIET MONS. EWKARISTIKU SULTANA.
FIT-8.00 p.m. KONĊELEBRAZZJONI LI TITMEXXA MILL-EĊĊ. TIEGHU MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI FLIMKIEN MAS-SAĊERDOTI GHAWDXIN.
WARA L-QUDDIESA SSIR ĊELEBRAZZJONI EWKARISTIKA.

29. **Id-Disa' Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m., jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Sannat. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Nikola Vella.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni "Aux Flambeaux" li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**LULJU:**

2. **Il-Kwadru Mirakuluż tal-Madonna ta' Pinu jittieħed sollennement Malta.** Tluq mis-Santwarju b'carcade li jwassal il-kwadru fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem fejn issir funzjoni Ewkristika Marjana. Il-funzjoni titmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Wara l-funzjoni l-Kwadru Mirakuluż tal-Madonna jiġi trasportat lejn Malta. Kif jasal il-Port il-Kbir issir laqgħa ta' Merħba u wara jittieħed direttament lejn il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.
**(Bejn l-4-11 isiru Funzjonijiet Marjani f'diversi knejjes ta' Malta** fejn il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu jkun espost għall-qima tal-fidili).

6. **L-Għaxar Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Għasri. Iqaddes u jippriedka l-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff.**
Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

11. **Pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Mellieħa fejn ikun jinsab il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu.** Issir Funzjoni Marjana u wara l-Kwadru tal-Madonna jittieħed lejn Għawdex u jitwassal b'carcade mill-Imġarr sas-Santwarju ta' Pinu fejn jingħad xi talb bħala konklużjoni ta' dan il-Pellegrinaġġ.

13. **Il-Ħdax-il Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**
Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.
Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.
**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Għajnsielem. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet il-Kan. Dun Ġużepp Zerafa.**

Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**20. It-Tnax-il Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**

Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.

Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.

**Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Qala. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Dun Anton Sultana.**

Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux', Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**27. It-Tlettax-il Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**

Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.

Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.

**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Mons. Emmanuel Mercieca.**

Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

AWISSU:

**3. L-Erbatax-il Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**

Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.

Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.

**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tan-Nadur. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Mons. Salv Muscat.**

Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**10. Il-Ħmistax-il Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu.**

Fil-5.00 a.m., fis-6.00 a.m., fit-8.30 a.m. Quddies lett.

Wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. jiġi espost is-SS.mu u jibqa' espost il-ġurnata kollha.

**Fil-5.30 p.m. Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tax-Xewkija. Iqaddes u jippriedka l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca.**

Fit-8.00 p.m. Quddiesa, Purċissjoni 'Aux Flambeaux' li fiha jingħad ir-Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**13. LEJLET IL-FESTA TITULARI**

Fis-6.00 p.m. L-I Għasar kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb, Rużarju, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Quddiesa.

**14. JUM IL-FESTA TITULARI.**

**Fis-6.15 a.m., fit-8.30 a.m., fl-10.00 a.m. u fil-11.00 a.m. Quddies lett bl-omelija.**

**Fl-4.30 p.m. It-II Għasar Kantat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.**

**Fil-5.00 p.m. Quddiesa Kantata bl-omelija dwar Marija Assunta mill-Ill.mu Rev. Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali ta' Malta.**

15. **Festa Liturġika ta' l-Assunta.**
Il-quddies ikun fis-6.15 a.m., fit-8.30 a.m., fl-10.00 a.m. u fil-5.00 p.m.

17. **Festa ta' Marija Reġina.**
Fis-6.00 p.m. Quddiesa bl-Għasar integrat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

SETTEMBRU:

1. Ftuħ u Tberik ta' **Wirja Marjana** mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi f'Ta' Pinu.

8. **Festa tat-Twelid tal-Madonna.**
Fis-6.00 p.m. Quddiesa Kantata bl-Għasar integrat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.
**Jiftaħ il-Kungress Marjoloġiku Marjan Internazzjonali** li jitmexxa skond il-Programm Nazzjonali.

9. **Pageant Marjan** miktub għall-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju tal-Madonna ta' Pinu mill-Kan. Salv Borg u minn John Cremona.

15-17. Isiru funzjonijiet li jitmexxew minn Isqfijiet barranin f'diversi knejjes ta' Għawdex.

18. **GĦELUQ IL-KUNGRESS MARJOLOĠIKU INTERNAZZJONALI.**
Laqgħa ta' Merħba lill-Kardinal Legat li jitwassal b'carcade mill-Imġarr sa Ta' Pinu.
Konċelebrazzjoni li titmexxa mill-Kardinal Legat li jkun assistit mill-Isqfijiet Maltin flimkien ma' għadd ta' Isqfijiet barranin u membri oħra tal-kleru sekulari u regolari.

## ŻJAJJAR MILL-PARROĊĊI KOLLHA

## LIS-SANTWARJU TA' MARIJA IMMAKULATA F'BORMLA

L-Arċipriet u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla qegħdin jistiednu l-parroċċi kollha ta' Malta biex iżuru s-Santwarju tal-Kunċizzjoni tul in-Novena.

Fil-jum magħżul għalihom, il-parroċċi għandhom jaslu ħdejn il-parroċċa ta' Bormla fis-6.00 p.m. fil-ġranet kollha tal-ġimgħa barra l-Ħadd.

Wara r-reċita tar-Rużarju, titqaddes, fis-6.30 p.m. il-Quddiesa tal-Kunċizzjoni u fil-Quddiesa jikkonċelebraw il-kappillani u s-saċerdoti tal-parroċċi li jkunu jżuru s-Santwarju.

Il-parroċċa ta' Bormla se tieħu ħsieb tistampa karti b'innijiet marjani għal waqt ir-Rużarju u innijiet oħra għal waqt il-Quddiesa, biex jitqassmu lin-nies ħalli kulħadd jieħu sehem fil-kant. Il-parroċċa ta' Bormla tipprovdi wkoll kuljum is-servizz ta' organista.

Il-programm taż-żjajjar tal-parroċċi huwa dan:

**Is-Sibt 20 ta' Novembru** — il-parroċċi tar-IV distrett: Bormla, l-Isla, il-Birgu u l-Kalkara.

**Fil-5.30 p.m.** Pellegrinaġġ tal-erba' parroċċi bl-istatwa tal-Kunċizzjoni — fit-triq jingħad ir-Rużarju meditat minn P. Stiefnu Barbara O.F.M.Cap. Waqfien fil-Pjazza għall-konċelebrazzjoni mis-saċerdoti djoċesani u reliġjużi tal-erba' parroċċi, u wara l-istatwa tittieħed fil-knisja fost il-ferħ tan-nies.

Jekk ma jkunx hemm il-permess tal-pulizija, kollox isir fil-knisja.

**It-Tnejn, 22 ta' Novembru** — I distrett: Valletta S. Pawl, S. Duminku, S. Wistin, il-Furjana.

**It-Tlieta, 23 ta' Novembru** — II distrett: S. Ġiljan, Balluta, Sliema, Gżira, Ta' Xbiex, San Ġwann.

**L-Erbgħa, 24 ta' Novembru** — It-III distrett: Hamrun, Kunċizzjoni, S. Gejtanu, Marsa, Msida, G'Manġa.

**Il-Hamis, 25 ta' Novembru** — is-VI distrett: Tarxien, Pawla, Fgura, S. Luċija.

**Is-Sibt, 27 ta' Novembru** — Ma hemmx żjajjar mill-parroċċi — Isir il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna.

**Il-Hadd, 28 ta' Novembru — fl-4.30 p.m.** — X distrett: Mosta, Naxxar, Għargħur, Mġarr, Mellieħa, Manikata, S. Pawl, Burmarrad.

**It-Tnejn, 29 ta' Novembru** — VII distrett: Siġġiewi, Żebbuġ, Qormi.

**It-Tlieta, 30 ta' Novembru** — VIII distrett: Żurrieq, Gudja, Għaxaq, Kirkop, Safi, Mqabba, Luqa.

**L-Erbgħa, 1 ta' Diċembru** — IX distrett — Rabat, Mdina, Dingli.

**Il-Hamis, 2 ta' Diċembru** — Attard, Lija, Balzan, S. Ġużepp Haddiem.

**Il-Ġimgħa, 3 ta' Diċembru** — B'Kara, S. Elena, Fleur-de-Lys, S. Venera.

N.B. Il-Kappillan tal-parroċċa msemmija l-ewwel f'kull distrett huwa mitlub javviċina l-kappillani l-oħra ħa jiftiehem bejniethom dwar iż-żjara.

## RAPPORT TAŻ-ŻJAJJAR
## LIS-SANTWARJU TA' MARIJA IMMAKULATA F'BORMLA
## BEJN IS-SIBT 20 TA' NOVEMBRU U L-ĠIMGHA 3 TA' DIĊEMBRU 1982

Il-Ftuħ ta' dawn iż-żjajjar kien mid-Distrett Nru. 4 jiġifieri l-Parroċċi Bormla, l-Isla, il-Birgu u l-Kalkara, f'din l-okkażjoni sar pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Kunċizzjoni nhar is-Sibt 20 ta' Novembru. Matul il-pellegrinaġġ saret it-talba tar-Rużarju. Fl-aħħar saret waqfa fil-pjazza u s-saċerdoti u patrijiet tad-distrett ikkonċelebraw flimkien.

B'kollox żaru lis-Santwarju 36 Parroċċa; jiġifieri Bormla, l-Isla, Birgu, Kalkara, Valletta (San Pawl), Valletta (San Duminku), Floriana, San Ġil-

jan, Balluta, Stella Maris, Gżira, Hamrun (San Gejtanu), Hamrun (Kunċizzjoni), Marsa (Trinità), Marsa (Marija Reġina), Msida, Tarxien, Paola (Kristu Re), Fgura, Santa Luċija, Naxxar, Manikata, Siġġiewi, Żebbuġ, Qormi (San Ġorġ), Qormi (San Sebastjan), Żurrieq, Gudja, Għaxaq, Kirkop, Attard, Lija, Balzan, B'Kara (San Ġużepp), B'Kara (Sant'Elena) u Fleur-de-Lys. Ma attendiex id-distrett kollu Nru. 5 jiġifieri, Żabbar, Żejtun, M'skala, M'xlokk u B'buġa li kien previst li jasal il-Ġimgħa 26 ta' Novembru.

Kull żjara lis-Santwarju bdiet bir-Rużarju li dejjem tmexxa minn wieħed mill-Kappillani, dan ir-Rużarju sar bil-kant tal-fidili. Wara l-Kappillani u s-saċerdoti ikkonċelebraw flimkien u qaddsu l-quddiesa tal-Kunċizzjoni. L-Omelija dejjem saret minn wieħed mill-Kappillani. Wara l-quddiesa tqassmu tifkiriet tas-Santwarju u dawk kollha li attendew ġew mistiedna jagħmlu xi talb privat u fis-skiet quddiem il-Madonna.

Uffiċċju Parrokkjali ta' Bormla
Arċipriet Victor Cilia
it-Tlieta 14 ta' Diċembru 1982.

## ATTIVITAJIET TA' TIĠDID SPIRITWALI GĦAX-XJUĦ, IL-MORDA U L-INKAPAĊITATI BĦALA TĦEJJIJA GĦALL-KUNGRESS MARJOLOĠIKU U L-KUNGRESS MARJAN INTERNAZZJONALI

AVVENT 1982

### Għall-Inkapaċitati

Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru mid-9.00 — 12.30 p.m.

**Fl-Istitut Kattoliku, Furjana**

9.00 a.m. Kant mill-voluntiera tal-Caritas.
9.10 a.m. Kelmtejn minn Mons. Victor Grech.
9.15 a.m. "Kif nitħabbu mill-ġdid bejnietna" minn Mons. Mikiel Azzopardi
9.00 a.m. Kant mill-voluntiera tal-Caritas.
10.00 a.m. Intervall.
10.30 a.m. Talb flimkien.
11.15 a.m. Quddiesa minn Mons. Arċisqof.

### Għax-Xjuħ

L-Erbgħa, 1 ta' Diċembru mid-9.30 — 11.15 a.m.

**Fl-Istitut Kattoliku, Furjana**

9.30 a.m. Kant.
9.45 a.m. "Il-Ħtieġa li Nitħabbu mill-ġdid ma' Alla" minn Fr. Anġeliku Vella O.P.
10.15 a.m. "Kif nitħabbu mill-ġdid bejnietna". Imexxi Mr. Victor Apap u jieħdu sehem żewġ anzjani.
10.45 a.m. Talb flimkien. Imexxi Dun Anġ Seychell.

L-Erbgħa, 8 ta' Diċembru mid-9.30 — 11.15 a.m.

**Fl-Istitut Kattoliku, Furjana**

9.30 a.m. Kant.

9.45 a.m. "Il-Madonna F'Ħajjitna" minn Mons. Victor Grech.

10.15 a.m. "It-Talb u l-Ħajja ta' l-Anzjani". Tmexxi Sr Paule Mamo u jieħdu sehem żewġ anzjani.

10.15 a.m. Talb flimkien. Imexxi Dun Anġ Seychell.

Il-Ħadd, 12 ta' Diċembru mid-9.15 — 12.30 p.m.

**Fis-Sala taċ-Ċentru tal-MUSEUM, Blata l-Bajda**

9.30 a.m. Kant u Varjetà — jieħdu sehem: Greenfields, Charles Thake, Josie Coppini, Vitorin Galea, Antoinette Miggiani u grupp ta' anzjani.

11.30 a.m. Quddiesa minn Mons. Victor Grech.

KURJA ARĊIVESKOVILI
Floriana
28 - 4 - 1983

## SENA MQADDSA U MISSJONI DJOĊESANA

**It-8 ta' Mejju**

F'Malta, qabel il-gwerra, kien hawn devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Pompej, u fit-8 ta' Mejju u fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru, folol kbar ta' nies kienu jinġabru fil-knejjes biex, f'nofs in-nhar, wara l-Quddiesa, tingħad is-SUPPLIKA LILL-MADONNA TA' POMPEJ.

Is-SUPPLIKA għadha tingħad f'ħafna knejjes, u fil-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt, issir b'solennità kbira.

Jixraq li din is-sena, f'dan iż-żmien ta' tħejjija għall-Kungress Marjani ta' Settembru li ġej u f'din is-Sena Mqaddsa tal-Ġublew, li l-Papa ried jafda taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, din id-devozzjoni terġa' tqum fost il-poplu tagħna.

Fejn għadha ssir is-SUPPLIKA, din is-sena għandha ssir b'solennità aktar mis-soltu, u l-fidili għandhom jiġu mistiedna biex jattendu b'għadd kbir għaċ-ċelebrazzjoni.

Biex din iċ-ċelebrazzjoni tkun tiswa għar-rebħ tal-indulġenza tal-Ġublew, trid titqaddes il-Quddiesa tal-Ħadd, bil-Glorja u l-Kredu, fit-Talba tal-Fidili tiżdied invokazzjoni għall-Papa (Lezzjonarju tal-Qaddisin p. 791), u wara s-SUPPLIKA, jitkanta t-**Te Deum.** Wara t-tqarbin jista' jiġi espost Ġesù Sagramentat, biex wara l-kant tat-**Te Deum** tingħata l-barka.

Is-SUPPLIKA tinsab fir-RITWAL MALTI paġ. 308.

Fejn ma tistax issir il-Quddiesa u s-SUPPLIKA f'nofs in-nhar, għandha ssir jew fl-aħħar Quddiesa ta' filgħodu jew fil-Quddiesa ta' fil-għaxija.

L-indulġenza tal-Ġublew tintrebaħ biss fil-knejjes parrokkjali, fil-konkattidral ta' San Ġwann, fil-Kattidral, fil-knisja ta' Ġieżu, il-Belt, u fil-knisja tal-kappuċċini l-Furjana.

L-indulġenza tal-Ġublew tintrebaħ darba biss f'ġurnata.

**Pellegrinaġġ tat-8 ta' Mejju f'Marsaxlokk** — Direttivi

Wara ċ-ċirkolari tal-Vigarju Ġenerali dwar dan il-pellegrinaġġ, inħasset il-ħtieġa li jingħataw dawn id-direttivi:

i. Il-kappillani huma mħeġġin iħajru n-nies jieħdu sehem u jorganizzaw jew iqabbdu min jorganizza privates.

ii. Kull saċerdot li jieħu sehem hu mistieden jikkonċelebra ma' l-Arċisqof u għalhekk mitlub iġib miegħu alba u stola bajda. Min se jikkonċelebra hu mitlub javża lis-Segreterija tal-Kurja (Dun Frans Schembri) sal-Ġimgħa 6 ta' Mejju.

iii. Kull saċerdot li jiġi ma' grupp ta' nies hu mitlub iġib pissidi miegħu mimli bl-ostji; il-pissidi jiġi mtella' fuq l-altar minn rappreżentant tal-grupp, u mogħti lill-Arċisqof, li wara jagħtih lis-saċerdot li ġabu miegħu, ħa jżommu f'idu waqt it-Talba ewkaristika.

iv. Il-pellegrinaġġ jibda minn ħdejn it-Torri Vendome f'tarf ix-Xatt tas-Sajjieda fis-7.30 p.m., u fit-triq jingħad ir-Rużarju.

v. Il-pellegrinaġġ iservi għar-rebħ tal-indulġenza tal-Ġublew.

**13 ta' Mejju — L-ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima**

Bħala tħejjija għall-Kungressi Marjani, jixraq li din is-sena l-festa tal-Madonna ta' Fatima tiġi ċelebrata b'mod solenni llum fil-parroċċi kollha.

Dak in-nhar fis-6.00 p.m. fil-parroċċa ta' Gwardamanġa se jsir pellegrinaġġ mill-knisja tad-Duluri tal-Pietà għall-knisja tal-parroċċa u wara jkun hemm il-Quddiesa. Il-pellegrinaġġ iservi għar-rebħ tal-indulġenza tal-Ġublew.

Il-kappillani huma mistiedna jħeġġu n-nies biex jieħdu sehem f'dan il-pellegrinaġġ li dwaru jirċievu aktar tagħrif mill-kappillan stess.

**Ċelebrazzjoni Marjana għat-tfal**

Ma' dawn l-avviżi qiegħda tintbagħat ċelebrazzjoni marjana għat-tfal fix-xahar ta' Mejju. Din iċ-ċelebrazzjoni tista' ssir f'waħda mill-festi tal-Madonna (8 ta' Mejju, 13 ta' Mejju, 31 ta' Mejju jew f'xi jum ieħor adatt għat-tfal).

Tista' tkun okkażjoni sabiħa biex it-tfal tal-parroċċa jirbħu l-indulġenza tal-Ġublew: f'dan il-każ iċ-ċelebrazzjoni tiġi adattata skond dak li hemm indikat fir-Ritwal tal-Ġublew.

**Pellegrinaġġ tat-tfal għas-Santwarju ta' Pinu, Għawdex**

Il-pellegrinaġġ se jsir is-Sibt 28 ta' Mejju. Il-vapur jitlaq miċ-Ċirkewwa fit-8.00 a.m. u jerġa' lura fit-3.30 p.m.

It-tfal jinġabru għall-Quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu, u se jqaddsilhom l-isqof ta' Għawdex; wara jżuru l-Mużew fid-dar ta' dik li kelmitha l-Madonna, u mbagħad fl-Oratorju tar-Rabat ikollhom film. It-tfal iridu jġibu l-ikel magħhom.

Il-kappillani huma mitlubin jagħżlu tmint itfal — 4 subien u 4 bniet — ta' 11 jew 12-il sena, mill-parroċċa, u xi ħadd kbir li jwassalhom saċ-Ċirkewwa u jieħu ħsiebhom tul il-ħin kollu sa ma jerġgħu lura f'darhom.

Il-ħlas tal-vapur (return) huwa ta' 50c għat-tfal u £1 għall-kbar.

Fl-20 ta' Mejju fis-6 p.m. fl-Istitut Kattoliku, se ssir laqgħa għal dawk

li se jakkompanjaw it-tfal biex jingħatalhom tagħrif aktar. Dak in-nhar dawn iridu jġibu magħhom il-flus tal-vapur biex il-biljetti jinxtraw minn qabel u ma jkunx hemm telf ta' żmien biex wieħed jitla' fuq il-vapur.

Sal-15 ta' Mejju, il-kappillani huma mitlubin li jibgħatu lis-Segreterija tal-Kurja l-ismijiet tat-tfal u ta' dawk li se jakkompanjawhom.

---

Min għandu xi diffikultajiet dwar il-punti kollha msemmijin hawn fuq, hu mitlub javviċina s-Segreterija tal-Kurja.

G. LUPI,
Segretarju Djoċesan

## PELLEGRINAĠĠ TAL-MADONNA TA' POMPEI F'MARSAXLOKK FL-OKKAŻŻJONI TAL-GHOXRIN ANNIVERSARJU MILL-BIDU TIEGĦU U L-MISSJONI DJOĊESANA

Proposti:

1. Il-Pellegrinaġġ isir nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju fis-7.30 p.m. (nofs siegħa iżjed tard mis-soltu).
2. Jerġa' jsir Aux Flambeaux (ieħdu ħsieb: MUSEUM Subien).
3. Il-Parruċċani jiġu mħeġġa jixegħlu l-gallerijiet u l-faċċati; is-sajjieda d-dgħajjes. Jithejjew ukoll xi fjakkoli.
4. Issir talba lill-E.T. Mons. Arċisqof biex jekk huwa possibbli, mhux biss iqaddes imma wkoll IMEXXI L-PELLEGRINAĠĠ.
5. Waqt il-Pellegrinaġġ jingħad ir-Rużarju li jkun Meditat — mingħajr tul żejjed. Tintalab l-għajnuna tas-Seminaristi.
6. Tintbagħat Ċirkolari mill-Kurja biex tinqara fil-Knejjes kollha; fiha jista' jsir appell għad-devozzjoni lejn il-Madonna permezz tar-Rużarju, u kulħadd, Kappillani, saċerdoti, reliġjużi u lajċi jiġu mħeġġa jingħaqdu ma' Mons. Arċisqof għal dan il-Pellegrinaġġ. Il-Kappillani ecc. jiġu mħeġġa jorganizzaw Privates għall-kumdità tan-nies.
7. Kull saċerdot ikun mistieden jikkonċelebra. Min ikun ġej javża lill-Kurja biex ikun jista' jithejja post xieraq għalihom. Min jiġi jġib miegħu alba, stola bajda.
8. Fil-Pellegrinaġġ is-Saċerdoti u Reliġjużi jimxu eżatt wara Mons. Arċisqof; warajhom jimxu l-lajċi f'żewġ fillieri ta' erbgħa kull naħa.
9. Kull saċerdot responsabbli għall-Privates/grupp iġib miegħu Pissidi b'ostji fih bejn wieħed u ieħor daqs kemm ikollu nies. Il-Parroċċa

tipprovdi pissidijiet oħrajn. Dan isir biex żgur ikun hemm ostji biż-żejjed għat-Tqarbin.

10. Wara l-Omelija n-nies jiġu mistiedna jixegħlu x-xema' biex flimkien bħala l-poplu t'Alla miġbur flimkien mar-Rgħaj tiegħu nistqarru l-Fidi tagħna. Suġġerit li l-Kredu jitkanta bil-Latin (Gregorjan).

11. Offertorju: issir il-purċissjoni li fiha rappreżentant ta' kull Parroċċa/Grupp itella' l-Pissidi li jkun inġieb minnhom u joffrih lil Mons. Arċisqof; il-Pissidi jgħaddi f'idejn is-Saċerdot responsabbli għal grupp u jżommu f'idejh tul il-Liturġija tal-Ewkaristija.

12. Tqarbin: kull saċerdot wara li jitqarben jinżel fost in-nies iqarben. B'hekk it-Tqarbin m'għandux idum wisq u kull saċerdot ikun involut. Meta jlesti t-Tqarbin is-saċerdot jippurifika l-Pissidi u jżommu għandu.

13. Il-Parroċċa tħejji Posters għall-Okkażjoni biex jiġu mibgħuta lill-Parroċċi eċċ. kollha.

## IŻ-ŻJARA TAL-KWADRU TAL-MADONNA TA' PINU F'MALTA

### MESSAĠĠ TA' L-E.T. MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA ARĊISQOF TA' MALTA

Il-miġja tax-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu fostna għandna nqisuha bħala barka mis-sema għalina, għaliex hija ż-żjara ta' l-Omm tagħna tas-sema li ġejja fostna biex tgħidilna x'qegħda tistenna minna f'din is-sena mqaddsa tal-Fidwa tagħna, sena li fiha wkoll, f'Settembru li ġej, se nagħtuha ġieh bħala Omm il-Ħniena u r-Rikonċiljazzjoni, flimkien ma' dawk kollha li, minn pajjiżi oħra, se jissieħbu magħna f'dan il-ġieh lill-Omm Alla.

Fil-ġranet li fihom ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu tkun fostna, nitolbuha lill-Madonna biex iddawwar lejna l-għajnejn tagħha ta' ħniena, u teħlisna mit-tiġrib kollu li qegħdin inġibu fuqna bi dnubietna. Hi waqfet mal-Knisja fil-bidu tagħha u kienet xbieha tal-Knisja titlob meta ssieħbet ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu waqt li kienu jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu; issa f'dawn il-ġranet, se tieqaf magħna bit-talb tagħha ħalli ċ-ċelebrazzjonijiet kollha li se jsiru f'dawn il-ġranet, tul il-ġranet tal-Kungressi Marjani f'Settembru li ġej, u matul is-sena mqaddsa kollha, iwassluna biex inħossu dejjem aktar il-preżenza ta' Alla fostna u hekk naslu għal mibgħeda sħiħa tad-dnub, li m'huwiex ħlief iċ-ċaħda ta' l-imħabba ta' Alla. Nitolbuha għalhekk lill-Madonna, f'dawn il-ġranet li ġejjin, biex, bl-eżempju tal-ħajja tagħha u bit-talb tagħha, tgħin lil kull wieħed u waħda minna, hi x'inhi l-ħidma jew il-kariga tagħna, biex infasslu l-ħajja kollha tagħna fuq Kristu u t-tagħlim tiegħu kif twassalulna l-Knsja.

Imwettqin bit-talb tal-Verġni Marija, Ommna u Omm il-Knisja, tul dan iż-żmien kollu li ġej, iħfittxu li nsaħħu dejjem aktar il-ħbiberija tagħna

m'Alla u l-imħabba bejnietna, biex inkunu nistgħu ngawdu l-frott tal-Fidwa li rebħilna l-Mulej Ġesù.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

## MESSAĠĠ TA' L-E.T. MONS. NIKOL CAUCHI ISQOF TA' GĦAWDEX

Fil-familja, il-ħarsa ta' l-omm tiswa daqs teżor. Din il-ħarsa mhux biss tintebaħ bil-ħtiġijiet ta' l-ulied u turi ħerqa biex tgħinhom, iżda wkoll timlihom bil-kuraġġ biex iwettqu t-tajjeb u tiskansahom mill-ħsara u mill-ħtija.

Fil-familja ta' wlied Alla, il-ħarsa ħanina ta' -Omm tagħna, il-Madonna hija teżor wisq akbar. Din il-ħarsa tqanqalna biex nindmu minn dnubietna u biex ma naqtgħu qatt qalbna fit-twettiq ta' dmirijietna bħala nsara.

Fil-granet li fih il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, ikun espost għall-qima tal-pubbliku, kollna kemm aħna, kbar u żgħar, għandna niftakru f'din il-ħarsa ta' l-Omm tagħna tas-sema, kollha ħrara għalina. Il-ħeġġa tal-qima tagħna lejHa, għandha tkun xhieda li aħna wliedha tabilħaqq u bil-fatti. Hekk inkunu nistgħu nitolbuHa mingħajr ma nagħmlulHa għajb: "O Marija, urina li Inti Ommna, għalik isma' t-talb tagħna, Dak li twieled għalina, ried ikun ibnek bħalna."

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

## PROGRAMM TA' ĊELEBRAZZJONIJIET

* **Is-Sibt 2 ta' Lulju** — Wasla tal-Kwadru fuq vapur fil-Port il-Kbir fis-6.15 p.m. Tluq ta' PELLEGRINAĠĠ NAZZJONALI minn ħdejn id-Dwana l-Qadima għall-pjazza ta' quddiem il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Quddiesa fil-pjazza fit-8.00 p.m.

* **Il-Ħadd 3 ta' Lulju** — Il-Kwadru jibqa' fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Laqgħat Marjani ta' talb.

* **It-Tnejn 4 ta' Lulju** — Fis-6.00 p.m. konċelebrazzjoni mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex u l-kleru. Wara l-Kwadru jittieħed fil-Parroċċa tal-Karmnu tal-Balluta.

* **It-Tlieta 5 ta' Lulju** — Filgħaxija l-Kwadru jasal fil-Parroċċa ta' Kristu Re r-Raħal il-Ġdid.

* **L-Erbgħa 6 ta' Lulju** — Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu jibqa' Raħal il-Ġdid.

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Hamis 7 ta' Lulju** | — Filgħaxija l-Kwadru jittieħed f'Ħal-Qormi; pellegrinaġġ mill-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ għall-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan. |
| * | **Il-Ġimgħa 8 ta' Lulju** | — Filgħaxija l-Kwadru jasal fil-Knisja Kolleġġjali ta' San Pawl, ir-Rabat. |
| * | **Is-Sibt 9 ta' Lulju** | — Fis-7.00 p.m. tluq ta' PELLEGRINAĠĠ NAZZJONALI għall-pjazza ta' quddiem il-Kattidral ta' l-Imdina, fejn fit-8.00 p.m. issir quddiesa konċelebrata. Velja Ewkaristika/Marjana fl-10.00 p.m. Quddiesa f'nofs il-lejl. |
| * | **Il-Hadd 10 ta' Lulju** | — Fl-4.00 p.m. il-Kwadru jħalli l-Kattidral; wasla fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar fl-4.30 p.m. u ċelebrazzjoni Marjana bil-quddiesa. Fis-6.30 p.m. jitlaq għal Mellieħa fejn isir pellegrinaġġ għall-Knisja Parrokkjali. Velja Marjana sa nofs il-lejl. |
| * | **It-Tnejn 11 ta' Lulju** | — Fil-5.30 p.m. proċessjoni għas-Santwarju fejn issir konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex. Fis-7.15 p.m. il-Kwadru jitwassal iċ-Ċirkewwa fi triqtu lura lejn Għawdex. |

## IL-MISSJONI DJOĊESANA U T-TFAL

### Tħabbira tal-programm

Dear Headteachers and teachers,

The letter which the Holy Father addressed to Archbishop Mercieca and Bishop Cauchi in connection with the Diocesan Mission starting this October and finishing next September calls all Maltese to a better understanding and practice of Christian living. For the success of this holy venture the Curail Offices have created a number of committees and my assignment is to communicate to you their suggestions. In this Circular I shall limit myself to the Children's Section, i.e. children between the ages of 6 and 13, which normally cover boys and girls in Junior Classes and in Forms I and II of Secondary Classes.

In this first Circular you are being given an overall picture of the suggested activities: further details will be communicated to you in due course. You do appreciate that the onus of these activities falls on the parishes that you encourage your pupils, irrespective of any real or imaginary barrier, to take part in these activities and to remind them of the dates in this circular. However a number of activities are to be held in schools and left to the initiatives of heads and teachers.

If you have any queries please contact Sister Blanche Gatt at the Curial Officer, Tel 605350/6 Extention 210.

A Here is the overall **Programme for the Year** 1982-1983

OCTOBER **Friday 22nd** Preparation for Mission Sunday (October 24th) **Theme** "With Mary, Christ's Missionary"

NOVEMBER **Friday 26th** Preparation for Advent (November 28th) **Theme** "With Mary, Mother of Jesus let's get ready for the coming of our Saviour".

DECEMBER **16th to 24th:** Novena for Christmas (Details of Celebrations in the Diocesan Bulletin). **Theme:** "Jesus saves".

JANUARY **Friday 21st** Unity Octave (18th to 25th). **Theme** "With Mary, Mother of the Church let's pray for the unity among Christians".

FEBRUARY **Friday 18th** Significance of Lent (Ash Wednesday 16th) Theme "Mary help us to cleanse our hearts and make it a fitting abode for Jesus."

**MARCH** 21st/24th (or some other days) Penitential Services in Schools. Theme "Mary Mother of Grace fill our hearts with love of Jesus".

APRIL **Friday 22nd** (in view of Vocations Sunday: April 24th) **Theme** "Mary will help us to say YES to Jesus' call to become priests or religious".

**MAY** Towards the end of the month: Crowning of Our Lady **Theme** "Mary, our Queen bring us nearer to Jesus".

**JUNE** A day near the Feast of Corpus or the Sacred Heart: An Eucharistic Day in School. **Theme** "May the body of Jesus which was formed in Mary's womb be our nourishment through life".

On the underlined months, i.e. March, May and June the suggested devotion will be held solely in schools. Hints will be forwarded in due course. In November the devotion will be held both in the Parish and in the School.

B **DRAMA FESTIVAL**

This is open to schools and parishes and youth clubs. Duration of Production: not less than 15 minutes not more than 30 minutes.

Language of play or musical: Maltese or English (not necessarily original). Script: to be submitted for adjudication and award. Award productions will be staged in due course. More details to follow.

C PROJECTS with a Marian Theme covering, written projects, drawings, paintings, etching, models, scrapbooks collections, of pictures, photos medals stamps etc....

Three Groups: Group A 6,7,8 years on January 1st. Group B 9,10,11 years on January 1st. Group C 12,13 years on January 1st.

D PILGRIMAGE TO TA' PINU SANCTUARY

Five boys and five girls between the age of 10 and 13 years from every Parish to be accompanied by two youth leaders, will join Gozitan children some time in May for an Eucharistic Celebration by Bishop Cauchi at Ta' Pinu.

D. Rosso FSC

**Iċ-ċelebrazzjoni tat-22 ta' Ottubru**

MA' MARIJA MISSJUNARJI TA' KRISTU

**Kumm.:** L-idea tal-missjoni timxi id f'id mal-idea ta' xhieda. Dik li xxandar, jew tagħti l-aħbar.

Kristu kien l-ewwel missjunarju mibgħut minn Alla, l-Missier fost il-bnedmin, biex igħidilhom li Alla jħobbhom u li jridhom ikunu miegħu għal dejjem. Lid-dixxipli tiegħu riedhom ikomplu jxandru din l-aħbar madd-dinja kollha, u qabel ħalla din id-dinja sejħilhom madwaru u qalilhom: "Morru fid-dinja kollha u xandru l-Vanġelu lil kulħadd."

Matul iż-żminijiet eluf ta' rġiel u nisa, bħall-Appostli, ħallew lil missierhom, lil ommhom, ħuthom, pajjiżhom, biex imorru jxandru lil Kristu fejn għadhom ma semgħux bih.

Nisimgħu ġrajja ta' Patri Karlu missjunarju fost il-fqar fl-Indja.

**Qarrej I:** Patri Karlu ilu missjunarju fl-Indja mill-1969. Nisimgħuh jagħtina xi ftit mill-esperjenzi tiegħu.

Għal sena sħiħa kont noqgħod fi slum ġol-belt ta' Bombay, fl-Indja, f'għarix fqir bħal tan-nies l-oħra. Kont norqod fuq mejda, fuq mitraħ li binhar kont ingerbeb u nerfgħu f'basket, flimkien ma' inkwadru tal-Madonna li ġibt miegħi mid-dar u li kont ngħid ir-Rużarju quddiemu kuljum. Fl-għarix kienet tagħmel sħana kbira, bi nhar u bil-lejl ukoll. Mal-lejl, barra min-nies igħajtu, kien hemm il-klieb jiġġerrew u jinbħu b'saħħithom kollha. Imbagħad il-ġrieden kbar, iqażżuk, jieklu li jsibu u jidħlu kullimkien u jigdmu lin-nies. Lili kiluli qomos, kotba, żraben, ložor...

Anzi, sakemm it-temp ikun xott, wieħed igħaddieha, imma meta taqbad ix-xita, il-mogħdijiet ta' bejn l-egħrejjex isiru widien ta' tajn u ilma u l-art kollha ċaflis. L-istess egħrejjex jidħol l-ilma fihom u n-nies ikollha torqod fuq il-mejda waħda li jkollhom, kulħadd fuq xulxin, jistennew li jisbaħ.

Għall-ewwel kont bdejt naħseb: il-għala dawn in-nies ma jibdewx jagħmlu xi ħaġa ħalli jibdew igħixu aħjar? Imma ma domtx ma ndunajt li,

minħabba l-faqar li għixu fih, u la għandhom tagħlim, la flus, la saħħa li jaħdmu, la għajnuna ta' xejn, la libsa deċenti, xejn!

Darba waħda kien hemm raġel minn dawn li jgħixu f'dawn is-slums u kien sama' li l-bank kien qed jislef il-flus. Mar il-bank u talabhom jisilfuh xi flus. Miskin, għal ftit ma tefgħux il-ħabs għax ħasbu li kien mar hemm biex jisraq.

Kemm ili fosthom tgħallimt li l-faqar iġib il-faqar. Wieħed ma jafx mnejn jibda biex jara jsibx il-kawżi ta' din il-qagħda mwiegħra għal miljuni ta' nies li qed igħixu ħajja mank tixraq lill-bhejjem. Imisshom il-popli għonja, flok ma jagħmlu l-gwerer u jonfqu l-miljuni fl-armamenti, u jgħixu fil-lussu, jaħsbu f'dawn l-imsejkna nies. Bħala ħlas ikollhom mingħandhom dawk il-kwalitajiet li aħna tlifna jew qegħdin ninsew: l-ospitalità, l-għaqda tal-familja, is-sens tal-preżenza t'Alla!

**Kumm.:** Bħal dan il-missjunarju hekk għamlet il-Madonna meta semgħet li Eliżabetta l-kuġina tagħha għandha bżonn l-għajnuna tagħha. Magħha l-Madonna ħadet lil Ġesù, u għalhekk nistgħu nqisuha bħal Patri Karlu.

**Qarrej 2:** Qari mill-Vanġelu skond San Luqa (1,V. 39-4, V. 56).

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi? Għax ara, mali smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej!" Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha.

**Saċerdot:** TALBA: Nitolbu flimkien: Mulej Alla tagħna, ibgħat aktar saċerdoti, sorijiet u lajċi biex imorru fl-artijiet tal-missjoni, ħalli jxandru l-Vanġelu, u jkunu xhieda tal-imħabba ta' Alla.

**Kant:** Innu Missjunarju: Ibgħat il-Missjunarju jgħallimhom iħobbuk...

**Kumm.:** "Kif il-Missier bagħat Lili hekk jien nibgħat lilkom." Kristu qed jibgħat lil kulħadd: nisa, irġiel, tfal, saċerdoti, sorijiet u lajċi. Qatt staqsejt lilek innifsek x'tista' tagħmel INT? Il-kliem ta' Kristu huwa għalik ukoll: Morru...

**Tifel 1:** Kristu qalilna: "Min jitlob jaqla'. Itolbu 'l sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu." Żgur li l-aktar ħaġa li għandhom bżonn il-missjunarji, dawk li jaħdmu għal Kristu, hu t-talb. U għalkemm huma 'l bogħod minna, aħna għandna d-dmir ngħinuhom bit-talb tagħna.

**Tifel 2:** Aħna wkoll nistgħu — u għandna ngħinu l-missjunarji billi niċċaħħdu minn xi ħwejjeġ żgħar u noffru xi sagrifiċċju għalihom — niċċaħħdu minn xi ftit ħelu, minn xi programm li nħobbu naraw fuq it-TV. Alla ma jħarisx lejn dak li nagħmlu, imma lejn l-imħabba li biha nagħmlu.

**Tifel 3:** Il-ħabib tiegħi John qalli: "Din is-sena sibt ħafna mħabba. l-aħħar kont marid l-isptar għal xahrejn u ndunajt kemm verament il-ġe-

nituri u ħuti jħobbuni." Bl-imħabba tagħna lejn il-ġenituri u ħutna nistgħu nkunu l-missjunarji ta' Kristu fil-familja tagħna.

**Tifel 4:** Flimkien ma' sħabi tal-klassi bil-flus li faddalna matul irrandan xtrajna pitazzi u lapsijiet għat-tfal oħra fil-Filippini.

**Tifel 5:** Grupp ta' tfal idoqqu kull nhar ta' Ħadd fil-quddiesa tal-parroċċa. Darba l-kappillan stedinhom biex idoqqu fil-laqgħa ta' tfal li l-parroċċa organizzat għall-ġimgħa tal-festa. Inzerta li kien hemm Albert li kellu marda fatali; iżda dak inhar ktant ħa gost li meta mar lura d-dar kiteb lill-kappillan fejn qallu biex jirringrazzja lill-grupp li daqq. Imħeġġin mir-ringrazzjament ta' Albert il-grupp ta' tfal bdew iduru tfal morda u anzjani biex iferrħuhom bil-kant tagħhom.

**Kumm.:** Aħna wkoll nistgħu nferrħu lil ħaddieħor, aħna wkoll nistgħu, anzi għandna nkunu missjunarji u nwasslu 'l Kristu lil ħaddieħor, bħal ma għamlet il-Madonna meta marret għand Santa Eliżbetta.

**Saċerdot:** TALBA: Kulħadd flimkien.

Sinjur Alla agħti lilna u lil dawk kollha li Inti għajjat biex ikunu xhieda ta' mħabbtek fuq l-art, qalb kbira li tħobb lil kulħadd u rieda li nkunu missjunarji fost sħabna fl-iskola, fil-familja u fir-raħal jew belt tagħna.

**Kant:** Inkantaw il-Missierna. **Talba tal-fidili.**

**Saċerdot:** Ejjew nitolbu lil Alla li għoġbu jagħtina lil Marija bħala Omm tagħna sabiex inwasslu lil Kristu lill-oħrajn.

**Tfal:** **1.** Ibgħat, Mulej, ħaddiema fl-għalqa tiegħek biex il-bnedmin kollha jkunu jafuk u jberkuk. Nitolbu.

℟. Ismagħna, nitolbuk, Mulej

**2.** Għin il-Missjunarji, saċerdoti, sorijiet u lajċi, biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu lill-bnedmin kollha. Nitolbu.

℟. Ismagħna, nitolbuk, Mulej

**3.** Agħmel Mulej li l-imġieba tagħna tkun eżempju li tiġbed lejk u lejn il-Knisja tfal oħra li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna. Nitolbu.

℟. Ismagħna, nitolbuk, Mulej

**4.** Agħtina l-grazzja li aħna wkoll bħall-Madonna nwasslu lil Kristu lit-tfal oħra bl-imġieba tagħna ta' nsara. Nitolbu.

℟. Ismagħna, nitolbuk, Mulej

**Saċerdot:** Ilqa' Mulej, it-talba li aħna t-tfal qegħdin nagħmlulek permezz ta' Marija Verġni, u għinna dejjem biex inkunu missjunarji tiegħek fost sħabna. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Amen.
**Kant:** Innu lill-Madonna.

## THEJJIJA GĦALL-AVVENT

Il-Milied huwa l-isbaħ żmien tas-sena, l-aktar għat-tfal, imma biex il-ferħ li jħossu ma jkunx biss ferħ materjali, nippruvaw indaħħluhom fl-ispirtu tal-Avvent, u nhejjuhom għall-miġja tal-Mulej Ġesù.

Dan isir billi ninvolvu t-tfal biex jieħdu parti attiva f'dan iż-żmien, billi jiġu mħajrin jagħmlu l-GIRLANDA TAL-AVVENT.

It-tfal jitgħallmu ħafna mis-simboli, u l-GIRLANDA TAL-AVVENT għandu tifsir simboliku kbir:

għandha sura ta' ċirku, u ċ-ċirku hu simbolu tal-eternità u tal-kobor bla qjies ta' Alla;

tkun imdawra bil-weraq u l-ħdura tal-weraq hu simbolu tal-ħajja ta' dejjem u ta' Alla li ma jitbiddel qatt.

Kif tagħmel il-Girlanda ta' l-Avvent:

Tkun trid: għaċ-ċirku: frame tal-injam (tond) jew wire oħxon mibrum f'ċirku jew kartun oħxon maqtugħ tond (jekk il-kartun ikun artab, wieħed jaqta' aktar minn ċirku wieħed u jinkollahom flimkien).

Xama': trid erba' xemgħat jew minn dawk tal-karta ħamra jew erba' xemgħat bojod li jitqiegħdu f'kandlieri kull xama' jkollha marbut magħha ċoff vjola (li jista' jkun roża għat-III Ħadd tal-Avvent).

Weraq: jista' jkun weraq aħdar frisk, li jkun irid jinbidel regolarment, jew, biex ix-xogħol isir darba biss, weraq tal-plastik.

Kif tagħmilha: i. meta tlesti ċ-ċirku, dawwar miegħu l-weraq aħdar u orbtu b'wire irqiq biex ma jiċċaqlaqx. Aktar ma tkun folta l-girlanda b'ħafna weraq, aħjar.

ii. Qiegħed fuq iċ-ċirku l-erba' xemgħat, imbegħdin indaqs minn xulxin, u orbot magħhom ċoff b'zagarella vjola. Tkun ħaġa f'waqtha li z-żagarella tinbidel f'kulur aħmar jew dehbi t-Tnejn ta' qabel il-Milied.

Fejn tqiegħda: i. tista' tiddendel mis-saqaf — f'dan il-każ wieħed irid joqgħod attent li x-xama' jkun imwaħħal tajjeb mal-girlanda biex ma jaqax.

ii. tista' titqiegħed fuq mejda jew tavolin f'rokna prominenti tad-dar — f'dan il-każ ix-xama' mhemmx għalfejn jitwaħħal maċ-ċirku, imma biżżejjed jitqiegħed madwaru.

iii. l-aħjar post huwa l-post fejn jintrama l-presepju biex mal-Milied, il-Girlanda tal-Avvent, issir KURUNA TAD-DAWL — iz-zagarelli madwar ix-xama' jkunu ta' kulur abjad jew dehbi, u x-xama' jinxtegħel kuljum meta l-familja tinġabar flimkien għat-talb (ir-Rużarju) ħdejn il-presepju sa nhar l-Epifanija.

---

It-tfal għandhom jiġu mħajrin biex ikollhom il-GIRħANDA TAL-AVVENT fid-dar tagħhom. Il-kuruna jlestuha matul ix-xahar ta' Novembru, ħalli mbagħad, il-Ġimgħa qabel l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, iġibuha l-knisja ħa titbierek waqt funzjoni li jkun hemm għalihom.

Jixraq li f'kull knisja wkoll ikun hemm il-GIRLANDA TAL-AVVENT u titbierek mal-girlandi tat-tfal.

Aktar tard jintbagħtu direttivi dwar din iċ-ċelebrazzjoni.

Fl-ewwel Ħadd tal-Avvent tinxtegħel xama' waħda waqt ċelebrazzjoni qasira; fit-tieni Ħadd jinxtegħlu żewġ xemgħat, fit-tielet tlieta, u fir-raba' Ħadd l-erba' xemgħat.

Tkun ħaġa xierqa li x-xemgħat jinxtegħlu wkoll matul il-ġimgħa: fid-djar waqt li l-familja tkun miġbura flimkien għat-talb; fil-knejjes, waqt il-ħin tal-Quddies jew, almenu, waqt il-funzjonijiet ta' filgħaxija.

G. LUPI,
Segretarju

## THE ADVENT WREATH

In order to make the significance of Advent more meaningful to children, we are suggesting the introduction of the Advent Wreath at home and/or in schools.

What is the Advent Wreath

It is a ring, the size of its diameter depending on the location. It could be placed on a sideboard at home, or an existing shelf in class or hanging from the ceiling in the assembly hall or the chapel. Ideally it ought to be made of metal (here's chance for the metal section of the school!) with four equidistant sockets that make a candle each. In stead of these sockets one can easily place four luminary candles around the wreath.

It could be made of wood or even cardboard. A further requisite is a garland of green leaves (natural or artificial) which is wound round the ring together with a violet ribbon for the first two Sundays, a rose ribbon for the Third Sunday and finally a red or golden one for the foutrh and final Sunday.

The candles are lit gradually: one for the First Sunday,( two for the Second, and so on).

Significance of the Wreath

The wreath is symbolic of many things. Its shape signifies the never-endingness of God; the evergreen boughs are a sign of eternal life that we share through the grace of God; "You are a light of the world, a tree evergreen" (Tertullian).

Each week another candle is lit to call to mind the gradual approach of the "fulness of time" that brought Christ to redeem us.

The purple ribbons stand for penance, a notable feature of Advent "Do penance for the Kingdom of God is at hand". Yet Advent is quite unlike Lent: Alleluia is still our song: it is a time of joy, of hope, of longing, of impatience "Come Lord Jesus"...

Blessing of the Wreath

On Friday 26th November a Pre-Advent ceremony is being held in every parish Church and these wreaths ought to be carried to church and blessed by the Parish Priest. In the case of some schools the blessing service could be done by the school chaplain.

### The Advent Ceremony

At home it takes place on Sunday; in school on the following Monday. The ceremony starts with a short introduction, followed by the reading of preceding Sunday, a brief commentary relevant to the children present, and concludes with an appropriate Advent Hymn (in schools) and a short prayer. This could be taken from the Missal.

### The "Corona Lucis"

The unity of Advent and Epiphany can be shown by retaining the Advent Wreath for a week or more into the new term. It may be necessary to renew the greenery and candles. All the candles should be lit daily for assembly during Epiphany time.

Epiphany is the time of fulfilment, when we celebrate, in anticipation, the glory of Christ's coming and that of the Church, the holy city, the new Jerusalem. The Wreath will therefore now symbolise that city clothed in God's glory (Rev. 21:2)

### Ċelebrazzjoni ta' Thejjija għall-Avvent

*Joħroġ is-saċerdot liebes l-ispellizza u l-istola. Miegħu jkollu żewġ abbatini bil-girlanda ta' l-Avvent jakkompanjawh, 4 letturi (li jistgħu jkunu mit-tfal) u kommentatur. (Jintgħażlu tfal jaqraw sewwa u bil-pawsa meħtieġa, biex tinġibed l-attenzjoni tat-tfal għal dak li jkun qed jingħad; fil-każ tinqara minn xi ħadd kbir.*

**Kummentatur:** Tfal, illum inġbarna flimkien biex inlestu ruħna għall-festa tat-Twelid ta' Ġesù Bambin. Għad baqa' erbat iħdud oħra sa ma jasal il-Milied, u dan iż-żmien jissejjaħ l-AVVENT. Il-kelma Avvent tfisser Miġja. Il-Miġja ta' min? Lil min qegħdin nistennew? Qed nistennew li jasal iż-żmien ħalli nagħmlu l-Festa tat-Twelid ta' Ġesù Bambin.

Il-Knisja trid li bħala nsara, nlestu ruħna, biex il-Milied ikun għalina l-aqwa u l-isbaħ festa. Mhux biżżejjed li naħsbu fil-kartolini u fis-siġra tal-Milied, fir-rigali, fit-tiżjin u fil-presepju. L-aqwa ħaġa għalina, għandha tkun li nlestu ruħna biex tkun nadifa u sabiħa, ħalli meta nitqarbnu, Ġesù jieħu gost jibqa' ġewwa fina.

X'nistgħu nagħmlu biex ruħna tkun sabiħa? Nitolbu aktar mill-ġranet l-oħra tas-sena. Nisimgħu l-quddies. Nagħmlu sagrifiċċji żgħar. Inżommu l-paċi ma' kulħadd. Ngħinu lil kull min ikollu bżonna... biex bil-ħajja tajba tagħna, fid-dar, fl-iskola, fil-knisja u fit-triq, inxerrdu l-ferħ u l-imħabba ma' kullimkien

**Lettur 1:** Alla huwa Missierna. U għalkemm ma narawhx b'għajnejna, naraw il-qawwa u l-kobor Tiegħu f'dak kollu li ħalaq minn xejn. Ħalaq id-dawl biex ikollna l-jum u l-lejl. Ħalaq is-sena; fired l-art mill-baħar u mela l-art bil-ħxejjex, bil-frott, bil-fjuri u bl-annimali. Lill-baħar imlieh b'ħafna ħut kbir u żgħir. Ried li fis-sema jkun hemm ix-xemx, biex tagħtina d-dawl qawwi għal binhar, biex issaħħanna u tkabbrilna s-siġar u l-frott u l-ħxejjex...

Ried li jkun hemm il-qamar biex idawwalna fid-dlam tal-lejl. U Alla kompla sebbaħ is-sema b'mijiet u mijiet ta' kwiekeb oħra iteptpu lejl u nhar fis-smewwiet. Mela l-ajru b'kull xorta ta' tajr. Alla ħares lejn id-dinja b'dak kollu li ħalaq fiha... għoġbitu.

Imma Alla ried li jpoġġi lil xi ħadd aqwa u isbaħ mill-kreaturi li ħalaq, u qal: "Ejjew nagħmlu bniedem jixbah lilna." U Alla ħalaq 'l-Adam u 'l-Eva, biex ikunu huma l-ewwel bnedmin li jgawdu minn dak kollu li ħalaq Hu.

*It-tfal iqumu bil-wieqfa u jkantaw:*

Grazzi Mulejja, aħna ngħidulek għal kemm hi twila l-Eternità. Rit.

1. Tad-dawl li Int ħlaqtilna. Rit.
2. Tax-xemx biex issaħħaħna. Rit.
3. Tal-baħar kbir li tajtna. Rit.
4. Tal-frott li Int tkabbrilna. Rit.
5. Ta' l-ikel li tipprovdilna. Rit.
6. Ta' mħabbtek kbira lejna. Rit.

**Lettur 2:** Meta Alla ħalaq lill-bniedem, Alla żejnu b'ħafna doni sbieħ. Anke lili... bħala bniedem żejjinni b'dawn id-doni sbieħ u kbar. Tani moħħ biex ikun nista' naħseb u nitgħallem ħwejjeġ ġodda, biex nagħraf nagħżel bejn dak li hu tajjeb u bejn dak li hu ħażin. Tani l-libertà biex inkun jien li nagħżel jekk irridx inħobb 'l Alla jew le. Hu ma jridnix inħobb bilfors, jekk irrid nista' ma nħobbux.

Imma jien, kif nista' ma nħobbx 'l Alla meta tani dawn id-doni kollha? Meta jieħu ħsiebi daqs l-aqwa missier? Kif nista' ma naqdihx meta naf li Hu wegħdni l-Ġenna ta' dejjem, jekk inħobbu b'qalbi kollha u ngħix għalih?

*It-tfal iqumu bil-wieqfa u jkantaw:*

Grazzi Mulejja, aħna ngħidulek

Għal kemm hi twila l-eternità. Rit.

1. Tal-moħħ li bih żejjintni. Rit.
2. Tal-qalb li inti tajtni. Rit.
3. Tar-ruħ li tixbah lilek. Rit.
4. Tal-ġenna li Int wegħedtni. Rit.
5. Ta' kemm Int tieħu ħsiebi. Rit.
6. Ta' kull ma Int tagħtini. Rit.

**Lettur 3**: Wara li Alla żejjen lil Adam u lil Eva b'ħafna doni sbieħ, ried jara kemm hija kbira l-imħabba tagħhom lejh, u għamlilhom prova. Iżda x-xitan ħajjarhom biex igħidu LE għall-kmand t'Alla. Adam u Eva għażlu li jiksru l-kmand t'Alla u obdew lix-xitan. Mela da larba huma kisru l-kmand t'Alla u obdew lix-xitan, huma għamlu dnub, u tilfu l-grazzja t'Alla. Ma baqgħux aktar sbieħ f'għajnejn Alla.

Adam u Eva ma setgħux jibqgħu fil-Ġenna ta' l-art. Għalhekk Alla keċċihom, u bagħathom f'din id-dinja. U dan biex ipattu għaddnub li għamlu meta kisru l-kmand t'Alla u semgħu mix-xitan. Iddnub tagħhom waqa' fuqna wkoll, u meta nitwieldu, ma nkunux fil-grazzja t'Alla, ma nkunux ħbieb t'Alla, għalhekk ma nkunux nidhru sbieħ fil-għajnejn t'Alla. Imma bil-Magħmudija nerġgħu nsiru ħbieb m'Alla, u qalbna tkun safja u sabiħa fil-għajnejn ta' Alla.

Imma la darba aħna wlied Adam u Eva, bħalhom irridu nbatu, naħdmu u mmutu, għax aħna mhux dejjem nobdu l-kmand ta' Alla, Ħafna drabi nagħtu widen għax-xitan, u nagħmlu dnub. Ta' dan irridu npattu għalih kemm f'din id-dinja kif ukoll f-oħra.

Imma Alla dejjem igħinna, dejjem jibqa' jħobbna, għax Huwa dejjem Missierna.

*It-tfal iqumu bil-wieqfa u jgħidu flimkien:*

Mulej fakkarni fl-imħabba tiegħek lejja.

1. Meta nitħajjar ngħid LE għall-Kmandamenti tiegħek.
2. Meta nistħi nuri quddiem sħabi li jien inħobbok.
3. Meta nweġġa' qalb ħaddieħor bil-kliem jew bil-fatti.
4. Meta ma mmurx nisma' quddiesa minħabba l-għażż.
5. Meta nikkonfondi biex nagħżel bejn it-tajjeb u bejn il-ħażin.
6. Meta nsibha bi tqila biex naħfer lill-oħrajn.
7. Meta nħossni qalbi iebsa biex inħobb 11 min ikun għamilli d-deni.

**Lettur 4**: Għalkemm Adam u Eva kisru l-kmand t'Alla, Alla baqa' jħobbhom, u jieħu ħsiebhom. Wegħedhom li kellu jibgħat lil Ibnu stess biex jerġa' jagħmilhom ħbieb tiegħu. Alla għen lil Adam u lil Eva biex iħossu d-dispjaċir f'qalbhom talli offendewh... U Adam u Eva ddispjaċihom.

Alla, li huwa Missier ħanin, dejjem lest biex jaħfer u jsir ħabib ta' dawk li juru dispjaċir wara li jkunu offendewh.

Imma l-bnedmin jinsew kemm hi kbira l-imħabba t'Alla u spiss jagħtu widen għax-xitan.

Għalhekk Alla kien jibgħat il-profeti biex iwissu lill-bnedmin ħalli ma jagħmlux dnubiet, biex jitolbu maħfra u jagħmlu penitenza. Xi wħud kienu jagħtu każ ta' dan it-tagħlim, Oħrajn kienu jibqgħu qalbhom iebsa u jagħtu widen għax-xitan.

Meta wasal iż-żmien Alla żamm kelmtu mal-bniedem, u bagħat

lil Ibnu stess, biex jitgħallmu minnu kif għandhom jgħixu, kif għandhom iħobbu 'l Alla, jaħarbu d-dnub, kif għandhom iħobbu lill-proxxmu tagħhom, kif iħennu u jgħinu lil kulħadd.

Taħsbu li kulħadd jisma' mit-tagħlim ta' Ġesù? Taħsbu li għad hawn min għadu ma jafx kif iħobb 'l Alla?

*(Ftit mumenti ta' riflessjoni ħalli jkollhom ċans jistaqsu lilhom infushom).*

*It-tfal iqumu bil-wieqfa, waqt li s-saċerdot igħid:*

**Is-saċerdot:** O Alla li permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu, ġibt is-salvazzjoni tiegħek lill-bnedmin kollha, agħtina l-għajnuna biex matul ħajjitna nimxu fuq it-tagħlim ta' Kristu.

*It-tfal iwieġbu kull darba:*

— Mulej isma' t-talba tagħna.

1. Agħmel Mulej li ma ninsew qatt l-imħabba tiegħek lejna.
2. Għallimna Mulej naħfru u nħobbu kif għallimna Ġesù.
3. Għallimna nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub.
4. Għallimna nħennu għal dawk li huma inqas ixxurtjati minna.
5. Għinna ħalli ma ninsew qatt niftakru fik fit-talb kuljum.

**Is-saċerdot:** Jitla' quddiemek Mulej, it-talb li qegħdin nagħmlulek biex permezz tiegħu naslu biex nagħmlu l-Festa ta' Ġesù Bambin b'qalbna safja.

**Kumm:** Dan iż-żmien ta' l-Avvent, sakemm nistennew il-Milied, irridu nagħmlu xi ħaġa biex tfakkarna li għandna nlestu ruħna għall-Milied. Għalhekk hawn din il-girlanda ta' l-Avvent, b'erba' xemgħat biex ifakkruna fl-erbat Iħdud li għad baqa' sal-Milied. Il-girlanda, kif taraw hija tonda, u ħaġa tonda m'għandhiex bidu, imma kien minn dejjem. Id-dawl tax-xemgħa li rridu nixgħelu, ifakkarna fi Kristu, għax Kristu huwa d-Dawl tad-dinja. Il-kulur vjola taż-żigarella, ifakkarna fil-penitenza li rridu nagħmlu.

*(Il-Girlanda ta' l-Avvent, li ssir għall-Knisja, tinġieb 'il quddiem, u t-tfal li jkollhom il-girlanda jiġu mistiedna biex jitilgħu madwar l-artal ħalli jiġu mbierka).*

**Is-saċerdot:** L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.

**Tfal:** Li għamel is-sema u l-art.

**Is-saċerdot:** Nitolbu. O Alla li bil-kelma tiegħek kollox jiġi mqaddes, bierek din il-girlanda ta' l-Avvent, u għamel li aħna li se nużawha, permezz tagħha nlestu ruħna għall-miġja ta' Kristu, u minn għandek nirċievu l-grazzji kollha li għandna bżonn għar-ruħ u għall-ġisem. Bi Kristu Sidna. Amen.

*(Is-Saċerdot ibierek il-girlandi u kulħadd imur f'postu).*

**Kumm:** Tfal, issa, meta tmorru b'din il-girlanda d-dar, poġġuha fuq tavolina, u nhar il-Ħadd, li jkun l-Ewwel Ħadd, ixgħelu xemgħa waħda biss u għidu talba, li tista' tkun it-talba tal-Quddiesa li ssibu fil-Missal Kateketiku sena C jew xi talba oħra e.g. il-*Missierna*.

Kull jum meta tinġabru flimkien filgħaxija biex tgħidu r-Rużarju, ixgħelu x-xema' tal-girlanda u hekk għamlu kull jum sal-festa ta' l-Epifanija.

Fit-tieni Ħadd ta' l-Avvent, li jaħbat il-5 ta' Diċembru, u ma' tul dik il-ġimgħa ixegħlu żewġ xemgħat; fit-tielet Ħadd (12 ta' Diċembru) u ma' tul dik il-ġimgħa ixegħlu tliet xemgħat. Imbagħad mill-Ħadd qabel il-Milied sa l-Epifanija ixegħlu l-erba' xemgħat.

## ĊELEBRAZZJONI GĦALL-OTTAVARJU TAL-KNEJJES
(21 ta' Jannar għat-Tfal)

*Kommentatur:* Meta Alla ħalaq il-bniedem ħalqu għalih. Ixxewqa tiegħu hi, li kull wieħed minna wara din il-ħajja, imur u igawdih fil-ġenna għal dejjem. Din ix-xewqa tinħass ħafna fil-qalb tal-bniedem, u Santu Wistin jgħidlu hekk lil Alla: "Mulej, Inti ħlaqtna għalik, u qalbna ma toqgħodx kwieta qabel ma tistrieħ Fik." Dan ifisser li l-qalb tagħna ma toqgħodx kwieta qabel ma tibda tħobb 'l Alla fuq kollox.

Il-bniedem minn dejjem kien iħoss li hemm xi ħadd aqwa minnu, u pprova jfittex lil dan ix-xi ħadd fil-ħolqien. Ra li x-xemx, il-qamar, il-maltempati, kollha huma aqwa u ikbar minnu, li ma kellux kontroll fuqhom u ħasibhom allat. Imbagħad beda jagħmel statwi u beda jadura lilhom bħala l-allat tiegħu. Kien jinżel għarkubtejh quddiemhom, jixgħelilhom ix-xama', u jaħraq l-inċens. Kien ukoll jiftaħ qalbu magħhom u jitlobhom jgħinuh. Iżda dawn l-allat foloz ma kienux jimlewlu qalbu bil-ferħ kif kien jixtieq. Għalhekk il-bniedem baqa' jaħdem tul is-snin biex ifittex lil veru Alla. Il-bnedmin bdew jiżdiedu u jinfirxu mad-dinja. Magħhom bdew jixterdu r-reliġjonijiet ukoll. Min beda jemmen f'ħaġa u min f'oħra, sakemm il-bniedem beda joħloq reliġjonijiet li fihom kien jagħmel ċerti liġijiet.

**Lettur 1:** Alla dam għal ħafna snin ma jsib postu fil-qalb tal-bniedem, għax il-bniedem kien għadu ma setax jagħraf min hu Alla. Beda jibgħat lill-profeti biex jgħallmu lill-bnedmin kif għandhom iħobbu u jaqdu 'l Alla. Imma ftit kienu jisimgħu minn kliem il-profeti għax baqgħu qalbhom marbuta ma' l-allat foloz Meta Alla ra li l-bniedem ma kienx qed jagħti kas tat-tagħlim tal-profeti, bagħat lil Ġesù Kristu, biex jgħallimhom min huwa Alla l-Missier, u jurihom l-

imħabba t'Alla lejn il-bniedem kemm hija kbira. Ġesù ilu kważi elfejn sena li ġie fid-dinja, u għalkemm it-tagħlim tiegħu ġie mxandar ma' miljuni ta' miljuni ta' nies, xorta waħda għad baqa' mljuni u miljuni ta' nies li ma jafux min hu l-veru Alla, u qed iħobbu, u jagħtu qima lil allat oħra.

**Lettur 2:** Fid-dinja hawn ħafna reliġjonijiet differenti, hemm minnhom li jaqblu ma' tagħna u hemm oħrajn li għandhom twemmin ieħor. Aħna nħarsu lejn Alla, bħala dak li ħalaq kollox, li ħalaq is-sema u l-art, li jipprovdilna u jieħu ħsiebna, iżda wara dawn is-snin kollha, hemm bnedmin li għadhom marbutin mar-reliġjonijiet tagħhom li huma differenti minn tagħna. Aħna li twelidna fir-reliġjon kattolika, nafu Alla min hu, imma forsi wħud minnha ma jippruvawx iħallu lil Alla jaħdem fil-qalb tagħhom għax ma jitgħallmux fuq il-kobor ta' l-imħabba tiegħu.

*It-tfal iqumu bil-wieqfa u jkantaw:*

Lil Alla bil-ferħ inkantaw...

**Lettur 3:** Fil-parroċċa tagħna, fl-iskola fejn immorru, fit-triq fejn noqgħodu, nistgħu niltaqgħu ma' tfal oħra li ma jmorrux knisja bħalna. Jew għax għandhom knisja għalihom, inkella ma jmorru mkien, għax ir-reliġjon tagħhom titlob minnhom xi ħaġa oħra. Il-knisja tridna nħobbuhom daqs li kieku kienu ħutna. Nistgħu nitgħallmu minnhom, l-aktar minn kif iġibu ruħhom waqt it-talb, u xi drabi lilna jġegħluna nisthu, għax iġibu ruħhom aħjar minna. Il-Knisja tgħallimna biex nersqu lejn Alla, imma ma ġġiegħel li ħadd bilfors, għalhekk tħalli lil kulħadd fil-libertà tiegħu.

**Lettur 1:** Aħna sirna nsara u suldati ta' Kristu bis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma ta' l-Isqof. Dan ifisser li aħna fid-dmir li nitħabtu kemm nistgħu biex Ġesù jsir magħruf minn kulħadd, mhux bil-priedki imma l-aktar bl-eżempju tajjeb tagħna. Mhux biżżejjed li ngħidu li aħna nsara. Mhux biżżejjed li niġu l-knisja, inqerru u nitqarbnu, imma rridu nwettqu dak li nemmnu.

*It-tfal iqumu bil-wieqfa u jwieġbu:*

Mulej imliena bl-Ispirtu tiegħek.

1. Biex nifthu qalbna għal Ġesù.
2. Biex inħallu l-grazzja t'Alla taħdem fina.
3. Biex fina jikber l-għatx għall-verità.
4. Biex ma nħallu lil ħadd ibegħdna minnek.
5. Biex ngħixu skond ma nemmnu.
6. Biex inkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn.

Kant: Kristu qiegħed fostna.

**Lettur 2:** Ġesù fil-ħajja tiegħu bħala bniedem ġabar grupp ta' tnax-il raġel biex ikomplu l-missjoni li beda hu fuq din l-art. Ġesù

għallimhom min Hu Alla, u meta bagħat l-Ispirtu s-Santu fuqhom imtlew bil-kuraġġ u bla biża' mxew fuq il-passi ta' Ġesù. Bħala appostli huma bdew jippriedkaw l-imħabba t'Alla u kienu ħafna n-nies li kkonvertew lejn Kristu.

Mhix ħaġa ħafifa li tkun appostlu ta' Ġesù, għax trid titlob ħafna, u taħdem ħafna biex ixxerred it-tagħlim tiegħu, ħalli kemm jista' jkun Ġesù jsaltan fil-qalb ta' kulħadd. La darba int dħalt fil-knisja ta' Kristu, Int appostlu ta' Ġesù.

*It-tfal iqumu bil-wieqfa u jkantaw:*

Mulej Int sejjaħtli (3)

Fejn hemm Int ninħabbu lkoll. Int it-Triq li twassalni (3).

Int il-ġid li tferraħni (3).

*Joħroġ tifel liebes ta' Ġesu' tifel/tifla miegħu.*

**Tifel:** Ġesù nirringrazzjak tal-grazzja li tajtni li twelidt f'pajjiż nisrani. Inti għażiltni biex inkun membru tal-Knisja tiegħek u mhux ta' xi knisja oħra li ma temminx bik. La għamilt dan miegħi, sinjal li inti trid xi ħaġa minni. Sinjal li f'moħħok hemm xogħol għalija li tridni nagħmel. Għallimni O Ġesù kif għandi nilħaq dan il-ħsieb tiegħek la inti ħlaqtni għalik.

**Ġesù:** Jekk trid, inti tista' tkun appostlu tiegħi. Kien hemm ħafna tfal bħalek li ħabbewni b'qalbhom kollha u llum qed igawduni fil-ġenna.

**Tifel:** X'nista' nagħmel biex nibda nħobbok tassew?

**Ġesù:** Irridek taħseb fija spiss. Nixtieqek tħallini nidħol f'qalbek Biex nagħmel minnek tifel/tifla tajjeb. Aktar ma titgħallem tħobbni, aktar issir tħobbni, u inti u jien inkunu qalb waħda, bħall-aqwa żewġt iħbieb.

**Tifel:** Ġesù nixtieq kieku nħobbok, imma xi drabi ninsa nieqaf ftit u naħseb fik. X'nista' nagħmel Ġesù?

**Ġesù:** Irridek tħobb ħafna lill-Papa, lill-Arċisqof u lis-saċerdoti kollha. Itlob għalihom ħafna għax ix-xogħol tagħhom huwa iebes. Itlob għal dawk li jgħidu jew jiktbu kontra s-saċerdoti; itlob għal dawk is-saċerdoti li qegħdin ibatu l-ħabs minħabba fija. Jien naf kollox fuqek. Nafek b'ismek. Mhux billi tgħid li tħobbni, jien naf jekk l-imħabba tiegħek lejja hix kbira jew le. Il-knisja kuljum tkun miftuħa għalik, imma inti ma tiġix tarani spiss. Il-quddies isir kuljum, imma lilek narak darba l-Ħadd.

**Tifel:** Għini Ġesù biex ma nibqax rieqed u nitgħażżen. U llum ngħidlek li rrid nagħmel ħilti ħalli nibda niġi nitkellem miegħek kuljum.

**Ġesù:** Mhux l-għażż ikun li ma jħallikx tersaq spiss lejja, imma l-injoranza; int ma tantx tmur dutrina wara l-iskola, u jekk ma titgħallimx fuq l-imħabba tiegħi lejk, ma tistax tħobbni tassew.

**Tifel:** Ġesù fil-parroċċa tiegħi hawn min igħallem id-duttrina. Nibda ma nitlifx żmien biex inlaħħaq max-xogħol ta' l-iskola u mattagħlim tad-dutrina wkoll.

**Ġesù:** Hija ħaġa iebsa din li nitolbok, imma naf li jekk trid, tasal biex tagħmilha. Irridek tħobb lil dawk li ma jħobbukx;

— lil dawk li jidħlu fil-pika miegħek;

— lil dawk li jagħmlulek azzjoni ħażina

— lil dawk li jwaqqgħuk għaċ-ċajt u jiskartawk.

**Tifel:** Grazzi Ġesù talli wrejtni x'tixtieq minn għandi. Jien u sħabi nibdew nagħmlu li nistgħu biex naqtgħu x-xewqat tiegħek.

**Lettur 3:** *It-tfal jirrispondu:* Ismagħna nitolbuk Mulej.

1. Qanqal fina l-ħeġġa u l-imħabba għar-reliġjon.
2. Għin lill-knisja tiegħek biex tkun id-dawl għal dawk li għadhom ma jgħarfukx.
3. Agħti d-dawl lil dawk li jaħqru lill-insara u jitfgħuhom il-ħabs.
4. Għall-popli kollha tad-dinja biex jgħarfu li Int il-Veru Ragħaj u Salvatur tal-bnedmin.
5. Għalina lkoll biex nipprattikaw l-imħabba bejnietna.

*Fl-aħħar t-tfal ikantaw:*

Ħallina ħdejn Ġesù.

## ĊELEBRAZZJONI GĦAT-TFAL GĦAŻ-ŻMIEN TAR-RANDAN — I

Wara *talk* qasira dwar il-bżonn li miċ-ċokon tagħna ngħakksu lilna nfusna anke fi ħwejjeġ l-aktar żgħar, l-għalliem ifisser bi kliem sempliċi l-iskop ta' din iċ-ċelebrazzjoni. Jekk issir fi klassi it-tfal jieqfu għal ftit mumenti u jagħmlu talba qasira biex dak li tgħallmu llum jibqgħu jiftakruh u jipprattikawh.

It-teacher jagħmel użu minn dawk it-tfal li jafu jaqraw sewwa u ċar, biex jaqraw din iċ-ċelebrazzjoni. Irid ikun hemm Kummentatur, Lettur I u II, u Tifel li jagħmel il-parti ta' Ġesù (Jekk jilbes ta' Ġesù aħjar għat-tfal)

**Kummentatur:** Ġesù ta' Nazzaret mar ħdejn Ġwanni l-Battista li kien qrib ix-xmara tal-Ġordan biex jitgħammed. Kif rah Ġwanni qallu: "Mulej, mhux jien ngħammed lilek, imma Inti tgħammed lili." Imma la darba Ġesù ried li jiġi mgħammed minn Ġwanni, Ġwanni għammdu. Biex tgħammed, Ġesù daħal fl-ilma tax-xmara u kif kien tiela mill-ilma instama' leħen mis-sema li qal: "Dan Huwa Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi."

Wara li tgħammed, Ġesù mar waħdu fid-deżert għal 40 jum, biex isum, jiġifieri jgħaddi mingħajr ikel u biex jitlob 'l Alla l-Missier.

Wara 40 jum, Ġesù qabdu l-ġuħ, u kif kien bil-ġuħ, resaq lejn ix-xitan u qallu:

**Tifel**: Jekk inti l-Iben t'Alla għax ma tbiddilx dan il-ġebel f'ħobż?

**Ġesù**: Għax il-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss iżda għandu bżonn ukoll tal-kelma t'Alla.

**Kumm.** Imbagħad ix-xitan, ħa lil Ġesù f'Ġerusalemm, il-Belt Imqaddsa, qegħdu fuq il-quċċata tat-tempju:

**Tifel**: Jekk inti Bin Alla, intefa' minn hawn fuq għal isfel. L-anġli malajr jiġu jieħdu ħsiebek, jerfgħuk biex ma tħabbatx riġlejk mal-ġebel.

**Ġesù**: Hemm miktub: Tittantax 'l Alla tiegħek.

**Kumm.** Ix-xitan imbagħad ħadu fuq muntanja għolja, urieh iddinja kollha bil-ġmiel kollu tagħha, u qallu:

**Tifel**: Jekk tinżel għarkubtejk tadurani nagħtik il-ġmiel kollu u l-glorja kollha tad-dinja.

**Ġesù**: Hemm miktub li m'għandek tadura lil ħadd, ħlief lil Alla tiegħek. Lilu biss għandek taqdi.

**Kumm.** Ġesù dar fuq ix-xitan u keċċih 'il bogħod minnu.

**Lettur I**: Tfal, aħna wkoll tgħammidna bl-ilma. Biex tgħammidna ħadna ftit minuti biss, iżda l-Magħmudija sservina għomorna kollu. Il-ġenituri tagħna ġabuna l-knisja biex nitgħammdu.

Is-saċerdot jagħmlilna sinjal tas-Salib fuq moħħna u fuq qalbna, u jgħidilna biex nilqgħu t-tagħlim tal-Knisja u nemmnuh. Is-saċerdot, qalilna li minn dak il-ħin aħna SIRNA WLIED ALLA, u se jkollna d-dritt li mmorru l-ġenna. Fl-aħħarnett is-saċerdot qalilna: "Mur fil-paċi, il-Mulej miegħek."

Tfal, il-magħmudija tagħna saret darba biss, meta konna għadna ta' ftit granet. Lanqas nafu li tgħammidna. Forsi nistgħu nħarsu lejn l-album u naraw ir-ritratti tagħna qegħdin nitgħammdu. Min jaf kemm-il darba ninsew li aħna tfal mgħammdin. Ninsew inġibu ruħna bħal tfal insara.

Matul il-ġurnata, ta' spiss inkunu rridu nagħmlu xi għażla bejn ħaġa tajba u ħaġa ħażina, bejn ħabib tajjeb, u ħabib mhux tajjeb. Jekk niġġieldu kontra x-xewqat tagħna u jirbaħ it-tajjeb inkunu qed ngħixu tassew il-magħmudija, inkunu qed inħobbu 'l Alla bħala wliedu.

**Kumm.** Tfal inqumu bilwieqfa u ngħidu l-Kredu mingħajr għaġla. Wara jkantaw: Ir-Ragħaj tiegħi kun Int Mulej.

**Lettur 2:** Qrajna li Ġesù ġie ttantat mix-xitan imma Hu keċċih 'il bogħod minnu, għax jaf kemm jista' jagħmel ħsara lir-ruħ. Ix-xitan jaf jidħak bina, idawwarna biex nagħmlu dak li jridna hu. Ix-xitan ma jidhirx hu, għax kieku narawh immutu daqs kemm hu ikrah. Hu jista' jinqeda bil-bard u l-kesħa u x-xita biex aħna naqtgħu qalbna u ma nqumux għall-quddies. Jista' jħajjar tfal ħżiena, biex joqogħdu jgħidulna affarijiet psataż, u lilna jħajjarna biex nisimgħuhom. Jista' jurina flus u oġġetti oħra u jħajjarna biex nisirquhom. Jista' jwebbsilna qalbna biex ma naħfrux lil dawk li nkunu ġġelidna magħhom. Jista' jħajjarna nieħdu gost bi stampi ħżiena, b'films fuq it-t.v. mhux tajbin għalina t-tfal. U x-xitan jista' juża lilna biex inservu ta' xitan għal ħaddieħor. Tafu kif? Billi nkunu aħna li nħajru lil ħaddieħor jagħmel il-ħażin; ma nobdux; nagħmlu ta' rasna, nsirqu ħwejjeġ mhux tagħna...

Tfal, nippruvaw kemm jista' jkun, meta nindunaw li x-xitan se jittantata ma noqogħdux nisimgħuh iħajjarna nagħmlu l-ħażin. Imma nroddu s-salib, biex inkeċċuh bogħod minna u malajr kemm jista' jkun.

**Kumm:** Tfal issa nwieġbu flimkien:

Ġesu' għinna nirbħu lilna nfusna

1. Meta nħallu l-quddiesa minħabba l-għażż.
2. Meta ma nġibux ruħna tajjeb fil-knisja.
3. Meta nagħżlu l-logħob u t-t.v. flok immorru nitgħallmu d-duttrina.
4. Meta nkunu se nservu ta' xitan għall-oħrajn.
5. Meta nagħmlu ta' rasna u ma nobdux.

Issa nkantaw: Ir-Ragħaj u s-Sid tiegħi kun Int Mulej.

**Lettur 2:** Tfal, biex nirbħu lix-xitan, irridu nitolbu. Ġesù kien imur għalih waħdu biex jitlob fis-skiet. Dan kien jagħmlu, biex igħallem lilna li jekk irridu nimxu fit-triq it-tajba irridu nitolbu ta' spiss u kuljum.

Il-Madonna dehret lil żewġt itfal ġewwa Salette, u qaltilhom biex jitolbu fil-għodu u fil-għaxija. Qaltilhom biex igħidu l-Missier-na u s-Sliema malli jqumu u qabel ma jorqdu. Qaltilhom ukoll li meta jsibu ċ-ċans, jitolbu aktar. Aħna wkoll irridu nitolbu.

Meta nkunu qed nitolbu, inkunu qed nitkellmu m'Alla. Nistgħu nitkellmu miegħu fejn irridu, x'ħin irridu, u kemm irridu. Alla ma jegħja qatt jisma' t-talb tagħna, basta nitolbu tajjeb. Nagħlqu għajnejna u naħsbu f'Alla biss. Ngħidulu: 'Mulej dawwal il-moħħ tagħna bil-grazzja tiegħek. Mulej imla l-qlub tagħna bl-imħabba tiegħek. Nitolbuh għall-ġenituri tagħna, għal ħutna, għas-saċerdoti, għall-morda, għal kulħadd.

**Kumm.:** Issa nkantaw: Kristu qiegħed fostna.

Issa nwieġbu: *Mulej semmagħlna l-vuċi tiegħek.*

1. Biex insiru nħobbuk dejjem aktar.
2. Biex nibqgħu dejjem fit-triq it-tajba.
3. Biex niftakru nitolbu kuljum.
4. Biex naqduk bħala Alla tagħna.
5. Biex niftakru li Inti dejjem tisma' t-talb tagħna.
6. Biex qatt ma naqtgħu qalbna mill-ħniena tiegħek.

**Ġesù:** Tfal ejjew għandi għax jien għandi qalb li tħobbkom aktar minn ta' kulħadd. Tistħux titolbuni dak kollu lli tridu għax jien Alla tagħkom. Tibżgħux tiġu għandi u titolbuni naħfrilkom meta tagħmlu xi ħaġa ħażina. Jien huwa r-ragħaj it-tajjeb. Min jimxi warajja f'din id-dinja, jiġi jgawdi l-premju kbr li għandu lest għalikom.

**Kumm:** Fl-aħħar inroddu s-salib.

N.B. Jistgħu jiġu proġettati slides, jew stampi ta' Ġesù fid-deżert — jew ritratti tal-magħmudija. Jista' wkoll ikun hemm background music, baxx baxx ma jtellifx, imma jdaħħal lit-tfal f'atmosfera reliġjuża.
Jekk it-teacher jidhirlu li għandu ċans jagħmel dan, jista' jqabbad lit-tfal jiktbu xi ħaġa dwar dak li laqathom l-aktar jew jiktbu xi riżoluzzjoni qasira fuq santa, biex jibqgħu jiftakru fiha.

## ĊELEBRAZZJONI GĦAT-TFAL FI ŻMIEN IR-RANDAN — 2

Wara *talk* qasira dwar Ġesù li għandu qalb kbira u li taf tħenn għal kulħadd, l-għalliem ifisser bi kliem sempliċi l-iskop ta' din iċ-ċelebrazzjoni. Issir fil-klassi, u jibdew billi jagħmlu talba qasira individwalment jew f'daqqa. It-teacher jiġbor fil-qosor dak li sar il-bieraħ, f'dik li hija ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla fil-qosor, imbagħad jibda t-tieni waħda.

**Kumm.:** Tfal, Ġesù jħobbna ħafna, imma Hu jixtieq jarana nħobbuh ħafna wkoll. Kif nistgħu nagħmlu dan? Billi niftakru spiss fih matul il-jum, ngħidulu spiss li aħna nħobbuh. Nittawlulu kuljum u nsellmulu, meta mmorru fil-knisja. Hu jkun wara dik il-bieba tat-tabernaklu, jistenniena. Iridna nirringrazzjawh, infaħħruh u nitolbuh.

Meta Ġesù kien igħaddi mit-triqat tal-Palestina, kien iżomm għajnejh miftuħa biex jara jkunx hemm xi ħadd li jkollu bżonn l-għajnuna tiegħu. Kien iħoss meta jara lil xi ħadd ikeċċi t-tfal minn ħdejh. Kien iħoss meta jisma' lil xi ħadd jibki. Tant kien iħenn li kien ifittex jara x'jagħmel dak il-ħin stess biex igħin lil dak li jkun, ħalli jerġa' jarah ferħan mill-ġdid. Isimgħu Ġesù kemm kien iħenn:

Lettur 1: Meta Ġesù kien qiegħed jippriedka lin-nies, resaq fuqu wieħed ċenturjun u qallu: "Mgħallem, il-qaddej tiegħi, marid ħafna." Ġesù qallu: "Niġi u nfejqu." Imma ċ-Ċenturjun qallu: "Mgħallem ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi. Għid kelma biss, u l-qaddej tiegħi ifiq." Ġesù stagħġeb meta sama' ċ-Ċenturjun jitkellem hekk. Talli emmen b'għajnejh magħluqa, Ġesù fejjaq lill-qaddej dak il-ħin stess. F'kelma waħda Ġesù ried igħidilhom li meta jkun hemm Hu, ikun hemm il-ferħ.

**Kumm.**: Tfal issa nqumu bilwieqfa u nkantaw: Ma jistħoqqlix Mulejja.

Issa nwieġbu: *Ġesu' għallimna nemmnu fik.*

1. Meta nħossuna li xortina mhix tajba daqs ta' l-oħrajn.
2. Meta jkollna nsofru l-uġiegħ minħabba l-mard.
3. Meta nħossuna skartati minn ħbiebna.
4. Meta nħossuna li ma nistgħux nimxu 'l quddiem fl-iskola.
5. Meta l-ġenituri tagħna ma jifhmuniex biżżejjed.

**Lettur 2:** Darb'oħra Ġesù mar fuqu wieħed kap tas-sinagoga, niżel għarkubtejh quddiemu u qallu: "Mgħallem, binti iss'issa mietet. Ejja Mgħallem, poġġi idejk fuqha u terġa' tgħix mill-ġdid." Meta Ġesù raħ qalbu sewda, telaq għandu dak il-ħin stess. X'ħin wasal, warrab lin-nies min-nofs u qalilhom: "Warrbu, għax it-tifla mhix mejta, imma rieqda." In-nies bdiet tidħaq bih. Ġesù daħal ħdejn it-tifla, qabdilha idha u b'għaġeb kbir ta' kulħadd, it-tifla qamet. B'dan il-miraklu, il-ġenituri ferħu mill-ġdid, għax binthom kienet mietet, u Ġesù reġa' tagħhielhom lura ħajja.

**Kumm.**: Tfal issa nqumu bilwieqfa nkantaw: Tina l-ħlewwa ta' l-ilsna tas-sema.

Issa ngħidu flimkien: *Ġesù għallimna ngħixu fil-ferħ.*

1. Meta nkunu miġugħin u ma nkunux nistgħu norqdu bil-lejl.
2. Meta nħossuna qalbna sewda.
3. Meta nkunu nixtiequ xi ħaġa minn għand il-ġenituri tagħna u ma jkunux jistgħu jagħtuhielna.
4. Meta jkollna nissaportu xi ġlied fid-dar.
5. Meta nagħmlu ħilitna biex ngħinu fid-dar u ħadd ma jkun jafulna.

**Lettur 3:** Ġesù ġibed mijiet ta' nies warajh. Darba marru wara Ġesù madwar 5,000 ruħ, u baqgħu warajh tliet ijiem sħaħ, mingħajr ma jieklu xejn. Ġesù ġietu ħniena minnhom. Ma riedx jibgħathom lura lejn darhom bil-ġuħ. Beża' li jħosshom ħażin fit-triq. Imma d-dixxipli, daru fuqu u qalulu: "Mgħallem, f'deżert bħal dan, minn fejn se nġibu ħobż biżżejjed biex jieklu dawn il-mijiet kollha?" Ġesù staqsihom: "Kemm għandkom ħobż?" Id-dixxipli qalulu: "Kull ma għandhom seba' ħobżiet u ftit ħut żgħir." Ġesù talab lin-nies biex joqogħdu bil-qegħda fl-art, imbagħad ħa l-ħobż f'idejh, ħa l-ħut, radd il-ħajr lil Alla l-Missier, qasamhom u tahom lid-dixxipli. In-nies bdew jieklu mill-ħobż u mill-ħut, kielu sakemm xebgħu, u kien baqa' ħobż u ħut fil-qfief ukoll. Minn dak il-ftit ħobż u dak il-ftit ħut,

b'miraklu li Ġesù għamel għax Hu Alla, in-nies ferħet għax ma baqgħetx bil-guħ u setgħet tmur lejn darha ferħana.

**Kumm.:** Tfal issa qumu bilwieqfa ħalli nkantaw: Ġbartna flimkien Mulej.

Issa nwieġbu flimkien: *Ġesù pprovdilna l-ħobżna ta' kuljum.*

1. Ġesù tħalli lil ħadd imur jorqod bil-ġuħ.
2. Għallimna nikkuntentaw bl-ikel li tipprovdilna.
3. Għallimna nagħtu minn dak kollu li jkollna, lil dawk li ma jkollhomx biżżejjed.
4. Ġesù pprovdi x-xogħol lill-missirijiet kollha, ħalli l-ebda familja ma tbati l-għaks u l-ġuħ.
5. Ġesù kattar l-ikel li inti tipprovdilna ta' kuljum biex ma tonqosna qatt il-provvidenza tiegħek.

**Lettur 4:** Darba Ġesù tala' fuq id-dgħajsa mad-dixxipli u talabhom jaqdfu 'l barra għan-naħa l-oħra tal-għadira. Qadfu 'l barra biċċa sewwa. Billi Ġesù kien għajjien ħafna, raqad. Kif kien rieqed, qam riefnu kbir, il-baħar beda jitqawwa u l-ilma beda dieħel fid-dgħajsa. Id-dixxipli tant beżgħu, li ħasbu li sejrin jegħrqu. Stħaw iqajmu lil Ġesù, imma agħmlu l-kuraġġ u ċaqalquh biex iqum u jara x'jista' jagħmel. "Mgħallem, Mgħallem, qum għax sejrin negħrqu. M'intix tara kemm daħal ilma fid-dgħajsa?" Ġesù qam, sikket lir-riħ, u r-riħ waqaf. Il-baħar ikkalma u waqa' bnazzi kbir. In-nies stagħġbu u bdew jgħidu: "Min hu dan li anke l-baħar u r-riħ jobduh?" Imbagħad Ġesù dar fuq id-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Kemm intom ta' fidi żgħira. Għadkom ma temmnux fija. Ma tafux li meta nkun magħkom jien, ħadd ma jista' jagħmlilkom xejn. Ma tafux li meta nkun magħkom jien, ma tiġrilkom l-ebda ħsara." Id-dixxipli ma kienux għadhom jemmnu b'għajnejhom magħluqa fi Kristu. Ma kellhomx fidi sħiħa fih, għalhekk beżgħu. Imma Ġesù ma kienx se jħallihom jegħrqu.

**Kumm.:** Tfal issa nqumu bil-wieqfa u nkantaw: Kristu qiegħed fostna.

Issa nwieġbu flimkien: *Mulej ħu ħsiebna inti.*

1. Meta nibdew nikbru, u jersqu lejna xi ħbieb ħżiena.
2. Meta jibda jħajjarna l-ħażen tad-dinja.
3. Meta jiġu quddiemna stampi ħżiena fil-kotba u fil-films.
4. Meta nkunu se ninsew ngħinu lill-oħrajn u naħsbu fina biss.
5. Meta nkunu se ninsew li aħna wliedek permezz tal-Magħmudija.

**Kumm.:** Talba: Ġesù aħna nafu li Inti tħobbna ħafna. Ta' din l-imħabba tiegħek lejna, ngħidulek grazzi, Ġesù. Grazzi ta' dak kollu li tagħmel magħna, ta' dak kollu li tipprovdilna, ta' kemm tieħu ħsiebna. Ibqa' ħu ħsiebna Ġesù biex qatt ma nitbegħdu minnek.

N.B. Jistgħu jiġu pproġettati fuq screen, l-istampi ta' dawn il-mirakli, u possibilment xi background music ukoll. Jekk it-teacher tara li hu possibbli, tgħid lit-tfal jiktbu xi ħaġa dwar li laqathom l-aktar jew jiktbu xi riżoluzzjoni fuq is-santa tal-ġurnata ta' qabel, biex jibdew jipprattikawha.

Wara *talk* qasira fuq l-importanza tat-talb u l-maħfra, it-teacher ifisser bi kliem sempliċi l-iskop ta' din iċ-ċelebrazzjoni. Jibdew billi t-teacher jistenna li t-tfal jinġabru sewwa, ħalli jibda din iċ-ċelebrazzjoni. Jerġa' jiġbor fil-qosor it-temi taż-żewġ ċelebrazzjonijiet ta' qabel, u jibda t-tielet waħda.

**Kumm.**: Mhux billi ngħidu li nħobbu lil Ġesù, f'dan l-aħħar jum tależerċizzi, irridu naraw jekk fil-ħajja tagħna aħniex nagħmlu biżżejjed biex nogħġbu lil Ġesù. Irridu nħobbuh bil-fatti. Kif? Billi nġibu ruħna tajjeb mal-ġenituri tagħna, mat-teachers, ma' ħutna, mal-ħbieb, ma' dawk li naħsbu li ma jħobbuhiex biżżejjed. Irridu nġibu ruħna tajjeb fid-dar, fil-knisja, fl-iskola. Isimgħu Ġesù kif ġab ruħu ma' dawk li ma ġabux ruħhom tajjeb fit-tempju t'Alla.

**Lettur I:** Darba Ġesù daħal fit-tempju u hemm sab ħafna nies. Min ibiegħ, min jixtri, min isarraf il-flus... It-tempju għamluh suq. Kien hemm l-imwejjed, qfief mimlijin bl-affarijiet, nies jitkellmu u jiddiskutu. Ġesù nkwieta ħafna, daħal ħdejhom u beda jaqleb l-imwejjed, tefa' l-flus malart, qaleb is-siġġijiet ta' dawk li kienu qed ibiegħu l-ħamiem, u għajjat magħhom "It-tempju huwa dar t'Alla, u dar tat-talb, imma intom għamiltuha għar tal-ħallelin." Hadd minna mhu se jmur ibiegħ fil-knisja, imma nonqsu ħafna meta: nidħlu fil-knisja u noqogħdu mill-ewwel bil-qegħda mingħajr ma nagħmlu viżta lil Ġesù Sagramentat. Nonqsu meta nibdew nitkellmu, Nonqsu meta nieklu xi ħelu. Meta nirrakkuntaw xi ħaġa lil xi ħadd u noqogħdu nidħku. Meta nħażżu fuq il-bankijiet. Meta noqogħdu nħarsu 'l hemm u 'l hawn, u ma noqogħdux attenti għall-quddiesa. Niftakru li l-knisja hija d-dar t'Alla u dar tat-talb.

**Kumm.**: Tfal issa nqumu bil-wieqfa u nkantaw: Nadurawk ja ħobż tas-sema.

Issa naħsbu ftit, kulħadd għalih, biex jara f'hiex qed jonqos meta jkun il-knisja, ħalli naraw x'se nirranġaw. Irridu naħsbu iżjed. Isimgħu fuq hiex:

1. Ngħiduha t-talba ta' fil-għodu, malli nqumu?
2. Meta nidħol il-knisja nagħmel salib bl-ilma mbierek?
3. Inħobb nersaq in-naħa ta' quddiem fil-knisja biex noqgħod attent aktar?
4. Waqt il-quddiesa noqgħod b'għajnejja fuq l-artal?
5. Meta nitqarben, ninżel għarkubbtejja u noqgħod naħseb f'Ġesù li jkun fija, ħaj u veru?
6. Meta jkolli lil Ġesù fija nitolbu għalija u għall-oħrajn?
7. Inwegħdu li se nkun aktar bil-għaqal?
8. Qabel norqod, ngħidha t-talba ta' filgħaxija?
10. Inħobb immur id-duttrina biex nitgħallem aktar fuq Ġesù?
11. Hemm xi films tal-kbar li meta l-mamà tkeċċini minn quddiem it-television, ma nkunx irrid immur?

Il-kummentatur jagħmel kelmtejn biex jgħidilhom, li fejn jafu li qed iġibu ruħhom ħażin, jitolbu lil Ġesù jgħinhom, ħalli jġibu ruħhom aħjar.

**Lettur 2:** Darba Pietru resaq lejn Ġesù u qallu: "Mulej, kemm-il darba rrid naħfer lil ħija? Sa seba' darbiet " Imma Ġesù qallu: "Mhux seba' darbiet biss, imma sa sebgħa u sebgħin darba." Ġesù ried ifisser, li aħna nibqgħu naħfru dejjem. Imbagħad biex ifiehem lin-nies qalilhom din l-istorja: Darba kien hemm sultan li ried jagħmel il-kontijiet. Resaq fuqu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent. Miskin ma kellux minn fejn iħallsu u s-sultan ordna li jiġi kkastigat. Il-qaddej niżel għarkubbtejh u talbu jagħtih ftit ċans, u jagħtih kollox. Is-Sultan ġietu ħniena minnu, u ħafirlu kollox. Dan l-istess qaddej, meta ħareġ barra, iltaqa' ma' qaddej ieħor, li kellu jagħtih mitt denar biss. Dan il-qaddej minflok ma ħafirlu bħal ma s-sultan ħafer lilu, iġġieled miegħu, xeħtu l-ħabs sakemm iħallas il-mitt dinar. Il-qaddejja tas-sultan meta raw dan marru jugżawh lis-Sultan. Is-Sultan bagħat għalih, għajjat miegħu u qallu: "Int qaddej ħażin. Jien ħfirtlek id-dejn kollu meta tlabtni biex tiġini ħniena minnek. Int kien imissek tħenn ukoll, bħal ma jien ħennejt għalik." Imbagħad is-Sultan ordna li jiġi mitfugħ il-ħabs sakemm iħallas dejnu kollu. Imbagħad Ġesù kompla jgħid: "Hekk jagħmlilkom Missieri li hu fis-smewwiet, jekk intom ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom."

**Kumm.:** Tfal issa naħsbu ftit u naraw jekk aħniex nagħmlu bħal dan il-qaddej: Fid-dar kif qed inġibu ruħna ma' dawk li ma naqblux magħhom? Hemm xi ħadd fid-dar li jħobb jaqla' l-inkwiet? Jien x'qed nagħmel biex inġib il-paċi fid-dar? Fid-dar hemm xi ħadd li jara kollox ħażin? Jien qed nieħu paċenzja bih, jew niġġieled miegħu? Hemm xi ħadd li għamilli xi ħaġa u għadni miġġieled miegħu? Hemm xi ħadd li ġgilidt miegħu u allavolja ma narahx f'qalbi għadni ma nistax naħfirlu? Nitlob 'l Alla jgħinni ħalli naħfer malajr? Hemm xi ħadd li qal xi kelma b'oħra fuqi u ma rridx naf bih aktar?

*Issa nqumu bilwieqfa u ngħidu flimkien:* Mulej, jiena naf li kultant inti ssejjaħli, imma mhux dejjem nagħti każ tiegħek. Għallimni nħobbok. Għallimni nimxi fuq l-eżempju tiegħek. Agħtini d-dawl biex nagħmel dak kollu li Inti ħlaqtni għalih. Ibqa' sejjaħli, u tħallini qatt nonqos milli nobdi lill-ġenituri tiegħi, milli nobdi lil dawk li jgħallmuni. Ġesù għallimna ninħabbu bejnietna, bħal ma ħabbejtna INT.

N.B. It-teacher tista' tpoġġi kurċifiss fuq cushion, it-tfal joħorġu wara xulxin, jagħtuh bewsa, imbagħad imorru f'posthom u jgħidu flimkien l-att ta' l-indiema bil-qalb u bil-mod.

Imbagħad jgħidu l-Missierna u ssir pawsa fejn hemm: Aħfrilna bħal ma naħfru lil min hu ħati għalina...

## ĊELEBRAZZJONI TAX-XAHAR TA' MEJJU — IL-MADONNA FIL-ĦAJJA TAGĦNA

Tiġi rranġata mejda jew artal żgħir bil-fjuri u x-xama. It-tfal jagħmlu purċissjoni qasira madwar il-knisja b'vara żgħira tal-Madonna. It-tfal iġibu fjura magħhom biex jagħtuha lill-Madonna meta jaslu l-Knisja. Sakemm it-tfal joffru l-fjuri jitkanta l-innu tal-Madonna e.g. *Fil-Ħlewwa ta' Mejju.* Titlesta wkoll kuruna żgħira tal-fjuri għal ras il-Madonna u tifla liebsa l-abjad titla' tlibbisha lill-Madonna.

Wara jiġi pproġettat slide tal-Madonna, jew ta' dehriet: La Salette — Lourdes — Fatima — basta s-slide juri l-Madonna mat-tfal. (It-tfal jiġu mitluba jġibu l-kuruna magħhom ħalli titberkilhom).

**Kommentatur:** (Waqt li jkun qed jaqra, jindaqq background music biex iddaħħal lit-tfal f'atmosfera sabiħa u reliġjuża).
Marija hija l-Omm tagħna tas-sema. Ġesù tahielna bħal Ommna qabel ma miet. Ġesù tant għandu mħabba kbira lejna, li mhux biss ried li jibqa' magħna permezz ta' l-Ewkaristija, imma ried li jagħtina lil ommu Marija.

Alla għażel lil Marija minn fost ħafna bnedmin biex tkun l-Omm ta' l-Iben tiegħu, għaliex hija kienet l-aktar waħda li tagħmel ir-rieda t'Alla. Kienet tħalli f'idejh biex jagħmel biha dak li jrid Hu. Meta Marija lill-Anġlu Gabrijel qaltlu 'IVA', Hija batiet ma' Ġesù minn twelidu sa ma miet.

Marija tbati magħna matul ħajjitna, u tant tħobbna li lesta tgħinna u taqbeż għalina kull x'ħin nitolbuha.

*Jitkanta Innu tal-Madonna e.g. Innu tal-Kungress*

**Lettur:** *Inwieġbu:* Marija kun Int l-Omm tagħna.

1. Meta fid-dar jinqalagħlna l-inkwiet;
2. Meta nħossuna waħidna, u qalbna sewda;
3. Meta nkunu morda;
4. Waqt li nkunu l-iskola nitgħallmu;
5. Meta noħorġu barra mid-dar mal-ħbieb;
6. Meta x-xitan iħajjarna nagħmlu l-ħażin.

TALBA:

O Marija, aħna noffrulek lilna nfusna kollna kemm aħna. Nagħtuk għajnejna, widnejna, fommna, ruħna, kollna kemm aħna. La darba aħna tiegħek, ja Omm ħanina, ħarisna Int u indukrana bħala ħaġa kollha tiegħek li qegħda f'idejk.

**Kommentatur:** Marija bħala Omm Ġesù, tixtieq tarah kuntent bil-ħajja tal-bnedmin. Tixtieq ma tarahomx jagħmlu aktar dnubiet. Imma l-bnedmin jinsew u joffendu 'l Alla kuljum — jiksru l-Kmandamenti tiegħu — jitkellmu, u jiktbu kontra l-Knisja u s-saċerdoti tiegħu. Dawn id-dnubiet jiġbdu l-kastigi t'Alla fuq-

na lkoll. Iżda l-Madonna bħal Ommna ma tixtieqx tarana kkastigati, allavolja jkun tort tagħna. X'tagħmel? Tinżel mis-sema u ssib lit-tfal biex bihom inkunu nafu Alla kif qed jaħsibha dwarna l-bnedmin. Biex turina li Alla mhux kuntent bil-ħajja tagħna, (kważi madwar 150 sena ilu) il-Madonna dehret ġewwa Salette, fi Franza. Kellmet lil żewġt itfal ragħajja u qaltilhom li Alla jinsab imnikket ħafna bid-dagħa. Id-dagħa mhux talli ma naqasx, iżda żdied, anke fost it-tfal. Hawn ħafna min isemmi l-Isem ta' Alla, ta' Ġesù, u tal-Madonna għal xejn b'xejn u bla qima.

Id-dagħa huwa dnub kbir, u jiġbed fuqna kastigi kbar. Barra dan id-dnub, qaltilhom li l-bnedmin qed joffendu 'l Alla, għaliex il-Ħadd mhux qed iqisuh bħal Jum tal-Mulej. Qed ikomplu sejrin bix-xogħol tagħhom — Il-Quddiesa tal-Ħadd ma jisimgħuhiex, u xi wħud minn dawk li jmorru l-knisja l-Ħadd, lanqas ma jisimgħuha bid-devozzjoni. Oħrajn imorru biex jikkritikaw il-kelma tas-saċerdot. Oħrajn imorru bilfors, mhux għax iħobbu 'l Alla.

Il-Madonna staqsiethom jekk jitolbux fil-għodu u fil-għaxija. Dawn it-tfal inzertaw ma tantx kienu jitolbu, għalhekk qaltilhom: "Tħallu qatt il-jum igħaddi mingħajr ma tkunu għidtu t-talba tal-Missierna jew is-Sliema. Imma meta ma tkunux imħabbtin ħafna għidu talk aktar minn hekk."

*Jitkanta Innu tal-Madonna e.g. Infaħħru lil Marija*

TALBA: O Marija nirringrazzjawk talli permezz tad-dehriet tiegħek tfakkarna biex naqbdu t-triq it-tajba li twassalna sa ħdejn Ibnek Ġesù.

**Lettur:** *Ngħidu flimkien:* Ismagħna O Marija

1. Agħmel O Marija li l-insara kollha jiftakru jqaddsu l-Jum tal-Ħadd bil-quddiesa.
2. Fakkarna biex kemm jista' jkun il-Ħadd inqisuh bħala l-Jum tal-Mulej, u ma naħdmux.
3. Agħmel li l-vizzju tad-dagħa jinqata' darb'għal dejjem minn fostna, biex ma nkomplux noffendu 'l Alla bih.
4. Agħmel li n-nies jifhmu l-messaġġi li tagħtina kull darba li tidher għall-ġid tagħna, u jagħmlu dak li tixtieq Int.

**Kommentatur:** Ġewwa Lourdes, il-Madonna dehret lil Bernardina tfajla marradija.

Meta kienet se taqsam minn naħa għall-oħra tax-xmara, semgħet buffura riħ qawwija.

Kont Inti O Marija biex tagħmlilha sinjal ħalli tieqaf u tiġi ħdejn l-Għar ta' Lourdes. Hemm Inti dehert sabiħa, liebsa l-abjad, b'faxxa kaħla u bil-kuruna tar-Rużarju ġewwa jdejk.

Dan għamiltu biex turina li inti tieħu gost ħafna bir-Rużarju. Għidtilha biex tgħid lil kulħadd li Inti tridna ngħidu r-

Rużarju kuljum.

Lil Bernardina ma kellekx għalfejn tgħidilha dan, għax Bernardina meta kienet toħroġ kienet iġġorr il-kuruna tar-Rużarju magħha, u r-Rużarju dejjem kienet tgħidu mal-familja tagħha, fil-għaxija.

Għidtilha biex tgħidilna nagħmlu l-Penitenza. Mingħajr Penitenza ma nistgħux insalvaw; Mingħajr Penitenza, ma nistgħux nibqgħu tfal tajba; Mingħajr Penitenza, ma nistgħux inpattu għad-dnubiet tagħna u tal-bnedmin l-oħra.

Biex turina kemm għandek qalbek ħanina magħna, għidt lil Bernardina biex tħaffer l-art ta' ħdejn il-grotta u minn ġo l-art beda ħiereġ l-ilma. U wara li għaddew 'il fuq minn mitt sena, l-ilma għadu ħiereġ sa llum. Kull min inħasel fih u xorob minnu, tajtu l-fejqan, permezz tiegħu tajt id-dawl lill-għomja, is-smiegħ lit-torox, min kien zopp ġie jimxi, min kien imbiegħed minn Alla resaq lejh bl-indiema.

Illum ukoll jiġu jżuruk ġewwa Lourdes, u għadhom jiġu jinħaslu fin-nixxiegħa li darba bdejt ġewwa Lourdes.

**Lettur:** Issa nkantaw strofi mill-Innu ta' Lourdes.

*Inwieġbu flimkien:* Marija itlob magħna.

1. Idħol għall-morda li ilhom ħafna snin morda fis-sodod.
2. Ħenn għal dawk li tilfu d-dawl t'għajnejhom, u ħlief dlam ma jarawx. Sabbarhom int.
3. Agħti s-smiegħ lit-torox.
4. Agħti l-kuraġġ lil dawk li jinsabu 'l bogħod minn Alla, biex ma jibżgħux jersqu lejh u jikkonvertu.
5. Fakkar lill-ġenituri tagħna, biex ma jibagħtuna qatt norqdu mingħajr ma nkunu għidna r-Rużarju.
6. Tħalliniex naqtgħu qalbna mill-penitenza. Għamlilna l-kuraġġ biex ma ngħejjew qatt nagħmlu l-penitenza biex inpattu għad-dnubiet tagħna u ta' l-oħrajn.

**Kommentatur:** Il-Madonna rat li ħafna bnedmin baqgħu fejn kienu, 'il bogħod minn Alla — qalbhom marbuta mal-ħwejjeġ taddinja. Għalhekk dehret ġewwa Fatima ftit tas-snin wara biex permezz ta' Luċija, Ġjaċinta u Franġisku, tgħid lid-dinja li Alla jinsab offiż ħafna u li kellhom jiġu ħafna kastigi fuq id-dinja.

Erġajt fakkartna biex ngħidu ħafna r-Rużarju. Meta t-tfal staqsewk jekk humiex ġejjin il-ġenna, inti għidtilhom: Iva jiġu l-Ġenna, imma jridu jgħidu ħafna u ħafna Rużarju.

Wara l-kliem tiegħek, it-tfal, warrbu l-logħob żejjed u bdew igħidu r-Rużarju biex ipattu ta' kemm ma qalux, jew ma qalux tajjeb, u biex ipattu għal dawk li ma jgħiduhx.

Erġajt għidtilhom biex jagħmlu ħafna u ħafna penitenza għall-konverżjoni tal-midinbin.

Dak li għidt lil Luċija, lil Ġjaċinta u lil Franġisku, għidtu lilna wkoll. Issa naħsbu ftit:

X'qed nagħmlu biex inpattu għad-dnubiet li jsiru? Kemm qed nagħmlu sagrifiċċji kuljum? Ir-Rużarju ngħiduh? Kull meta? Ngħiduh tajjeb? Jekk ma nafux ngħiduh, qed nitgħallmu ngħiduh? Lill-ġenituri tagħna nfakkruhom igħiduhulna qabel ma norqdu?

Fid-dar għandna xi statwa żgħira jew Santa tal-Madonna biex żgur ma ninsewx niftakru fiha?

*Jitkanta l-Innu ta' Fatima.*

**Lettur:** *Nitolbu flimkien:* Għallimna nħobbuk dejjem iżjed.

1. Billi ngħożżu l-kuruna tar-Rużarju, u ngħiduh kuljum.
2. Billi ma nibżgħux nagħmlu s-sagrifiċċji biex inpattu għad-dnubiet tagħna u ta' l-oħrajn.
3. Billi ma nħallu ebda jum igħaddi mingħajr ma nsellmulek bl-Ave Marija.

X'nistgħu nagħmlu aktar?

Qabel ma norqdu ngħidu tliet Ave Marijiet lill-Madonna. Nilbsu domna mirakoluża. Nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt, nagħmlu sagriifċċji żejda.

Kull l-ewwel Sibt tax-xahar nisimgħu l-quddies u nitqarbnu. Ma nsemmu qatt u qatt l-Isem tal-Madonna għalxejn b'xejn. Fl-aħħar jew jingħad ir-Rużarju, inkella jintwera filmstrip dwar xi waħda mid-dehriet tal-Madonna.

*Iċ-ċelebrazzjoni tispiċċa b'innu ieħor lill-Madonna e.g. Ismagħha l-Għanja.*

## FESTIVAL TA' DRAMMI B'ATT WIEĦED FUQ TEMA MARJANA

1. Il-Kumitat Kungressi Marjani qed jorganizza festival ta' drammi b'att wieħed fuq tema Marjana.

2. Jistgħu jieħdu sehem f'dan il-Festival gruppi, għaqdiet eċċ li jħaddnu fihom tfal ta' inqas minn tnax-il sena. It-tfal li jieħdu sehem fid-drammi ma jridux ikunu għalqu tnax-il sena sa l-aħħar ta' Diċembru 1982.

3. Id-drammi magħżula jridu jkunu b'att wieħed u bil-Malti.

Id-drammi jistgħu jkunu oriġinali, traduzzjonijiet, addattazzjonijiet eċċ. Fl-applikazzjoni, kull grupp irid jindika n-natura tad-dramm li jkun ser itella': jekk hux oriġinali, traduzzjoni eċċ.

4. Il-ħin li jieħu kull dramm biex jiġi ppreżentat m'għandux ikun inqas minn 20 minuta u mhux aktar minn 45 minuta.

5. Xi kant jew mużika użati waqt il-preżentazzjoni tad-dramm għandhom ikunu limitati għal waqtiet qosra. Il-kant u l-mużika m'għandhomx ikunu predominanti.

6. Il-Festival jinżamm fuq żewġ fażi:

a. Fażi preliminari b. Fażi Finali.

Id-drammi kollha jiġu ppreżentati fil-fażi preliminari, fis-sala jew lokal tal-grupp, għaqda, parroċċa eċċ. li jkunu se jippartecipaw. Bord magħżul apposta jara dawn id-drammi u jagħżel ħamsa minnhom biex jintwerew fil-fażi finali. Il-fażi finali ssir fl-Istitut Kattoliku.

7. Fil-fażi finali, jingħataw dawn il-premjijiet:

a. Għall-ewwel post, £M30, trofew u diploma.
b. Għat-tieni post, £M20, trofew u diploma.
c. Għat-tielet post, £M10, trofew u diploma.

Il-gruppi l-oħra mhux ippremjati u li d-drammi tagħhom jiġu ppreżentati fil-fażi finali (2) jingħataw trofew u diploma.

8. Tingħata rigal u diploma lill-aħjar attur u attriċi tal-Festival.

9. Jingħata trofew u diploma għall-aħjar skritt oriġinali fil-festival.

10. Tingħata diploma ta' partecipazzjoni lil kull grupp li jieħu sehem fil-festival.

11. Jiġu maħtura 'Boards' biex jassessjaw id-drammi; Board għall-fażi preliminari u board ieħor għall-fażi finali. Il-Board tal-fażi preliminari jagħżel ukoll l-aħjar attur u attriċi u l-aħjar skritt oriġinali.

12. Id-deċiżjoni ta' kull board tkun finali.

13. Kull grupp li jieħu sehem irid jibgħat 3 kopji ttajpjati 'double space' ta' l-iskritt lis-Segreterija tal-Kungressi Marjani, il-Kurja, Floriana sa l-aħħar ta' Frar 1983.

14. Il-fażi preliminari tal-festival tinżamm f'April u Mejju 1983. Il-fażi finali ssir f'Settembru 1983.

15. Il-produzzjoni tkun totalment responsabbiltà tal-grupp, fissens li l-grupp irid jieħu ħsieb il-kostumi, il-make-up, props eċċ.

16. M'għandux jintuża xenarju mdendel fil-waqt li m'għandhomx jintużaw aktar minn 5 'Flats'; għamara u 'props' kbar għandhom ikunu mill-inqas.

17. F'kull dramm m'għandhomx jidhru aktar minn 30 persunaġġ, inklużi dawk li ma jitkellmux.

18. Id-dramm għandu jiġi ppreżentat fuq il-palk, waqt il-fażi finali. Fl-ebda waqt ma jista' jagħmel użu minn xi parti oħra tal-awditorium għal dħul u ħruġ ta' persunaġġ eċċ.

19. Għal kull informazzjoni oħra dwar il-Festival, wieħed jista' jikteb lis-Segreterija tal-Kungressi, il-Kurja, Floriana.

20. L-applikazzjonijiet għal dan il-Festival jagħlqu sat-22 ta' Jannar 1983.

## IL-KUNGRESS U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

### Il-proġett li kien hemm

Jinħass il-bżonn li n-nies, b'mod speċjali ż-żgħażagħ, ikollhom f'idejhom edizzjoni "pocket" tat-Testment il-Ġdid. Ikun aktar faċli jinġarr u jinżamm fil-but, aktar faċli jintuża fi gruppi ta' talb u rtiri, aktar irħis biex jinxtara, ecc.

B'hekk ikollna edizzjoni moderna u popolari u prattika u l-Vanġelu jixtered dejjem aktar.

Qed jinħadem proġett ta' EVANĠELIZZAZZJONI MIŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, li diġà qed jinvolvi aktar minn 150 żagħżugħ u żagħżugħa mill-parroċċi ta' Malta. L-iskop oriġinali ta' dan il-proġett kien li jintlaħqu ż-żgħażagħ ftit jew wisq imbegħdin mill-Knisja u li żgħażagħ oħrajn ikellmuhom fuq Kristu u **JQASSMULHOM IL-VANĠELU.** B'dan il-proġett, li hu parti mill-MISSJONI DJOĊESANA għaż-żgħażagħ, hu essenzjali li l-Vanġelu jitqassam **B'XEJN.** Għal darba jeħtieġ li mmorru aħna għand iż-żgħażagħ biex nagħtuhom xi ħaġa mingħajr kumplikazzjoni ta' flus'

Jeħtieġ li l-Knisja Maltija ma tieqafx u tirbaħ kull diffikultà biex iż-żgħażagħ Maltin ikollhom f'idejhom kopja tal-Vanġelu BIL-MALTI, adattat għall-użu tagħhom.

Biex iseħħ dan:

Mons. Ġ. Lupi diġa' ġieb il-permess meħtieġ mill-Għaqda Biblika Maltija biex it-Testment il-Ġdid jiġi ppubblikat fl-Edizzjoni li qed insemmu.

Is-soċjetà tal-Mużew ġiet ikkuntattjata biex din il-pubblikazzjoni jkollha sehem fiha hija wkoll, billi diġà kellha l-ħsieb li toħroġ f'format simili it-Testment il-Ġdid skond it-Traduzzjoni tal-Profs. Saydon. Hu maħsub li t-traduzzjoni ta' l-Għaqda Biblika hija aktar adattata għall-użu popolari u speċjalment għall-użu taż-żgħażagħ. Is-Soċjetà tal-Mużew issospendiet il-pubblikazzjoni tagħha biex tara x'ser tkun id-deċiżjoni tal-Kurja dwar il-ħaġa.

Biex jiġu stampati 40,000 kopja li minnhom il-Kumitat Organizzattiv jixtieq li jqassam 10,000 b'xejn, ikun meħtieġ spiża ta' madwar Lm5,000. Dan jinkludi spejjeż ta' l-istampar, produzzjoni, pubbliċità iżda ma jinkludix imgħaxijiet fuq il-kapital u l-anqas il-flus li jeħtieġ biex jitqassmu l-kotba b'xejn.

Biex il-proġett ikun jista' jibqa' miexi, jeħtieġ li kemm jista' jkun malajr, jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet:

1. Awtoritajiet tal-Mużew u tal-Kurja jridu jiddeċiedu jekk iridux jagħmlu "co-production". Jiġifieri li joħorġu l-ktieb flimkien b'dak kollu li timplika, jiġifieri finanzjament, produzzjoni, bejgħ ecc.
2. Meta tittieħed din id-deċiżjoni fundamentali, wieħed irid jiffinalizza d-data tal-ħruġ, finanzjament, produzzjoni, bejgħ, ecc.

### Proposta oħra biex tiġi ffinanzjata dil-pubblikazzjoni

Li f'JUM IL-BIBBJA jiġi mħabbar fil-parroċċi kollha l-proġett li jitqassam b'xejn it-Testment il-Ġdid fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana.

Dakinhar isir appell fil-Knejjes kollha biex il-ġbir kollu jmur għal din l-opra.

**IMPORTANTI:** Jekk isir dan l-appell il-Vanġelu jrid jitqassam b'xejn, talanqas għal matul l-ewwel sena wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Jekk isir dan, in-nies huma ġenerużi biżżejjed u żgur li jiffinanzjaw u jħaddnu l-proġett b'ħafna entużjażmu. Basta jkunu jafu li ser jitqassam b'xejn bħala opra ta' tixrid tal-Kelma t'Alla.

L-essezjal hu li tittieħed deċiżjoni **MALAJR KEMM JISTA' JKUN** biex ix-xogħol ifittex jibda.

FR. J. BORG FR. P. CHETCUTI S.J.

Dar Sarria
il-Furjana.
2 ta' Novembru, 1982

Għażiż/Għażiża,

Taf biżżejjed bil-Missjoni Djoċesana li qed tiġi mnedija tul din is-sena. Taf ferm aħjar kemm il-pajjiż tagħna jeħtieġ tiġdid spiritwali fil-fond. Dan il-bżonn jinħass b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ għax jeħtieġ, akkost ta' kollox li l-Knisja ma titlifhomx.

F'dan il-kuntest qegħdin nipproponu **proġett għaż-żgħażagħ ta' Malta** u b'din l-ittra nixtieq nistiednek tgħin f'dal-proġett kif u kemm tista'.

Il-proġett tajnieh dan l-isem:-

**"EVANĠELIZZAZZJONI MIŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ"**

Dawn ser ikunu l-iskopijiet ewlenin tiegħu:-

1. Li jitwassal il-Vanġelu għand iż-żgħażagħ b'mod partikolari għand dawk li huma anqas milħuqin spiritwalment.
2. Li ż-żgħażagħ diġà impenjati fi gruppi, Għaqdiet Reliġjużi joħorġu ftit mill-grupp tagħhom, iħossu l-bżonn li jwasslu lil Kristu għand l-oħrajn u hekk jagħmlu esperjenza ta' "missjoni".
3. Li tinħoloq preżenza tal-Knisja u tal-Vanġelu fost iż-żgħażagħ b'mod dirett u mhux bilfors klerikali.
4. Li l-Kungress Marjan ma jkunx biss okkażjoni ta' laqgħat kbar li jagħmlu ħoss dak il-ħin u li jintesew malajr. Jeħtieġ li ssir xi ħaġa fuq livell ta' persuni fl-ambjent fejn jgħixu.

Nistiednek għalhekk tattendi għal LAQGĦA li ser nagħmlu:-

(a) biex nagħtu dettalji u nispjegaw il-proġett.
(b) biex tara kif u kemm tista' tgħin int.
(ċ) biex tindikalna ismijiet ta' żgħażagħ li taħseb ikunu lesti jieħdu sehem f'dal-proġett.

Il-Laqgħa ser issir IL-ĦADD 14 ta' Novembru mid-9.30 a.m. sal-11.15 a.m. fil-KNISJA TA' SARRIA, il-Furjana (fil-11.30 a.m. ikun hemm quddiesa tal-Ħadd għal min jixtieq jismagħha).

Qed niktiblek dan kollu għax naf li għandek kuntatt ma' żgħażagħ u

għandek għal qalbek il-ġid tagħhom u tal-Knisja Maltija. Nitolbok tagħmel ħiltek biex tattendi għal-laqgħa għax mingħajr l-għajnuna ta' nies bħalek il-proġett kollu jibqa' ħolma.

Jekk taf lil xi adult jew adulti li taħseb ikunu interessati fil-ħaġa stedinhom jiġu miegħek għal-laqgħa. Jekk int interessat fil-proġett u ma tistax tiġi għal-laqgħa tal-Hadd 14 ta' Novembru, iktibli ħalli ninfurmak mod ieħor.

Fuq kollox ejjew nitolbu biex il-Mulej ibierek dawn l-isforzi fqar tagħna ħalli Huwa jkun aktar magħruf u maħbub miż-żgħażagħ tagħna.

Tiegħek fi Kristu,
Pawlu Chetcuti sj
f'isem il-kumitat organizzattiv

Fl-okkażjoni tal-KUNGRESS MARJAN u tal-MISSJONI DJOĊESANA '82/'83

## PROĠETT TA' EVANĠELIZZAZZJONI MIŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

### SKOPIJIET

1. Li jitwassal il-Vanġelu għand iż-żgħażagħ b'mod partikolari dawk li l-anqas milħuqin.
2. Li ż-żgħażagħ diġà impenjati fi gruppi, għaqdiet, eċċ. joħorġu ftit mill-gruppi tagħhom, iħossu l-bżonn li jwasslu lil Kristu lill-oħrajn u jagħmlu esperjenza ta' "missjoni".
3. Li tinħoloq preżenza tal-Knisja u tal-Vanġelu fost iż-żgħażagħ b'mod dirett u mhux bilfors klerikali.
4. Li jitwaqqfu jew jissaħħu gruppi ta' talb li jolqtu numru akbar ta' żgħażagħ; mhux biss fuq skala nazzjonali, imma, aktar importanti, fuq skala parrokkjali jew settur ieħor (fabbrika, skola).
5. Li l-Kungress Marjan ma jkunx biss okkażjoni ta' laqgħat kbar li jagħmlu ħoss dak il-ħin u li jintnesew malajr, imma jkun okkażjoni li ssir xi ħaġa fuq livell ta' persuni fl-ambjent fejn jgħixu.

### IL-PROĠETT

**Phase I: Informazzjoni u thejjija**

a) Jiltaqgħu mexxejja ta' żgħażagħ u ta' għaqdiet ta' żgħażagħ. Jiġi spjegat lilhom il-proġett. Jagħtu ismijiet ta' żgħażagħ li jistgħu jkunu "missjunarji".

b) Jitlaqqgħu ż-żgħażagħ "missjunarji" u jiġi spjegat lilhom il-proġett f'atmosfera ta' talb (għalhekk din il-laqgħa jista' jkun okkażjoni tajba t-Twilight Retreat tas-16 ta' Ottubru).

c) Il-"missjunarji" jerġgħu jiltaqgħu għal ġurnata jew ġranet ta' formazzjoni u thejjija spiritwali kif ukoll prattika. F'din il-laqgħa ż-żgħażagħ jitqassmu skond il-parroċċa/area li ser jaħdmu fiha.

**Phase II: Twettiq tal-Proġett**

a) Il-units ta' "missjunarji" jiltaqgħu bejniethom (taħt it-tmexxija ta' adulti) u **jistudjaw** is-sitwazzjoni tal-parroċċa/area li ser jaħdmu fiha. Ikellmu l-kappillan, mexxejja/membri ta' għaqdiet ecc. tal-post biex jaraw x'inhu l-aħjar isir.

b) Il-units jifformulaw proġett ta' Talb u ta' mezzi ta' Evanġelizzazzjoni. Fost dawn il-mezzi nsemmu biss xi wħud bħal: mimes, sing-alongs fit-toroq, carol singing, slide-shows, jew films, viżti lil Bars u Clubs, familji, ecc.

c) Il-proġett li jifformulaw u jwettqu l-units ikun jinkludi:
   1. Li jmorru huma stess ifittxu ż-żgħażagħ u jagħmlu kuntatt.
   2. Iqassmulhom it-Testment il-Ġdid.
   3. Ikellmuhom direttament fuq Kristu, il-fidi, ecc.
   4. Iħabbrulhom laqgħat ta' talb speċifiċi fejn dawn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jagħmlu **esperjenza personali ta' laqgħa ma' Kristu** flimkien ma' żgħażagħ oħrajn li lesti **jilqgħuhom bħal aħwa.**

   Dawn il-laqgħat ta' talb jistgħu jkunu ta' tliet xorta:

   + laqgħat li jinbdew apposta mill-unit ta' missjunarji stess.
   + laqgħat li diġà jeżistu fil-parroċċa jew imkien ieħor.
   + laqgħat nazzjonali li soltu jiġu organizzati jew li jkunu organizzati għall-Kungress Marjan.

## LAQGĦAT NAZZJONALI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Waqt li qed isir dan ix-xogħol fil-parroċċi/areas skond ir-ritmu u l-possibiltajiet tal-units, isiru manifestazzjonijiet fuq skala nazzjonali. Dawn huma xi wħud minnhom:

**1 ta' Ottubru '82:** Pellegrinaġġ Nazzjonali għall-Knisja tal-Mosta.

**20 ta' Novembru:** Jesus Festival.

**23 ta' Diċembru:** Laqgħa ta' Talb ta' l-Arċisqof maż-żgħażagħ.

F'Diċembru wkoll għandhom jiġu grupp żgħażagħ minn Taizé f'pellegrinaġġ bis-salib ta' Taizé, wara li jkunu għaddew mill-Italja kollha fi triqthom lejn Ruma fejn għandha ssir laqgħa ta' rikonċiljazzjoni internazzjonali għaż-żgħażagħ bejn it-28 u t-30 ta' Diċembru.

**Ħadd il-Għid '83:** Ċelebrazzjoni tal-ħajja ġdida fi Kristu (mixja... festa... rock mass fi sbieħ il-jum...)

**15 ta' Settembru '83:** Ftuħ tal-Kungress Marjan Djoċesan. Pontifikal San Ġwann.

**17 ta' Settembru '83:** Rally u quddies maż-żgħażagħ Għawdxin Ta' Pinu.

**Dawn IMPORTANTI**

— Meħtieġa edizzjoni tal-but tal-Vanġelu li tiġi mxerrda b'mod massiv tul din il-missjoni. Dal-Vanġelu jitqassam b'xejn biex ma jkunx hemm konnotazzjoni ta' flus fil-kuntatti li jagħmlu ż-żgħażagħ. Ġie ssuġ-

ġerit li ssir edizzjoni offsett imċekkna tat-Testment il-Ġdid ta' l-Għaqda Biblika. Wara li jkun għadda l-Kungress il-Kotba jibqgħu fl-idejn... ikun baqa' xi ħaġa...

— Hemm nukleu importanti ta' żgħażagħ li diġà huma mpenjati fi gruppi ta' talb u li diġà għamlu esperjenzi ta' "missjoni" f'diversi postijiet kemm Malta u kemm barra. F'dawn iż-żgħażagħ insibu element diġà mhejji biex iniedi l-proġett.

— Il-Kariżmatiċi għadhom kif kellhom grupp li għamel proġett simili ġewwa Spanja. L-esperjenza tagħhom tkun ta' għajnuna fit-tfassil tal-proġett. L-istess nistgħu ngħidu għal xi membri tal-Legion of Mary.

— fuq kollox JEHTIEĠ HAFNA TALB BIEX LI JKUN MINN ALLA JSEHH.

Dan kien il-programm kif ġie proġettat fil-bidu, iżda mbagħad sar tibdil fih, kif għidna. Iċ-ċelebrazzjoni ta' nhar l-Għid ma saritx ma' sbiħ il-jum, imma filgħaxija u r-rally taż-żgħażagħ fil-granet tal-Kungress sar fid-9 ta' Settembru bil-programm li ġej:

## LEJLA MARJANA TAŻ-ŻGHAŻAGH MA' L-ARĊISQOF FID-9 TA' SETTEMBRU

Waqt li ż-żgħażagħ deħlin isir rehearsal tal-kant.

Introduzzjoni ġenerali (P. Chetcuti).

Hsieb li jintroduċi l-attività fil-gruppi (Mons. Victor Grech).

Eżaltt wara l-ħsieb isir Kant: "Int Min Int?"

(Waqt il-kant il-group leaders jiffurmaw il-gruppi. Il-group leaders ikunu mxerrdin man-nies u jiġbru madwar 12/15-il żagħżugħ li jkunu qribhom biex jiffurmaw il-grupp tagħhom).

X'ISIR FIL-GRUPPI:

1. Jiddiskutu billi jwieġbu għall-mistoqsijiet li jkunu f'idejn il-group leader minn qabel. It-tema tkun il-kwalitajiet li kellha Marija f'waħda mill-mixjiet ta' ħajjitha (Betlehem, Eġittu, Tempju, eċċ.)
2. Jiftehmu fuq SLOGAN qasir ta' tliet kelmiet li jiġbor dak li jkunu tkellmu. Eż.: "Marija, int tifhimna", "Henn għalina midinbin", "Inħarsu lejk u nifirħu".
3. Jiktbu dan is-slogan jew talba b'ittri kbar fuq placards.
4. Jitqassmu l-folders/souvenir lil kull żagħżugħ.

Fil-bieb tal-knisja jkun hemm l-istatwa tal-Madonna u Mons. Arċisqof jitla' ħdejn l-istatwa mal-group leaders.

Mons. Arċisqof jagħmel din it-talba:

O Marija, Omm taż-żgħażagħ, int ħajtek kollha kienet mixja waħda wara Ibnek Ġesù. Int f'ħajtek warrabt kollox u nsejt kollox biex tkun qrib ta' Ibnek waqt li Hu kien miexi fit-triq tagħna l-bnedmin. Hawn aħna qud-

diemek għatxana biex nimxu lejn dan Ibnek. Hares lejn dawn iż-żgħażagħ qegħdin ifittxu t-triq li twassal għand Ġesù. Hares lejja wkoll li l-Mulej għażilni bħala ragħaj tagħhom biex inwassalhom ħdejh. Nitolbok illejla biex tmexxina lkoll int u twassalna għand Ibnek u ħuna Ġesù Kristu. Iftħilna t-triq, tina l-qawwa u l-kuraġġ biex nimxu bla ma naqtgħu qalbna. Mexxina int, għax aħna bħalek nixtiequ li nwarrbu kollox biex nistgħu naslu qrib Ġesù — l-għajn tal-vera ħajja. Amen.

Il-group leaders jimxu wara l-istatwa ta' Mons. Arċisqof, bil-placards mgħollija 'l fuq.

Waqt il-purċissjoni jsir kant: Magnificat.

Il-posters jitwaħħlu mal-ħajt. Sakemm jitwaħħlu jsir daqq: instrumental.

Tibda l-Quddiesa: "Marija Omm il-Knisja".

Radd tas-Salib.

Talb ta' maħfra.

Jissemmew il-kwalitajiet li kellha l-Madonna fil-mixjiet tagħha u nitolbu maħfra għal kemm ma għexniex dawn il-kwalitajiet. LITANIJA......

Litanija: Nitolbuk, Mulej, taħfrilna għal kull meta naqsu fina l-kwalitajiet li kellha Ommna Marija.

Għal meta nqasna: mill-fidi, mit-tama, mill-imħabba; Aħrilna nitolbuk, Mulej.

mill-ġenerożità fit-twettiq tar-rieda tiegħek; Aħfrilna nitolbuk, Mulej.

Mis-sempliċità; mill-umiltà; Aħfrilna nitolbuk, Mulej.

mit-tjubija tal-qalb; mis-safa tal-qalb u l-ħsieb; Aħfrilna nitolbuk, Mulej.

li nfittxu lill-Mulej meta nħossu li nkunu tlifnih; Aħfrilna nitolbuk, Mulej.

li nbatu ma' Ġesù sa l-aħħar; Aħfrilna nitolbuk, Mulej.

Wara t-talb ta' maħfra: Lord Have Mercy.

SLIDE-FEATURE: **wieqfa taħt is-salib** (L. Zerafa).

TALBA minn Mons. Arċisqof: Nitolbu......

O Alla, Missier il-ħniena, Ibnek il-waħdieni, fuq is-salib, tana bħala Ommna 'l Ommu, l-Imqaddsa Verġni Marija: agħmel li, bl-għajnuna ta' mħabbitha, il-Knisja tiegħek, hi u dejjem tikber minn jum għall-ieħor fl-għadd ta' wliedha, tiżżejjen bil-qdusija, u tiġbed fi ħdanha l-familja kollha tal-ġnus.

B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla u miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem.

L-Ewwel Qari: Ġenesis, 3, 1-15.

Is-serp kien l-iżjed ħażin fost il-bhejjem kollha ta' l-art li kien għamel il-Mulej Alla.

Hu qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom ma tiklux minn ebda siġra tal-ġnien?"

Il-mara wieġbet lis-serp: "Aħna mis-siġar kollha nistgħu nieklu: iżda

mill-frott tas-siġra li hemm fin-nofs tal-ġnien, Alla qalilna, 'Tiklux minnu u la tmissuhx, biex ma tmutux'."

Is-serp qal lill-mara: "U le, ma tmutux! Dak għax Alla jaf li, malli tieklu minnu, jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal Alla, tagħrfu t-tajjeb u l-ħażin."

Mela l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek tħares lejha, siġra ta' min jixtieqha biex taqla' d-dehen. Għalhekk ħadet mill-frott tagħha u kilitu; u tat ukoll lil żewġha, u kiel.

Imbagħad infetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għarwenin; u ħietu weraq tat-tin ma' xulxin u tħażżmu bihom. U semgħu l-ħoss tal-Mulej, li kien miexi fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum. Adam u martu nħbew minn quddiem wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien.

Iżda l-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u qallu: "Fejn int?" Hu wieġeb: "Smajt il-ħoss tiegħek fil-ġnien u, billi jien għarwien, bżajt u staħbejt". Qallu: "Min qallek li int għarwien? Jaqaw kilt mis-siġra li għedtlek ma tikolx minnha?"

Adam wieġeb: "Il-mara li int tajtni miegħi, hi tatni mis-siġra, u jien kilt."

Imbagħad il-Mulej Alla qal lill-mara: "X'inhu dan li għamilt?" Il-mara wieġbet: "Is-serp qarraq bija u jien kilt".

U qal il-Mulej Alla lis-serp: "Talli għamilt hekk, int tkun l-iżjed misħut fost il-bhejjem kollha u fost l-annimali selvaġġi kollha. Għal żaqqek int timxi u t-trab ta' l-art tiekol tul ħajtek kollha.

"Mibegħda nnissel bejnek u bejn il-mara, u bejn nislek u bejn nisilha. Hu jisħaqlek rasek, u int tgħattanlu għarqubu."

Il-Kelma tal-Mulej.

KANT TAS-SALM: "Kemm tħobbna".

QARI TAL-EVANĠELJU: It-Tieġ ta' Kana.

KANT TA' INTRODUZZJONI GĦAL MIME: "Tieh il-ġarra tal-ilma".

MIME: (f'nofs il-mime iż-żgħażagħ jiktbu x'inhuma dawk il-ħwejjeġ li jixtiequ li jinbidlu f'ħajjithom. Dawk tal-mime jinżlu jiġbru l-karti fil-ġarar. Il-group leaders iwasslu l-karti minn għand iż-żgħażagħ sal-ġarar).

Wara l-mime isir kant: "Tieh il-ġarar tal-ilma".

OMELIJA — Jitkellem l-Arċisqof.

Sandro: Bħala talb tal-fidili jinqraw xi wħud mit-talbiet li jkunu ntefgħu fil-ġarar u xi wħud mis-slogans li jkunu mdendlin mal-ħajt.

KANT: Sufferings.

Għall-Offertorju jittellgħu l-ġarar u l-membri tal-Mime jgħolluhom 'il fuq meta l-Arċisqof jgħolli l-ħobż u jgħolli l-inbid.

Waqt l-Offertorju jsir kant: "Alla Hu d-dawl".

TALBA FUQ L-OFFERTI:

Ilqa', Mulej, l-offerti tagħna u ibdilhom fil-misteru tas-salvazzjoni biex bil-qawwa tiegħu u bl-imħabba ta' Marija, Omm il-Knisja, nitħeġġu biex jistħoqqilna nissieħbu dejjem aktar magħha fl-opra tal-fidwa.

Bi Kristu Sidna. Amen.

Prefazju:

Q — Il-Mulej magħkom.
R — U miegħek ukoll.
Q — Nerfgħu qlubna 'l fuq.
R — Nerfgħuhom lejn il-Mulej.
Q — Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.
R — Hekk sewwa u xieraq.

Sewwa u xieraq tassew, Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem, li tista' kollox, tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna, li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr: U nfaħħruk u nberkuk, waqt li qegħdin nagħtu ġieh lill-Verġni Mqaddsa Marija.

Bil-qalb bla tebgħa hi laqgħet il-Verb tiegħek u stħoqqilha tnisslu fil-ġuh tagħha ta' Verġni; tat lid-dinja 'l Dak li ħalaq kollox u hekk waqfet mal-Knisja fil-bidu tagħha.

Ma' ġenb is-Salib laqgħet l-aħħar xewqat tal-imħabba ta' Alla għalina biex tħares bħalha wliedha l-bnedmin kollha, imnisslin għall-ħajja tas-sema bil-mewt ta' Kristu.

Sieħbet it-talb tagħha ma' dak ta' l-appostli hija u magħhom kienet tistenna l-miġja tal-Ispirtu mwiegħed u b'hekk saret ix-xbieha tal-Knisja titlob.

Mtellgħa fil-glorja tas-sema b'imħabba ta' Omm tieħu ħsieb il-Knisja fid-dinja u tħarisha fil-mixi tagħha lejn is-sema, sa ma jasal jum il-Mulej fis-sebħ kollu tiegħu. Għalhekk, flimkien ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha, itennulek l-innu ta' tifħir u ngħidu bla heda: Qaddis, Qaddis, Qaddis...

TALBA EWKARISTIKA TAR-RIKONĊILJAZZJONI

Hares għalhekk lejn dan il-poplu tiegħek li ngħabar hawn u sawwab il-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħek, fuq dawn l-offerti biex isiru għalina l-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek l-għażiż Ġesù Kristu, Sidna, li fih aħna lkoll uliedek.

IL-GHOTJA TAL-MULEJ:

Meta konna mitlufin u ma stajniex aktar nersqu lejk, int ħabbejtna b'imħabba li ma bħalha; Ibnek il-għażiż, li hu waħdu l-ġust, ta lilu nnifsu f'idejna u ma stmerrx li jkun imsallab għalina. Iżda qabel ma fetaħ idejh fuq is-salib bejn is-sema u l-art, biex ikun sinjal għal dejjem tal-Patt tiegħek magħna, ried jagħmel l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħu.

U waqt li kien fuq il-mejda, ħa l-ħobż, radd il-ħajr, bierek, qasam, ta lid-dixxipli tiegħu, u qalu:

HUDU U KULU LKOLL MINN DAN:
GHAX DAN HUWA ĠISMI
LI JINGHATA GHALIKOM.

Hekk ukoll wara l-ikla, hu li kien jaf li se jħabbeb kollox fih, bid-demm li kien se jxerred fuq is-salib, ħa l-kalċi, mimli bl-inbid, reġa' radd il-ħajr, tah lil ħbiebu, u qal:

HUDU U IXORBU MINNU LKOLL:
GHAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI
TAL-PATT IL-ĠDID LI JIBQA' GHAL DEJJEM:
ID-DEMM LI JIXXERRED GHALIKOM U GHALL-BNEDMIN KOLLHA
GHALL-MAHFRA TAD-DNUBIET.
AGHMLU DAN B'TIFKIRA TIEGHI.

**Wara l-Konsagrazzjoni jitkanta** Adoramus e Domine.

Għalhekk aħna u nagħmlu t-tifkira ta' Ġesù Kristu, li hu l-Għid tagħna u sliem tassew għalina, u niċċelebraw il-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja, noffrulek, O Alla fidil u veru, din il-Vittma li tikseb għall-bnedmin kollha l-grazzja tiegħek.

O Missier l-aktar ħanin, fit-tjieba tiegħek ħares b'ħarsa ta' ħniena lejn dawk li qed torbot miegħek għax qed tagħtihom li jissieħbu f'dan is-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu: bil-qawwa ta' l-Ispirtu qaddis tiegħek agħmel li jingħaqdu f'Ġisem wieħed biex fih tintemm kull firda bejniethom.

Żommna lkoll fehma waħda u qalb waħda mal-Papa N. u ma' l-Isqof N. Għinna nhejju l-miġja ta' Saltnatek sa ma tasal is-siegħa li nidhru quddiemek qaddisin fost il-qaddisin tas-sema, mal-Verġni Mqaddsa Marija u ma' l-Appostli u ma' ħutna mejtin li aħna nafdaw għall-ħniena tiegħek.

Imbagħad, mibdulin f'ħolqien ġdid, u meħlusin minn kull taħsir, inkunu nistgħu tassew fiċ-ċokon tagħna nroddulek il-ħajr ta' Kristu Ibnek li jgħix għal dejjem.

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieh u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Waqt it-Tqarbin jitkanta instrumental music.**

Nitolbu: Issa li tqarbinna bir-rahan tal-fidwa u tal-ħajja, miċ-ċokon tagħna nitolbuk Mulej li l-Knisja tiegħek bl-għajnuna ta' Marija Verġni u Omm tgħallem il-Bxara t-tajba lill-ġnus kollha u timla l-art kollha bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Bi Kristu Sidna. Amen.

**Nilqgħu l-Barka ta' l-Arċisqof u nagħtu l-Paċi.**

## 1. GENERAL PROGRAMME

**8.IX.1983 (Thursday)**

h. 17.00 — Inauguration of the Marian Exhibition in the Cathedral Museum at Mdina.

h. 18.00 — Pontifical Mass in the Cathedral, Mdina.

**9.IX.1983 (Friday)**

h. 10.00 — Inauguration of the IX Mariological International Congress (Catholic Institute — Floriana).

h. 16.00-20.00 — Special Sections by languages: Croatian, English, French, German, Italian, Polish, Portuguese, Spanish (Tal-Virtù Diocesan Seminary — Rabat); Maltese (at the Catholic Institute, Floriana).

h. 18.00 — Children's Rally at M.U.S.E.U.M. headquarters, Blata l-Bajda.

h. 18.00 — Youth rally at Mosta.

**10.IX.1983 (Saturday)**

h. 8.30-12.00 — General Session (Catholic Institute — Floriana).

h. 16.00-20.00 — Special Sections by languages (Tal-Virtù Diocesan Seminary; Catholic Institute).

h. 16.00 — K.D.A.L. pilgrimage to ta' Pinu.

h. 17.00 — Meeting for the elderly at the Dominican Church, Rabat.

**11.IX.1983 (Sunday)**

Morning — Tour around Malta.

Afternoon — Visit to the parishes having religious celebrations in honour of the Virgin Mary.

h. 14.00 — Motorcycle pilgrimage from Xaghra to ta' Pinu Sanctuary.

h. 18.00 — Solemn Religious Profession at St. John's Co-Cathedral, Valletta.

h. 18.00 — Celebration for the sick and the handicapped at the Capuchins, Floriana.

**12.IX.1983 (Monday)**

h. 8.30-12.00 — General Session (Catholic Institute — Floriana).

h. 16.00-20.00 — Special Sections by languages (Tal-Virtù Diocesan Seminary; Catholic Institute).

— Ecumenical Encounter (Seminary, Tal-Virtù).

h. 18.00 — Solemn Pontifical Mass at the Cathedral of Victoria (Gozo).

**13.IX.1983 (Tuesday)**

h. 8.30-12.30 — General Session (Catholic Institute — Floriana).

h. 16.00-20.00 — Special Sections by languages (Tal-Virtù Diocesan Seminary; Catholic Institute).

h. 18.00 — Pilgrimage of engaged and young married couples to Mellieħa Sanctuary.

h. 18.00 — Workers' Rally at Cospicua.

**14.IX.1983 (Wednesday)**

h. 8.30-12.30 — General Session (Catholic Institute — Floriana).

h. 16.00-20.00 — Special Sections by languages (Tal-Virtù Diocesan Seminary; Catholic Institute).

— Ecumenical Encounter.

h. 18.00 — Children's Rally at St. Therese Sanctuary, Birkirkara.

h. 19.00 — Pilgrimage of Gozitan farmers and workers to ta' Pinu Sanctuary.

h. 8.30-11.45 — Special General Session: Report of the Secretaries of St. John (Valletta).

**15.IX.1983 (Thursday)**

h. 8.30-11.45 — Speciol General Session: Report of the Secretaries of the Sections by languages (Catholic Institute — Floriana).

h. 11.45 — Conclusion of the IX Mariological International Congress (Catholic Institute — Floriana).

h. 17.00 — Blessing of Children at ta' Pinu Sanctuary.

h. 18.00 — Marian Concert by Gozitan choirs at ta' Pinu Sanctuary.

h. 18.00 — Inauguration of the Marian Congress at St. John's Co-Cathedral, Valletta.

**16.IX.1983 (Friday)**

h. 10.00-12.00 — General Session (Caholic Institute — Floriana).

h. 18.00 — Arrival and Wellcoming of the Papal Legate (Co-Cathedral of St. John — Valletta).

Afternoon — Special Programmes for the National Groups of Pilgrims.

**17.IX.1983 (Saturday)**

h. 10.00-12.00 — General Session (Catholic Institute — Floriana).

h. 16.00 — Special Programmes for the National Groups of Pilgrims.

h. 18.00 — Solemn Procession from Co-Cathedral of St. John (Valletta) to Floriana. Mass by the Papal Legate on the Granaries, Floriana.

h. 19.30 — Night Vigil for youths at ta' Pinu Sanctuary.

**18.IX.1983 (Sunday)**

h. 9.00 — The Papal Legate leaves for the Island of Gozo.

h. 16.00 — Solemn Conclusion of the XVI Marian International Congress with Pontifical Mass presided by the Papal Legate, at the Sanctuary of Our Lady of Ta' Pinu.

Il padre Teodoro Koehler, direttore della Marian Library di Dayton, ha presentato la devozione mariana dei mistici della stessa epoca. Si tratta di un campo molto fruttuoso di quel periodo, quello del misticismo, che conobbe durante il XVII secolo, una sua alta fioritura, per esprimere dopo i secoli difficili della Controriforma, la sua promozione energica di rinnovamenti nella Chiesa, la nuova vitalizzazione della cristianità, ormai tornata verso l'esperienza interiore, l'elevazione dell'anima verso Dio in una preghiera sempre più contemplativa, e rendendo questa corrente quasi popolare. La via mistica e' espressione della vita della grazia, con i suoi segreti di unione a Dio. Che si tratti di devozione acquisita o infusa, gli autori non fanno molte distinzioni. Ma Francesco di Sales, Berulle, Maria Agreda, sviluppano una dottrina mistica attorno alla vita interiore di Maria. Il relatore si riferisce al campo delle grazie mistiche, dove Maria e' presente nell'esperienza di vari personaggi spirituali, come Benedetta Rencural, o Maria della Incarnazione, che unisce con meraviglia apostolato e contemplazione. Pero' ci sono dei dottori di queste vie spirituali, Michele di San Agostino, S. Luigi Maria di Montfort, San Alfonso de' Liguori. A conclusione, questa grande fioritura conoscerà un solo declino alla fine del secolo. Riprenderà più in là. Ma giova notare bene in questa spiritualità tutta Mariana che potrebbe apparire ai nostri occhi preoccupati di cristocentrismo, quanto in questa teologia e' centrale e sommo principio, appunto la Trinità, Padre, Figlio e Spirito Santo, come precisamente la nostra santificazione in questo quadro si compie e puo' compiere con Maria, che appare come Madre, modello, tipo della Chiesa, per esprimere con titoli complementari un'immagine della Madre di Dio, amatissima e amante dei suoi figli, sperimentata nelle vie di Dio.

Una inchiesta sulla devozione mariana in Francia presso le Congregazioni femminili nel XVII e nel XVIII secolo e' stata fatta da Abbe' Charles Molette, presidente della Società degli Studi Mariani di Francia. I risultati dell'inchiesta efefttuati in diverse riprese, sono state presentate in tre tappe. In primo piano, lo stesso nome dimostra, in un certo modo, il riferimento mariano e la orientazione apostolica e caritativa della congregazione stessa di cui alcune accoglievano delle figlie secolari per riprodurre la "vita peregrinante" della Vergine. La regola di vita raccoglie l'eredita comune della spiritualità della Chiesa arricchendola con caratteristiche specifiche e vi-

vendola come un bene proprio. In terzo luogo sono stati esaminati i tentativi apostolici della devozione mariana sul piano materiale e spirituale dove anche l'esperienza mistica ha portato il suo contributo. Il Molette ha concluso affermando che le congregazioni femminili, missionarie, ospedaliere, insegnanti, contemplative, con la loro devozione hanno realizzato "una presenza viva di Maria e hanno manifestato la carità materna della Chiesa".

REGINALD MASSON

## LA DEVOZIONE MARIANA NELL'ARTE DEI SECOLI XVII E XVIII

La Valletta, 17

Nell'ultima sessione il congresso mariologico ha affrontato il tema della devozione mariana nell'arte dei secoli 17 e 18. E' un tema cosi' vasto che non si puo' sperare trattarlo neanche in una sessione di un congresso: ma i lavori presentati, coscienziosamente elaborati hanno aperto una prospettiva che e' piaciuta a tutti. L'arte dell'epoca esprime tutta una cultura, una civiltà raggiunta dopo la grande crisi della Riforma. La Chiesa riassestata, lanciata avanti dal Concilio tridentino e dai programmi di riforma interni ad essa, incoraggiata dal successo nuovo delle missioni nei paesi di recente scoperta, partecipe delle nuove correnti di cultura, esplode nella espressione più schietta, anzi teologica, della sua visione interiore, resa dall'arte in affreschi e statue giganti che illustrano il mondo barocco. La Madonna in queste visualizzazioni e' spesso presente. Nelle parole del Padre Pasierb, di Versavia, l'iconografia mariana del periodo barocco contiene tendenze verso antinomie. Questo fatto non significa contraddizioni bensi' arricchimento. Infatti, la figura della Madonna diventa un ideogramma della Chiesa della Controriforma. Pero', non e' solo antesignano della Chiesa davanti alla reazione protestante. Piuttosto, appare come un simbolo di una possibile riconciliazione. Anche artisti di tendenze luterane dipingevano la Madonna, come il Durer, o Luca Cranach. Come l'epoca la ispira, l'immagine barocca di Maria non e' solo fedele al dogma, ma anche fedele alle ragioni del cuore. Maria in mezzo alla divisione delle classi, fra intimità ed ostentazione, lirismo e patetismo fallace, misticismo e pratica della vita, si alza come un senso di unità.

Come meglio entrare in un soggetto se non per la via di una analisi approfondita di un esemplare tipo?

Per varie ragioni, il lavoro accurato della Professoressa Anika Skovran, offre ricchezze di referenze che sono un apporto positivo e molto apprezzato al congresso. La sua analisi della iconografia mariana nel Patriarcato di Pec, sotto l'impero Ottomano, e' cosi' utile anche a sottolineare una situazione politica molto negativa nell'Eu-

ropa balcanica dell'epoca. Poco conosciuta, la mentalità degli ottomani nei paesi occupati, si tratta qui dei paesi balcanici, benche' feudale e teocratica, concedeva autonomia alle Chiese. I serbi cosi' nella Chiesa ortodossa, poterono rianimare la loro cultura e la loro arte, malgrado la situazione. Al principio del secolo 17, rimangono tracce dell'influenza bizantina. Pero', una nuova arte si fa giorno nel mondo serbo, penetrata dai dogmi mariani e animata dalla poesia mariana. Tra le immagini più abituali, notiamo quelle della infanzia della Madonna, della Madre di Gesù incoronata. Poi nel secolo 17, l'Inno Acatisto viene rappresentato nella Trapeza di Chilandar, nei 1622, e anche al Monte Atos, o alla Laura Dochiariou.

"La Vergine santa e' stata sempre per i maltesi sorgente di ispirazione profonda nella loro vita cristianamente vissuta", cosi' ha esordito mons. Vincenzo Borg, decano della Facoltà teologica di Malta nella sessione plenaria di ieri mattina. I lavori congressuali sono riusciti a stabilire definitivamente lo svolgimento cronologico della vita mariana a Malta, che questa volta viene pubblicata in un volume a parte centrato appunto sulla devozione mariana all'isola di S. Paolo nel seicento e settecento. L'analisi inizia dal periodo medievale e va fino al settecento. Anche in questa forma Malta e' interamente legata ai movimenti d'Europa. E' da notare la presenza delle confraternite mariane, terz'ordini con una spiritualità mariana più intensa. L'arte e l'architettura sacra a Malta rispecchiano l'influsso della devozione mariana delle isole maltesi e presenta un caso molto interessante della transizione dal rinascimento locale al barocco.

Nella sua relazione dedicata alla devozione mariana dei Cavalieri di Malta, la Signora Giovannella Berte', ha voluto soffermarsi sulla vicenda dell'immagine della Madonna di Filermo che ebbe incontro con i Cavalieri a Rodi nel 1506, acquisendo un carattere ecumenico. L'icone sacra fu portata dai Cavalieri a Malta dove rimase quasi per tre secoli, diventando la Madonna errante, dopo lo sbarco di Napoleone. Pero' e' rimasta sempre nel cuore dei Cavalieri gerosolimitani e di quanti nel suo peregrinare hanno appreso ad amarla.

Con questo sguardo sull'arte mariana, specialmente sull'isola di Maria che e' diventata Malta, sede dell'Ordine che fece tanto per la cristianità, dalla sua base di Malta, sono terminate le sessioni di studi del congresso.

Si e' aperto, frattanto, il Congresso Mariano Internazionale, logico coronamento di una settimana intensa di studi teologici e specializzati sulla Madonna. Raduna pellegrini da ogni parte dove in una grande festa di Chiesa in onore di Maria Madre di Dio, Madre della riconciliazione. Dopo la messa concelebrata giovedi' sera, per l'apertura, nella Concattedrale San Giovanni, da un numerosissimo clero, in mezzo ad un popolo che affollava l'immenso tempio, ieri mattina si e' svolta la prima sessione di conferenze sul tema della riconciliazione, con il discorso di Mgr Carmelo Cassar, professore di teologia al Seminario diocesano, sulla ispirazione di Maria sull'azione

pastorale della Chiesa, seguito dall'esposto dell'Arcivescovo di Saragozza, Mgr Elias Yanes Alvarez, sulla riconciliazione nella libertà, la giustizia e l'amore sotto il patrocinio di Maria.

E' intanto giunto ieri l'Inviato Speciale del Santo Padre, il Cardinale Salvatore Pappalardo, Arcivescovo di Palermo. E' giunto alle 13,15 all'Aeroporto di Malta, e dopo aver deposto una corona di fiori, davanti alla statua di Cristo Re si e' incontrato con alcuni bambini, prima di raggiungere, in mezzo ad una città imbandierata e festante, la Cattedrale.

Numerosi pellegrini venuti soprattutto da vari Paesi Europei si aggiungono al popolo maltese già spontaneamente coinvolto nel congresso che da un anno veniva preparato come celebrazione dell'anno giubilare della Redenzione e della riconciliazione nella loro marianissima isola.

REGINALD MASSON

## IDEALE CONCLUSIONE CON IL PAPA DEI CONGRESSI MARIOLOGICO E MARIANO

### *PRESENTI ALL'INCONTRO I CONGRESSISTI E IL PELLEGRINAGGIO NAZIONALE MALTESE*

Concluso il soggiorno estivo a Castel Gandolfo, Giovanni Paolo II e' rientrato stamane, mercoledi' 21 settembre, in Vaticano. Il rientro del Papa e' coinciso con la settimanale celebrazione della Parola in piazza San Pietro, alla quale hanno partecipato oltre sessantamila fedeli provenienti da tutti i continenti.

Un grande striscione, innalzato in uno dei settori più vicini alla cattedra del Papa, ha segnalato la presenza del pellegrinaggio nazionale di Malta. Il gruppo era composto da un centinaio di fedeli, giunti a Roma per celebrare l'Anno Giubilare della Redenzione e per ringraziare il Papa per aver voluto partecipare — per mezzo del Card. Pappalardo, suo Inviato Speciale — alle celebrazioni del Congresso Mariano Internazionale svoltosi recentemente nell'isola. Il Congresso Mariano e quello Mariologico, che lo ha preceduto, hanno rappresentato per la comunità ecclesiale in Malta un momento di forte comunione con la Chiesa universale. Tutti i fedeli — ci e' stato detto stamane — si sono uniti alle delegazioni giunte da ogni parte del mondo e insieme hanno affidato alla Vergine tutte le speranze e le attese della Chiesa in Malta.

L'eco dei due importanti Congressi di Malta e' stata portata stamane in piazza San Pietro anche da un altro gruppo. Accanto ai pellegrini maltesi aveva preso posto una piccola rappresentanza di sacerdoti, religiosi e laici che hanno partecipato ai lavori, come delegazione di diverse Chiese locali. Il gruppo era guidato da padre

Pavao Melada, OFM, Presidente della Pontificia Accademia Mariana Internazionale che tracciando un prima bilancio dei due Congressi ha voluta sottolineare la partecipazione di rappresentanti di ben 24 nazioni, che insieme hanno approfondito i temi: "Il Culto mariano nei secoli XVII e XVIII" e "Maria, madre della Riconciliazione". "Molto importante — ci ha detto P. Melada — e' stato anche l'aspetto ecumenico. Durante i lavori e' stata sottoscritta con membri di altre Chiese cristiane una dichiarazione comune su "Maria nella comunione dei Santi" e, per la prima volta nella storia dei nostri congressi si e' avuto un incontro di preghiera in comune, nella Cattedrale Anglicana a La Valletta. Ci auguriamo — ha concluso — di poter continuare questo discorso anche nel prossimo congresso che, abbiamo deciso, si svolgerà in Germania nel 1987".

Rivolgendosi ai fedeli di espressione inglese, il Papa ha detto:

Dear brothers and sisters.

I offer a warm word of welcome to all the English-speaking visitors who are presend today.

I wish to extend special greetings to all the pilgrims who have come to Rome during this Jubilee of the Redemption. In particular, I greet the members of the national pilgrimage from Malta and the Holy Year Pilgrims from the Diocese of Salford.

*"IL-ĦAJJA"*

## IL-KUNGRESSI MARJANI

F'pajjiżna Ibieraħ ġew inawgurati d-Disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali (li jibda llum u jibqa' sejjer sal-15 tax-xahar) u s-XVI-il Kungress Marjan Internazzjonali (mill-15 sat-18 ta' Settembru) fuq it-tema "Marija: Omm ir-Rikonċiljazzjoni".

Kemm huma mportanti dawn iż-żewġ Kungressi fil-ħajja tal-Knisja Kattolika wieħed jista' jaraħ mill-fatt li l-Papa Ġwanni Pawlu II il-Ħadd li għadda ħass li għandu jitkellem dwarhom fid-diskors tiegħu ta' l-Angelus, minn Castel Gandolfo.

Il-Papa stieden lil kulħadd biex jitlob għas-suċċess taż-żewġ Kungressi f'nofs is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa.

Fil-Kungress Marjoloġiku, jiltaqgħu flimkien numru sostanzjali ta' teoloġi, għorrief u studjużi, kemm Kattoliċi kif ukoll Anglikani, Luterani, Kalvinisti, Ortodossi u nsara oħra, biex jistudjaw flimkien kif żviluppat u dehret id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija fi ħdan il-poplu nisrani tul iż-żmenijet.

Dawn l-Kungressi ilhom isiru kull erba' snin għal dawn l-aħħar 36 sena — kull darba fuq perijodu differenti ta' devozzjoni. U f'pajjiżna qed tiġi studjata d-devozzjoni lejn il-Madonna fis-sekli 17 u 18.

L-istudji jkunu wesgħin ħafna. Fihom, dawk li jieħdu sehem jittrattaw kemm dak li kitbu t-teoloġi u dak li hemm fil-Liturġija tal-Knisja, kif ukoll id-drawwiet popolari taż-żmien li jkun, l-arti

u l-mużika, u kull ħaġa oħra li b'xi mod turi ġieħ lill-Verġni Marija.

Hekk, fil-Kungress Marjoloġiku li se jsir fostna, li x-xogħol proprju tiegħu jibda llum (il-Ġimgħa), dawk li se jieħdu sehem se jitkellmu kemm fuq it-tagħlim tat-teoloġi tas-sekli 17 u 18 u fuq il-kontroversji li nqalgħu proprju minħabba xi esaġerazzjonijiet ta' xi wħud, kif ukoll fuq fratellanzi u purċissjonijiet, fuq pittura u fuq mużika, fuq statwi tal-Madonna u dwar il-Madonna fil-letteratura ta' dak iż-żmien.

B'dan il-mod, il-Kungress se jservi biex ikun magħruf dejjem aħjar fuq liema bażi soda ta' tradizzjoni nisranija hi mibnija d-devozzjoni tal-Knisja lejn il-Madonna.

U dan lilna jinteressana ħafna — kemm bħala Kattoliċi kif ukoll bħala poplu li għandu devozzjoni partikulari u speċjali lejn Marija Santissima.

Per eżempju festa għażiża ħafna għall-poplu Malti u Għawdxi hija dik tat-twelid tal-Madonna magħrufa fostna bħala "Il-Vitorja" jew "Il-Bambina" li liturġikament tiġi ċelebrata fit-8 ta' Settembru li sa ftit ilu kienet festa pubblika miżmuma b'għożża kbira. U magħha hemm oħrajn: bħal dik tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna (Santa Marija) u l-festa tad-Duluri li fiha l-poplu ta' dawn il-gżejjer imur bi ħġaru f'riġlejn il-Madonna biex iqimha u jitlobha l-faraġ u l-għajnuna tagħha.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna għandha l-importanza tagħha fil-ħajja tan-nisrani.

Tant li fil-Pastorali tagħhom ta' Awissu li għadda, l-Isqfijiet Maltin fost ħwejjeġ oħra qalu li bħala frott tal-Kungressi jixtiequ jaraw li fil-familji ta' dawn il-gżejjer jibda jseħħ mill-ġdid dak l-ispirtu nisrani li kellhom fl-imgħoddi, meta kull filgħaxija l-familja kollha kienet tingabar flimkien għar-Rużarju u f'kull dar ma kenitx tkun nieqsa xi xbieha jew statwa tal-Madonna u ta' Kristu msallab, bid-dawl jixgħel quddiemhom.

Tiġdid bħal dan fid-devozzjoni lejn il-Madonna għandna bżonnu u għandu s-swi tiegħu: inkluż fil-ħidma li qed issir u li hemm bżonn li tkompli tikber kontra d-dagħa, fejn kultant wieħed jisma' l-aktar insulti koroħ indirizzati lejn Omm Alla.

Fil-fatt, l-akbar ilqugħ kontra din il-problema, ikun proprju billi d-devozzjoni lejn il-Madonna tinbena fuq pedamenti iżjed sodi u iżjed ħajjin.

Il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 1983

## IT-TWEMMIN NISRANI TAGĦNA

Id-diskors li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel fl-okkażjoni tal-Pontifikal ta' l-inawgurazzjoni tal-Kungressi Marjani li qed isiru f'pajjiżna, għandu jkun għalina ta' tfakkira kbira li hekk kif missirijietna kienu magħqudin flimkien għaliex kellhom twemmin wieħed, hekk ukoll aħna nistgħu, permezz ta' għaqda sħiħa fl-istess twemmin nisrani, insibu s-soluzzjonijiet għall-problemi kollha li nistgħu nsibu ma' wiċċna bħala poplu.

L-importanza tat-twemmin nisrani fil-ġrajja ta' ġensna hija enormi. Fit-twemmin nisrani missirijietna sabu mhux biss l-ispirazzjoni fl-għażliet u d-deċiżjonijiet kruċjali li kellhom jieħdu f'okkażjonijiet diversi, imma wkoll il-qawwa meħtieġa biex ħdejn xulxin jaħdmu u jissieltu, akkost ta' kull sagrifiċċju, ħalli lilna jgħaddulna wirt li huwa rahan ta' għaqda, ġid u sliem.

Għaldaqstant, b'lejaltà lejn dawk ta' qabilna u wkoll biex inkunu nistgħu ngħaddu lil ta' warajna l-istess wirt ta' valuri Nsara, hu meħtieġ li kull wieħed u waħda minna, ningħaqdu mat-talba ta' Mons. Arċisqof lill-Madonna biex nibqgħu fidili lejha, "biex tgħinna nżommu ħieles it-twemmin nisrani tagħna u hekk inkunu dejjem f'għaqda sħiħa bejnietna."

Kif hu meħtieġ ukoll li nżommu quddiem għajnejna li "l-istorja tgħidilna li Malta hija marbuta mar-reliġjon nisranija, li hija minsuġa fl-Istorja u minquxa fil-qalb tal-poplu tagħha".

U li "Malta hija Maltija daqs kemm hija nisranija".

Missirijietna taw xiehda sħiħa tat-twemmin nisrani li ħaddnu u stqarrew. Il-fidi tagħhom fil-Knisja wrewha fil-ħajja privata u pubblika. Fl-oqsma kollha li fihom sabu rwieħhom.

Hekk ukoll għandna nagħmlu aħna. Għandna nkunu konsistenti. Aħna min aħna. Sew jekk aħna f'qagħda umli u sew jekk għandna responsabbiltajiet għoljin. Għax kif qal il-Papa fl-Ittra lill-Isqfijiet fl-okkażjoni tal-missjoni djoċesana li saret fostna bi tħejjija għall-Kungressi li qed isiru, "għal kull kategorija ta' nies, it-twemmin nisrani għandu l-istess ħtiġiet: tħaddan lil Kristu bil-fidi u tapplika t-tagħlim tiegħu għal kull sitwazzjoni konkreta tal-ħajja".

## *BOGĦOD MILL-MIBEGĦDA*

Fid-diskors tiegħu, Mons. Arċisqof tkellem ukoll fuq l-ispirtu ta' rikonċiljazzjoni — it-tema tal-Kungressi Marjani.

Il-Kap Spiritwali tagħna qalilna ċar: "Jien nitlob 'l Alla għalija — biex inkun ta' eżempju għalikom — u minn qalbi ma noħroġ lil ħadd u nħobb lil kulħadd. U hekk tridu tagħmlu intom. U ippermettuli nfakkarkom, jekk xi ħadd jobgħod lil xi ħadd, m'għandux għax jersaq għat-Tqarbin".

Hu b'dan l-atteġġjament nisrani li aħna għandna niffaċċjaw il-problemi u d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom.

Filwaqt li nibqgħu sodi fit-tħaddin u d-difiża tal-prinċipji nsara tagħna u dak kollu li nemmnu fih, it-triq li għandna nsegwu f'kull każ u ċirkustanza għandha tkun dik tal-ġustizzja fl-imħabba Kristjana — triq li tirrifjuta bl-iktar mod ċar u deċiż, il-mibegħda.

Bħala segwaċi ta' Kristu għandna nkunu kapaċi ngħidu dejjem 'iva, iva; le, le'.

Bħala segwaċi ta' Kristu għandna nkunu difensuri kuraġġużi tal-verità u xhieda soda tas-sewwa, ikunu x'ikunu ż-żmenijiet u ċ-ċirkustanzi.

Bħala segwaċi ta' Kristu għandna nkunu fidili lejh u lejn it-tagħlim tiegħu, kif imwassal lilna mill-Knisja unika li waqqaf, mingħajr tlaqliq u b'konsistenza u koerenza.

Fl-istess ħin, pero', proprju biex inkunu segwaċi sħaħ ta' Kristu, l-atteġġjament tagħna għandu jkun ħieles kompletament mill-mibegħda u mogħni bil-virtù imprezzabbli ta' l-imħabba li hu tana l-aqwa eżempju tagħha fil-mument li kien qed imut fuq is-Salib, biex kiseb il-ħelsien għall-bniedem.

Is-Sibt, 10 ta' Settembru, 1983

*"LEĦEN IS-SEWWA"*

Is-Sibt, 17 ta' Settembru, 1983

## MALTA TRID TIBQA' TAL-MADONNA

Id-disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-XVI-il Kungress Internazzjonali Marjan jaslu fit-tmiem tagħhom bil-laqgħa kbira ta' fidi pubblika u ta' mħabba lejn il-Madonna, li sejra ssir il-lejla fuq il-Fosos tal-Furjana, u li ser tiġi ppresjeduta mill-Mibgħut Speċjali tal-Papa, il-Kardinal Pappalardo, u wkoll bil-Pontifikal Solenni li l-istess Legat tal-Papa jiċċelebra għada fis-Santwarju Ta' Pinu. Dawn il-ġranet ta' dan l-aħħar, li matulhom saru bosta ċelebrazzjonijiet Marjani, kienu żgur ġranet ta' grazzja kbira mhux biss għal dawk li ħadu sehem fil-Kungressi imma għall-poplu kollu ta' dawn il-gżejjer Maltin li, kif tenna l-Vigarju ta' Kristu fil-messaġġ li għogbu jibgħat għall-okkażjoni, "dejjem ta xhieda tal-Vanġelu ta' Kristu u tad-devozzjoni tiegħu lejn Marija". Fl-istess messaġġ, il-Papa għal darb'oħra wera t-tama tiegħu li "ċ-ċelebrazzjonijiet Marjani jgajmu għaqda dejjem aktar ta' Fidi u mħabba fost uliedna ta' Malta, li bi kburija tissejjaħ il-gżira ta' San Pawl".

Dan ix-xahar ta' Settembru, ta' kull sena, jġeddilna t-tifkira ta' ġrajjiet kbar fl-istorja glorjuża ta' pajjiżna, meta missirijietna taw prova quddiem id-dinja ta' l-imħabba tagħhom għall-Fidi Nisranija u għal Art Twelidhom. Sa minn żmien il-miġja provvidenzjali ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, l-imħabba tal-poplu Malti

lejn il-Fidi ta' Kristu u lejn il-Patrija tħalltu flimkien u saru ħaġa waħda, idejal wieħed: imħabba unika, imħabba mill-aktar magħquda u qawwija, imħabba li fl-imgħoddi ebda qawwa ma rnexxielha qatt tifridha, tagħżilha jew teqridha. Ir-Reliġjon u l-Patrija saru idejal l-aktar għoli tal-poplu Malti. Għar-Reliġjon u għall-Patrija missirijietna, matul il-medda ta' dsatax-il seklu sħaħ, għexu, u, kull meta kien hemm bżonn, tqabdu ma' forzi ferm akbar fil-għadd u fil-qawwa, u ċarċru demmhom u taw ħajjithom biex Malta setgħet tibqa' verament Maltija u ġawhra tal-Kristjaniżmu. Kien dan il-patrijottiżmu nisrani li ta lil Malta l-identità nazzjonali tagħha. Kien għalhekk li Mons. Arċisqof Mercieca kemm-il darba fakkarna li Malta qawwija hi Malta Nisranija: kliem li tennieh f'dawn il-ġranet taċ-ċelebrazzjonijiet Marjani meta qalilna li Malta hija Maltija daqskemm Nisranija. Għax il-poplu Malti u Għawdxi hu poplu li dejjem rabat qalbu mal-Madonna, u, minkejja kull tfixkil, hekk irid li jibqa': poplu tal-Madonna.

Malta ta' żmienna tinsab għaddejja minn mumenti l-aktar diffiċli fl-istorja reliġjuża u soċjali tagħha. Il-ħajja individwali, familjari f'pajjiżna qed tiġi l-ħin kollu imhedda minn tant għemejjel u ċirkustanzi li qegħdin iħottu bil-mod il-mod is-sisien ta' ċiviltà Kristjana u progredita li fuqhom pajjiżna sawwar u bena d-destin tiegħu matul elfejn sena. U hemm il-periklu li dak li jintilef ma nkunux nistgħu nerġgħu niksbuh. Ikun kollu tħabrik fil-vojt, li ma jagħtix riżultat pożittiv u sustanzjalment validu u kostruttiv, jekk nippretendu li nibnu Malta aħjar billi noftmu l-ħajja tagħna u tas-soċjetà tagħna minn dawk l-elementi ta' moralità Kristjana li dejjem taw sens liċ-ċiviltà tagħna u ġieħ lil pajjiżna.

Il-poplu Malti, fil-kotra l-kbira tiegħu u fil-profondità ta' qalbu, jaf li "Malta hija Maltija daqskemm hija Nisranija". U jaf li dan huwa dovut għall-imħabba li huwa dejjem wera lejn l-Omm tagħna tas-Sema. Bħall-poplu qalbieni u Nisrani tal-Polonja, il-poplu Malti jaf li l-qawwwa u t-tama tiegħu kienu dejjem fil-Madonna. Jaf li, biex ikun poplu qawwi u ħieles, irid jimxi dejjem u f'kull ċirkustanza fuq il-Liġi ta' Alla u jkun magħqud ħaġa waħda ma' l-Isqfijiet imqiegħda mill-Ispirtu s-Santu biex imexxuh fit-triq tas-salvazzjoni. U hekk irid jibqa': poplu Kattoliku, minkejja kull tfixkil. Irid jibqa', kif kien minn dejjem, poplu skond il-Qalb tal-Verġni Marija. Poplu tal-Madonna. Jalla ċ-ċelebrazzjonijiet Marjani li saru u qegħdin isiru f'pajjiżna f'dawn il-ġranet, kif awgura l-Missier tagħna l-Papa, "iqajmu għaqda dejjem aktar ta' Fidi u mħabba" fost il-poplu Malti.

Is-Sibt, 24 ta' Settembru

## IL-POPLU MALTI MA JRIDX FIRDA

"Maria Reconciliationis Mater" — Marija Omm ir-Rikonċiljazzjoni, Marija Omm il-Maħfra: dan kien it-tema tal-Kungressi Marjani Internazzjonali li saru f'Malta f'dawn il-ġranet bħala parti miċ-

ċelebrazzjonijiet f'egħluq il-mitt sena minn meta leħen il-Madonna nstema' jsejjaħ lit-twajba Karmena Grima f'Ta' Pinu, Għawdex. Dan kien il-ħsieb ewlieni tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra li huwa bagħat lill-Isqifjiet Maltin fid-29 ta' Settembru tas-sena li għaddiet fil-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana bi tħejjija għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet Marjani. F'dik l-ittra, il-Papa kien qalilna illi "t-tiġdid spiritwali jitlob ukoll sforzi oħra għar-rikonċiljazzjoni biex tinkiseb l-għaqda nazzjonali, li hi ħaġa għażiża ħafna, — l-għaqda bejn l-aħwa fil-libertà, il-ġustizzja u l-imħabba. It-tiġdid u r-rikonċiljazzjoni jfissru żmien ġdid fejn flok firda jkun hemm ftehim, u l-ġlied jintemm bil-qawwa tar-rispett għal xulxin bħal aħwa u ta' mħabba nisranija. Dan iż-żmien ġdid ikun ukoll żmien f'waqtu għall-ġid sew materjali u sew spiritwali ta' kull raġel, ta' kull mara, u ta' kull tifel u tifla f'Malta".

Din is-sejħa mqanqla għar-rikonċiljazzjoni fi ħdan il-poplu Malti l-Papa reġa' tennieha fid-diskors tiegħu lill-Isqfijiet tagħna fiż-żjara tagħhom "ad limina" fil-11 ta' Diċembru, 1982, meta qal: "B'tama qawwija fl-interċessjoni ta' Marija Ommna, jiena nafdakom lilha għax jien żgur li Hi tassew tħares fuq id-destin tal-poplu Malti f'dan il-mument ta' l-istorja tiegħu, kif dejjem ħarset fil-mumenti l-oħra kollha. Permezz ta' l-interċessjoni tagħha, jalla din tkun is-siegħa ta' rikonċiljazzjoni, għaqda u sliem għal Malta". Għal darb'oħra, fl-Ittra tiegħu fil-ftuħ tal-Kungressi, il-Papa reġa' sejjaħ lill-poplu, tant għażiż għal qalbu, ta' dawn il-gżejjer Maltin, għal "għaqda dejjem akbar ta' fidi u mħabba fost uliedna ta' Malta, li bi kburija kbira tissejjaħ il-gżira ta' San Pawl". Dan kien ukoll l-appell li l-Mibgħut Speċjali tal-Papa, il-Kardinal Salvatore Pappalardo, għamel ta' sikwit lill-poplu tagħna matul l-erbat ijiem li dam fostna: l-appell tiegħu għall-għaqda u r-rikonċiljazzjoni smajnieh jidwi bil-qawwa kollha waqt id-diskors tiegħu mill-gallarija tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fuq il-Fosos tal-Furjana u anki f'Għawdex. Għaqda, rikonċiljazzjoni, maħfra: imwettqa fi spirtu ta' mħabba reċiproka u rispett lejn il-fehmiet ta' xulxin, f'għaqda sħiħa fi Kristu l-Feddej tagħna lkoll.

Din ukoll hija s-sejħa li għamlulna kemm-il darba u qegħdin jagħmlulna l-ħin kollu l-Isqfijiet maħbubin tagħna, li tant għandhom għal qalbhom il-poplu ta' dawn il-gżejjer. Kull darba li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fetaħ fommu biex ikellimna, qatt ma naqas li jagħmlilna appell wara l-ieħor, ħerġin minn qalb imnikkta ta' missier li jħoss tant sogħba meta jara 'l uliedu mifruda: appelli għall-għaqda u għall-maħfra għal xulxin. L-Isqfijiet tagħna wissewna kemm-il darba li, meta nwarrbu lil Kristu minn qalbna u minn fostna, floku tidħol il-mibegħda, jidħlu l-firda u l-ġlied. U s-soċjetà tmur lura u tispiċċa biex titfarrak. Għalhekk l-għajta ta' Mons. Arċisqof Mercieca: "Malta qawwija hi Malta Nisranija", u "Malta hi Maltija daqs kemm hija Nisranija" għandha tinfed il-qalb ta' kull wieħed u waħda minna u tqanqalna biex neqirdu minn fost-

na kull ħaġa li tifridna minn xulxin. Kien għalhekk ukoll li Mons. Isqof Nikol Cauchi fakkarna, f'diskors li għamel fil-Katidral t'Għawdex, fid-dmir li għandna li nfittxu mhux dak li jifridna imma dak kollu li jgħaqqadna: il-Kredu li nistqarru, il-Fidi Nisranija li nipprofessaw, il-Vanġelu li ngħidu li nemmnu u naċċettaw, it-tagħlim ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa.

Imħeġġeġ u mqanqal minn dawn is-sejħat kontinwi mill-mexxejja spiritwali tiegħu, il-poplu Malti wieġeb bla tlaqliq u bil-qawwa kollha. Wieġeb b'leħen qawwi għalenija. Il-poplu Malti wera fejn hi qalbu, u ħareġ fit-toroq u fil-pjazez bl-eluf kbar tiegħu, mixgħul b'entużjażmu li ftit rajna bħalu fl-imgħoddi. U għajjat bla biża' u quddiem kulħadd li ma jridx firda. Qatt forsi Malta ma rat daqshekk eluf ta' Maltin quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann u fuq il-Fosos tal-Furjana, magħqudin bejniethom fi spirtu ta' mħabba, imqanqla minn ideal wieħed u qaddis, jistqarru b'leħen wieħed u qawwi li ma jridux firda u ġlied imma jridu li Kristu jsaltan fostna. Għax fejn hemm Kristu, hemm il-paċi, l-għaqda, il-prosperità. F'dawn il-Kungressi, bosta kienu l-personaġġi li tkellmu. Tkellmu wkoll il-mexxejja spiritwali. U l-poplu Malti u Għawdxi tkellem ukoll, tkellem bil-kotra kbira tiegħu. U tkellem ċar u bla tlaqliq. Il-poplu tkellem b'leħen qawwi u qal li l-firda ma jridhiex. Malta issa tistenna li, dak li l-poplu tagħha stqarr fil-bieraħ, iwettqu fil-prattika, b'għemilu u b'imġiebtu.

*"IN-... TAGĦNA"*

## IL-KUNGRESSI MARJANI... U L-POPLU

Din il-ġimgħa f'Malta u Għawdex fetħu żewġ Kungressi Marjani importanti u sinifikanti ħafna.

Dawn huma d-Disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-Sittax-il Kungress Marjan Internazzjonali. It-tnejn qed isiru fl-okkażjoni tal-mitt sena minn mindu l-Madonna kelmet lit-twajba Karmni Grima fil-kappella msejħa "Ta' Pinu", f'Għawdex.

F'dawn il-ġranet tal-Kungressi se jkollna l-okkażjoni naraw fostna mhux biss għadd ġmielu ta' pellegrini minn diversi pajjiżi imma wkoll personalitajiet importanti, l-aqwa fosthom il-Kardinal Salvatore Pappalardo ta' Palermo li se jkun il-Mibgħut Speċjali u r-rappreżentant tal-Papa. Kardinal modern u kuraġġuż, li fejn tidħol il-verità u d-dinjità tal-bniedem, jitkellem bla biża' u bl-aktar mod ċar.

Dawn il-Kungressi nistgħu ngħidu li waslu fi żmien kemm xejn delikat u importanti għal dawn il-gżejjer.

Meta nhar il-Ħadd li għadda l-Papa Ġwanni Pawlu II tkellem wara l-Angelus, hu irrefera għal dawn iż-żewġ Kungressi Marjani u għamel referenza speċjali. Referenza b'messaġġ għal min irid jifhem.

Hu qal li dawn il-Kungressi, bl-għajnuna tal-Madonna, għand-

hom iwasslu biex il-Knisja f'Malta tirbaħ id-diffikultajiet preżenti u tkun tista' taqdi mingħajr tfixkil il-missjoni tagħha anke fil-kamp ta' l-assistenza u ta' l-edukazzjoni, għall-ġid ta' kulħadd.

Ċertament, il-Papa mhux biss jaf eżattament fejn hi Malta, imma wkoll jaf tajjeb x'inhi s-sitwazzjoni f'dawn il-gżejjer. U tkellem kif tkellem għaliex jaf verament kemm hemm bżonn li l-Knisja f'Malta tegħleb l-ostakoli li għandha ħalli l-fidi li wasslilna San Pawl ma tkunx aktar mhedda.

Dak l-appell tal-Papa l-Ħadd li għadda kien messaġġ. Messaġġ importanti ħafna, li kull kattoliku veru għandu jilqa' u jaħdem biex dak li jixtieq ir-rappreżentant ta' Kristu fuq din l-art u l-kap tal-Knisja Kattolika u universali jseħħ.

Il-Papa talab ukoll biex il-Madonna, taħt it-titlu ta' "Omm ir-Rikonċiljazzjoni" tidħol għall-poplu Malti u Għawdxi ħalli dan ikun jista' jgħix fi klima ta' paċi reliġjuża u ħidma għalenija filwaqt li jagħti xhieda serena tal-Fidi nisranija.

Altru jafx minn xiex għaddej dan il-poplu Kattoliku. Altru jafx il-Papa minn xiex għaddejja l-Knisja ta' Kristu f'Malta. Altru jafx il-Papa bil-perikli għaddejjin minnu dawn il-gżejjer.

Tabilħaqq, Malta u Għawdex għaddejjin minn żmien diffiċli. Żmien ta' periklu. Żmien ta' taqlib u theddid. Żmien li fih qed jirrenjaw supremi l-firda, il-mibegħda, l-ħdura, il-pika u l-intolleranza.

Għandna poplu maqsum. Poplu mifrud bħal qatt qabel. Poplu mikul bil-problemi u d-diffikultajiet. Poplu li għax mifrud, la jista' jegħleb il-kriżijiet li għandu u lanqas jirbaħ il-problemi enormi li qed jikluh.

J'Alla f'dawn il-ġranet tal-Kungressi Marjani, il-Madonna, li fl-imgħoddi dejjem daħlet għalina, tidħol ukoll għalina fl-1983 u teħlisna minn dak li qed jifridna. Minn dak li qed iżommna milli nagħmlu progress. Teħlisna minn dak kollu li mhux qed iħallina nkunu poplu wieħed. Poplu nisrani veru... li jaf jagħder, jittollera u jħobb lill-proxxmu tiegħu.

Is-Sibt, 10 ta' Settembru, 1983

*"L-ORIZZONT"*
Il-Ħamis, 8 ta' Settembru

## KUNGRESSI MARJANI

Għada se jkun inawgurat fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, id-Disa' Kungress Internazzjonali Marjoloġiku, Kungress, jiġifieri, li jittratta studji fuq il-Madonna.

Kungress Internazzjonali bħal dan huwa ta' ċertifikat tajjeb għalina, għaliex huwa prova ċara u qawwija ta' kemm fil-Gżejjer tagħna, taħt Gvern Soċjalista Demokratiku, teżisti u titgawda l-libertà reliġjuża:kontra l-propaganda malinja ta' dawk li bl-akbar sens anti-patrijottiku, moħħhom biex jinsinwaw fost il-fidili u fost

il-pajjiżi demokratiċi, li hawn Malta d-demokrazija saret trietaq u l-libertà reliġjuża hija ħolma.

Il-libertà reliġjuża fil-Gżejjer tagħna hija realtà. U mhux realtà artifiċjali, qoxra esterna biss li tinganna lit-twajbin. Taħt dan il-Gvern Soċjalista, il-libertà reliġjuża hija realtà sostanzjali u oġġettiva, għaliex fejn jidħol dan il-Gvern, ħadd mhu bojkottjat jew persegwitat minħabba t-twemmin tiegħu. Barra minn hekk, ir-reliġjon nisranija hja aċċettata mill-Kostituzzjoni ta' Malta Repubblika u hija mwettqa bil-liġijiet u l-provvedimenti ekonomiċi u soċjali li introduċa l-Gvern Soċjalista biex jaqdi l-bżonnijiet taċ-ċittadini kollha.

L-iżjed akkuża kalunnjuża li ssir kontra l-Gvern Soċjalista hija dik li huwa jattakka lill-Knisja u jikkumbatti l-Mexxejja tagħha. Din hija vera gidba u vera kalunnja. Bħala l-awtorità li tiggarantixxi l-libertà reliġjuża, libertà anzi li ntroduċiha huwa fil-Gżejjer tagħna b'konformità mat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, il-Gvern Soċjalista jirrispetta l-Knisja u l-Mexxejja tagħha wkoll.

Minħabba dan ir-rispett, il-Moviment tal-Ħaddiema ngidem kemm-il darba mill-Mexxejja tal-Knisja Maltija u mill-kleru politikanti tagħha. Minħabba f'hekk, jirrispettahom sakemm jaqdu l-missjoni evanġelika tagħhom, iżda, b'obbligu lejn iċ-ċittadini kollha, ma jċedilhomx meta jindaħlu fejn ma jesagħhomx. Bit-tagħlim tal-Knisja f'idejh, il-Gvern Soċjalista m'għadux igħodd iżjed l-argument, illum imwarrab anke mill-istess Knisja, li la tkellem l-Isqof, tkellem l-Ispirtu s-Santu. Dan anqas għall-Papa m'għadu jgħodd fil-Knisja ta' Kristu.

Kulħadd għandu joqgħod għall-missjoni proprja tiegħu biex bir-rispett lejn xulxin, inkunu nistgħu ngħixu fil-paċi għall-ġid tal-poplu kollu.

*"SUNDAY TIMES"*
18th September 1983

MALTA: MARY'S VENUE

The past two weeks, ending today, have been exceptionally signiifcant for Malta as the venue for two International Marian Congresses drawing to a close with the presence amongst us of the Pope's Special Envoy, Cardinal Salvatore Pappalardo.

Pope John Paul II announced the choice of Cardinal Pappalardo as his own personal representative in Malta, on September 4. He made the announcement when addressing a crowd of thousands present on that day at Castel Gandolfo for the recitation of the midday *Angelus.*

On that first Sunday in September Pope John Paul chose as his theme "Mary, Seat of Wisdom" and he told those who had gathered to hear him: "Mary Most Holy is the 'Seat of Wisdom' since she

welcomed Jesus, Wisdom incarnate, into her heart and into her womb. With the *'fiat'* of the Annunciation, she agreed to serve the divine will, and Wisdom made his dwelling in her bosom, making her an exemplary disciple. The Virgin was blessed not so much for having nursed the Son of God but rather for having nourished herself with the health-giving milk of the word of God. In imitation of Mary, the heart of every believer is transformed into a dwelling place of Christ Wisdom... Mary guide us and help us to live our relations with Jesus the Redeemer in this way!"

That is the wisdom that, prayerfully, the people of the Maltese Islands, and all other true believers seek to strengthen and spread in their own homeland and throughout the world, in unison with the great Christian family as it struggles to become truly one.

It was in the context of this "Christ-Wisdom" through Mary (getting to know Christ through Mary) that Pope John Paul went on to speak to the crowd at Castel Gandolfo of the "important twofold ecclesial event" now drawing to a close in Malta: the Ninth International Mariological Congress from September 8 to 15 and from the 15th to the 18th the Sixteenth International Marian Congress on the theme "Mary, Mother of God". The Pope spoke also of the wider Christian dimension of the Congress: "Many persons coming from numerous nations will be joining the Maltese faithful. Orthodox, Anglican and Protestant personages will also bring an expected contribution".

It was at this point that the Pope announced: "I myself will be represented by His Eminence Cardinal Salvatore Pappalardo, Archbishop of Palermo, as my Special Envoy".

The welcome given to Cardinal Pappalardo throughout his stay here and the religious fervour witnessed yesterday at that vast meeting place for great public manifestations of Faith, which is the Granaries, in Floriana, confirmed once more the unbreakable links binding the Catholic Maltese people to the Holy Father and his teaching through the Bishops and the Clergy; bonds of solidarity unmistakably shown Cardinal Pappalardo in whom, even more than the brave Archbishop of Palermo from neighbouring Sicily, buffetted and plagued by so many acts of criminal violence, they saw the Pope himself.

After announcing the name of his chosen representative Pope John Paul prayed for the success of the two Mairan Congresses in Malta. The aim is the one and only aim of all Church activities: the constant renewal of the spirit in the exacting task of the Redemption. And in this never-ending task the Malta Congresses helped to prepare the ground for another event coming up later on this month and that is the Synod of Bishops beginning on the 29th. Last but certainly not least for Malta these Malta Congresses strengthened the people's resolve to face and overcome, as true Catholic citi-

zens, present and future problems as they arise within their own individual family and in the wider family which makes up the community of Malta.

*Meeting the political challenge*

It was with Malta's own problems in mind that Pope John Paul said, speaking about the "two-fold" Marian event here: "May Mary... grant especially that the population of the Maltese Islands may live in a climate of religious peace and harmonious activity, in the serene witness of the Christian faith, brought to Malta by the Apostle Paul, so that the Church in Malta, overcoming its present difficulties, may carry out its mission without hindrances, also in the fields of welfare and education, to the benefit of everyone".

So, finally, what is expected of the people of Malta is to live up to their public manifestations of loyalty to their Church. The Church in Malta is facing difficulties which hinder its mission in welfare and education. As Maltese citizens and members of the Church we know that what these hindrances are and where they are coming from. We should also see that the hindrances are removed. The challenge is political and the people of Malta and Gozo must see that those whom they elect to represent them respect the Church to which they belong. September has a red letter day in Malta's political history: Independence Day, next Wednesday. The basic Independence Day message is that as a sovereign people the people of Malta are their own *only* guarantee of the Malta they want to preserve for themselves and their children. And from the position of the Church within Malta flows everything else that makes the people of the Maltese Islands what they are and what they want to continue to be — at peace among themselves and living as securely as possible in a sadly troubled world.

MARIAN CONGRESSES: A NEW IMPETUS

Now that the Marian and Mariological Congresses are at their peak, it is worthwhile keeping in mind the goals set by our Bishops for these festivities. Far from being purely external manifestations, the Bishops of Malta and Gozo envisaged them as "the beginning of a renewal in our whole lives as Catholics".

In the joint Pastoral Letter announcing these Congresses the Bishops explained further the results expected, namely:

That we strengthen the ties binding us together as Christians within the Church, with the Pope and with the Bishops;

That we unhesitatingly accept the teaching of Christ as transmitted by the Pope and by the Bishops;

That we make further progress in matters of justice and peace;

That we remove from our hearts the divisions separating us from one another;

That we expell from our mentality materialistic tendencies that militate against the Gospel;

That ordinary laymen understand their role in the Church and give witness not only within Church precincts but also in their lives as responsible parents, citizens and workers.

Many of these objectives set by the Bishops for these Marian celebrations echo Vatican Council II and the present socio-political conditions in Malta. They coincide with the wishes expressed by many who were interviewed before the drafting of the Pastoral Plan. So the hope is that these Congresses will provide the necessary vigour to project these aims further on even when the external manifestations are over.

Catholic Outlook 18th September 1983

## WELCOME TO A CARDINAL PLUS

A cynic may have thought that the arrival among us of Cardinal Pappalardo, the Pope's personal representative for the Marian Congresses, smacked of excellent timing Excellent it was indeed, but the cynic would have to be reminded that the Cardinal visited Malta for "celebrations" which were earmarked to take place here four years ago. As it is, the timing can quite happily be termed providential. Our guest has seen for himself and has no doubt heard enough from every quarter to be able to submit a solid report to Pope John Paul who, it must be presumed, did not lightly select his legate for the occasion. A *papabile* at the last Conclave, Cardinal Pappalardo's credentials and his ability to size up a situation and his unquestionable courage in the fulfilment of his duties in Palermo are above reproach.

The tumultuous welcome he was given at the airport was perhaps marred by the absence of that gesture which makes a nation mature. A people known for its sense of occasion would have liked to have seen this emninent prelate, asked to a Catholic land for a very Catholic ocacasion, met, if not by the President (but how fine that would have been even if protocol may have had to be fudged here and there and the President so advised) then at least by the Prime Minister, or a Senior Deputy Prime Minister or even, simply, a Deputy Prime Minister: there are enough of them around. As it was, one got the impression from watching television that he was handshaken first by the Minister of Foreign Affaires, an alternative which jarred somewhat.

All of this pales into insignificance, however, when it is placed alongside the rapturous scenes which characterised the Cardinal's short stay with this hospitable people, scenes which must have impressed him from the very start and which reached their climax yesterday evening on the Granaries. Looking back, it is not the rapture alone which occupies the mind's eye but its combination

with the sheer physical presence of the faithful who came out of their homes to meet this man sent by Pope John Paul and who led them in procession from St. John's for the final act of celebration. The impressiveness of this formidable gathering cannot be lost, must not be lost, on those who, for whatever reason, found they could not share this intense experience and were the lesser for it. There, at the Granaries, th true heart of Malta beat; a heart loyal to its authentic heritage, buoyed up by its consonance with that corpus of believers which came from all walks of life to pay homage to its beliefs and to express its solidarity with the Pope, his Bishops and itself through an act of workship the public manifestation of which has been central to Malta's way of life. There, at the Granaries, all alien attempts to make inroads on that solidarity were surely shown up in all their foreignness.

The Church in Malta, whatever Dr. Carmelo Mifsud Bonnici may think to the contrary, needs no administration to save it from itself. Still less does it need the attitude being meted out to its leaders by those who would have save her. It is a presumptuous attitude and the tens of thousands who participated at the Granaries yesterday testify to this. Humble men would realise this and humble men would wonder at it. If one of the consequences of the Marian Congress were to be this realisation and wonderment then its fruits would be considerable indeed.

We do not know what his hosts at San Anton told the Papal Legate, last Friday, and it is doubtful whether any of the exchanges will find their way into some documentary publication, but not impossible. How strange it must be for him, as he returns to his native land, to have witnessed such fervour among the people and try to equate that fervour with the divisive Devolution of Certain Church Property Act which was fashioned by a political party, directed at matters outside its competence and introducing into that of the Pope abroad and his Bishops at home. It probably never came up as a topic of conversation but if it did, the Cardinal would no doubt have given a good account of himself before, during and after dinner.

He came to our land to attend the Marian Congress, the theme of which was: Mary, Mother of Reconciliation. He will doubtless have used its inspiration to encourage those he met and discussed it with, to encourage them to open up the paths of national and personal reconciliation closed, up to now, by pique and power, and to avoid the dark alleys of division, bitterness, violence. He came, in a way, as a stranger — but a stranger who was immediately made to feel at home. He must leave as a warm and close friend — a friend struck by what he witnessed and longing to tell others about that witness. Among those others will be Pope John Paul who will be his most earnest listener.

It must be gratifying for the Archbishop to see the Marian

Congresses crowned by such fervour, he whom some would like to make a non-person Gratifying, yes. But he knows more than anybody else the problems which still exist and which he would dearly love to solve. His will have drawn such inspiration from the events of the past tasks earmarked in his in-trays. Those tasks will be lighter for all their weight. He shares them with the faithful.

Roamer's Column, 18th September 1983

*"WEEKEND CHRONICLE"*

THE PAPPALARDO AFFAIR...

Only last weekend Malta's notorious crusaders of the sixties were at it once again! With banners held up high they thronged and swarmed, unwavering, in their holier than thou fanatic fervour, raving and ranting all the way long. They sported their leaders in frantic excitement and unparalleled euphoria.

Reminescences, sweet heart-warming remembrances and nostalgic memories of the battlecries of the sixties reverberated in the inner sanctuaries of their embittered egos and added to the dire irony of it all.

Waving papal flags and the blue pendants supposedly appertaining to the Marian colours displayed during public manifestations, the whistle brigade of 20-odd years ago made its triumphant entry into Valletta much in the Marcia su Roma style engineered by Mussolini, an ex-colleague of the local clan and brand of today's neo-fascists.

Indeed it has been their week. The Mariological and Marian Congresses were matters of a purely religious nature and such ecclesiastical functions serve to enhance and embelish the human soul, revive an otherwise ailing, luke-warm faith tainted by the thousand and one worldly pitfalls.

As such, with a vast foreign body of Catholic representatives, clerics and Bishops plus His Holiness the Pope's own very special emissary and legate, Cardinal Salvatore Pappalardo, the congresses attracted thousands, and rightly so, giving ample proof of the people's freedom of movement, worship and Government's democracy and non-interference in matters purely religious.

On the contrary the conferences had the administration's approval — hence the distinguished presence of President Barbara and Deputy Prime Minister Mifsud Bonnici amongst others. The magnificence of St. John's co-cathedral echoing the majestic sound of its skilfully played organ, the Granaries manifestation and the Gozo Ta' Pinu function proved beyond any shadow of doubt that the faithful were not only allowed freedom of public Christian expression but almost encouraged to attend by the vast television and radio coverages — both state owned.

